**2016-110 REV 2**

**Dokument Uniku ta' Programmar tal-eu-LISA 2017-2019**

| | |
|---|---|
| Mingħand | Id-Direttur Eżekuttiv |
| Lil | Il-Bord tat-Tmexxija |
| Dok. Preċ. | 2016-110 REV1, 2016-110, 2015-145 REV2 |
| Suġġett | Dokument Uniku ta' Programmar tal-eu-LISA 2017-2019 |

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

Rävala pst 4 • 10143 Tallinn • L-Estonja

# Dokument Uniku ta' Programmar tal-eu-LISA

2017-2019

# Werrej

**Daħla** 8

**Lista ta' Akronimi** 10

**Id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni** 12

**Taqsima I – Kuntest Ġenerali** 13

**Taqsima II – Ipprogrammar Pluriennali 2015-2020** 15

1. L-objettivi pluriennali 15

1.1. L-għanijiet Strateġiċi għall-perjodu 2014-2020 15

*1.1.1. Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-UE* 15

*1.1.2. Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE* 16

*1.1.3. Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċ-ċentru ewlieni tat-teknoloġija tal-ICT u ċentru ta' kompetenzi tal-UE* 16

*1.1.4. Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili* 16

1.2. L-objettivi strateġiċi pluriennali skont il-Programm ta' Ħidma Pluriennali 17

2. Programm pluriennali 25

2.1. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1 25

*2.1.1. Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi* 25

*2.1.2. Evoluzzjoni tas-sistemi* 26

*2.1.3. Infrastruttura tal-komunikazzjoni* 28

*2.1.4. L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda* 29

*2.1.5. Sigurtà* 30

*2.1.6. Protezzjoni tad-data* 30

*2.1.7. Rapportar statutorju* 31

*2.1.8. Il-forniment ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri* 31

2.2. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 32

*2.2.1. Tevolvi bħala Ċentru ta' Eċċellenza* 32

*2.2.2. L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-aġenzija* 33

*2.2.3. Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema* 34

2.3. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 35

*2.3.1. Sħubiji mal-Istati Membri, mal-Istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn* 35

*2.3.2. Sħubiji ma' aġenziji u korpi rilevanti oħrajn tal-UE* 35

2.4. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 36

*2.4.1. Ippjanar strateġiku u operazzjonali* 36

*2.4.2. Ġestjoni finanzjarja u akkwist* 36

*2.4.3. Ġestjoni tal-faċilitajiet* 37

*2.4.4. Ġestjoni tar-riżorsi umani* ..... 37

*2.4.5. Verifika* ..... 38

*2.4.6. Komunikazzjoni esterna u interna* ..... 38

3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2017-2019 ..... 39

3.1 *Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali.* ..... 39

*3.1.1 Ħarsa ġenerali lejn il-popolazzjoni tal-persunal għall-2015* ..... 39

*3.1.2 In-nefqa għall-2015* ..... 39

*3.1.3 Informazzjoni oħra* ..... 40

3.2 *L-ipprogrammar tar-riżorsi għas-snin 2017 - 2019* ..... 40

*3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji* ..... 40

*3.2.2 Riżorsi umani* ..... 61

Taqsima III Programm ta' Ħidma għas-Sena 2017 ..... 67

1. Sommarju eżekuttiv ..... 67

2. Attivitajiet ..... 72

2.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1 ..... 72

*2.1.1. L-iżgurar ta' operazzjonijiet ta' kwalità għolja u mhux interrotti tas-CBS* ..... 72

*2.1.2. Ġestjoni fil-livell 2 tal-infrastruttura tal-IT tas-CBS* ..... 73

*2.1.3. Ġestjoni Operattiva ta' EURODAC* ..... 74

*2.1.4. Ġestjoni operattiva tal-VIS* ..... 75

*2.1.5. Ġestjoni operattiva tal-BMS* ..... 76

*2.1.6. Ġestjoni operattiva tas-SIS II* ..... 77

*2.1.7. Ġestjoni operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-MWO ġdida tas-SIS II)* ..... 78

*2.1.8. It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tas-SIS II għall-Istati Membri* ..... 79

*2.1.9. It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tal-EURODAC għall-Istati Membri* ..... 80

*2.1.10. It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tal-VIS/BMS* ..... 80

*2.1.11. It-tisħiħ tal-konsum, tal-konsenji u tal-kapaċitajiet tal-operazzjonijiet permezz ta' allinjament tal-bidliet fis-servizzi* ..... 81

*2.1.12. L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi ta' riżerva kondiviżi (wara t-tlestija tal-ewwel fażi fl-2016)* ..... 82

*2.1.13. L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi kondiviżi (wara t-tlestija tal-ewwel fażi fl-2016)* ..... 83

*2.1.14. It-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operattiv ta' riżerva f'St. Johann / Pongau, l-Awstrija* ..... 84

*2.1.15. Ġestjoni ta' bidliet mhux ippjanati fis-CBS* ..... 85

*2.1.16. L-iffinalizzar tal-proġett sabiex jiżdiedu l-funzjonalitajiet ta' kapaċità/sistema tal-prestazzjoni/irfinar tas-SIS II* ..... 86

*2.1.17. Is-sistema ċentrali tas-SIS II allinjata mad-domanda ġdida/mibdula tal-utenti (kontinwazzjoni mill-2016)* ..... 87

*2.1.18. It-twassil tas-soluzzjoni tal-AFIS għas-SIS II (kontinwazzjoni mill-2017)* ..... 88

*2.1.19. Studju dwar l-interoperabbiltà tas-SIS II ma' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira* ..... 89
*2.1.20. L-aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-BMS* ..... 90
*2.1.21. Aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS* ..... 91
*2.1.22. Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS* ..... 93
*2.1.23. L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar* ..... 93
*2.1.24. Implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tal-EURODAC (migrazzjoni tan-netwerk)* ..... 95
*2.1.25. Implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tal-EURODAC (titjib tal-kapaċità)* ..... 96
*2.1.26. Riforma tal-EURODAC - bidliet funzjonali u ammeljorament tal-kapaċità (li jridu jitwettqu taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-leġiżlazzjoni rilevanti)* ..... 97
*2.1.27. L-iżvilupp ta' sistema ġdida għall-mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin (li jrid jitwettaq taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-proposta ta' Dublin IV)* ..... 98
*2.1.28. Integrazzjoni ta' DubliNet - ġestjoni operattiva (li trid titwettaq taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-proposta dwar it-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC)* ..... 99
*2.1.29. L-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ta' TESTA-ng* ..... 100
*2.1.30. It-tmexxija ta' studju ta' netwerk unifikat* ..... 102
*2.1.31. L-istabbiliment tad-disinn tekniku u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma għall-ittestjar tan-netwerk tas-sistemi kummerċjali ewlenin* ..... 103
*2.1.32. L-iżvilupp tal-EES* ..... 104
*2.1.33. Implimentazzjoni tal-Maħżen Virtwali tad-Data sabiex jittejbu r-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika* ..... 106
*2.1.34. L-implimentazzjoni ta' SIEM fuq is-Sistemi Kummerċjali Ewlenin* ..... 108
*2.1.35. Il-produzzjoni ta' rapporti tekniċi, operattivi u ta' statistika* ..... 109
*2.1.36. Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali tat-Taħriġ għall-Istati Membri* ..... 110
*2.1.37. It-tħaddim u t-titjib tal-Qafas tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà* ..... 111
*2.1.38. Implimentazzjoni tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni Ristretta għall-UE* ..... 112
*2.1.39. Il-provvista ta' sigurtà fiżika għall-eu-LISA* ..... 113
*2.1.40. L-implimentazzjoni ta' softwer ta' pjattaforma ċentralizzata għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju* ..... 113
*2.1.41. L-implimentazzjoni ta' Pjan Direzzjonali tal-Arkitettura għall-Kontroll tas-Sigurtà Teknika* ..... 115
*2.1.42. Eżerċizzju sħiħ ta' rkupru minn diżastru u kontinwità tan-negozju* ..... 116
2.2. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 ..... 118
*2.2.1. Introduzzjoni tal-Istatistika tan-Netwerk Avvanzat (l-istadju tal-istudju u tal-ittestjar)* ..... 118
*2.2.2. Għodda avvanzata ta' rapportar (studju u validazzjoni)* ..... 120
*2.2.3. It-twettiq ta' diversi sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data* ..... 121
*2.2.4. Il-monitoraġġ mill-qrib tan-notifika tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar* ..... 122
*2.2.5. Definizzjoni u implimentazzjoni ta' mudell ta' valutazzjoni tal-maturità għall-Aġenzija* ..... 123
*2.2.6. L-ospitar tal-laqgħa tan-Netwerk tal-UPD* ..... 124
*2.2.7. It-titjib kontinwu tal-mudell tas-servizz u l-proċess tal-eu-LISA abbażi tal-aħjar prattika tal-ITIL u l-għodda tal-ITSM integrata* ..... 125

*2.2.8. Il-proċessi ta' Ġestjoni tal-Portafoll tal-Proġett issimplifikati għal kunsinna effiċjenti. L-evoluzzjoni ulterjuri tal-pjattaforma tal-MSP b'ippjanar integrat, allokazzjoni tar-riżorsi u dipendenzi bejn il-proġetti ........... 126*

*2.2.9. Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Direzzjonali Annwali dwar ir-Riċerka u l-Monitoraġġ tat-Teknoloġija ........ 128*

**2.3. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 ........ 130**

*2.3.1. Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati .. 130*

*2.3.2. L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Aġenzija bħala osservatur fil-missjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Schengen ........ 131*

*2.3.3. Il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' Arranġamenti ta' Ħidma u Pjanijiet ta' Kooperazzjoni Annwali fl-oqsma tas-suġġetti rilevanti ma' Aġenziji tal-UE ........ 132*

**2.4. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 ........ 134**

*2.4.1. L-eżekuzzjoni tal-Pjan tal-Akkwist u l-Akkwiżizzjoni ........ 134*

*2.4.2. Rieżami tal-Mudell ta' Governanza Korporattiva ........ 135*

*2.4.3. L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità mfassla apposta skont il-ħtiġijiet tal-eu-LISA ....... 136*

*2.4.4. Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Bord tat-Tmexxija ........ 137*

*2.4.5. Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi ........ 139*

*2.4.6. Ippjanar u rapportar annwali ........ 140*

*2.4.7. Rieżami u aġġornament tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA ........ 141*

*2.4.8. It-trasferiment ta' flussi tax-xogħol ibbażati fuq karti għal flussi tax-xogħol elettroniċi bbażati fuq infrastruttura tal-IT korporattiva ........ 142*

*2.4.9. It-titjib tal-ippjanar baġitarju u l-preċiżjoni tal-implimentazzjoni fil-baġit għall-2017 ........ 143*

*2.4.10. It-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-akkwisti u finanzjarja ........ 145*

*2.4.11. L-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-bini l-ġdid f'Tallinn ........ 146*

*2.4.12. Rilokazzjoni mill-bini l-antik għal dak ġdid f'Tallinn ........ 147*

*2.4.13. Rilokazzjoni mill-bini l-antik għal dak ġdid fi Strasburgu ........ 148*

*2.4.14. L-iżvilupp ulterjuri ta' pjattaformi ta' intranet u extranet ........ 149*

*2.4.15. Titjib tan-netwerk, tas-sistema u tal-arkitettura tas-sigurtà tal-Aġenzija għal użu korporattiv ........ 150*

*2.4.16. Il-provvista u t-titjib tas-servizzi tal-IT korporattivi, kif ukoll il-manutenzjoni meħtieġa għall-iffaċilitar u l-għoti ta' appoġġ lill-persunal tal-eu-LISA ........ 151*

*2.4.17. L-implimentazzjoni ulterjuri ta' sistema elettronika għall-ġestjoni tad-dokumenti ........ 152*

*2.4.18. L-ipproċessar tal-amministrazzjoni tal-intitolamenti u tal-pagi ........ 153*

*2.4.19. Il-ġestjoni tal-liv u tal-ħin tax-xogħol ........ 154*

*2.4.20. Reklutaġġ u sostituzzjoni tal-persunal ........ 155*

*2.4.21. Evalwazzjoni, riklassifikazzjoni u estensjoni tal-kuntratti tax-xogħol tal-persunal ........ 156*

*2.4.22. Implimentazzjoni ta' evalwazzjoni 360 grad fl-Aġenzija ........ 157*

*2.4.23. L-iżvilupp ta' dokument ta' politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza u l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali relatat mal-attivitajiet orizzontali ........ 158*

*2.4.24. It-tagħlim u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT ........ 159*

*2.4.25. It-tagħlim u l-iżvilupp għall-ħiliet personali, amministrattivi u maniġerjali ....160*

*2.4.26. Il-ħolqien ta' librerija elettronika tal-eu-LISA ....162*

*2.4.27. Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern ....163*

*2.4.28. Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Attività tal-IAC ....164*

*2.4.29. It-twassil ta' ġestjoni tal-avvenimenti effiċjenti u effettiva tal-konferenza annwali tal-eu-LISA għall-partijiet ikkonċernati dwar suġġetti ewlenin fl-2017 ....165*

*2.4.30. Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Komunikazzjoni Esterna ....166*

*2.4.31. Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna ....167*

**Annessi 169**

**Anness I: L-allokazzjoni tar-riżorsi għal kull Attività ....169**

**Anness II: Riżorsi Umani u Finanzjarji 2017-2019 .... 212**

**Tabella 1 – Infiq.... 212**

**Tabella 2 – Dħul .... 215**

**Tabella 3 – Eżitu tal-baġit u kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet .... 217**

**Anness III: .... 218**

**Tabella 1 – Il-popolazzjoni tal-persunal u l-evoluzzjoni tagħha; Ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal .... 218**

**Tabella 2 – Pjan pluriennali tal-politika dwar il-persunal għas-snin 2017 – 2019 .... 222**

**Anness IV: .... 226**

**A. Politika dwar ir-reklutaġġ .... 227**

**B. Evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet.... 232**

**Tabella 2 - Riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt .... 235**

**C. Politika dwar il-mobilità .... 236**

**D. Bilanċ bejn is-sessi u bilanċ ġeografiku .... 237**

**E. L-edukazzjoni skolastika .... 242**

**Anness V: Bini.... 243**

**Anness VI: Privileġġi u immunitajiet.... 247**

**Anness VII: Evalwazzjonijiet .... 249**

**Anness VIII: Ir-Riskji fis-Sena 2017.... 252**

**Anness IX: Il-pjan ta' akkwist għas-Sena 2017 .... 256**

**Anness X: Ċart tal-organizzazzjoni għas-sena 2017 .... 267**

# Daħla

L-għan tad-Dokument Uniku ta' Programmar tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja huwa li jagħti ħarsa ġenerali strutturata lejn l-objettivi ewlenin li jridu jintlaħqu u l-attivitajiet ewlenin li se jitwettqu fl-2017. Huwa jiżvela l-konnessjonijiet u l-loġika fit-tqassim tal-għanijiet strateġiċi fit-tul f'objettivi u eżiti annwali u pluriennali. Filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa ta' kontroll qawwi fuq l-ispejjeż, id-Dokument Uniku ta' Programmar jinkludi mhux biss l-ammont ta' xogħol li jrid isir u r-riżultati li jridu jinkisbu fl-2017, iżda wkoll jipprovdi kollegament mar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa, sabiex b'hekk jiżgura li jagħti stampa kumplessiva tal-prestazzjoni ppjanata tal-Aġenzija.

***Tipprovdi u ttejjeb…***

L-Aġenzija qed twettaq il-kompitu ewlieni tagħha b'suċċess: li tipprovdi t-tmexxija operattiva tas-sistemi VIS, SIS II u EURODAC. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, l-iżgurar tal-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24 siegħa kuljum, il-manutenzjoni korrettiva u adattiva, kif ukoll il-proċess tal-ġestjoni tat-tibdil. Dawn l-attivitajiet iservu sabiex jistabbilizzaw il-ħidma tas-sistemi u n-netwerk relatat: is-sistemi għandhom jaħdmu skont l-FLS miftiehma.

Barra minn hekk, is-sistemi għandhom jevolvu sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti estiżi tan-negozju u għandhom jipprovdu l-funzjonalitajiet miżjuda mitluba jew meqjusa bħala meħtieġa: l-enfasi se tkun fuq l-introduzzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda bħall-AFIS għal SIS II u kapaċitajiet akbar, kif ukoll fuq il-kondiviżjoni tar-riżorsi, kull fejn possibbli. Sabiex l-ittestjar jiġi industrijalizzat u awtomatizzat aktar, se tiġi implimentata soluzzjoni ta' ttestjar flessibbli ta' VIS/BMS minn tarf għall-ieħor abbażi tal-istandards tal-industrija, li jkopru kemm aspetti funzjonali kif ukoll aspetti mhux funzjonali. Fl-aħħar nett, il-proġetti mibdija fl-2016 fuq l-implimentazzjoni ta' servizzi kondiviżi u servizzi ta' riżerva sejrin jibqgħu prijorità fl-2017.

Wara li tipprovdi l-elementi meħtieġa għas-sigurtà operazzjonali u tas-sistema u għall-kontinwità tan-negozju, l-Aġenzija sejra timplimenta l-Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti bħala parti mill-proġett ta' Servizzi Kondiviżi Komuni sabiex ikollha ħarsa aggregata u ċentralizzata fuq l-avvenimenti u l-inċidenti ta' sigurtà. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tal-iskambju tal-informazzjoni mal-imsieħba tagħha billi timplimenta l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-iskambju tal-informazzjoni kklassifikata sa u inkluża "Ristretta għall-UE".

Fl-2017 ukoll, sejra tingħata promozzjoni lil għarfien akbar tas-sistemi li qiegħda topera l-Aġenzija fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti billi jiġu pprovduti għadd ta' sessjonijiet ta' taħriġ imfassla apposta lill-esperti tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn bħall-Europol, il-FRONTEX, l-EASO, is-CEPOL, l-FRA, l-Eurojust, l-EMCDDA, l-EIGE u l-ENISA billi tinnegozja u timplimenta Arranġamenti ta' Ħidma u Memoranda ta' Qbil sabiex jinkisbu s-sinerġiji minn attivitajiet komuni.

Billi tirrikonoxxi l-importanza tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-attivitajiet tagħha, l-Aġenzija sejra tagħmel ħilitha sabiex issaħħaħ l-immaġini pubblika tagħha permezz ta' għadd ta' azzjonijiet.

***Lesta għall-ġejjieni….***

Mill-2017 'il quddiem, l-Aġenzija sejra tħejji ruħha għal żieda importanti tar-responsabbiltajiet tagħha, li tirriżulta mill-ġestjoni tal-implimentazzjoni potenzjali ta' sistemi ġodda. Din sejra tirrikjedi li jiġu stabbiliti prijoritajiet annwali speċifiċi kif xieraq. L-isfida ewlenija sejra tkun il-bidu f'waqtu tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ[1], meta wieħed iqis l-importanza tagħha għall-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna fl-UE.

L-eu-LISA sejra tibda wkoll bil-proċess u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità minn tarf għall-ieħor li[2] tissalvagwardja l-mod kif jiġu kkonsenjati s-servizzi sabiex ikun żgurat li dawn ikunu jaqblu mal-aspettattivi u r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija sejra tieħu f'kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet magħmula bħala riżultat tal-evalwazzjoni esterna tagħha u sejra tibda timplimenta Pjan ta' Azzjoni sabiex tindirizzahom. Bil-għan li tipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa, kif ukoll tappoġġja lill-persunal tal-eu-LISA sabiex il-prestazzjoni tagħhom tkun f'livell ogħla, l-Aġenzija hija ħerqana sabiex ittejjeb il-faċilitajiet tagħha fl-Estonja u fi Franza fl-2017.

Dan id-Dokument Uniku ta' Programmar 2017-2019 huwa kontinwazzjoni tal-isforzi tal-eu-LISA sabiex tkompli tiżviluppa lilha nnifisha bħala ċentru ta' teknoloġija u organizzazzjoni moderna. Huwa jirrifletti l-impenn qawwi tal-Aġenzija li tikkontribwixxi għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE billi tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja.

---

*1 Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) sabiex tiġi rreġistrata d-data dwar id-dħul u l-ħruġ u d-data dwar ir-rifjut ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011*

*2 Is-sistema ta' kwalità li trid tiġi implimentata hija l-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF). Il-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF) huwa riżultat tal-kooperazzjoni fost il-Ministri tal-UE responsabbli għall-Amministrazzjoni Pubblika. F'Mejju 2000 ġiet ippreżentata verżjoni pilota u fl-2002, fl-2006 u fl-2013 tnedew verżjonijiet riveduti. Wara d-deċiżjoni tad-Diretturi Ġenerali responsabbli mis-servizz pubbliku, inħoloq Ċentru tar-Riżorsi tas-CAF (CAF RC) fl-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA) f'Maastricht.*

# Lista ta' Akronimi

| | |
|---|---|
| ABC | Sistema ta' Kontroll Awtomatizzat tal-Fruntieri |
| AFIS | Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' |
| AG | Grupp Konsultattiv |
| SPD | Dokument Uniku ta' Programmar |
| BCU | Unità Ċentrali ta' Riżerva - ċentru ta' riżerva f'St. Johann im Pongau |
| BMS | Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika |
| CAF | Qafas Komuni ta' Valutazzjoni |
| CBS | Sistemi Kummerċjali Ewlenin |
| CEOS | Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. |
| CMG | Grupp għall-Ġestjoni tat-Tibdil |
| CMM | Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità |
| CMMI | Integrazzjoni tal-Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità |
| CoE | Ċentru ta' Eċċellenza |
| COTS | Prodott kummerċjalment disponibbli |
| CRMC | Kumitat għall-Ġestjoni tar-Riskji Korporattivi |
| CSI | Titjib Kontinwu tas-Servizz |
| CSS | Servizzi Kondiviżi Komuni |
| CU | Unità Ċentrali - iċ-ċentru tad-data ewlieni fi Strasburgu |
| DP | Protezzjoni tad-Data |
| DPC | Koordinaturi tal-Protezzjoni tad-Data |
| UPD | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data |
| KEPD | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data |
| EES | Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ |
| EPSO | Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal |
| ETL | Extract-Transform-Load |
| UE | Unjoni Ewropea |
| eu-LISA | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| R-UE | Ristretta għall-UE |
| FG | Grupp ta' Funzjonijiet |
| FTE | Ekwivalenti għall-Full-Time |
| FwC CSI | Kuntratt Qafas għal Infrastruttura Komuni Kondiviża |
| HQ | Kwartieri Ġenerali |
| HLEG | Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli |
| HR | Riżorsi Umani |
| IA | Awditjar Intern |
| IAC | Kapaċità tal-Awditjar Intern |
| IAM | Ġestjoni tal-Aċċess u l-Identità |
| ICS | Standard tal-Kontroll Intern |
| ICT | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| ISMS | Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni |

| | |
|---|---|
| ITIL | Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ITSM | Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ĠAI | Ġustizzja u Intern |
| KPI | Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni |
| MAWP | Programm ta' Ħidma Pluriennali |
| BT | Il-Bord tat-Tmexxija |
| MOM | Midwer Orjentat għall-Messaġġi |
| MPLS | Multi Protocol Label Switching |
| SM | Stati Membri |
| MSP | Proġett ta' Microsoft |
| MWO | Iż-Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali |
| OSH | Is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali |
| PKI | Infrastruttura taċ-Ċavetta Pubblika |
| PMO | Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti |
| PRINCE2 | Proġetti f'ambjenti kkontrollati 2 |
| QM | Ġestjoni tal-Kwalità |
| RDO | Uffiċjal għar-Riċerka u l-Iżvilupp |
| RTP | Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati |
| SAC | Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen |
| SB | Fruntieri Intelliġenti |
| SIEM | Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti |
| SIS II | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| FLS | Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz |
| SMTP | Protokoll Sempliċi għat-Trasferiment tal-Posta Elettronika |
| ENS | Esperti Nazzjonali Ssekondati |
| SOA | Arkitettura Orjentata lejn is-Servizz |
| SON | Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà |
| TCO | Il-Kost Totali tas-Sjieda |
| VIS | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża |

# Id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni

L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja kienet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1), li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011, li jipprovdi li l-Aġenzija tieħu r-responsabbiltajiet ewlenin mill-1 ta' Diċembru 2012. L-eu-LISA hija responsabbli mill-forniment u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqsma tal-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi.

L-Aġenzija għandha l-mandat sabiex tipprovdi t-tmexxija operattiva effettiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II — l-akbar sistema ta' informazzjoni għall-kooperazzjoni fis-sigurtà pubblika u l-infurzar tal-liġi fl-Ewropa), tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS — sistema li tippermetti lill-Istati fiż-żona Schengen jiskambjaw data dwar il-viża li tirrigwardja l-applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir għal żjara jew tranżitu miż-żona Schengen) u tas-sistemi EURODAC (bażi ta' data ta' marki tas-swaba' fuq skala kbira li tassisti primarjament fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil) f'isem il-partijiet ikkonċernati tagħha, jiġifieri l-pubbliku Ewropew fl-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija responsabbli wkoll min-netwerks ta' komunikazzjoni li jappoġġjaw is-sistemi msemmija hawn fuq. F'termini ta' netwerks, l-eu-LISA hija l-fornitur għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal SIS II, EURODAC u VIS. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll għal VIS Mail u DubliNet, l-għodod ta' komunikazzjoni għas-sistemi VIS u EURODAC, rispettivament.

***Il-Missjoni*** tal-Aġenzija hija li ***kontinwament iżżid valur lill-Istati Membri, billi tappoġġja l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura permezz tat-teknoloġija***.

Il-**Viżjoni** tagħna hija li nwasslu l-***Missjoni*** tagħna li nipprovdu servizzi u soluzzjonijiet effiċjenti u ta' kwalità għolja lill-partijiet ikkonċernati tagħna u li nirbħu l-fiduċja tagħhom billi nallinjaw kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-Aġenzija sejra tkompli tikber bħala Ċentru ta' Eċċellenza fil-qasam tagħha.

Il-valuri fundamentali li jixprunaw u jirfdu l-attivitajiet operattivi kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija huma:

- Responsabilità: l-iskjerament ta' qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kostefficjenti;
- Trasparenza: tiġi pprovduta komunikazzjoni regolari u miftuħa lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u jiġu involuti fi djalogu kontinwu sabiex tkun definita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija;
- Eċċellenza: billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali, il-persuni u l-proċessi adatti sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fis-servizz lill-Istati Membri;
- Kontinwità: li jiġi żgurat li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti li għamlu l-Istati Membri u tkompli tiżviluppahom;
- Ħidma f'tim: li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru individwali fit-tim sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, sabiex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess komuni;
- Attenzjoni lejn il-klijent: jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun allinjata l-ħin kollu mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

# Taqsima I – Kuntest Ġenerali

Wara d-direzzjonijiet mogħtija mid-dokumenti strateġiċi tal-UE li jipprovdu gwida ġenerali lill-partijiet ikkonċernati tal-UE fl-isforzi tagħhom li jissalvagwardjaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-attivitajiet tal-Aġenzija fl-2017 sejrin jibqgħu allinjati mal-Aġendi Ewropej dwar is-Sigurtà u l-Migrazzjoni. L-għoti ta' sostenn operazzjonali lill-Istati Membri u li l-aġenzija taġixxi bħala konsulenta fdata għall-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira għandhom jibqgħu l-prijoritajiet ewlenin tal-eu-LISA.

B'hekk, l-Aġenzija għandu jkollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-erba' pilastri identifikati mill-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni bħala indispensabbli għall-ġestjoni b'suċċess tal-flussi ta' migrazzjoni. Is-sistemi tal-IT fuq skala kbira mħaddma mill-eu-LISA għandhom ikomplu jevolvu u jadattaw ruħhom għall-prijoritajiet operazzjonali kemm tal-iSM/SACs kif ukoll tal-korpi tal-UE, permezz ta' proġetti ta' evoluzzjoni ddedikati u l-ġenerazzjoni ta' statistika speċifika, li għandhom jiġu utilizzati fil-valutazzjonijiet tar-riskji ddedikati tagħhom.

L-Aġenzija sejra tkompli topera b'kont meħud tal-varjetà dejjem tikber ta' theddidiet għas-sigurtà li x'aktarx jaffettwaw is-sistemi tal-IT kritiċi u għandha tibqa' profondament impenjata sabiex ittejjeb b'mod kostanti l-iskambju ta' informazzjoni fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira li hija topera, soġġetta għal salvagwardji xierqa tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data. L-eu-LISA sejra tkompli ttejjeb is-servizzi eżistenti tagħha u tallinja s-sistemi taħt il-mandat tagħha mal-ħtiġijiet tan-negozju abbażi tal-pjan direzzjonali stabbilit[3] għal kull sistema.

Minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji li għaddejjin, u f'kuntest politiku globali, li prevedibbilment sejjer ikompli jkun iddominat minn theddidiet asimmetriċi u pressjoni migratorja għolja fil-fruntieri esterni tal-UE, l-eu-LISA sejra tibqa' ffokata fuq it-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi tal-IT li hija topera, filwaqt li timmonitorja b'mod attiv ix-xejriet rilevanti u l-evoluzzjoni tat-teknoloġija fl-oqsma rispettivi.

Għaldaqstant – u b'mod partikolari fil-qafas tad-deċiżjonijiet politiċi rilevanti – l-eu-LISA sejra tibqa' profondament impenjata li tkompli tiżviluppa l-EES, sabiex b'hekk tiżgura li s-sistema tappoġġja b'mod sħiħ il-kisba ta' ġestjoni integrata u tassew moderna tal-fruntieri madwar l-UE kollha, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li jiġu rrispettati r-responsabbiltajiet nazzjonali f'dan il-qasam.

F'konformità mal-prijoritajiet tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u fil-qafas tal-kunċett Hotspot, fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA sejra tkompli tipprovdi assistenza teknika lill-iSM/SACs li qegħdin jiffaċċjaw pressjoni sproporzjonata tal-migrazzjoni irregolari fil-fruntieri esterni tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenziji tal-ĠAI rilevanti.

---

*3 Disponibbli f'CircaBC*

Wara l-implimentazzjoni ta' żviluppi ġodda fis-sistema EURODAC skont ir-Regolament imfassal mill-ġdid, l-evoluzzjoni tas-sistema EURODAC sejra tkompli bl-iżviluppi possibbli previsti relatati mal-użu ta' identifikaturi bijometriċi addizzjonali li bħalissa qegħdin jiġu investigati minn studji ta' riċerka ddedikati.

L-evoluzzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen titlob li jsiru sforzi sinifikanti mill-eu-LISA sabiex tiġi żgurata l-funzjonalità sħiħa tal-karatteristiċi ġodda tas-sistema. Bħal dejjem, il-konjizzjoni tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni tad-data sejra tkun meħtieġa meta tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni rilevanti. Fl-azzjonijiet kollha tagħha li jappartjenu għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-eu-LISA sejra tkun konxja tal-importanza li tkun konformi b'mod sħiħ mal-prinċipji madwar l-UE relatati mad-drittijiet fundamentali, inklużi dawk li jappartjenu għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali, il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali.

L-eu-LISA sejra tkompli taħdem lejn l-iżgurar tal-użu sigur u reżiljenti tas-sistemi taħt il-mandat tagħha, sabiex b'hekk tappoġġja l-isforzi tal-UE li ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà.

# Taqsima II – Ipprogrammar Pluriennali 2015-2020

# 1. L-objettivi pluriennali

## 1.1. L-għanijiet Strateġiċi għall-perjodu 2014-2020

L-għanijiet strateġiċi għall-Aġenzija matul il-programm ta' ħidma pluriennali, kif inhuma deskritti hawn taħt, jirriflettu l-mandat tal-Aġenzija waqt li qed jinkiteb dan id-dokument u l-prijoritajiet tagħha kif definiti permezz ta' djalogu mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Dawn l-għanijiet ġew stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2014.

L-għanijiet sejrin jiġu mmonitorjati regolarment, soġġetti għal reviżjonijiet regolari, u jiġu żviluppati matul il-programm ta' ħidma pluriennali sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-organizzazzjoni u tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Minbarra l-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, ġew elaborati għadd ta' strateġiji kollaterali li jirrigwardaw l-oqsma tan-negozju rilevanti (eż. Strateġija ta' Komunikazzjoni Esterna, Strateġija ta' Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka, Strateġija ta' Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati, Strateġija ta' Żvilupp u Tagħlim għall-persunal tal-eu-LISA u Strateġija ta' HR). Waqt li qed jinkiteb dan id-dokument qegħdin jiġu elaborati strateġiji oħrajn. Ħafna minn dawn l-istrateġiji interni jikkonċernaw primarjament il-massimizzazzjoni tal-produttività tar-riżorsi tal-unitajiet tan-negozju inkwistjoni, madankollu huma konsistenti ma', u jfittxu li jsaħħu u jappoġġjaw it-twassil tal-għanijiet strateġiċi usa' tal-organizzazzjoni deskritti f'dan id-dokument.

### *1.1.1. Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-UE*

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-mudell operattiv tagħha sabiex iżżomm l-operazzjonijiet stabbli u kontinwi tas-sistemi fdati taħt it-tmexxija tagħha (bħalissa SIS II, VIS, EURODAC u l-infrastruttura sottostanti ta' komunikazzjoni sigura), filwaqt li tiżgura t-twettiq tal-kompiti relatati mal-ġestjoni operattiva tas-sistemi u l-evoluzzjoni tagħhom. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll għal VIS Mail u DubliNet, l-għodod ta' komunikazzjoni għas-sistemi VIS u EURODAC, rispettivament. L-Aġenzija sejra tappoġġja b'mod proattiv lill-Istati Membri matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi taħt il-kontroll tagħha, sabiex b'hekk jiggarantixxu l-evoluzzjoni kontinwa tagħhom u l-allinjament tal-kapaċitajiet tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni u mar-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati. Minbarra t-titjib kontinwu tal-kapaċitajiet tekniċi rilevanti, l-Aġenzija sejra tiffoka fuq li taġixxi bħala konsulent tekniku u kontributur, billi tanalizza u tikseb għarfien addizzjonali dwar il-proċessi tan-negozju tal-klijenti tagħha b'rabta mal-oqsma ta' politika rilevanti. L-Aġenzija tista' wkoll tieħu r-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tas-sistemi ġodda skont l-istrumenti legali xierqa u skont il-mandat tagħha, inkluża l-ġestjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

### 1.1.2. Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE

L-Aġenzija sejra timplimenta u tevolvi oqfsa operazzjonali u ta' governanza komprensivi bbażati fuq l-aħjar prattika u l-istandards tal-industrija attwali. Hija sejra tiżgura l-ġestjoni effiċjenti u kosteffettiva tas-sistemi permezz tal-monitoraġġ kontinwu u l-evoluzzjoni tal-proċessi operattivi, billi tfittex opportunitajiet sabiex tottimizza l-operazzjonijiet tagħha permezz ta' linja bażi inizjali u mbagħad titjib tat-TCO tas-sistemi eżistenti.

L-Aġenzija sejra tfittex ukoll li toħloq sinerġiji u ekonomiji ta' skala, billi tistabbilixxi sħubiji ma' aġenziji oħrajn fil-qasam tal-ĠAI, abbażi tal-mandat tagħha u skont il-prinċipju tal-kumplimentarjetà, kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti fl-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati[4].

### 1.1.3. Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċ-ċentru ewlieni tat-teknoloġija tal-ICT u ċentru ta' kompetenzi tal-UE

L-Aġenzija għandha tkompli tiżviluppa s-sħubiji mal-aġenziji tal-UE sabiex jinħolqu u jiġu żviluppati sinerġiji u ekonomiji ta' skala fil-qasam tal-ICT, filwaqt li tapprofondixxi u ssaħħaħ is-sħubiji ma' aġenziji oħrajn fl-oqsma ta' politika rilevanti. L-Aġenzija sejra tfittex ukoll li tiskambja l-aħjar prattiki, l-esperjenza u l-għarfien fil-qasam tal-ICT mal-imsieħba identifikati, sabiex b'hekk tikkontribwixxi għall-iskjerament ta' pjattaformi tat-teknoloġija. L-Aġenzija sejra tkompli tkabbar ukoll il-kompetenzi interni tagħha fl-oqsma tekniċi rilevanti relatati mal-mandat tagħha.

### 1.1.4. Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili

Is-servizzi ta' tmexxija u amministrazzjoni jitlaqqgħu flimkien primarjament taħt l-Għan Strateġiku 4 sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet orizzontali ewlenin jiġu ppjanati, implimentati, immonitorjati u rrapportati b'mod koerenti u konsistenti sabiex jiġi ffaċilitat it-twassil effiċjenti u effettiv tal-programm ta' ħidma tal-eu-LISA u tiġi żgurata ġestjoni tajba tar-riżorsi u tal-finanzi. L-Aġenzija sejra tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-iżvilupp professjonali u tal-karriera tal-persunal tagħha. B'mod parallel, hija sejra tkompli bl-integrazzjoni tal-organizzazzjoni abbażi tal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-Aġenzija, billi tallinja l-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni, it-teknoloġija u l-kompetenzi estensivi tal-kapital uman tagħha sabiex timmassimizza l-valur miżjud tiegħu.

*4 Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, id-19 ta' Lulju 2012*

## 1.2. L-objettivi strateġiċi pluriennali skont il-Programm ta' Ħidma Pluriennali[5]

Minn mindu ġiet stabbilita, l-eu-LISA elaborat approċċ ta' ppjanar li jippermetti lill-organizzazzjoni tissimplifika l-isforzi tagħha sabiex tiżviluppa b'mod kostanti b'mod li tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha u tissodisfa l-viżjoni tagħha. Permezz ta' approċċ pass pass, l-Aġenzija elaborat l-istrateġija fit-tul tagħha li tistabbilixxi l-għanijiet strateġiċi u l-objettivi strateġiċi rispettivi għall-perjodu 2014-2020. Id-dokument jistabbilixxi l-qafas tal-kamp ta' applikazzjoni mixtieq tal-iżvilupp tal-Aġenzija. Sabiex tilħaq l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tagħha, l-Aġenzija kompliet tiżviluppa abbozz ta' Programm ta' Ħidma Pluriennali għall-perjodu 2015-2020 li jispjega fid-dettall l-elementi ewlenin tal-objettivi strateġiċi u r-relazzjonijiet bejn l-elementi, l-objettivi u l-għanijiet strateġiċi. Huwa jiddeskrivi wkoll l-oqsma speċifiċi ta' azzjoni li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Dawn l-oqsma ta' azzjoni strateġiċi għandhom l-għan li jappoġġjaw u jiggarantixxu l-koeżjoni bejn il-funzjonijiet kummerċjali fdati lill-Aġenzija mar-regolament ta' twaqqif tagħha u l-attivitajiet orizzontali mwettqa sabiex jappoġġjaw l-attività prinċipali fuq naħa waħda u l-ambizzjonijiet strateġiċi tal-organizzazzjoni fuq in-naħa l-oħra. Huma għandhom l-għan ukoll li jipprovdu faċilitazzjoni, gwida u appoġġ għall-ippjanar tal-attivitajiet u l-azzjonijiet prattiċi, li għandhom jagħtu r-riżultati mixtieqa. B'dan il-mod, l-Aġenzija hija kunfidenti li l-azzjonijiet kollha tagħha huma konformi mar-rekwiżiti statutorji u jwassluha sabiex tikseb il-viżjoni tagħha u tissodisfa l-missjoni tagħha[6]. L-intenzjoni tal-organizzazzjoni hija li telabora d-Dokument Uniku ta' Programmar tagħha b'mod li jkun jirrifletti l-loġika u l-ambitu stabbilit mill-istrateġija fit-tul inizjalment inkluża fl-abbozz ta' MAWP għall-perjodu 2015-2020.

L-interrelazzjonijiet bejn l-għanijiet, l-objettivi, l-elementi u l-oqsma ta' azzjoni strateġiċi huma deskritti fit-tabella ta' hawn taħt

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 1 | L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | • L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha<br>• Il-ħolqien ta' qafas sabiex jiġu pprovduti servizzi addizzjonali bbażati fuq l-ispejjeż. | • Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM.<br>• L-introduzzjoni ta' mudell ta' servizz unifikat għas-sistemi kollha sal-2020.<br>• Servizzi addizzjonali (eż. Statistika, Rapportar) disponibbli għall-partijiet ikkonċernati. | Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi |

5 *Waqt li kien qed jitħejja dan id-dokument, l-MAWP kien għadu abbozz u ma kienx finalment approvat*

6 *Fid-dawl tal-bidliet li ġejjin skont ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas, l-Aġenzija sejra tieħu f'kunsiderazzjoni li jista' jkun meħtieġ li l-MAWP jiġi inkorporat fid-dokumenti tal-ippjanar futuri tal-Aġenzija.*

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | 1 | Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | • L-inkorporazzjoni ta' kultura ta' titjib kontinwu matul l-operazzjonijiet permezz tal-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-istandards u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet rilevanti tal-aħjar prattika tal-industrija.<br>• It-titjib kontinwu tal-proċessi, l-għodod, ir-rapportar u l-kapaċitajiet ewlenin tal-ġestjoni tal-kuntratti fi ħdan l-Aġenzija<br>• It-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni kontinwi tat-TCO. | • It-titjib kontinwu tal-prestazzjoni fl-oqsma operazzjonali kollha u livelli miżjuda ta' awtomazzjoni, fejn xieraq u possibbli.<br>• TCO ottimizzat tas-sistemi ġestiti minnha.<br>• Is-sinerġiji identifikati u implimentati u l-konsolidazzjoni tas-sistemi, tal-infrastruttura u tas-servizzi (fejn it-teknoloġija u r-rekwiżiti legali u kummerċjali jippermettu) | Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi |
| 3 | 1 | L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | • L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi taħt it-tmexxija<br>• It-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | • Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom u interoperabbiltà mtejba tas-sistemi (soġġetti għall-istrumenti legali rilevanti) | Evoluzzjoni tas-Sistemi |
| 4 | 1 | Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | • Viżibbiltà raffinata tal-prestazzjoni tas-sistemi u korporattiva tal-Aġenzija għall-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-produzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' data tal-prestazzjoni xierqa<br>• It-tranżizzjoni minn analiżi tad-data ex-post (statistika) għal analitika soġġetta għall-istrumenti legali | • Intelligence dwar in-negozju u l-analitika mtejba (soġġetta għal reviżjoni legali)<br>• Il-forniment ta' rapporti analitiċi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti. | Evoluzzjoni tas-Sistemi |
| 5 | 1 | L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | • Is-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni effettivi tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri terzi ta' servizz ta' netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi. | • Hemm fis-seħħ l-aħjar soluzzjoni tan-netwerk sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiżgura li d-data tas-sistema tiġi pproċessata bl-aktar mod effiċjenti, sigur u kosteffettiv possibbli. | Infrastruttura tal-Komunikazzjoni |

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | 1 | Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | • L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti<br>• Il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati<br>• Viżibbiltà akbar tal-prestazzjoni tas-sistemi u korporattiva tal-Aġenzija għall-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-produzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' data tal-prestazzjoni teknika xierqa | • Sistema ta' Dħul/Ħruġ imwettqa skont l-iskeda, diment li jiġu adottati l-istrumenti leġiżlattivi rilevanti<br>• L-implimentazzjoni ta' maħżen virtwali tad-data soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt<br>• L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali oħrajn jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti | L-Iżvilupp u l-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi Ġodda |
| 7 | 1 | It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | • It-titjib, l-ittestjar u l-irfinar tal-proċeduri ta' Rkupru minn Diżastru u Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju tal-Aġenzija<br>• It-tisħiħ u l-evoluzzjoni tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Aġenzija għas-sistemi u n-netwerks ta' komunikazzjoni tagħha<br>• Progress kontinwu lejn il-konformità mal-istandards tal-ISMS rilevanti<br>• Iż-żamma u l-evoluzzjoni tal-istrateġija ta' sigurtà tal-Aġenzija<br>• L-iżvilupp ulterjuri tan-netwerk ta' uffiċjali tas-sigurtà (SON) | • L-iżgurar ta' standards tas-sigurtà komuni tal-Aġenzija<br>• Il-politika u l-proċeduri tal-ġestjoni ta' rkupru minn diżastru u kontinwità tan-negozju jiġu ttestjati internament b'mod regolari u flimkien mal-iSM | Sigurtà |
| 8 | 1 | It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni tad-data | • L-evoluzzjoni ta' mekkaniżmi robusti u xierqa tal-protezzjoni tad-data għall-aspetti korporattivi u operattivi tan-negozju.<br>• L-ipproċessar tad-data personali fis-sistemi taħt it-tmexxija f'konformità | • Konformità sħiħa kontinwa mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data u r-rekwiżiti speċifiċi ta' sigurtà u protezzjoni tad-data tal-istrumenti leġiżlattivi għas-sistemi u l-Aġenzija u l-aħjar prattika. | Protezzjoni tad-Data |

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | mal-prinċipji tad-DP aċċettati; dik id-data għandha tinżamm sigura l-ħin kollu u sikura minn kwalunkwe aċċess, tibdil, użu jew telf mhux awtorizzat. | • Rispons f'waqtu għat-talbiet formali għal protezzjoni tad-data mill-awtoritajiet rilevanti. | |
| 9 | 1 | Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | • Konformità sħiħa u f'waqtha mal-obbligi statutorji kollha ta' rapportar.<br>• L-iżgurar ta' segwitu adegwat għal u konformità mas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet tal-Aġenzija skont l-Art. 31 tar-regolament li jwaqqaf l-Aġenzija. | • L-Aġenzija sejra tkompli tissodisfa b'suċċess l-obbligi statutorji kollha ta' rapportar kif stipulat fil-bażijiet legali rilevanti. | Rapportar Statutorju |
| 10 | 1 | Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | • L-għoti ta' taħriġ xieraq dwar is-sistemi għall-Istati Membri. | • Hemm fis-seħħ programm ta' taħriġ dwar is-sistemi mfassal apposta u risponsiv li jissodisfa b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-Istati Membri.<br>• L-implimentazzjoni sħiħa ta' soluzzjoni xierqa ta' pjattaforma għat-tagħlim elettroniku<br>• Pjanijiet ta' taħriġ annwali maqbula mal-partijiet ikkonċernati rilevanti | Forniment ta' Taħriġ dwar is-Sistemi lill-Istati Membri |
| 11 | 2 | L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell effiċjenti u kosteffettiv ta' servizz u governanza | • L-ibbażar tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija fuq l-istandards tal-industrija għall-governanza korporattiva tal-ICT u l-integrazzjoni sħiħa tar-rapportar dwar il-prestazzjoni fl-istrutturi tal-ġestjoni tal-Aġenzija<br>• L-evoluzzjoni tal-mudell operattiv tal-Aġenzija lejn il-konformità mal-istandards tal-industrija għall-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM/ITIL)<br>• L-iżvilupp ulterjuri tal-PMO tal-Aġenzija | • Hemm fis-seħħ eżerċizzji ta' benchmarking regolari tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni<br>• Valutazzjoni annwali tal-proċessi tal-ITSM u tal-mudell tas-servizzi tal-Aġenzija<br>• Il-KPIs korporattivi ġew immonitorjati u rrapportati u ttieħdu l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa.<br>• Intlaħaq qbil mal-FLS tal-iSM immonitorjati u rrapportati<br>• Ċertifikazzjoni ISO 20 000 | Tevolvi bħala Ċentru ta' Eċċellenza |

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 2 | L-għoti ta' appoġġ u kompetenzi marbuta mas-servizzi tal-ICT lil aġenziji oħrajn | • L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudell ta' servizzi xieraq għall-konsulenza u l-appoġġ marbuta mal-ICT | • Sinerġiji ma' aġenziji oħrajn fl-użu tat-teknoloġiji u r-riżorsi tal-ICT. | Tevolvi bħala Ċentru ta' Eċċellenza |
| 13 | 3 | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-akkwisti li toffri l-aġilità meħtieġa sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet u servizzi tal-ICT kosteffettivi | • L-implimentazzjoni ta' stateġija tal-akkwisti li toffri aġilità lill-Aġenzija sabiex tinkorpora l-ħtiġijiet tal-klijenti, l-għanijiet organizzazzjonali u l-kundizzjonijiet tas-suq<br>• l-implimentazzjoni ta' rapport biennali dwar il-benchmarking tat-TCO | • L-istabbiliment ta' allinjament kontinwu bejn ir-rapportar tal-benchmarking tat-TCO u l-attività tal-akkwisti tal-Aġenzija<br>• L-allinjament tal-kapaċitajiet umani u teknoloġiċi eżistenti tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati | Tevolvi bħala Ċentru ta' Eċċellenza |
| 14 | 4 | It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | • L-identifikazzjoni ta' oqsma u proċessi kummerċjali ewlenin li jeħtieġu titjib, id-dijanjożi u l-analiżi tar-raġunijiet wara prestazzjoni ħażina u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa sabiex tittejjeb il-prestazzjoni b'mod kwantifikabbli jew li jista' jitkejjel.<br>• Iż-żamma u t-tħaddim ta' qafas ta' governanza tajjeb u adattiv bil-proċessi u l-proċeduri inklużi | • L-implimentazzjoni ta' sistema tal-QM abbażi tal-istandards applikabbli<br>• L-implimentazzjoni tal-istandards tal-industrija rilevanti: ITSM, PRINCE2, ISO27001<br>• Il-qafas, il-proċessi u l-proċeduri ta' governanza huma konformi mar-rekwiżiti statutorji u mal-ħtiġijiet kummerċjali rilevanti | L-evoluzzjoni tal-Qafas ta' Governanza tal-Aġenzija |
| 15 | 2 | Il-monitoraġġ ta' teknoloġiji ġodda u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda sabiex tiġi ffaċilitata l-ottimizzazzjoni tal-proċessi kummerċjali | • L-evoluzzjoni ulterjuri ta' għodod ta' involviment u monitoraġġ tar-riċerka sabiex tkun tista' ssir l-integrazzjoni rapida tal-aspetti rilevanti tar-riċerka fil-proċessi kummerċjali tal-Aġenzija.<br>• L-iżvilupp ta' proċess strutturat ta' valutazzjoni u monitoraġġ tat-teknoloġija. | • Il-monitoraġġ regolari tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet lill-maniġment rigward it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet ġodda applikabbli | Il-Monitoraġġ u l-Applikazzjoni tal-Iżviluppi fir-Riċerka għall-Evoluzzjoni tas-Sistema |

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | • Il-pjanijiet direzzjonali tal-evoluzzjoni[7] tas-sistemi għandhom jiġu aġġornati bl-eżiti tar-riċerka u l-iżvilupp rilevanti | |
| 16 | 3 | Issir konsulenta fdata għall-istituzzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet tal-ICT li jaqgħu taħt il-mandat tal-Aġenzija | • L-għoti ta' pariri effettivi lill-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mandat u l-attivitajiet tal-Aġenzija<br>• L-evoluzzjoni u ż-żamma ta' relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE rilevanti u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn | • It-turija ta' fiduċja konsistentement għolja tal-partijiet ikkonċernati fil-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq il-kompiti mogħtija b'mandat lilha, ikkwantifikata permezz ta' stħarriġ immirat għall-partijiet ikkonċernati | Sħubiji mal-Istati Membri, mal-Istituzzjonijiet tal-UE u ma' Partijiet Ikkonċernati Oħrajn |
| 17 | 3 | Issir faċilitatur tekniku ta', u konsulenta għal, l-atturi rilevanti fil-qasam tal-politika tal-ĠAI | • It-titjib tal-kapaċità tal-kompetenzi kummerċjali interni tal-Aġenzija fis-sistemi ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni | • Kapaċitajiet imtejba fis-sistemi ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni<br>• Il-forniment ta' pariri u dokumenti analitiċi tekniċi meħtieġa | Sħubiji mal-Istati Membri, mal-Istituzzjonijiet tal-UE u ma' Partijiet Ikkonċernati Oħrajn |
| 18 | 3 | It-tmexxija tal-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-ICT | • It-tfittxija tas-sinerġiji rilevanti ma' atturi oħrajn fil-qasam tal-ICT mis-settur pubbliku u privat u l-iżvilupp ta' programmi ta' tagħlim xierqa u opportunitajiet għal skambju ta' informazzjoni | • Proċess intern għall-ġestjoni tal-għarfien fis-seħħ<br>• Il-kondiviżjoni tal-kompetenzi, tal-'lezzjonijiet miksuba' u tal-aħjar prattika fl-oqsma tas-suġġetti rilevanti jew proġetti fuq skala kbira skambjati fuq bażi regolari mal-partijiet interni u esterni rilevanti.<br>• L-iffirmar ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni formali mal-aġenziji tal-ĠAI kollha rilevanti<br>• Inizjattivi u proġetti konġunti. | Sħubiji ma' Aġenziji Oħrajn u Korpi Rilevanti Oħrajn tal-UE |

7 Disponibbli f'CircaBC

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| 19 | 4 | L-allinjament kontinwu tal-ippjanar strateġiku u operazzjonali, kif ukoll tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni sabiex iservu bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. | • L-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija u l-evidenza ta' din permezz tal-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti u preċiża dwar il-ġestjoni. | • L-implimentazzjoni tal-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija kif deskritti fid-dokument tal-istrateġija ta' 6 snin tagħha<br>• L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji kollaterali rilevanti (akkwisti, teknoloġija, HR, eċċ.) | Ippjanar Strateġiku u Operazzjonali |
| 20 | 4 | It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | • L-iżvilupp u t-tisħiħ ulterjuri tal-proċeduri tal-akkwist u l-finanzi tal-Aġenzija f'konformità man-normi, il-gwida u l-aħjar prattika rilevanti tal-UE, inkluż mis-settur privat | • L-implimentazzjoni sħiħa tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB)<br>• Il-kisba sistematika tal-għanijiet tal-implimentazzjoni baġitarja<br>• Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn. | Ġestjoni Finanzjarja u Akkwist |
| 21 | 4 | It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | • It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | • Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn. | Ġestjoni tal-Faċilitajiet |
| 22 | 4 | Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdija personalizzata tal-iżvilupp tal-impjegati | • L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz ta' opportunitajiet xierqa ta' avvanz fil-karriera.<br>• Il-ħolqien ta' qafas u strateġija xierqa għall-ġestjoni tal-għarfien għall-Aġenzija | • L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ.<br>• Sistema ta' ġestjoni tal-għarfien fis-seħħ | Ġestjoni tar-Riżorsi Umani |

| REF | Għan Strateġiku | Objettiv Strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | Elementi tal-Objettiv Strateġiku | L-Eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu | Qasam ta' Azzjoni Strateġiku tal-SPD |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | 4 | L-allinjament kontinwu tal-ippjanar strateġiku u operazzjonali, kif ukoll tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni sabiex iservu bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. | • Il-funzjoni tal-IA tal-Aġenzija sejra tkompli teżamina, tevalwa u tirrapporta b'mod oġġettiv dwar l-adegwatezza tal-kontrolli interni tal-eu-LISA bħala kontribuzzjoni għall-użu xieraq, ekonomiku u effettiv tar-riżorsi tagħha. | • Kooperazzjoni sħiħa mal-awdituri esterni u konformità mar-rakkomandazzjonijiet ta' verifika kollha<br>• L-implimentazzjoni sħiħa tal-IA-CM għas-Settur Pubbliku | Verifika |
| 24 | 4 | It-twassil ta' komunikazzjoni ċara, immirata u effettiva dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija lill-partijiet ikkonċernati esterni | • Iż-żieda tal-viżibbiltà, il-kredibbiltà u l-fehim preċiż tal-ħidma u l-mandat tal-Aġenzija fost il-partijiet ikkonċernati esterni<br>• It-tisħiħ tal-kapaċità tal-komunikazzjoni esterna tal-Aġenzija | • Viżibbiltà akbar tal-Aġenzija bħala faċilitatur ewlieni tas-sigurtà Ewropea<br>• Il-partijiet ikkonċernati esterni ewlenin ġew informati dwar il-progress b'suċċess tal-Aġenzija lejn il-kisba tal-għanijiet strateġiċi tagħha sal-2020 | Komunikazzjoni Esterna u Interna |
| 25 | 4 | L-iżvilupp u ż-żamma ta' kultura korporattiva b'saħħitha u immaġini pożittiva għall-partijiet ikkonċernati tagħha u għall-istituzzjonijiet tal-UE | • Il-promozzjoni u ż-żamma ta' immaġini pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' komunikazzjoni esterna u interna effettiva (inklużi programmi ta' outreach u obbligi statutorji u legali ta' rapportar) | • L-istabbiliment ta' identità korporattiva koerenti u koeżiva sabiex jinżammu l-perċezzjonijiet pożittivi tal-Aġenzija.<br>• It-twettiq ta' stħarriġ regolari mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġu titjib<br>• L-istabbiliment ta' kultura korporattiva uniformi fl-Aġenzija kollha<br>• L-Aġenzija għandha fis-seħħ proċess b'saħħtu ta' komunikazzjoni interna<br>• Il-membri tal-persunal kollha jiġu influwenzati sabiex joħolqu perċezzjonijiet pożittivi tal-Aġenzija.<br>• L-inkorporazzjoni tal-etos tat-titjib tal-kwalità fil-proċessi kollha tal-Aġenzija. | Komunikazzjoni Esterna u Interna |

# 2. Programm pluriennali

## 2.1. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*"Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-UE."*

It-twassil ta' dan l-għan strateġiku jirrigwardja direttament l-implimentazzjoni tal-mandat ewlieni tal-Aġenzija. Sabiex tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE, l-eu-LISA għandha turi b'mod ċar lill-partijiet ikkonċernati tagħha li hija tista' twettaq il-kompiti ewlenin tagħha b'mod effiċjenti, konsistenti u affidabbli. Għalhekk, matul it-terminu tal-MAWP, l-attenzjoni prinċipali tal-Aġenzija sejra tkun fuq it-tħaddim mingħajr interruzzjonijiet tas-sistemi ġestiti minnha u d-disponibbiltà tagħhom 24x7, 365 jum fis-sena, kif stipulat fl-istrumenti leġiżlattivi tas-sistemi u fir-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija. Dan sejjer ikun l-ewwel element ta' eċċellenza operattiva kkunsidrat mill-Aġenzija. It-tieni element sejjer ikun l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, kif ukoll kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-Istati Membri. Hekk kif l-organizzazzjoni timmatura, hija sejra tfittex ukoll li tirfina u tevolvi l-proċessi u l-proċeduri li jippermettulha taqbeż il-livelli tal-prestazzjoni attwali tagħha, filwaqt li żżomm l-ogħla livelli ta' sigurtà u protezzjoni tad-data.

### *2.1.1. Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi*

Għall-perjodu mill-2015 sal-2020, il-ġestjoni kontinwa u mhux interrotta tas-sistemi (bħalissa SIS II, VIS, EURODAC) u tan-netwerks ta' komunikazzjoni assoċjati magħhom sejra tibqa' prijorità għall-Aġenzija, is-superviżjoni u s-sigurtà tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, kif ukoll il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u s-servizz tan-netwerk (kemm għaċ-ċentru operattiv fi Franza kif ukoll għas-sit ta' riżerva fl-Awstrija). L-eu-LISA hija responsabbli wkoll għal VIS Mail u DubliNet.

L-eu-LISA qed tippjana li żżid il-monitoraġġ tal-infrastruttura, tas-servizzi u tas-sistemi sabiex tidentifika u timplimenta s-sinerġiji li permezz tagħhom tbaxxi t-TCO tas-sistemi (il-mudell tat-TCO jħares lejn il-kost sħiħ ta' sistema mix-xiri sar-rimi u jista' jinkludi l-kostijiet għat-tiswija, it-talbiet għal manutenzjoni, l-ammeljoramenti, is-servizz u l-appoġġ, in-netwerking, is-sigurtà, it-taħriġ u l-liċenzjar tas-softwer sabiex jagħti rendikont aktar preċiż tal-kostijiet matul il-proċess kollu). Ladarba jkun fis-seħħ, l-eu-LISA tirrevedi t-TCO tagħha regolarment sabiex tkompli tottimizzah, fejn possibbli. L-Aġenzija sejra tkompli tevolvi wkoll il-mudell tas-servizz unifikat tagħha[8] għas-sistemi kollha sal-2020. Dan sejjer jintuża sabiex jistabbilixxi s-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala relatati mal-ġestjoni operattiva tas-sistemi fdati lill-Aġenzija. Huma jistgħu jvarjaw mill-integrazzjoni ta' VIS Mail fis-sistema VIS sal-użu aħjar mill-kapaċitajiet tal-BCU bil-għan li jiġu appoġġjati l-

*8 Mudell tas-servizz unifikat jipprovdi ħarsa komprensiva jew pjan ta' azzjoni tas-servizzi tal-IT imwassla permezz ta' bażi ta' data ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni (CMDB) li hija integrata ma' għodod oħrajn għall-ġestjoni tal-IT.*

operazzjonijiet. L-Aġenzija qed tippjana wkoll li ttejjeb il-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħha permezz tal-virtwalizzazzjoni tal-ambjenti tal-ittestjar u l-awtomazzjoni taċ-ċiklu tal-ittestjar

Kuntrattwalment, l-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti u l-akkwisti tagħha għas-sistemi ġestiti minnha, sabiex b'hekk tiżgura li, b'mod partikolari, il-kuntratti tal-MWO jiġu ġestiti sewwa u li kwalunkwe trasferimenti skedati bejn il-kuntratturi (pereżempju għall-VIS/BMS provviżorjament skedati għall-2016) jitwettqu b'suċċess u mingħajr impatt negattiv fuq il-forniment tas-servizzi.

Sabiex tkompli tevolvi l-operazzjonijiet tagħha skont l-aħjar prattika internazzjonali, l-Aġenzija sejra tissokta wkoll bl-iżvilupp tal-mudell tas-servizz tagħha abbażi tal-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-ITIL/ITSM, adottat mill-Bord tat-Tmexxija fl-2013. Hija sejra tfittex ukoll opportunitajiet għall-awtomazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-proċessi, fejn possibbli.Valutazzjoni annwali tal-mudell tal-proċessi u s-servizzi tal-Aġenzija tagħti prova tal-progress ulterjuri f'din id-direzzjoni, bil-għan li tinkiseb iċ-ċertifikazzjoni ISO 20 000

### 2.1.2. Evoluzzjoni tas-sistemi

L-eu-LISA sejra tkompli tevolvi s-sistemi ġestiti minnha, f'konformità mar-rekwiżiti legali u mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri, bil-għan li jkomplu jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom. L-adozzjoni ta' proċess wieħed ta' ġestjoni tal-bidla definit b'mod ċar mill-eu-LISA introduċiet approċċ aktar koerenti u verifikabbli għall-evoluzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema u dan mistenni jissokta. L-Aġenzija sejra tiffaċilita wkoll l-irfinar u l-ottimizzazzjoni tal-proċessi permezz ta' reviżjoni regolari tat-teknoloġiji emerġenti u l-applikazzjoni potenzjali tagħhom. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tkompli tissorvelja l-prestazzjoni tas-sistemi u l-livelli tas-servizz ipprovduti. Hija sejra tkompli wkoll ittejjeb is-servizzi eżistenti u tallinja s-sistemi mal-ħtiġijiet kummerċjali abbażi tal-pjan direzzjonali stabbilit[9] għal kull sistema.

L-Aġenzija sejra tkompli tirrevedi l-arkitettura attwali tas-sistemi kollha sabiex taġġorna l-infrastruttura attwali u tevolvi s-servizzi, billi tieħu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti tekniċi u legali, inkluża l-limitazzjoni tal-iskop. L-Aġenzija sejra tintegra wkoll il-VIS Mail fil-VIS, teżamina t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ittestjar permezz tal-virtwalizzazzjoni tal-ambjenti tal-ittestjar, l-adozzjoni ta' għodda korporattiva għall-ittestjar u l-awtomazzjoni taċ-ċiklu tal-ittestjar, kif ukoll iżżid simulaturi addizzjonali, fejn meħtieġa, sabiex toħloq flessibbiltà bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza globali.Dawn l-attivitajiet jibdew fl-2016 u sejrin ikomplu fl-2017.

Wara li ffinalizzat it-tnedija tal-VIS fl-2015 u tat-tieni fażi tal-VIS Mail fl-2016, l-eu-LISA sejra tkompli l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-VIS u l-BMS u l-eżerċizzju ta' tbassir sabiex tallinja aħjar is-sistemi mar-rekwiżiti kummerċjali. Minbarra l-inkorporazzjoni ta' Stati Membri addizzjonali, huwa previst ukoll li sejrin jiġu integrati funzjonalitajiet ġodda f'dawn is-sistemi, filwaqt li jittejbu r-rapportar u l-istatistika.

L-Aġenzija implimentat b'mod sħiħ il-bidliet fis-sistema EURODAC kif stabbilit fir-Regolament imfassal mill-ġdid applikabbli mill-20 ta' Lulju 2015. L-integrazzjoni tal-funzjonalità addizzjonali għall-Istati Membri sejra ssegwi l-konklużjoni ta' din il-ħidma. F'Mejju 2016 saru żewġ proposti leġiżlattivi ġodda. Jekk il-leġiżlazzjoni tiġi adottata, hija taffettwa l-attivitajiet tal-Aġenzija. Waħda minnhom hija proposta għal Regolament dwar l-'EURODAC' li jestendi l-ambitu tas-sistema sabiex tinkludi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jaħżnu u jfittxu data li tappartjeni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati bil-għan li jużaw din l-informazzjoni sabiex jiksbu dokument tal-ivvjaġġar

*9 Disponibbli f'CircaBC*

għalihom għal finijiet ta' ritorn u riammissjoni. L-oħra hija l-proposta għal Regolament li jirriforma s-sistema ta' Dublin, li jistabbilixxi sistema awtomatizzata, li tippermetti r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali u l-monitoraġġ tas-sehem ta' kull Stat Membru fl-applikazzjonijiet kollha u tas-sistema tal-allokazzjoni korrettiva. Din il-proposta tafda lill-Aġenzija bl-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tas-sistema

Sejrin ikomplu jitnedew għadd ta' studji sabiex jidentifikaw it-titjib potenzjali ulterjuri tas-sistema. Pereżempju, sejjer isir test bi scanner li jinżamm fl-idejn sabiex jittestja l-aċċess mobbli għas-sistema EURODAC, minbarra valutazzjoni ta' infrastruttura taċ-ċavetta pubblika (PKI) ġdida fl-2017, meħtieġa sabiex jinħolqu u jiġu ġestiti ċ-ċertifikati diġitali.

Il-Pjan Direzzjonali tas-SIS II[10] sejjer ikompli jiġi rivedut u implimentat, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-Istati Membri li jiżguraw il-livell xieraq ta' evoluzzjoni tas-sistema u l-miżuri meħtieġa ta' manutenzjoni korrettiva u adattiva. Barra minn hekk, wara l-istudju dwar il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tal-bijometrika f'SIS II, żviluppat mill-JRC, u studju tekniku żviluppat mill-Aġenzija, it-tnejn imwettqa fl-2015, l-eu-LISA ser ikollha tintroduċi kapaċitajiet bijometriċi f'SIS II, li għandhom jibdew fl-2016 u jkomplu fl-2017. Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà. Il-komunikazzjoni tistabbilixxil-prinċipji li jiggwidaw l-evoluzzjoni tas-sistemi attwali tal-IT fuq skala kbira u tistieden lill-Aġenzija sabiex, fost l-oħrajn, tiżviluppa kapaċità ta' monitoraġġ ċentrali għall-kwalità tad-data għas-sistemi kollha taħt il-kompetenza tagħha, tagħmel sforzi sabiex tiżviluppa u timplimenta sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS) f'SIS II, taħdem flimkien mal-Kummissjoni lejn l-istabbiliment ta' Interfaċċja Unika ta' Tfittxija għal verifiki tas-sistemi ċentrali u tanalizza, flimkien ma' Grupp ta' Esperti, jekk l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni ċentralizzati tistax tiġi promossa aktar. Il-kompiti assoċjati mat-tħejjija, l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' tali innovazzjonijiet għandhom jitwettqu, soġġetti għall-eżitu tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli u l-emendi legali meħtieġa possibbli li jitnisslu minnhom, fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju, li jeħtieġu riprijoritizzazzjoni ta' xi attivitajiet ippjanati u l-ippjanar ta' inizjattivi ġodda ta' rilevanza. Dan irriżulta f'bidliet fl-AWP tal-Aġenzija għall-2016, li jintroduċi l-bidu tal-ewwel fażi tal-proġett tal-AFIS, li sejra tkompli fl-2017. It-tieni fażi hija prevista għall-2018. Fil-progress u l-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija hawn fuq, l-eu-LISA sejra tirrispetta d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop.[11] Il-bidliet jinkludu wkoll l-avvanz tal-ippjanar għal studju dwar l-użu ta' tagħmir mobbli mas-SIS II - marbut sew mal-iżvilupp ta' interfaċċja unika ta' tfittxija, kif spjegat fil-pjan direzzjonali dwar il-kwistjoni mħejji mill-eu-LISA - miġjub 'il quddiem mill-2018 għall-2017.Dan l-istudju sejjer ikun soġġett għall-eżitu tal-ħidma tal-HLWG.

Sabiex jiġu appoġġjati l-attivitajiet tal-ippjanar tal-Aġenzija assoċjati mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti, ġiet stabbilita Task Force interna dwar l-Interoperabbiltà. Hija tappoġġja lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija u lill-Kumitat ta' Tmexxija fit-tħejjijiet tagħhom għall-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli u s-sottogruppi assoċjati miegħu, fit-tħejjija tas-sottomissjonijiet dokumentarji rilevanti lill-gruppi u fl-organizzazzjoni ta' kwalunkwe attivitajiet ta' komunikazzjoni meħtieġa madwar il-laqgħat. It-Task Force sejra tkompli bil-ħidma tagħha tal-anqas sal-laqgħa finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, li bħalissa hija ppjanata għall-2017. L-attivitajiet tagħha jistgħu jkomplu skont id-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-ġejjieni tal-Grupp

*10 Disponibbli f'CircaBC*

*11 Tista' tkun meħtieġa emenda fil-mandat tal-Aġenzija sabiex hija tkun tista' timplimenta wħud mill-azzjonijiet maqbula fil-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli. Hekk biss dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu inkorporati fl-ippjanar annwali.*

ta' Esperti ta' Livell Għoli u/jew deċiżjoni meħuda mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-eu-LISA dwar ir-rilevanza kontinwa tiegħu.

Skont il-ħtiġijiet ulterjuri tal-Istati Membri, l-Aġenzija tista' tintalab ukoll tintroduċi bidliet tekniċi u funzjonali oħrajn fis-SIS II. Dawn il-bidliet jistgħu jinkludu bidliet fis-sistemi ċentrali bħala riżultat tal-integrazzjoni tal-Istati Membri ġodda u studji għal titjib u evoluzzjonijiet fis-SIS II, bħal mistoqsijiet u l-introduzzjoni ta' simulaturi addizzjonali.

Fis-sajf tal-2015 bdiet l-evalwazzjoni globali tas-SIS II mill-Kummissjoni u ġew imnedija żewġ studji għas-SIS II mill-Kummissjoni: studju dwar l-arkitettura tas-SIS II u studju dwar l-inklużjoni possibbli ta' deċiżjonijiet dwar ir-ritorn fis-SIS II. Ir-riżultati u l-proposti li ġejjin jistgħu jwasslu għal bidliet tekniċi fis-SIS II li jħallu impatti kemm fuq l-eu-LISA kif ukoll fuq l-Istati Membri. Skont id-deċiżjoni li tikkonċerna l-implimentazzjoni teknika konkreta, kif ukoll ir-rekwiżiti operazzjonali, dawn il-bidliet fis-SIS II jistgħu jirriżultaw fi spejjeż konsiderevoli.

Il-konnessjoni tal-Europol mal-EURODAC ilha possibbli minn Lulju 2015, wara li daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Imfassal mill-Ġdid tal-EURODAC. L-Europol ippjana li jikkonnettja l-EURODAC permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali tan-Netherlands. Barra minn hekk, matul l-2017, l-Europol sejjer iwettaq il-ħidma ta' tħejjija għall-aċċess għall-VIS/BMS, soġġett għall-inklużjoni tal-proġett tal-VIS fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu. L-eu-LISA sejra tipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa sabiex tappoġġja l-integrazzjoni u kwalunkwe integrazzjoni simili bħal din

### 2.1.3. *Infrastruttura tal-komunikazzjoni*

L-Aġenzija tikkondividi r-responsabbiltà għall-kompiti relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni. L-Aġenzija sejra tkompli tkun responsabbli mis-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tas-servizz rilevanti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal EURODAC, VIS u SIS II. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-kompiti l-oħrajn kollha li jirrigwardaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-kompiti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali[12].

Mal-iskadenza tal-kuntratt ta' sTESTA u t-tlestija tal-migrazzjoni ta' SIS II, VIS u EURODAC lejn in-netwerk ġdid, TESTA-ng, l-Aġenzija sejra tkompli tagħmel ħilitha sabiex tottimizza l-infrastruttura tan-netwerk tagħha.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija qiegħda tippjana li torganizza attivitajiet relatati mat-titjib u l-ottimizzazzjoni tan-netwerk TESTA-ng, li għandhom iwasslu għal kwalità aħjar tas-servizzi tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u n-netwerk offruti lill-Istati Membri.

B'mod indikattiv, dawn l-attivitajiet sejrin jinkludu l-introduzzjoni tas-saff ta' kriptaġġ addizzjonali għal VIS sabiex is-sigurtà tad-data kummerċjali ta' VIS tiżdied għall-istess livell ta' protezzjoni użat għal SIS II, l-introduzzjoni tal-forniment ta' statistika tan-netwerk avvanzat, li tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni lejn reazzjoni proattiva għall-ostakoli u individwazzjoni ta' soluzzjonijiet aktar malajr għall-problemi u l-kwistjonijiet fil-konfront tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha l-ħsieb li tistudja x-xejriet lejn l-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin li bħalissa qiegħda tistrieħ fuq l-MPLS u fuq konnessjonijiet

*12 Id-diviżjoni tal-kompiti bejn l-eu-LISA u l-Kummissjoni fir-rigward tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni hija stabbilita fl-istrumenti tas-sistemi u mfakkra fl-Art. 7 tar-Regolament 1077/2011. Hija ġiet spjegata f'aktar dettall fil-Memorandum ta' Qbil adottat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 3486 finali u ffirmat fit-18 ta' Ġunju 2014.*

iddedikati (minn punt għal punt, eċċ.) u apparat relatat (Turn Key Access Points – TAPs) li, xi drabi, jiġi rreplikat/idduplikat fost l-Istati Membri, kif ukoll is-siti ċentrali li jwasslu, fost l-oħrajn, għal kumplessità ogħla u inqas flessibbiltà. L-Aġenzija qiegħda tippjana wkoll li tindirizza fl-istudju l-modi possibbli ta' kif tista' tikseb infrastruttura ta' komunikazzjoni aktar reżiljenti mas-sistemi ċentrali sabiex dawn jikkontribwixxu għaż-żieda tad-disponibbiltà globali.

Fir-rigward tas-sistemi ta' komunikazzjoni supplimentari, l-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri għal DubliNet u tħaddem is-sistemi ta' VIS Mail u SIRENE Mail.

Il-kompiti li jirrigwardaw il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni sejrin ikomplu jiġu fdati lil fornituri terzi mis-settur privat. Dawn il-fornituri tan-netwerks sejrin ikomplu jkunu marbuta bil-miżuri ta' sigurtà stipulati fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u ma għandu jkollhom ebda aċċess għad-data operattiva f'SIS II, VIS jew EURODAC.

### 2.1.4. L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda

Matul it-terminu tal-MAWP 2015-2020, l-Aġenzija tista' tingħata r-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ta' informazzjoni oħrajn fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, jekk dan ikun stabbilit mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti. Fl-2013, il-Kummissjoni adottat il-Pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti, inklużi l-proposti għall-EES u l-RTP. Wara l-eżitu tal-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti, li twettaq f'Novembru 2015, fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni adottat proposta riveduta li għandha l-għan li tistabbilixxi biss Sistema ta' Dħul/Ħruġ, li tafda lill-Aġenzija bl-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tagħha. Huwa mistenni li r-Regolament jiġi adottat mill-koleġiżlaturi sa mhux aktar tard mit-tieni nofs tal-2016.

Wara li diġà kellha esperjenza u kapaċitajiet sinifikanti bil-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi VIS/BMS, SIS II u EURODAC u fid-dawl tal-kumplessità għolja tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ, kemm f'termini tad-dimensjoni teknika kif ukoll tal-implimentazzjoni tan-negozju kbir tagħha, l-Aġenzija sejra tiffoka fuq:

- l-utilizzazzjoni tar-riżorsi b'mod effettiv u effiċjenti
- iż-żamma ta' għarfien u persunal intern suffiċjenti sabiex tmexxi u tikkontrolla l-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tal-EES fil-fażijiet kollha tagħha
- it-tħaddin ta' livell għoli ta' flessibbiltà u aġilità matul il-fażijiet ta' implimentazzjoni differenti tal-EES, u
- l-użu bl-aħjar mod tat-taħlita bejn il-kapaċitajiet interni u l-kompetenzi tekniċi speċjali, li jistgħu jiġu pprovduti mill-Istati Membri u mill-partijiet esterni.

L-Aġenzija sejra tkompli tħejji ruħha sabiex terfa' r-responsabbiltà għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda (soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti). Bħala tali, hija timmira li tantiċipa l-implikazzjonijiet tekniċi u tar-riżorsi ġenerali ta' kwalunkwe sistemi tal-IT addizzjonali li tista' tintalab tiżviluppa jew timplimenta. L-eu-LISA għandha tkun imħejjija wkoll sabiex tipprovdi pariri tekniċi imparzjali rigward l-abbiltà tagħha li tappoġġja l-istrumenti legali ġodda u eżistenti rispettivi.

Sabiex tappoġġja l-integrazzjoni futura ta' sistemi ġodda fil-portafoll tagħha, l-Aġenzija sejra tkompli tottimizza l-infrastruttura taċ-ċentru tad-data permezz tal-użu ulterjuri ta' effetti ta' sinerġija u l-armonizzazzjoni ta' servizzi kondiviżi fost is-sistemi, virtwalizzazzjoni tal-pjattaforma u monitoraġġ integrat.

### 2.1.5. Sigurtà

Il-funzjoni ta' sigurtà tal-Aġenzija sejra tkompli żżomm u tevolvi l-miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw kemm is-sigurtà fiżika kif ukoll is-sigurtà tas-sistema, sabiex tiffaċilita l-issodisfar tal-mandat tal-Aġenzija. Bħala element ewlieni tal-Qafas ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tagħha, l-Aġenzija sejra tistabbilixxi, tħaddem u tevolvi kontinwament is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tagħha, f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ISMS u l-ISO 27001. L-Aġenzija sejra tevolvi u ttejjeb ukoll il-politika u l-proċeduri tas-sigurtà tagħha, billi tinkorpora l-istandards u l-proċeduri tas-sigurtà abbażi tal-politiki u l-istandards rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea.

Is-sistemi ċentrali ta' EURODAC, VIS u SIS II sejrin ikomplu jikkonformaw strettament mar-rekwiżiti tar-Regolamenti rispettivi tagħhom f'termini tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà u mal-aħjar prattiki internazzjonali f'termini tas-sigurtà tal-informazzjoni. Bil-għan li tiżgura dan, l-attenzjoni kontinwa tal-Aġenzija sejra tkun fuq it-tisħiħ u l-evoluzzjoni tal-oqfsa ta' sigurtà u l-proċeduri għall-organizzazzjoni nnifisha, is-sistemi ġestiti minnha u n-netwerks ta' komunikazzjoni rilevanti. Sabiex tipprovdi garanzija li l-kontrolli tas-sigurtà xierqa għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija ġew implimentati kif suppost u r-riskji għas-sigurtà ġew ġestiti kif suppost, l-Aġenzija sejra tkompli ddaħħal fis-seħħ arranġamenti u proċessi li jiżguraw li s-sistemi u n-netwerks tagħha jkunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-linja bażi ta' kontroll tas-sigurtà, approvazzjoni ta' ġestjoni ta' riskju formali u approvazzjoni ta' sigurtà u monitoraġġ u ġestjoni kontinwi tar-riskji residwi.

Il-pjan ta' kontinwità tan-negozju tal-Aġenzija sejjer jiġi rfinut aktar matul it-terminu kollu tal-MAWP. Mill-2015 'il quddiem, l-Aġenzija sejra timplimenta, tħaddem u ttejjeb l-istrateġija ta' ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju f'konformità ma' ISO 22301 (il-qafas ta' ġestjoni xieraq għall-kontinwità tan-negozju), ISO 27031 (il-qafas tal-ICT xieraq għall-kontinwità tan-negozju) u standards rilevanti oħrajn bil-għan li tiżgura li jinżammu pjanijiet ta' rkupru minn diżastru u kontinwità tan-negozju reżiljenti.

Sabiex tipprovdi garanzija li r-riskji taċ-ċibersigurtà li qegħdin jiffaċċjaw is-sistemi ċentrali ta' EURODAC, VIS u SIS II jiġu ġestiti kontinwament, l-Aġenzija sejra tkompli tikkonforma strettament mar-rekwiżiti tar-regolamenti rispettivi f'termini ta' protezzjoni tad-data u mal-aħjar prattiki internazzjonali f'termini ta' sigurtà tal-informazzjoni. L-Aġenzija sejra tiffoka fuq it-tisħiħ u l-evoluzzjoni tal-arkitettura taċ-ċibersigurtà globali u tal-proċeduri stabbiliti fl-organizzazzjoni, billi tieħu approċċ proattiv fil-monitoraġġ u l-indirizzar tal-avvenimenti ta' sigurtà u r-riskji rilevanti. Barra minn hekk, bħala element ewlieni tal-qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni tagħha, l-Aġenzija sejra tkompli bl-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (ISMS) f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ISO 27000. L-Aġenzija għandha l-għan ukoll li tkompli żżid il-kontribuzzjoni tagħha lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-qasam tal-IT, iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni tas-sistemi li hija tiġġestixxi permezz tal-involviment attiv ta' Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà. Hija sejra timmira li tkompli tiskambja l-aħjar prattiki, tiżviluppa standards komuni għas-sigurtà u l-iskambju tal-informazzjoni, kif ukoll tipprovdi reazzjonijiet konġunti għall-inċidenti tas-sigurtà, rilevanti għall-mandat tal-Aġenzija.

### 2.1.6. Protezzjoni tad-data

L-Aġenzija sejra tkompli tiżgura wkoll konformità sħiħa u rigoruża mad-dispożizzjonijiet kollha tal-protezzjoni tad-data li jikkonċernaw kwalunkwe aċċess għad-data fis-sistemi taħt it-tmexxija. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra twettaq il-kompiti tas-sigurtà tad-data assenjati lilha skont l-istrumenti legali għas-sistemi li tħaddem. L-Aġenzija sejra żżomm sistema sħiħa għall-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-operazzjonijiet amministrattivi u s-sistemi ta' informazzjoni tal-Aġenzija, inklużi definizzjoni tar-rekwiżiti ta' linja bażi għall-privatezza, notifiki ta' privatezza kif ukoll kontrolli, spezzjonijiet u awditjar regolari.

Ir-reġistru tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar sejjer jiġi aġġornat regolarment minħabba li jikkostitwixxi l-inventarju prinċipali tad-data miġbura u pproċessata dwar il-persunal. Il-proċessi ta' notifika sejrin jiġu adattati skont il-bażi legali rilevanti u sejra tiġi instigata valutazzjoni bikrija tal-impatt fuq il-privatezza għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar kollha, li tadotta l-prinċipji tal-privatezza skont id-disinn, fejn il-privatezza u l-protezzjoni tad-data jiġu inkorporati matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi u l-proċessi tal-Aġenzija.

Il-kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data sejra tkompli tkun prijorità, billi jittieħdu miżuri xierqa sabiex iwieġbu għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom jew billi tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti dwar l-iżviluppi ġodda.

### *2.1.7. Rapportar statutorju*

L-Aġenzija sejra tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-ġestjoni u tar-rapportar statutorju (kif previsti fil-bażijiet legali għal kull sistema ġestita minnha u msemmija fir-Regolament ta' Twaqqif). Hija sejra tkompli tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar:

- il-pubblikazzjoni kull sena ta' statistika tas-SIS II skont l-Art. 66(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjoni parallela fir-Reg. (KE) Nru 1987/2006;
- is-sottomissjoni kull sentejn - fl-2017 u fl-2019 - tar-rapport tekniku dwar il-funzjonament tas-SIS II, inkluż dwar is-sigurtà, skont l-Art. 46(8) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjoni parallela fir-Reg. (KE) Nru 1987/2006;
- is-sottomissjoni kull sentejn - fl-2018 u fl-2020 - tar-rapport tekniku dwar il-funzjonament tal-VIS, inkluż dwar is-sigurtà, skont l-Art. 50(3) tar-Reg. (KE) Nru 767/2008 u l-Art. 17(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;
- is-sottomissjoni kull sena ta' rapport annwali dwar l-attività tas-Sistema Ċentrali tal-EURODAC, inkluża dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha, skont l-Art. 40(1) tar-Reg. (UE) Nru 603/2013.

Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli tiżgura l-pubblikazzjoni annwali, fuq il-ĠU tal-UE, tal-lista ta' awtoritajiet maħtura, li tispeċifika l-unità eżatta, li għandhom aċċess għad-data rreġistrata fis-Sistema Ċentrali tal-EURODAC (għall-iskop tal-ażil) skont l-Art. 27.2 tar-Reg. (UE) Nru 603/2013; u l-lista ta' awtoritajiet kompetenti li huma awtorizzati sabiex ifittxu direttament id-data inkluża fis-SIS II, flimkien mal-lista ta' Uffiċċji ta' N.SIS II u l-Bureaux nazzjonali ta' SIRENE (skont l-Art. 31(8) tar-Reg. (KE) Nru 1987/2006 u d-dispożizzjoni parallela fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI).

### *2.1.8. Il-forniment ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri*

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi t-taħriġ xieraq dwar l-użu tekniku ta' SIS II, VIS u EURODAC lill-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti. Ir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni maħsuba biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen kellu impatt fuq il-forniment tat-taħriġ tekniku pprovdut mill-Aġenzija. Fl-2017, l-eu-LISA sejra tkompli tipprovdi t-taħriġ xieraq għall-persunal ta' SIRENE, għall-membri tat-tim tal-evalwazzjoni ta' Schengen u għall-esperti ewlenin dwar l-aspetti tekniċi ta' SIS II. Id-dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-EES sejjer ikompli jaffettwa t-taħriġ ipprovdut mill-Aġenzija lill-Istati Membri.

It-taħriġ tekniku pprovdut lill-Istati Membri mill-Aġenzija sejjer jinkludi taħriġ lill-Istati Membri ġodda u eżistenti sabiex ikunu jistgħu jaslu għal stat ta' tħejjija teknika għall-integrazzjoni f'SIS II, VIS jew Eurodac, jew sabiex jiġi

kkonsolidat l-użu eżistenti tagħhom, b'mod partikolari l-Irlanda, il-Kroazja u Ċipru, kif ukoll l-Europol, abbażi tal-qafas legali rispettiv. Sabiex jiżdiedu l-ambitu u l-firxa tal-attivitajiet ta' taħriġ tal-Aġenzija, huwa previst li tali taħriġ jingħata parzjalment permezz ta' pjattaforma moderna, sigura u affidabbli ta' tagħlim elettroniku.

## 2.2. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*"Issir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut u fornitur tas-servizzi tal-ICT tal-UE."*

L-intenzjoni tal-Aġenzija hija li tevolvi u tirfina l-oqfsa operazzjonali u ta' governanza komprensivi tagħha bbażati fuq l-aħjar prattika u l-istandards tal-industrija attwali. Hija sejra tkompli wkoll tiżgura l-ġestjoni effiċjenti u kosteffettiva tas-sistemi billi timmonitorja u tevolvi kontinwament il-proċessi operazzjonali u tfittex opportunitajiet sabiex tottimizza l-operazzjonijiet tagħha. Dan l-approċċ għat-titjib kontinwu li jkopri l-governanza u l-operazzjonijiet u oqsma kritiċi oħrajn tal-attività tagħna għandu l-għan li jiffoka r-riżorsi u jintegra l-attivitajiet li huma kritiċi għall-issodisfar b'suċċess tar-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati tagħna. Matul is-snin sal-2020 sejrin jinbdew għadd ta' programmi, maħsuba sabiex jimmassimizzaw l-effiċjenza u l-effettività (għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-tabella fit-taqsima 1.2 "L-objettivi pluriennali strateġiċi skont il-Programm ta' Ħidma Pluriennali"), jirrispondu għar-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-qafas leġiżlattiv jew mal-bidliet leġiżlattivi/regolatorji u jsaħħu l-kultura u l-proċessi tagħna, fejn meħtieġ. Il-prinċipji globali tat-titjib kontinwu - it-teħid ta' azzjoni fuq ir-rispons, il-bidla evoluzzjonarja mingħajr xkiel u t-titjib tal-effiċjenza - sejrin jappoġġjaw u jtejbu l-abbiltà tagħna li nwettqu s-sistemi u s-servizzi rispettivi b'mod effettiv, konsistenti u affidabbli. It-taqsima ta' hawn taħt tenfasizza l-inizjattivi ewlenin li huma meħtieġa sabiex tiġi implimentata tali kultura ta' titjib kontinwu bil-għan li jiġu żgurati l-ġestjoni u l-evoluzzjoni b'mod effettiv tal-mudelli operazzjonali u l-oqfsa ta' governanza xierqa.

### *2.2.1. Tevolvi bħala Ċentru ta' Eċċellenza*

L-eu-LISA sejra tkompli tkun sieħba fdata u affidabbli għall-partijiet ikkonċernati tagħha, permezz tal-kunsinna ta' servizzi ta' kwalità konsistentement għolja. Bil-għan li ssostni dan, l-eu-LISA sejra tkompli tottimizza l-organizzazzjoni, il-governanza u l-proċessi tagħha, billi tutilizza l-istandards rikonoxxuti mill-industrija, bħal ITIL, Prince 2 u oqfsa ta' governanza tal-IT rilevanti oħrajn. L-adozzjoni ta' tali standards tkompli ttejjeb l-allinjament bejn l-objettivi kummerċjali u l-kapaċitajiet tal-Aġenzija u l-mudell operattiv tagħha u tgħin sabiex jiġu żgurati operazzjonijiet sostenibbli u kosteffiċjenti. Għalhekk, l-implimentazzjoni u l-konsolidazzjoni ta' tali mudelli operazzjonali tal-aħjar prattika tal-industrija u oqfsa ta' governanza robusti sejrin jissoktaw matul l-MAWP.

Bħala Fornitur tas-Servizzi tal-IT affidabbli u moderna, l-eu-LISA sejra tkompli żżomm u tirfina l-proċess li hemm fis-seħħ għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi skont l-istandards u l-aħjar prattika tal-ITIL/ITSM. B'hekk, l-eu-LISA sejra tkun tista' tidentifika u timplimenta ulterjorament attivitajiet maħsuba biex itejbu l-kwalità tas-servizzi u l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi tal-ITSM u l-mudell tas-servizzi stabbiliti, kif ukoll itejbu b'mod sinifikanti l-kosteffettività tal-kunsinna tas-servizzi tal-IT mingħajr ma jissagrifikaw is-sodisfazzjon tal-klijenti. L-integrazzjoni kkoordinata ulterjuri tal-proċessi tal-ġestjoni tas-Servizzi tal-IT għandha l-għan li tipprovdi l-kontroll kontinwu, effiċjenza akbar u opportunitajiet għal titjib kontinwu tas-servizzi tal-eu-LISA.

L-Aġenzija sejra tkompli tevolvi l-qafas tal-ġestjoni tal-proġetti tagħha, abbażi ta' PRINCE 2. Element importanti ta' din l-evoluzzjoni sejjer ikun l-iżvilupp ulterjuri tal-portafoll tal-Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Proġetti

eżistenti lejn it-teħid ta' responsabbiltajiet usa' fi ħdan il-mudell ta' governanza interna tal-Aġenzija fl-oqsma tal-ippjanar integrat, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u r-rapportar tal-ġestjoni. Filwaqt li l-implimentazzjoni u t-titjib kontinwu tal-istandards tal-industrija rilevanti huma importanti, l-Aġenzija tirrikonoxxi l-fatt li sabiex tkompli tiżviluppa ruħha lejn Ċentru ta' Eċċellenza, hija għandha tkun tista' żżomm u tiżviluppa l-persunal tagħha u tuża l-kapaċitajiet u l-kompetenzi tagħha sabiex ittejjeb kontinwament il-proċessi u l-proċeduri interni, bil-għan li tiżviluppa aktar l-effiċjenza tagħhom u l-valur miżjud għall-organizzazzjoni.

Element ewlieni fl-iżvilupp tal-Aġenzija bħala CoE huwa l-impenn kontinwu u trasparenti u d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati, primarjament l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Il-Bord ta' Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi sejrin iservu bħala pjattaforma għal dan l-impenn. Fl-istess ħin, l-Aġenzija sejra timmira li tiftaħ djalogi u tistabbilixxi u tiżviluppa s-sħubiji tagħha ma' aġenziji oħrajn fil-qasam tal-governanza tal-ICT skont il-mandat tagħha. Hija sejra timmira li toħloq sinerġiji u ekonomiji ta' skala, portafolli ta' applikazzjonijiet kondiviżi u miżuri rilevanti oħrajn. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-Aġenzija sejra timmira li tiżviluppa u testendi l-impenn tagħha mal-industrija sabiex timmonitorja mill-qrib u tibbenifika mill-iżviluppi ta' teknoloġiji ġodda, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki fil-qasam tal-ICT. Sal-2016 għandha tiġi introdotta wkoll strateġika ta' akkwisti, li sejra twettaq reviżjoni strutturata u analiżi tal-infiq tal-Aġenzija, li r-riżultati tagħhom jintużaw sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet kummerċjali infurmati dwar l-investiment u l-akkwisti assoċjati. L-istrateġija ta' akkwisti tiffaċilita l-ottimizzazzjoni fuq il-kost totali tas-sjieda permezz tal-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' akkwisti ottimali. Din tippermetti lill-Aġenzija tiddetermina l-kostijiet tas-sistemi tagħha tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, hekk kif l-elementi tal-kostijiet lil hinn mill-prezz tax-xiri jistgħu jkunu sinifikanti, f'xi mumenti daqs jew aktar mill-kost tax-xiri inizjali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-assi.

F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Aġenzija, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, wettqet evalwazzjoni tal-Aġenzija, li ġiet iffinalizzata fi Frar 2016. Skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija, din l-evalwazzjoni vvalutat il-mod kif l-Aġenzija tikkontribwixxi għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u r-rwol tagħha fil-kuntest ta' strateġija tal-Unjoni mmirata biex tistabbilixxi ambjent tal-IT ikkoordinat, kosteffettiv u koerenti fil-livell tal-Unjoni fis-snin li ġejjin. Madankollu, ladarba l-istrateġija msemmija hawn fuq għadha ma teżistix, intlaħaq qbil mill-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA li jeskludi dan l-element mit-termini ta' referenza għall-evalwazzjoni u li jevalwa l-kontribuzzjoni tal-Aġenzija għat-twaqqif ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' politiki dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. L-Aġenzija tiżgura segwitu adegwat għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn din ir-reviżjoni esterna billi tħejji u timplimenta pjan ta' azzjoni deliberat, li jibda fl-2016. Ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja huwa previst li jiġi adottat fil-bidu tal-2017. Huwa mistenni wkoll li, bħala segwitu għall-evalwazzjoni, f'nofs l-2017, il-Kummissjoni Ewropea tintroduċi proposta għal emenda tal-mandat tal-Aġenzija sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet imressqa fl-evalwazzjoni

### *2.2.2. L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-aġenzija*

Riċentament ġew introdotti l-indikaturi xierqa għall-prestazzjoni korporattiva u operattiva. Huma jippermettu lill-maniġment tal-Aġenzija jimmonitorja l-prestazzjoni tal-organizzazzjoni u lill-Bord ta' Tmexxija jaqdi r-rwol tiegħu li jiggwida u jissorvelja lill-Aġenzija. Id-daxxbord korporattiv bil-KPIs korporattivi kollha ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija fl-2015 u ttestjat fil-bidu tal-2016. L-indikaturi operazzjonali, li issa huma riflessi fl-FLS standard għas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija, sejrin ikomplu jkopru t-terminu tal-MAWP. L-Aġenzija sejra tiżgura wkoll li r-riskji korporattivi identifikati jiġu ġestiti u mitigati b'mod effettiv permezz ta' qafas ta' ġestjoni tar-riskji robust u mfassal apposta. Dan il-qafas għandu l-għan mhux biss li jappoġġja lill-eu-LISA fil-kisba tal-objettivi organizzazzjonali tagħha, iżda wkoll li jiżviluppa u jippromwovi aktar il-ġestjoni proattiva tar-riskji fi

ħdan l-Aġenzija. Bil-għan li jiġu appoġġjati l-aspetti tal-prestazzjoni u tal-ġestjoni tar-riskji, sejjer jiġi applikat u rfinut qafas ta' proċessi strutturati u koerenti mill-bidu sal-aħħar imfassla bħala l-ixprunaturi ewlenin ta' kosteffiċjenza operattiva, li element importanti tiegħu sejjer ikun il-konsolidazzjoni u l-istandardizzazzjoni ulterjuri tal-għodod eżistenti għall-ġestjoni tas-servizzi. It-titjib fil-governanza korporattiva, fir-responsabbiltà u fit-trasparenza sejjer jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-Governanza Korporattiva tal-ICT.

Il-mudell ta' governanza tal-Aġenzija, kif imħaddem u miżmum permezz ta' qafas ta' governanza aġili u tajba bil-proċessi u l-proċeduri inklużi, għandu jiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti statutorji u l-ħtiġijiet kummerċjali rilevanti. Il-mudell sejjer jissaħħaħ permezz tal-istandards tal-governanza tal-ICT rilevanti, li għandhom jissalvagwardjaw li l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jiġu identifikati u evalwati, kif ukoll inkorporati ulterjorament f'objettivi organizzazzjonali. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tistabbilixxi u tevolvi kontinwament il-mudell ta' arkitettura tal-intrapriża tagħha bħala waħda mill-għodod ewlenin sabiex tikseb l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u ekonomiji ta' skala.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-Aġenzija sejra tfassal u timplimenta sistema ta' ġestjoni tal-kwalità. Hija sejra tiġi implimentata wara approċċ ta' implimentazzjoni gradwali u sejra tkun ibbażata fuq l-oqfsa ta' ġestjoni tal-kwalità applikabbli u rilevanti, bħal CAF. Il-proċess tal-ġestjoni tal-kwalità tal-eu-LISA sejjer jinkorpora wkoll l-eżitu tal-proġetti interni diġà mwettqa għad-dokumentazzjoni u l-immappjar tal-proċessi interni mas-servizzi kummerċjali u korporattivi. Il-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija sejrin jiġu kkonsultati aktar sabiex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-kwalità meħtieġa. L-azzjonijiet ta' kwalità li ġejjin sejrin jiffokaw fuq għadd ta' oqsma tal-eu-LISA (kemm interni kif ukoll esterni) għall-fini tal-linja bażi u l-iżvilupp ulterjuri tal-kwalità tas-servizzi li tipprovdi l-Aġenzija. Sabiex tinkiseb u tinżamm il-konformità mar-rekwiżiti tal-Kummissjoni u l-aħjar prattika tal-industrija, l-istandards ta' kontroll intern tal-Aġenzija sejrin jissaħħu u jiġu rrinforzati aktar.

### *2.2.3. Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema*

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tal-monitoraġġ tal-iżviluppi fir-riċerka u l-iżvilupp fl-oqsma tat-teknoloġiji ġodda u emerġenti sabiex b'hekk tikkonforma aħjar mal-obbligu statutorju tagħha li żżomm lill-Kunsill, lill-PE u lill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, lill-KEPD, informati dwar l-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi li hija tiġġestixxi. L-eu-LISA sejra tkompli tesplora t-teknoloġiji emerġenti u l-applikazzjoni tagħhom. Fost is-suġġetti identifikati fl-Istrateġija pluriennali tal-Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka 2015-2017, huwa antiċipat li l-analiżi tal-ħardwer u l-infrastruttura tal-IT mill-aktar avvanzati, l-istandardizzazzjoni fit-teknoloġiji għall-kontroll tal-fruntieri u l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-istrateġiji tal-iskjerament tas-sistemi u l-ittestjar bijometriku sejrin ikunu partikolarment interessanti fl-2017 u s-suġġetti għar-rapporti ta' riċerka biennali li sejrin jiġu definiti fid-dokument tal-pjan direzzjonali annwali fl-aħħar tal-2016 jistgħu jinkludu kwistjonijiet bħal dawn. Ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ tar-riċerka sejrin jiġu integrati fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti għall-evoluzzjoni tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija. B'hekk, ser isiru sforzi sabiex jiżdiedu u jittejbu l-interazzjonijiet mal-persunal u mat-timijiet tal-proġetti, kif ukoll mal-Gruppi Konsultattivi, fejn xieraq. L-għarfien miksub fis-snin ta' interventi rigward il-valur tal-isforzi għall-monitoraġġ u l-kontribuzzjoni għall-proġetti ta' riċerka Ewropej jgħin sabiex jiggwida l-isforzi ulterjuri f'dan il-qasam. Minkejja dan, huwa ppjanat li l-persunal tal-Aġenzija rilevanti jaħdmu mill-qrib sabiex jagħtu pariri u jimmonitorjaw l-Orizzont 2020 rilevanti u proġetti ta' innovazzjoni u riċerka rilevanti oħrajn. B'mod ġenerali, l-Aġenzija sejra tkompli ddaħħal fis-seħħ ir-riżorsi u l-proċessi meħtieġa sabiex tiżgura li l-monitoraġġ regolari tar-Riċerka u l-Iżvilupp jippermetti lill-Aġenzija ssegwi b'mod proattiv u tagħmel użu minn żviluppi ġodda importanti.

## 2.3. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

*"Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT tal-UE u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali."*

Dan l-għan strateġiku jistipula li l-Aġenzija tiffoka fuq it-twaqqif u l-ingranaġġ ta' sħubiji mal-atturi tar-riċerka, operattivi u tal-politika rilevanti. Għalhekk, l-essenza għall-objettivi korrispondenti tikkonċerna primarjament l-abbiltà tal-aġenzija li tipprovdi pariri u tikkontribwixxi għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE bl-għarfien espert u l-kompetenzi tagħha. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni esterna u l-impenn mal-partijiet ikkonċernati f'oqsma ta' tħassib u interess reċiproku, sabiex jikkondividu l-esperjenza, l-għarfien espert u l-prattiki tajbin, sejrin ikunu element importanti ieħor f'dan il-qasam. L-Aġenzija qiegħda taspira wkoll li ssir faċilitatur tekniku għal partijiet oħrajn fil-qasam tal-ĠAI, pereżempju billi ttejjeb kontinwament il-kapaċitajiet tekniċi tagħha fil-bijometrika u tikkondividi dan l-għarfien espert mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

### 2.3.1. Sħubiji mal-Istati Membri, mal-Istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn

L-Aġenzija sejra tkompli żżomm u tiżviluppa r-relazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti, kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. Fir-rigward tas-settur pubbliku, l-aktar partijiet ikkonċernati importanti huma bla dubju ta' xejn l-Istati Membri. Il-Bord ta' Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi sejrin jibqgħu l-fora prinċipali għaż-żamma u l-iżvilupp ta' relazzjoni reċiproka. L-Aġenzija sejra tkompli tagħmel ukoll enfasi fuq l-iżvilupp ta' relazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea sabiex tkun tista' tappoġġja u tikkontribwixxi bl-aktar mod effiċjenti u proattiv għall-prijoritajiet politiċi stabbiliti fil-livell tal-UE. Fir-rigward tal-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn u atturi operattivi u politiċi rilevanti oħrajn, l-Aġenzija sejra tkompli tevolvi r-relazzjonijiet ta' ħidma tagħha sabiex tikseb objettivi komuni. Fil-kisba ta' dawn l-objettivi, l-uffiċċju ta' Kollegament tal-Aġenzija fi Brussell sejjer ikollu rwol kruċjali. Madankollu, sejrin jiġu żviluppati għadd ta' mekkaniżmi oħrajn sabiex jippromwovu l-għarfien espert, il-missjoni u l-mandat tal-Aġenzija mal-imsieħba tal-Aġenzija fis-settur pubbliku u f'dak privat għall-perjodu 2015-2020.

L-Aġenzija sejra tkompli żżomm u tiżviluppa relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet ta' riċerka u mal-industrija sabiex trawwem akkwiżizzjoni ta' għarfien ulterjuri f'oqsma ta' rilevanza u interess, kif identifikati fl-Istrateġija ta' Monitoraġġ tar-Riċerka. Sabiex timplimenta b'mod effettiv il-mandat tagħha f'dan il-qasam, l-Aġenzija sejra timmonitorja b'mod proattiv l-iżvilupp tal-attivitajiet ta' riċerka rilevanti; b'mod partikolari, il-proġetti ta' Orizzont 2020 rilevanti għall-mandat tagħha u l-kompiti fdati lilha. Il-konferenzi u l-laqgħat ta' diskussjoni annwali mal-industrija sejrin ikunu l-mezzi l-oħrajn għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati, li jiffaċilitaw l-iskambju tar-riżultati tar-riċerka u l-kondiviżjoni tal-għarfien.

### 2.3.2. Sħubiji ma' aġenziji u korpi rilevanti oħrajn tal-UE

L-eu-LISA stabbilixxiet Arranġamenti ta' Ħidma ma' għadd ta' Aġenziji tal-ĠAI - is-CEPOL (l-Arranġament ta' Ħidma mas-CEPOL li diġà kien iffirmat fl-2013), il-FRONTEX (l-Arranġament ta' Ħidma ffirmat fl-2014) u l-EASO (l-Arranġament ta' Ħidma ffirmat fl-2014). L-implimentazzjoni prattika tagħhom issir permezz ta' Pjanijiet ta' Kooperazzjoni Annwali maqbula b'mod reċiproku. L-Aġenzija ffirmat ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Europol

u mal-FRA u qiegħda tfittex li tiffirma ftehim mal-Eurojust matul il-kors tal-2016 u mal-ENISA fl-2017. Matul is-snin sal-2020 sejra tissokta l-kooperazzjoni ma' Aġenziji tal-UE differenti fil-livell strateġiku u f'dak operazzjonali, bl-enfasi fuq l-imsieħba fil-familja ta' Aġenziji tal-ĠAI.

L-Aġenzija sejra tkompli tistabbilixxi u tiżviluppa relazzjonijiet ta' ħidma u sħubiji, fejn rilevanti, ma' entitajiet pubbliċi u privati, skont kif meħtieġ. Dawn ir-relazzjonijiet sejrin ikunu bbażati fuq il-prinċipji tal-kumplimentarjetà u tal-benefiċċji reċiproċi. L-intenzjoni strateġika tagħhom sejra tkun li jappoġġjaw lill-Aġenzija fit-twettiq tal-mandat tagħha u tal-kompiti fdati lilha, kif ukoll fl-iżvilupp tal-immaġini tagħha bħala aġenzija Ewropea miftuħa, affidabbli u effiċjenti.

## 2.4. Oqsma ta' Azzjoni Strateġiċi fil-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4

*"Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġili."*

Is-servizzi korporattivi tal-Aġenzija jitlaqqgħu flimkien taħt l-għan strateġiku 4 sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet orizzontali meħtieġa jiġu identifikati, ippjanati, implimentati, immonitorjati u rrapportati b'mod koerenti u konsistenti sabiex jiġi ffaċilitat it-twassil effiċjenti u effettiv tal-programm ta' ħidma tal-eu-LISA u tiġi żgurata ġestjoni tajba tar-riżorsi u tal-finanzi, sabiex b'hekk jinbnew u jissaħħu l-istrutturi ta' organizzazzjoni, governanza u ġestjoni tal-Aġenzija. L-attivitajiet koperti minn dan l-għan jinkludu l-maġġoranza tal-funzjonijiet tas-servizzi korporattivi u ta' governanza tal-Aġenzija.

### *2.4.1. Ippjanar strateġiku u operazzjonali*

Matul is-snin sal-2020, il-ħsieb huwa li jiġu rfinuti u jissaħħu aktar il-proċess u l-proċeduri tar-rapportar u tal-ippjanar strateġiku fi ħdan l-Aġenzija.

Fl-2015, l-Aġenzija żviluppat proċess standard u kkomunikat sewwa għall-iżvilupp, il-verifika u l-adozzjoni tar-rapport annwali tal-attività u Dokument Uniku ta' Programmar li jinkludi l-ipprogrammar pluriennali. Minbarra dan, sejjer jiddaħħal fis-seħħ mekkaniżmu ta' reviżjoni regolari (li jinkorpora l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati esterni) għall-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA.

### *2.4.2. Ġestjoni finanzjarja u akkwist*

Matul is-snin sal-2020, l-Aġenzija sejra tiżviluppa u ssaħħaħ kontinwament il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha, billi tieħu approċċ proattiv u vigoruż sabiex tiżgura l-ġestjoni trasparenti u effettiva tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. Speċifikament, l-eu-LISA sejra timmira li tilħaq kontinwament il-miri maħsuba fl-eżekuzzjoni tal-baġit permezz ta' preċiżjoni mtejba tat-tbassir baġitarju tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli timmonitorja u tevolvi l-proċeduri finanzjarji u ta' akkwist tagħha u tistabbilixxi l-elementi li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB).Fl-istess ħin, l-Aġenzija sejra tkompli tirfina l-interazzjonijiet tagħha mal-Gruppi Konsultattivi, speċjalment billi tinvolvihom fl-istadju bikri tal-iżvilupp tad-Dokument Uniku ta' Programmar tagħha, bil-għan li żżid l-effiċjenza tal-proċess tal-ippjanar u tutilizza kemm jista' jkun mill-kompetenzi tekniċi eżistenti fil-gruppi.

L-attivitajiet ta' akkwist tal-Aġenzija sejrin jiġu ssimplifikati permezz tal-konsolidazzjoni u r-rinfurzar tal-proċeduri tagħha, il-bini u ż-żamma tal-kapaċitajiet sabiex tipprovdi pariri profiċjenti dwar l-aħjar prattiki u ż-żieda tat-trasparenza tal-ipprezzar fil-kuntratti li jappoġġjaw is-sistemi. Fil-perjodu 2015-2020 sejra tingħata

attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata l-aġilità meħtieġa bil-għan li jiġu akkwistati prodotti u servizzi jew jinkisbu riżorsi esterni addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw il-prijoritajiet politiċi li qegħdin jevolvu fl-UE u l-bidliet fil-ħtiġijiet kummerċjali tal-Istati Membri b'mod f'waqtu, bil-għan li jiġi ottimizzat il-kost tal-kuntratti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

### 2.4.3. Ġestjoni tal-faċilitajiet

Hemm għadd ta' tragwardi ewlenin tal-FM li jridu jintlaħqu sal-2020: L-ewwelnett, li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-bini permanenti tal-Aġenzija f'Tallinn (Il-Gvern Estonjan qed jimmira li jikkonkludi l-kostruzzjoni tal-bini permanenti tal-Aġenzija sal-aħħar tal-2017). It-tieni, li r-rinnovament tal-faċilitajiet eżistenti u l-kostruzzjoni tal-bini ġdid propost fi Strasburgu jitwettqu skont l-iskeda (kuntratt iffirmat fl-10 ta' Ġunju 2015 b'tul ta' 26 xahar) u fil-limiti tal-baġit approvat.

### 2.4.4. Ġestjoni tar-riżorsi umani

L-Aġenzija għandha għadd ta' sfidi ta' HR sinifikanti x'tiffaċċja sal-2020, iżda ta' tħassib immedjat huwa li tkompli tattira, tiżviluppa u żżomm il-persuni bl-esperjenza u l-ħiliet rilevanti, li tilħaq iż-żieda probabbli fl-ammont ta' xogħol tal-eu-LISA, filwaqt li fl-istess ħin timplimenta l-miżuri deskritti mill-Kunsill Ewropew u mill-Parlament sabiex tnaqqas il-persunal b'5 % bejn l-2013 u l-2018 fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE.

Il-funzjoni tal-HR tal-Aġenzija sejra tkompli tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi umani adegwati sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi u l-pjanijiet operazzjonali tal-Aġenzija. Hija sejra tikseb dan billi tkompli ttejjeb il-proċessi, is-sistemi u l-infrastruttura li jipprovdu livelli għolja ta' effiċjenza, kwalità u kosteffettività fi ħdan l-HR u orizzontalment madwar l-Aġenzija fil-proċessi tal-HR kollha permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-HR tagħha[13] u l-Politika dwar iż-Żamma tal-Persunal[14], li sejrin jiġu aġġornati fuq bażi annwali.

Hija sejra tivvaluta regolarment ukoll l-effiċjenza u l-effettività tal-HR, billi tkompli tirrevedi b'mod proattiv il-kompiti tal-Aġenzija u l-impatt tagħhom fuq l-HR permezz tal-qafas tal-pjan(ijiet) pluriennali tal-politika dwar il-persunal, li bħalissa jkopri/u l-perjodu mill-2015 sal-2017.

L-eu-LISA sejra tipprova wkoll tkompli ssaħħaħ il-kultura ta' eċċellenza tagħha permezz ta' programmi mmirati ta' żvilupp u taħriġ tekniċi u oħrajn rilevanti għall-persunal u inizjattivi sostenibbli sabiex tiġi żviluppata organizzazzjoni bi prestazzjoni għolja. Wara analiżi sħiħa tad-diskrepanza fil-ħiliet, l-Aġenzija sejra tiżviluppa pjan ta' taħriġ għall-Aġenzija kollha u tiżgura li l-persunal ikunu konxji tal-ħtiġijiet tat-taħriġ tagħhom u jkollhom aċċess għal materjal u korsijiet ta' taħriġ xierqa, li għandha tibqa' prijorità matul is-snin sal-2020. L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa wkoll prattiki ewlenin fir-reklutaġġ, l-iżvilupp, ir-rikonoxximent u ż-żamma tal-persunal tal-Aġenzija. L-enfasi sejra tkun fuq it-titjib tal-ġestjoni tal-għarfien permezz tal-introduzzjoni ta' għadd ta' inizjattivi mmirati pertinenti għall-mudelli ta' kompetenza tal-Aġenzija.

13 Dokument intern, li jinsab fil-proċess tal-adozzjoni fil-mument tal-abbozzar tal-SPD 2017.
14 Dokument intern adottat mid-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv Nru 77-2015 tat-23.10.2015.

## 2.4.5. Verifika

L-eu-LISA sejra tkompli tuża l-funzjoni ta' verifika tagħha bħala faċilitatur ewlieni għat-tisħiħ tal-valutazzjoni tar-riskji u t-titjib tal-proċess. Bħala tali, l-Aġenzija sejra tkompli tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, tospita l-missjonijiet ta' verifika tagħhom u tieħu miżuri biex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, fejn meħtieġ. L-Awditur Intern tal-eu-LISA sejjer ikompli jikkoordina x-xogħol f'dan il-qasam, inkluża it-tħejjija ta' rapporti, missjonijiet, attivitajiet ta' segwitu, kif ukoll jiżgura sensibilizzazzjoni ġenerali tal-prinċipji, l-għanijiet u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern fost il-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija.

L-eu-LISA sejra tfittex ukoll li timplimenta livelli suċċessivi tal-Mudell tal-Kapaċità ta' Verifika Interna[15] (IA-CM) matul il-ħames snin li ġejjin, li jippermettu lill-Aġenzija tintroduċi l-aħjar prattiki tal-industrija sabiex ittejjeb l-effikaċja tal-funzjoni tal-IA tagħha matul it-terminu tal-MAWP.

## 2.4.6. Komunikazzjoni esterna u interna

L-Aġenzija sejra tiffoka l-isforzi tal-komunikazzjoni esterna tagħha fuq komunikazzjoni strateġika sabiex tibni relazzjonijiet trasparenti u ta' benefiċċju b'mod reċiproku bejn l-Aġenzija u l-pubbliku tagħha. L-isforzi tal-Aġenzija f'dan il-qasam sal-2020 sejrin ikunu xprunati mill-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna tagħha għall-perjodu 2017-2020 (li trid tiġi żviluppata fl-2016) u mill-Pjan ta' Azzjoni. L-eu-LISA għandha tibni fuq ir-relazzjonijiet proattivi mal-udjenzi fil-mira u tipprovdi lill-pubbliku ġenerali b'informazzjoni regolari rigward il-mandat u l-attivitajiet tagħha. L-Aġenzija għandha tkompli wkoll tikkonforma mal-obbligi legali u statutorji kollha tagħha fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-rapporti, l-istatistika u l-listi ta' awtoritajiet.

Il-komunikazzjoni interna sejra timmira li ssaħħaħ il-fluss ta' komunikazzjoni u l-attivitajiet fi ħdan l-Aġenzija bl-enfasi fuq il-promozzjoni tal-kultura korporattiva u t-titjib tal-involviment tal-impjegati. Din sejra tkun konformi mal-Istrateġija tal-Komunikazzjoni Interna aġġornata tal-eu-LISA għall-perjodu 2016-2020 u skont il-Pjan ta' Azzjoni Annwali. L-attivitajiet relatati qegħdin ikomplu jiffokaw fuq il-ġestjoni effiċjenti tal-komunikazzjoni korporattiva li tipprovdi lill-persunal tal-eu-LISA f'Tallinn, Strasburgu u Brussell b'informazzjoni f'waqtha dwar il-kwistjonijiet amministrattivi u kummerċjali ewlenin, li tippermetti lill-professjonisti kollha jieħdu deċiżjonijiet informati fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom u b'hekk jimmassimizzaw il-prestazzjoni tal-Aġenzija tagħna.

*15 Gwida Supplimentari: L-implimentazzjoni ta' Funzjoni ta' Verifika Interna Ġdida fis-Settur Pubbliku - April 2012, l-Istitut tal-Awdituri Interni. www.globaliia.org/standards-guidance*

# 3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2017-2019

## 3.1 *Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali.*

### 3.1.1 *Ħarsa ġenerali lejn il-popolazzjoni tal-persunal għall-2015*

Il-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA tikkonsisti minn Aġenti Temporanji[16] (AT), Aġenti Kuntrattwali (AK) u Esperti Nazzjonali Ssekondati (ENS).

Fl-2013, l-Aġenzija mliet b'suċċess il-karigi kollha deskritti fil-pjan ta' stabbiliment tagħha, li sal-2016 għadhom stabbiliti bħala 120 kariga għal Aġenti Temporanji.

Ġew allokati żewġ karigi addizzjonali fl-2014 u kariga waħda fl-2015 għal Aġent Kuntrattwali għal perjodu ta' żmien qasir fl-Unità tal-Finanzi u l-Baġit u fid-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni, rispettivament, sabiex jinfurzaw il-funzjonijiet ta' akkwist. Dawn id-deċiżjonijiet ittieħdu bl-użu tal-iffrankar mill-baġit tal-2014. Dawn il-karigi ntużaw fl-2015 u huma ppjanati li jintużaw ukoll fl-2016.

Fl-2015, il-popolazzjoni totali tal-persunal tal-eu-LISA kienet tikkonsisti f'138 kariga, inklużi l-kategoriji ta' persunal kollha msemmija hawn fuq: 120 Aġent Temporanju, 12-il Aġent Kuntrattwali u 6 Esperti Nazzjonali Ssekondati.

Previżjoni għad-dawran tal-persunal annwali tal-Aġenzija għadha tindika 5 % jew 6 membri tal-persunal statutorji.

### 3.1.2 *In-nefqa għall-2015*

Fl-2015, l-eu-LISA amministrat baġit ta' EUR 67.6 M riċevuti mis-sussidju tal-UE. Il-baġit inizjali ta' EUR 72.8 M tnaqqas b'EUR 5.25 M f'approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament wara talba mid-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni għal appoġġ għall-azzjonijiet tal-Unjoni u l-assistenza ta' emerġenza fil-qafas tal-Fond għas-Sigurtà Interna. It-tnaqqis kien ippreċedut minn analiżi bir-reqqa li żgurat li l-ebda obbligu legali u kompitu ppjanat tal-programm ta' ħidma għall-2015 ma kienu affettwati b'mod negattiv.

L-Aġenzija żammet ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħha sa tmiem is-sena 2015:

- 99.7% għall-approprjazzjonijiet ta' impenn;
- 99.4% għall-approprjazzjonijiet ta' pagament li jinkludu r-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2016.

*16 Dawn huma karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija. L-eu-LISA ma għandhiex karigi ta' Uffiċjali fil-pjan ta' stabbiliment tagħha.*

Għat-tmexxija tal-Aġenzija, huwa previst 46 % (it-Titolu 1 u t-Titolu 2) tal-baġit totali, li jammonta għal 31.1 miljun, li minnhom, 12.9 miljuni huma previsti għal nefqa fuq il-persunal u 18.2 miljuni huma previsti għal nefqa operattiva u infrastrutturali. Għandu jiġi nnotat li, minn dan l-ammont, EUR 11.3 miljun huma allokati għall-proġett għar-rikostruzzjoni tas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu. Il-baġit operattiv totali jammonta għal 36.1 miljun, li minnhom, 2.2 miljuni sejrin jiġu impenjati għas-SIS II, 24.2 miljuni għall-VIS u 5.6 miljuni għall-EURODAC, 1.0 miljun għall-infrastruttura tas-sistema kondiviża u 3.1 miljun oħra għal taħriġ a.o. relatat mal-operazzjonijiet u s-servizzi ta' appoġġ estern relatati ma' sistemi ewlenin, eċċ.[17]

### 3.1.3 Informazzjoni oħra

L-informazzjoni rigward ir-riżorsi umani u dwar il-politika tar-reklutaġġ, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u r-riklassifikazzjoni, il-politika tal-mobbiltà, il-bilanċ ġeografiku u bejn is-sessi, kif ukoll l-edukazzjoni skolastika hija pprovduta fl-Anness IV A-E u fit-tabelli rilevanti.

## 3.2 L-ipprogrammar tar-riżorsi għas-snin 2017 - 2019

### 3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji

Fl-2017, madwar 73 % tal-baġit huwa previst li jiġi assenjat lill-baġit operattiv, bi tnaqqis tal-ispiża għat-tmexxija tal-aġenzija b'7 % meta mqabbla mal-2016. Skont l-ippjanar tal-MAWP, in-nefqa amministrattiva sejra tkun madwar 27 % tal-baġit totali, filwaqt li għat-tħaddim tas-sistemi hija ppjanata n-nefqa massima għall-2018, fejn mistennija tiġi rdoppjata n-nefqa għas-SIS II (EUR 4.9 miljun fl-2017 imqabbla ma' EUR 15-il miljun fl-2018 u EUR 6.4 miljun fl-2019) u għall-Infrastruttura Kondiviża (EUR 10.3 miljun fl-2017 imqabbla ma' EUR 12.5 miljun fl-2018 u EUR 9.6 miljun fl-2019). In-nefqa għall-Eurodac sejra tkun ta' EUR 6.2 miljun fl-2017 u tibqa' stabbli għas-snin 2018 u 2019 b'nefqa prevista ta' EUR 2.8 miljun. [18]

Fir-rigward tan-nefqa amministrattiva, mhumiex previsti bidliet kbar fl-2017 meta mqabbla mas-snin preċedenti. Madankollu, l-approprjazzjonijiet fil-baġit tal-2014 u tal-2015 allokati għall-proġett ta' rikostruzzjoni u estensjoni ta' Strasburgu, li jammontaw għal madwar EUR 20 M, ma għadhomx ippjanati għall-2017 - 2019. Madankollu, il-baġit għas-sede mistenni jiżdied sabiex jakkomoda l-forniment tal-għamara u t-tagħmir kemm tas-sit rinnovat fi Strasburgu, kif ukoll, mill-2018, tal-kwartieri ġenerali ġodda f'Tallinn, li bħalissa qegħdin jiġu ppjanati mill-gvern Estonjan bi spejjeż tiegħu.

Fit-Titolu 1, minħabba kombinazzjoni tal-istabbilizzazzjoni tal-popolazzjoni tal-persunal u żieda fil-preċiżjoni tal-kalkolu tas-salarju u tal-allowances, kien possibbli li jitnaqqsu l-marġini ta' kontinġenza mibnija fil-baġits tal-2015 u tal-2016. Bħala riżultat, matul il-perjodu 2017-2019, it-Titolu 1 mistenni jikber f'konformità mal-indiċjar u xorta jibqa' fil-livelli taħt il-baġit tal-2016.

---

*17 Baġit tal-2015 wara l-Emenda 1 – Approprjazzjonijiet tal-2015 (krediti ta' C1)*
*18 Il-figuri għas-snin baġitarji 2018 u 2019 huma preliminari sakemm jiġi adottat l-MAWP*

L-Anness II fih tqassim tal-baġit: It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni dettaljata tan-nefqa operattiva mis-sistema, kif previst fl-SPD tal-2017:

| **Ġustifikazzjoni tan-Nefqa skont il-Linja Baġitarja** | | |
|---|---|---|
| **Linja Baġitarja** | **Abbozz tal-Baġit 2017** | **Għan** |
| **Titolu 1 Nefqa fuq il-Persunal** | | |
| **Linja baġitarja: A01 Nefqa fuq il-Persunal[19]** | **EUR 16.133.700** | **Id-data kkalkolata hija bbażata fuq informazzjoni storika, aspettattivi u obbligi kuntrattwali fir-rigward tal-aħjar estimi.** |
| **Titolu 2 - Nefqa Operattiva u Infrastrutturali** | | |
| **Linja baġitarja: A02 Nefqa Operattiva u Infrastrutturali[20]** | **EUR 8,382,400.00** | **Id-data kkalkolata hija bbażata fuq informazzjoni storika, aspettattivi u obbligi kuntrattwali fir-rigward tal-aħjar estimi.** |
| **Titolu 3 Operatiln 2015, il-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA adotta Nefqa deċiżjonali** | | |
| **Linja baġitarja: B03 Nefqa Operattiva** | **EUR 128,818,100.00** | |
| **B03000 Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin)** | **EUR 7,541,300.00** | |
| Ġestjoni ta' bidliet mhux ippjanati fis-CBS | EUR 200,000.00 | Sabiex jirrispondi b'mod suffiċjenti għall-bidliet fl-ambjent fir-rigward tas-CBS, dan il-baġit kontabilizzat jippermetti lill-Aġenzija tiffinanzja l-ġestjoni ta' kwalunkwe bidliet deċiżi. |
| It-tmexxija ta' studju ta' netwerk unifikat | EUR 510,400.00 | L-infrastruttura tal-komunikazzjoni eżistenti għas- |

19 *Kundizzjonali fuq l-adozzjoni ta':*

- *Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) għar-reġistrazzjoni tad-data dwar id-dħul u l-ħruġ u tad-data dwar ir-rifjut tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u r-Regolament (KE) 767/2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.*
- *Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida] għall-idenifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (tfassil mill-ġdid) approprjazzjonijiet addizzjonali ta' EUR 2,1 miljun, kif previst għat-Titolu 1.*

| | | |
|---|---|---|
| | | sistemi kummerċjali ewlenin hija implimentata b'tali mod li kull sistema kummerċjali għandha l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha. F'ħafna każijiet, dan l-approċċ jirriżulta f'duplikazzjoni tas-servizzi lill-Istati Membri u s-siti ċentrali, li twassal għal ammont ogħla ta' punti ta' aċċess tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, kumplessità akbar tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u flessibbiltà aktar baxxa. Jeħtieġ li jsir studju sabiex jiġu indirizzati dawn id-dgħufijiet tad-disinn attwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u sabiex jiġi identifikat it-titjib possibbli. L-implimentazzjoni tinkludi studju. |
| It-titjib kontinwu tal-mudell tas-servizz u l-proċess tal-eu-LISA abbażi tal-Aħjar Prattika tal-ITIL u l-għodda tal-ITSM integrata | EUR 150,000.00 | Din l-attività sejra tiffoka primarjament fuq it-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-proċess tal-eu-LISA fil-qafas tal-ITSM sabiex il-partijiet ikkonċernati jiġu moqdija aħjar u jintlaħqu livelli ogħla ta' maturità tal-proċess. |
| Definizzjoni u implimentazzjoni ta' mudell ta' valutazzjoni tal-maturità[21] għall-Aġenzija | EUR 270,000.00 | Ir-riżorsi huma meħtieġa sabiex ikun jista' jitmexxa studju u jiġi żgurat l-appoġġ għall-proġett relatat bil-għan li jiġi definit u implimentat mudell ta' valutazzjoni tal-maturità għall-Aġenzija (simili għal dawk ibbażati fuq is-CMMI) |
| L-istabbiliment tad-disinn tekniku u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma għall-ittestjar tan-netwerk tas-sistemi kummerċjali ewlenin | EUR 150,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għar-riċeviment ta' konsulenza għall-istudju, għax-xiri aktar tard ta' tagħmir ta' ħardwer, liċenzji ta' softwer u servizzi ta' integrazzjoni/implimentazzjoni |
| L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi ta' riżerva kondiviżi (wara t-tlestija tal-ewwel fażi fl-2016) | EUR 2, 120,000.00 | Indipendentement mill-implimentazzjoni tas-servizz kondiviż komuni (CSS), hija meħtieġa attività ta' implimentazzjoni ta' riżerva relatata għar-razzjonalizzazzjoni, minn |

*21 Il-mudell ta' valutazzjoni tal-maturità huwa strument li jgħin organizzazzjoni tivvaluta u tiddetermina l-grad ta' maturità tal-proċessi ta' implimentazzjoni tagħha.*

| | | |
|---|---|---|
| | | perspettiva tar-riżorsi tekniċi u finanzjarji, tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru ta' data tal-eu-LISA: infrastruttura ta' riżerva ċentralizzata takkomoda l-ħtiġijiet kollha tal-kapaċità tas-CBS b'mod aktar effiċjenti u effettiv u tottimizza wkoll il-proċeduri ta' ġestjoni ta' riżerva tal-eu-LISA. L-għan huwa li l-karatteristika ta' riżerva, li bħalissa qiegħda tiġi skjerata f'approċċ iżolat ("sajlo") fis-CBS kollha, tiġi implimentata orizzontalment f'żewġ fażijiet minħabba limitazzjonijiet baġitarji.<br>L-ewwel fażi (mhux koperta mill-Kuntratt Qafas għall-Infrastruttura Kondiviża Komuni li huwa previst li jiddaħħal fis-seħħ mhux qabel l-aħħar tal-2016) sejra tiġi implimentata fl-2016, kif deskritt fl-AWP rilevanti għall-2016. Hija tinkludi l-infrastruttura bażika b'kapaċità limitata.<br>Din it-tieni fażi tindirizza l-parti li ma tiġix implimentata fl-ewwel fażi, minħabba limitazzjonijiet baġitarji. Hija sejra tinkludi l-implimentazzjoni tal-kalibrazzjoni tal-kapaċità u l-integrazzjoni tas-softwer. Madankollu, din l-implimentazzjoni mhijiex sejra tinkludi l-interkonnessjoni tas-CBS mal-pjattaforma tas-servizzi kondiviżi. Din l-interkonnessjoni sejra tiġi indirizzata f'kull kuntratt ta' Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO) tas-CBS, bħala evoluzzjoni.<br>Sabiex tiġi ffinalizzata t-tieni fażi ta' dan il-proġett, jeħtieġ li jiġi żgurat finanzjament għal:<br>- ix-xiri ta' infrastruttura ta' riżerva (it-tieni fażi);<br>- il-liċenzji ta' SW;<br>- is-servizzi ta' integrazzjoni / implimentazzjoni. |
| L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi kondiviżi (wara t-tlestija tal-ewwel fażi fl-2016) | EUR 2,915,900.00 | Għandha tiddaħħal fis-servizz pjattaforma tas-CSS għar-razzjonalizzazzjoni, minn |

| | | |
|---|---|---|
| | | perspettiva tar-riżorsi tekniċi u finanzjarji, tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-data tal-eu-LISA. Hija għandha twassal sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-ammont ta' tipi differenti ta' implimentazzjoni teknika, kif ukoll l-approċċ iżolat ("sajlo") fis-Sistemi Kummerċjali Ewlenin (CBS) kollha. Din l-implimentazzjoni mhijiex sejra tinkludi l-interkonnessjoni tas-CBS mal-pjattaforma tas-servizzi kondiviżi. Din l-interkonnessjoni sejra tiġi indirizzata f'kull kuntratt ta' Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO) tas-CBS, bħala evoluzzjoni.<br>In-nefqa tkopri:<br>- Ix-xiri ta' infrastruttura terrestri għas-servizzi kondiviżi;<br>- Liċenzji ta' SW - integrazzjoni/implimentazzjoni tal-ewwel pakkett ta' servizzi kondiviżi;<br>- Manutenzjoni 24 siegħa kuljum;<br><br>Għal finijiet ta' informazzjoni, is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-Infrastruttura tas-Servizzi Kondiviżi Komuni hija din li ġejja:<br>• F'Settembru 2015 tlesta b'suċċess studju dwar is-Servizzi Kondiviżi Komuni<br>• Barra minn hekk, fl-2015 diġà kienet bdiet l-implimentazzjoni bi gwadann rapidu (l-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tas-CSS) u din mistennija titlesta sa nofs l-2016, li tkopri Servizz Kondiviż Ewlieni wieħed u s-sottoservizzi dipendenti tiegħu, jiġifieri l-aċċess estern għall-għodda tas-Service Manager 9 ITSM għall-kuntratturi.<br>Abbażi tar-riżultati tas-CSSS, huwa previst li jiddaħħal fis-seħħ kuntratt qafas għall-implimentazzjoni ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | Infrastruttura Kondiviża Komuni sal-aħħar tal-2016. Fil-kuntest ta' dan l-FwC, l-eu-LISA qiegħda tipprevedi l-implimentazzjoni tal-attivitajiet deskritti. |
| Għodda avvanzata ta' rapportar (studju u validazzjoni) | EUR 300,000.00 | Sabiex tinkiseb konformità sħiħa mal-istandards tal-industrija għall-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM/ITIL) huma meħtieġa t-titjib u l-evoluzzjoni tal-mudell operattiv tal-Aġenzija. B'hekk, wara li jiġu definiti l-FLS (li jispeċifikaw il-mekkaniżmi għar-rapportar u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-livelli tas-servizzi u li dawn jinżammu matul it-termini tal-kuntratt) u l-KPIs (li jkejlu u jikkontrollaw il-prestazzjoni tal-proċessi partikolari), jeħtieġ li tibda l-implimentazzjoni ta' għodda avvanzata ta' rapportar li tippermetti l-kejl u l-evalwazzjoni xierqa tal-proċessi u tas-sistemi tal-Aġenzija. Il-proġett sejjer ikollu 2 fażijiet: studju (analiżi) u validazzjoni/implimentazzjoni. In-nefqa hija meħtieġa għar-riċeviment ta' konsulenza għall-istudju, għax-xiri aktar tard ta' tagħmir ta' netwerk u servizzi ta' integrazzjoni/implimentazzjoni. |
| L-introduzzjoni ta' Statistika tan-Netwerk Avvanzat | EUR 100,000.00 | Il-mezzi eżistenti tal-eu-LISA għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni u d-disponibbiltà tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni huma limitati ħafna u ma jippermettux il-valutazzjoni u l-validazzjoni tal-prestazzjoni reali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni. Għal din ir-raġuni, għandha tiġi implimentata sistema ta' statistika tan-netwerk avvanzat (l-ewwel parti) li tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni użata mis-sistemi kummerċjali ewlenin kollha (li finalment għandhom jinkisbu fl-2019 wara t-tlestija |

| | | |
|---|---|---|
| | | tagħhom). In-nefqa hija meħtieġa għar-riċeviment ta' konsulenza għall-istudju. |
| It-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operattiv ta' riżerva f'St. Johann / Pongau, l-Awstrija | EUR 825,000.00 | Sabiex tiżgura operazzjonijiet fil-livell 1/ġestjoni tas-CBS 24 siegħa kuljum, ta' kwalità għolja u mingħajr interruzzjonijiet, flimkien mal-infrastruttura sottostanti f'każ li tkun meħtieġa, din l-attività hija mitluba li tippermetti liċ-ċentru tad-data ta' riżerva jipprovdi l-possibbiltà li jkopri l-operazzjonijiet 24 siegħa kuljum tal-Infrastruttura tal-IT tas-CBS, inklużi l-ġestjoni operattiva, il-ġestjoni tar-rilaxx u tat-tibdil, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti u tal-problemi, attivitajiet ta' manutenzjoni u l-iffaċilitar tal-eżekuzzjoni tal-proġetti. |
| **B03001 Total tas-sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju** | **EUR 1,160,000.00** | |
| L-implimentazzjoni ta' softwer ta' pjattaforma ċentralizzata għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju | EUR 10,000.00 | Bil-għan li tiġi żgurata r-reżiljenza tas-sistemi u l-proċessi kummerċjali ewlenin għal diżastri, sejjer ikun meħtieġ softwer ta' pjattaforma għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju. Dan jipprevedi l-installazzjoni u l-bidu tat-tħaddim ta' pjattaforma ta' softwer abbażi ta' server. |
| L-implimentazzjoni ta' SIEM fuq is-Sistemi Kummerċjali Ewlenin | EUR 400,000.00 | Sabiex l-informazzjoni u l-avvenimenti ta' sigurtà jiġu ġestiti b'suċċess, l-attività sejra tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-SIEM fuq is-CBS. Din sejra tkopri l-iżvilupp tal-proċessi ta' monitoraġġ tas-sigurtà u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' SIEM (bil-ħardwer u s-softwer inklużi). |

| | | |
|---|---|---|
| L-implimentazzjoni ta' Pjan Direzzjonali tal-Arkitettura għall-Kontroll tas-Sigurtà Teknika | EUR 400,000.00 | Bil-għan li s-sistemi tal-Aġenzija jiġu protetti mit-theddidiet emerġenti permezz ta' arkitettura adattiva tas-sigurtà teknika u tiġi pprovduta garanzija li s-sistemi kummerċjali ewlenin tal-Aġenzija jipproteġu b'mod effettiv l-informazzjoni li jittrattaw u jiffunzjonaw kif meħtieġ, għandhom jiġu implimentati sett ta' kontrolli tekniċi kif previsti fil-Pjan Direzzjonali tal-Arkitettura għall-Kontroll tas-Sigurtà Teknika. |
| It-tħaddim u t-titjib tal-Qafas tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà | EUR 350,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għat-tħaddim u t-titjib tal-Qafas tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà (eż. verifika tal-SMS; valutazzjoni annwali tas-sigurtà esterna; l-ittestjar u l-eżerċitar tal-kontinwità tan-negozju; it-tiġdid tal-liċenzji; u ż-żamma ta' miżuri tas-sigurtà fiżika). |
| **B03100 Total tal-MWO tas-SIS II** | **EUR 6,825,000.00** | |
| It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tas-SIS II għall-Istati Membri | EUR 230,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa sabiex ikun żgurat li jiġu pprovduti s-servizzi tal-ittestjar lill-iSM (l-istruttura tal-ambjenti, id-disinn tax-xenarju tat-testijiet, l-eżekuzzjoni tat-testijiet jew il-konsulenza) abbażi tad-domanda. |
| L-iffinalizzar tal-proġett sabiex jiżdiedu l-funzjonalitajiet ta' kapaċità/sistema tal-prestazzjoni/irfinar tas-SIS II | EUR 1,705,000.00 | Fir-rigward tad-domanda għall-kapaċità miżjuda mistennija, fl-2017, dan il-proġett pluriennali għandu jiġi ffinalizzat billi tiġi pprovduta d-dokumentazzjoni meħtieġa u permezz tal-irfinar tas-sistema. Sabiex tiġi żgurata l-funzjoni korretta tas-sistema fis-snin li ġejjin (stmati sal-bidu tal-2020), il-kapaċità ser ikollha tiżdied minn 70 miljun reġistru għal minimu ta' 100 miljun reġistru. |
| Ġestjoni Operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-MWO ġdida tas-SIS II) | EUR 500,000.00 | B'kunsiderazzjoni tal-fatt li sejjer jiġi ffirmat kuntratt ġdid ta' MWO, jeħtieġ li jiġi żgurat it-trasferiment bla xkiel minn kuntratt wieħed għall-ieħor minħabba l-kumplessità tal- |

| | | |
|---|---|---|
| | | ġestjoni tas-SIS II. Dan sejjer ikopri t-tranżizzjonijiet u l-attivitajiet ta' struttura meħtieġa għall-kuntratt ġdid ta' MWO tas-SIS II sabiex ikunu żgurati l-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil. Filwaqt li l-estimi attwali jikkunsidraw li l-offerent sejjer iħallas parzjalment l-ispejjeż, iżda jkollu spejjeż ta' natura differenti (trasferiment tal-għarfien, struttura), huwa stmat li parti żgħira mill-ispejjeż trid tkun koperta mill-eu-LISA. Dan huwa relatat ukoll mal-fatt li l-aċċettazzjoni tat-tranżizzjoni hija rekwiżit għall-attivazzjoni tal-pakketti ta' ħidma operazzjonali u fit-tul sabiex ikun hemm il-possibbiltà li, wara t-tranżizzjoni, l-offerent magħżul jista' jġarrab impatt finanzjarju serju jekk iħallas 100 % tal-ispejjeż. Il-kompetizzjoni tista' tiġi affettwata jekk aħna nisforzaw lill-offerenti jħallsu 100 % tal-ispejjeż tat-tranżizzjoni. |
| Ġestjoni Operattiva tas-SIS II | EUR 4,090,000.00 | Sabiex ikun żgurat li s-SIS II titħaddem kif meħtieġ, li l-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-SIS II u li tinkiseb konformità mal-FLS tas-SIS II, l-attività hija meħtieġa għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II: in-nefqa tinkludi, pereżempju, il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-iSM, kif ukoll is-software korrettiv, il-ġestjoni tar-rilaxxi u l-ġestjoni tat-tibdil. |
| Studju dwar l-interoperabbiltà tas-SIS II ma' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira (l-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi fuq ir-riżultati tal-ħidma tal-HLEG) | EUR 300,000.00 | Studju standard għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira |
| **B03200 Total tal-MWO tal-VIS/BMS** | **EUR 34,505,000.00** | |
| L-aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-BMS | EUR 2,250,000.00 | Għall-finijiet tat-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS |

| | | |
|---|---|---|
| | | sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi, għandu jsir irfinar tad-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-BMS għall-ammont ta' EUR 3,000,000.00. Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni minn quddiem tal-BMS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistema ċentrali tal-VIS u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi. Din l-attività hija inter-relatata mal-aġġustament tal-Kapaċità Tranżazzjonali tal-VIS u tinkludi:<br>- valutazzjoni tal-utilizzazzjoni tas-sistema wara t-tlestija tat-tnedija globali tal-VIS u rakkomandazzjonijiet għall-aġġustament tranżazzjonali meħtieġ (il-parti tal-BMS)<br>- HW addizzjonali, manutenzjoni u l-ispejjeż tal-liċenzji tal-COTS (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni)<br>- spejjeż addizzjonali tal-liċenzji għall-Morpho (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni)<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-implimentazzjoni (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni) u l-aġġornament tad-dokumentazzjoni kollha<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-kwalifika tal-bidliet fuq l-ambjenti kollha (inklużi testijiet tal-prestazzjoni tal-VIS-BMS mill-bidu sal-aħħar)<br>Il-konsolidazzjoni tal-evoluzzjoni kif imwettqa ma' din l-attività sejra tagħti valur miżjud tas-sistema lill-iSM billi tallinja u tottimizza l-kapaċità tal-VIS u tal-BMS mill-bidu sal-aħħar.<br>Minħabba li l-kapaċità attwali tal-BMS kienet ikkalkolata l-aktar abbażi tal-previżjonijiet, |

| | | |
|---|---|---|
| | | wara t-tmiem tat-Tnedija Globali tal-VIS, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk ir-riżorsi komputazzjonali tal-BMS humiex allinjati b'mod sħiħ mal-VIS u mirquma sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Mingħajr evoluzzjoni bħal din, ir-riżorsi komputazzjonali jibqgħu fi skala akbar jew iżgħar meta mqabbla mal-ħtiġijiet reali. Fl-2014 u fl-2015, l-eu-LISA kellha twettaq evoluzzjonijiet kbar tal-BMS, tirtira kompletament l-arkitettura tagħha u tbiddel komponenti ewlenin, sabiex tintroduċi l-iskalabbiltà u tkun tista' żżid il-kapaċità tagħha b'mod effiċjenti sabiex tappoġġja t-tnedija tal-VIS madwar id-dinja. Bħala segwitu, sejra tkun meħtieġa l-evoluzzjoni ulterjuri tal-BMS. Fl-2017, wieħed mill-aspetti pendenti ewlenin li jridu jiġu indirizzati huwa d-distribuzzjoni tranżazzjonali tas-sistema li mhijiex allinjata mal-VIS (u l-iSM), li tipprevjeni lill-iSM milli jużaw is-sistema ċentrali kif suppost. Uħud mir-riżorsi tal-BMS disponibbli għal ċertu tip ta' tranżazzjonijiet mhumiex disponibbli għall-iSM (jiġifieri l-VIS hija ostakolu b'inqas kapaċità tranżazzjonali, li b'hekk tipprevjeni lill-iSM milli jużaw il-kapaċità tal-BMS disponibbli), filwaqt li għal operazzjonijiet oħrajn, il-BMS hija ostakolu (jiġifieri l-VIS kapaċi tipproċessa aktar mill-BMS). Din l-attività għandha l-għan li tirfina u tallinja l-BMS mad-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS, li preċedentement kienet allinjata mal-użu tas-sistema ċentrali mill-iSM. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll xi ottimizzazzjonijiet tal-prestazzjoni limitati (pereżempju għall-proċessi kummerċjali kritiċi li għadhom kif ġew identifikati, bħall-ipproċessar u l-ħruġ tat-talbiet |

| | | |
|---|---|---|
| | | għal viża fil-fruntieri) skont ir-rekwiżiti speċifiċi li jridu jiġu ċċarati mal-iSM ladarba s-sistema tintuża fil-fruntieri għal dan il-għan |
| Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS | EUR 8,800,000.00 | Sabiex ikunu żgurati t-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS bil-għan li jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi meħtieġa, jeħtieġ li tiżdied il-kapaċità tal-bażi ta' data tal-BMS. F'każ li l-attività ma tiġix approvata, l-eu-LISA ma tkunx tista' tiggarantixxi l-kapaċità adegwata tal-BMS, li tista' tirriżulta f'nuqqas kritiku ta' riżorsi tekniċi.<br>Skont l-analiżi u l-projezzjoni, Marzu 2018 huwa l-punt fiż-żmien meta sejra tiġi eżawrita l-kapaċità disponibbli għall-ospitar ta' 60 miljun reġistru. Għalhekk, l-attività għandha l-għan li żżid il-kapaċità tal-ħażna tad-data tal-BMS għal 100 miljun reġistru sabiex jiġu evitati l-kwistjonijiet ta' kapaċità wara Marzu 2018. Hija organizzata f'żewġ passi: fl-ewwel pass, l-ambjent ta' qabel il-produzzjoni tal-BMS jiġi aġġornat sabiex jikkwalifika l-aġġornament tal-kapaċità qabel jiġu rilaxxati l-bidliet fil-produzzjoni; fit-tieni pass, l-ambjent tal-produzzjoni tal-BMS jiġi aġġornat kif xieraq flimkien mal-validazzjoni tal-bidliet fl-ambjent tal-ittestjar. Għal dan il-għan, hija meħtieġa l-akkwiżizzjoni tal-irfinar ta' ħardwer, softwer u l-konsulenza assoċjata għall-implimentazzjoni tas-servizzi. |
| L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar | EUR 5,800,000.00 | Bħalissa, il-VIS u l-BMS la jikkondividu strateġija tal-ittestjar mill-bidu sal-aħħar u lanqas għodod.<br>Din is-sitwazzjoni ma tħallix li jkun hemm kampanja ta' ttestjar trasversali konsistenti. Barra minn hekk, l-għodod attwali wrew il-limiti u n-nuqqas ta' adattabbiltà tagħhom minħabba li kienu bbażati fuq soluzzjoni mibnija |

| | | |
|---|---|---|
| | | apposta minn eks kuntrattur tal-iżvilupp ewlieni.<br>In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-iżgurar ta' ttestjar suffiċjenti tal-applikazzjonijiet tal-VIS/BMS. Għalhekk, din l-azzjoni għandha l-għan li tiddefinixxi u timplimenta soluzzjoni ta' ttestjar flessibbli tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar abbażi tal-COTS u l-istandards tal-industrija, li jkopru aspetti funzjonali u mhux funzjonali. Barra minn hekk, hija tinkludi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' bażi ta' data globali u rappreżentattiva tal-ittestjar tal-VIS/BMS, kuntrarju għas-sitwazzjoni attwali fejn jeżistu flimkien żewġ bażijiet ta' data tal-VIS u tal-BMS.<br>Minbarra l-problemi u l-limitazzjonijiet enfasizzati fir-rigward tal-għodod tal-ittestjar attwali mfassla apposta, il-vantaġġi ta' għodda tal-ittestjar flessibbli u standardizzata b'awtomazzjonijiet sejrin iġibu magħhom il-benefiċċji li ġejjin:<br>- ebda dipendenza fuq soluzzjoni proprjetarja u deprezzata (li hija għalja u ineffiċjenti f'termini ta' evoluzzjoni, manutenzjoni u appoġġ)<br>- ammont sinifikanti ta' evoluzzjonijiet previsti jimmiraw għal titjib fil-kapaċità u l-prestazzjoni, li jippermetti l-użu mill-ġdid tal-istess sett ta' testijiet awtomatizzati<br>- l-ittestjar manwali jista' jkun ordinarju, suxxettibbli għall-iżbalji u, għalhekk, isir eżasperanti. L-awtomazzjoni tat-testijiet tippermetti l-eżekuzzjoni tat-testijiet b'interazzjoni tal-utenti limitata ħafna, filwaqt li tiggarantixxi r-ripetibbiltà u l-preċiżjoni. L-eu-LISA ser ikollha aktar kapaċità sabiex ittejjeb kontinwament il-proċess ta' kwalifika minflok |

| | | |
|---|---|---|
| | | tikkonċentra ħafna sforzi sabiex terġa' teżegwixxi x-xenarji tat-testijiet eżistenti<br>- b'każijiet ta' testijiet awtomatizzati, l-eu-LISA sejra tkun tista' tmexxi kampanji ta' testijiet bir-reqqa għal bidliet iżgħar (bħal manutenzjoni korrettiva/adattiva) u b'hekk tiżgura garanzija tal-kwalità kontinwa u aħjar tas-sistema<br>- id-dokumentazzjoni u r-rapportar sejrin jiġu ġġenerati awtomatikament<br>- l-appoġġ estern lill-ħaddiema u d-disponibbiltà jiżdiedu meta jintużaw għodod tal-ittestjar standardizzati<br>L-implimentazzjoni tal-attività sejra tkun pass sinifikanti lejn l-ittestjar tal-industrijalizzazzjoni u l-awtomazzjoni, kif ukoll lejn il-flessibbiltà u r-rapportar imtejjeb tal-ittestjar. Hija sejra tnaqqas drastikament il-ħin, iżżid l-effiċjenza, tnaqqas l-ispejjeż u tirrappreżenta inqas involviment tal-Kuntrattur għall-kwalifika ta' evoluzzjonijiet ulterjuri. |
| Ġestjoni Operattiva tal-BMS | EUR 6,000,000.00 | Sabiex il-BMS tinżamm f'ordni ta' tħaddim ottimali u jiġu assenjati l-attivitajiet ta' manutenzjoni meħtieġa, l-attività hija mitluba li twettaq attivitajiet ikkombinati ta' ġestjoni operattiva u manutenzjoni, inkluż il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil fis-sistema.<br>L-attività għandha tiżgura li l-BMS tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjonijiet<br>Fl-2015 u fl-2016, il-BMS kienet għaddejja minn titjib kbir fil-kapaċità, li jħalli impatt fuq l-ispejjeż tal-ġestjoni operattiva, pereżempju: |

| | | |
|---|---|---|
| | | - BMS 2.1, li żżid il-kapaċità tranżazzjonali sa 250 % fuq mezzi sinkroniċi u sa 650 % fuq mezzi mhux sinkroniċi. Barra minn hekk, l-eu-LISA tejbet l-ambjenti kollha mhux relatati mal-Produzzjoni<br>- BMS 2.2, li żżid il-kapaċità tal-bażi ta' data minn 24 M reġistru għal 60 M reġistru. Barra minn hekk, fl-2016, l-eu-LISA saħħet il-kapaċità tal-ambjent qabel il-Produzzjoni u l-kapaċità tal-bażi ta' data għal 40 % tal-kapaċità tal-Produzzjoni.<br>- Bidliet kbar oħrajn fil-BMS, bħall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda ta' Riżerva u Arkivju, servers tat-terminal. Dawn l-evoluzzjonijiet ħallew impatt fuq l-ispiża tal-manutenzjoni, l-appoġġ, il-liċenzji u riżorsi addizzjonali. |
| Tmexxija Operattiva tal-VIS | EUR 7,500,000.00 | Sabiex il-VIS tinżamm f'ordni ta' tħaddim ottimali u jiġu assenjati l-attivitajiet ta' manutenzjoni meħtieġa, l-attività hija mitluba li twettaq attivitajiet ikkombinati ta' ġestjoni operattiva u manutenzjoni, inkluż il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil fis-sistema. L-attività għandha tiżgura li l-VIS tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjoni<br>Mill-2013, il-VIS għaddiet minn ħafna evoluzzjonijiet strutturali u fil-kapaċità kbar li kellhom impatt sinifikanti fuq l-ispejjeż tal-ġestjoni operattiva, pereżempju:<br>- l-Evoluzzjoni tal-VIS, fejn il-kapaċità tranżazzjonali tiżdied minn 60.000 tranżazzjoni fis-siegħa għal<br>450.000 tranżazzjoni fis-siegħa. Barra minn hekk, l-eu-LISA żammet il-kapaċità tal-ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni tal-VIS |

| | | |
|---|---|---|
| | | allinjata mal-kapaċità tal-ambjent tal-Produzzjoni.<br>- iż-Żieda tal-Bażi ta' Data tal-VIS, fejn il-kapaċità tal-Bażi ta' Data tal-Produzzjoni u ta' Qabel il-Produzzjoni tiżdied minn 40 M reġistru għal 100 M reġistru.<br>- Bidliet kbar oħrajn, bħall-implimentazzjoni ta' magna tat-tfittxija ġdida, servers tat-terminal, …<br><br>Dawn l-evoluzzjonijiet ħallew impatt fuq l-ispiża tal-manutenzjoni, l-appoġġ, il-liċenzji u riżorsi addizzjonali. |
| Aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS | EUR 3,250,000.00 | L-użu proprju tal-VIS mill-iSM, flimkien mal-iffinalizzar tat-tnedija madwar id-dinja, sejrin jeħtieġu adattament u rfinar tal-VIS, hekk kif il-konfigurazzjoni tal-ipproċessar tranżazzjonali tiddependi fuq is-suppożizzjonijiet u l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni (abbażi tal-kontribuzzjonijiet tal-iSM qabel il-bidu tal-operat fl-2011).<br>Għall-finijiet tat-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi, għandu jsir irfinar tad-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS.<br>Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni minn quddiem tal-VIS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistema ċentrali tal-VIS u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi.<br>Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni minn quddiem tal-VIS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistemi Nazzjonali tal-Istati Membri u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi. Din l-attività hija inter-relatata mal-aġġustament tal-Kapaċità Tranżazzjonali tal-BMS u tinkludi: |

| | | |
|---|---|---|
| | | - valutazzjoni tal-utilizzazzjoni tas-sistema wara t-tlestija tat-tnedija globali tal-VIS u rakkomandazzjonijiet għall-aġġustament tranżazzjonali meħtieġ (il-parti tal-VIS)<br>- HW addizzjonali, manutenzjoni u l-ispejjeż tal-liċenzji tal-COTS (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni)<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-implimentazzjoni (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni) u l-aġġornament tad-dokumentazzjoni kollha<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-kwalifika tal-bidliet fuq l-ambjenti kollha (inklużi testijiet tal-prestazzjoni tal-VIS-BMS mill-bidu sal-aħħar)<br>Il-konsolidazzjoni tal-evoluzzjoni kif imwettqa ma' din l-attività sejra tagħti valur miżjud tas-sistema lill-iSM billi tallinja u tottimizza l-kapaċità tal-VIS u tal-BMS mill-bidu sal-aħħar.<br>Minħabba li l-kapaċità attwali tal-VIS kienet ikkalkolata l-aktar abbażi tal-previżjonijiet, wara t-tmiem tat-Tnedija Globali tal-VIS, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk ir-riżorsi komputazzjonali tal-VIS humiex mirquma sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Mingħajr evoluzzjoni bħal din, ir-riżorsi komputazzjonali jibqgħu fi skala akbar jew iżgħar meta mqabbla mal-ħtiġijiet reali. |
| Implimentazzjoni tal-Maħżen Virtwali tad-Data sabiex jittejbu r-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika | 905,000,00 | L-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data fil-bidu sejra jkollha l-għan li tistabbilixxi l-pjattaforma teknika u l-awtomazzjoni ta' rapporti tekniċi ta' kuljum, kull ġimgħa u kull xahar għall-funzjonament ta' SIS II, VIS u EURODAC. Skont ir-riżultat tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti f'Livell Għoli dwar l-interoperabbiltà u l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | evoluzzjoni tal-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi ġestiti mill-eu-LISA, il-kapaċitajiet tal-pjattaforma jistgħu jintużaw aktar għall-monitoraġġ tal-kwalità tad-data u għall-implimentazzjoni ta' diversi rapporti analitiċi u ta' statistika. In-nefqa hija meħtieġa sabiex jitwettaq l-iżvilupp tas-Softwer tad-DWH, b'mod aktar speċifiku għat-twassil ta':<br>- Rapport standard iddokumentat; Rekwiżiti funzjonali speċifiċi għall-Maħżen Virtwali tad-Data;<br>- Mudell ta' data loġika/fiżika;<br>- Dokument dwar id-disinn tal-ETL;<br>- Implimentazzjoni tal-Maħżen Virtwali tad-Data;<br>- Ittestjar tal-Maħżen Virtwali tad-Data;<br>- Skjerament tal-Maħżen Virtwali tad-Data;<br>In-nefqa tinkludi l-appoġġ kollu meħtieġ u relatat mal-konsulenza u l-Ħardwer. |
| **B03300 Total tal-EURODAC MWO** | **EUR 19,570,000.00** | |
| Implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tal-EURODAC (migrazzjoni tan-netwerk) | EUR 190,000.00 | Sabiex l-EURODAC tinżamm f'ordni ta' tħaddim ottimali u jittejjeb aktar it-tħaddim tas-sistema, l-attività hija meħtieġa sabiex il-fornitur tan-netwerk ikun jista' jemigra għall-infrastruttura tan-netwerk iddedikat (skont l-Art. 3 tar-Reg. 603/2013 IMFASSAL MILL-ĠDID). Din tinkludi wkoll adattament żgħir u aġġustamenti wara l-implimentazzjoni tar-Regolament IMFASSAL MILL-ĠDID. |
| Implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tal-EURODAC (titjib tal-kapaċità) | EUR 900,000.00 | L-attività hija meħtieġa għal żieda ddedikata u tallinja l-kapaċità tas-sistema mal-ħtiġijiet tan-negozju. Speċifikament, din tinkludi titjib tal-kapaċità tal-għadd ta' rekords maħżuna fis-sistema ċentrali. L-evoluzzjonijiet tal-kapaċità ppjanati għall-implimentazzjoni matul l-2016 sejrin jippermettu li tintlaħaq kapaċità ta' 7,000,000 reġistru |

| | | |
|---|---|---|
| | | fil-bażi ta' data. Bħalissa għaddejjin attivitajiet ta' kapaċità regolari, bl-Istati Membri jindikaw li sejjer ikun meħtieġ titjib addizzjonali tal-kapaċità fl-2017. Potenzjalment, dan l-ammeljorament sejjer jimmira għal memorja, ħażna u bordijiet. L-istima kienet ibbażata fuq l-ammeljoramenti preċedenti riċenti. |
| Ġestjoni Operattiva tal-EURODAC | EUR 5,400,000.00 | Sabiex ikun żgurat li s-sistema EURODAC titħaddem kif meħtieġ, li l-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-sistema EURODAC u li tinkiseb konformità mal-FLS tal-EURODAC, l-attività hija meħtieġa għall-ġestjoni operattiva tal-EURODAC: in-nefqa tinkludi, pereżempju, il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-iSM, kif ukoll is-software korrettiv, il-ġestjoni tar-rilaxxi u l-ġestjoni tat-tibdil. L-arranġamenti tas-servizzi sejrin isiru bl-għoti ta' kuntratt ġdid għal MWO. |
| Riforma tal-EURODAC - bidliet funzjonali u aġġornament tal-kapaċità (li jridu jitwettqu taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-leġiżlazzjoni rilevanti)[22] | EUR 10,830,000.00 | Mal-approvazzjoni tal-proposta legali li qiegħda tiġi diskussa bħalissa (it-Tfassil mill-Ġdid tal-EURODAC), din l-attività tinkludi l-aġġornamenti funzjonali meħtieġa u l-evoluzzjonijiet tal-EURODAC previsti fil-proposta, kif ukoll id-daqs adegwat tas-sistema sabiex tittratta n-numru akbar ta' tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-funzjonalitajiet ġodda (żieda fil-kapaċità u ammeljoramenti tal-kapaċità). |

*22 Soġġetta għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (tfassil mill-ġdid)*

| | | |
|---|---:|---|
| Integrazzjoni ta' DubliNet - Ġestjoni operattiva (li trid titwettaq taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-proposta dwar it-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC) | EUR 500,000.00 | Fil-proposta għal Tfassil mill-ġdid tal-EURODAC, li qiegħda tiġi diskussa bħalissa, huwa previst li l-eu-LISA tassumi l-operat sħiħ ta' DubliNet. L-għan ta' din l-attività huwa li tallinja l-mudell operattiv ta' DubliNet ma' dak tas-sistemi l-oħrajn u li tiżgura l-mudell ta' appoġġ meħtieġ għall-iSM (servizzi ta' PKI, appoġġ operazzjonali u kuntrattwali, l-evoluzzjonijiet meħtieġa, eċċ.). |
| L-iżvilupp ta' sistema ġdida għall-mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin (li jrid jitwettaq taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-proposta ta' Dublin IV) | EUR 1,750,000.00 | Fil-proposta legali ġdida ta' Dublin IV li qiegħda tiġi diskussa bħalissa, huwa previst il-ħolqien ta' sistema ġdida għas-segwitu tal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni awtomatika. Din is-sistema sejra tintuża sabiex tikkontrolla r-ridistribuzzjoni tal-applikanti għall-ażil madwar l-UE, abbażi tal-fattur ta' Referenza stabbilit mill-proposta legali. L-eu-LISA sejra tiżviluppa u tħaddem is-sistema ġdida, mal-approvazzjoni tal-leġiżlazzjoni. |
| **B03400 Sistema ta' Dħul / Ħruġ** | **EUR 54,520,000.00**[23] | |
| L-iżvilupp tal-EES | EUR 54,520,000.00 | Il-baġit huwa previst għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-proġetti, il-provvista ta' softwer u ħardwer, l-amministrazzjoni, l-iżvilupp tan-netwerk, il-laqgħat u t-taħriġ. |
| **B03600 Total ta' Servizzi ta' Appoġġ Estern direttament relatati mas-Sistemi Ewlenin** | **EUR 3,518,800.00** | In-nefqa hija meħtieġa sabiex tkopri l-ispejjeż għall-appoġġ estern relatat mas-sistemi kummerċjali ewlenin tal-Aġenzija (VIS/BMS, SIS II, EURODAC); dan jinkludi speċifikament il-fornituri tas-servizzi esterni li jappoġġjaw lill-Aġenzija għall-kompiti li ma jistgħux ikunu koperti mill-persunal tal-Aġenzija |

*23 Soġġetta għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata d-data dwar id-dħul u l-ħruġ u d-data dwar ir-rifjut ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u r-Regolament (KE) 767/2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.*

| | | |
|---|---|---|
| | | minħabba l-limitazzjoni fir-riżorsi umani fl-eu-LISA jew in-natura speċjalizzata tal-kwalifiki jew l-għarfien meħtieġ, li mhuwiex disponibbli fl-Aġenzija. Madankollu, il-kompiti ta' dawn il-fornituri tas-servizzi esterni huma marbuta mal-ammeljorament u t-titjib tal-kapaċitajiet tas-sistema u mhumiex assenjati direttament lis-sistemi. |
| **B03710 Total ta' Gruppi konsultattivi** | **EUR 420,000.00** | **Ir-riżorsi huma meħtieġa għal: l-organizzazzjoni ta' 4 laqgħat statutorji għal kull AG (l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ikliet); spejjeż oħrajn relatati mal-attività tal-membri tal-AG koperti skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-eu-LISA.** |
| Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi | EUR 420,000.00 | Abbażi tal-esperjenza miksuba fis-snin ta' qabel, ir-riżorsi huma meħtieġa għal: l-organizzazzjoni ta' 4 laqgħat statutorji għal kull AG (l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ikliet); l-ispejjeż oħrajn relatati mal-attività tal-membri tal-AG koperti skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-eu-LISA. |
| **B03730 Total ta' laqgħat u missjonijiet oħrajn** | **EUR 8,000.00** | |
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern | EUR 8,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern |
| **B03800 Total tat-taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet** | **EUR 250,000.00** | |
| It-tagħlim u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT | EUR 250,000.00 | Sabiex tissodisfa t-talbiet mill-iSM li fit-taħriġ tal-eu-LISA jiġu inklużi wkoll suġġetti ta' taħriġ tekniku speċifiku ħafna, l-eu-LISA tistrieħ fuq il-kompetenzi tekniċi tal-esperti/kuntratturi esterni.Il-kompitu u l-flus allokati sejrin jintużaw għat-taħriġ li ma jistax jingħata internament. |
| **B03810 Total ta' Taħriġ għall-Istati Membri** | **EUR 500,000.00** | |

| | | |
|---|---|---|
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali tat-Taħriġ għall-Istati Membri | EUR 500,000.00 | Skont l-obbligi legali tagħha mir-regolament tat-twaqqif, l-eu-LISA torganizza u tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira lill-esperti mill-Istati Membri (operaturi tal-IT nazzjonali, SIRENE, evalwaturi ta' Schengen).<br>Bl-ammont meħtieġ, l-Aġenzija tkopri l-ispejjeż kollha relatati mat-tħejjija ta' materjal ta' taħriġ ġenerali u l-għoti tat-taħriġ (eż. it-tariffi ta' min iħarreġ), kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-apprendisti sabiex jattendu l-korsijiet (eż. akkomodazzjoni, titjiriet).<br>L-ispejjeż għall-ħolqien ta' materjal ta' tagħlim elettroniku u l-ġestjoni tas-sistema amministrattiva tat-tagħlim tal-eu-LISA huma koperti minn dan l-ammont.<br>Fl-aħħar nett, l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni mal-iSM, l-Aġenziji tal-ĠAI u n-Netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali (NCP) tal-eu-LISA għall-kwistjonijiet relatati mat-taħriġ huma koperti minn dan l-ammont ukoll |
| **Total tal-abbozz tal-Baġit 2017** | **EUR 153,334,200.00** | |

## 3.2.2 *Riżorsi umani*

L-informazzjoni dettaljata għall-ippjanar tar-riżorsi umani tal-Aġenzija hija ppreżentata fit-tabelli 1 u 2 fl-Anness III, li jipprovdu l-ippjanar tal-persunal għat-tul tal-pjan pluriennali: 2017-2019.

Dan jieħu f'kunsiderazzjoni l-karigi approvati mill-Bord ta' Tmexxija għall-kompiti ġodda jew addizzjonali fir-rigward tal-Programm ta' Ħidma 2016 u d-Dokument Uniku ta' Programmar 2017 u deskritti hawn taħt, kif ukoll il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kif deskritta fil-komunikazzjoni tagħha[24] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "Ipprogrammar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020", datata l-10.7.2013, u jipprova jirrazzjonalizza l-figuri tal-Pjan ta' Stabbiliment f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni. It-tnaqqis mistenni jinkludi 5 % tal-persunal (ugwali għal 6 karigi) u kariga waħda għall-grupp tal-iskjerament tal-Aġenziji Ewropej.

*24 COM(2013) 519 final. Huwa jipprevedi li tnaqqis tal-persunal (Aġenti Temporanji) jirriżulta fil-livelli tal-persunal li ġejjin: 120 fl-2015 segwiti minn 118 fl-2016, 115 fl-2017 u 113 fis-snin 2018-2020.*

F'dan il-kuntest, il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA qed jipprevedi tnaqqis bejn l-2016 u l-2018 minn 120 kariga għal 118 fl-2016, għal 115-il kariga fl-2017 u 113-il kariga għas-snin 2018-2020.

Ta' min jinnota li dawn il-figuri ma jinkludu ebda stima tal-ħtiġijiet tal-persunal għal proġetti bħall-EES, li l-bażi legali għalih kienet għadha ma ġietx adottata sakemm kien qed jinkiteb dan id-dokument.

L-Aġenti Kuntrattwali mhumiex parti mill-pjan ta' stabbiliment, iżda għadhom rilevanti kemm minn perspettiva baġitarja kif ukoll minn dik tal-ippjanar tal-forza tax-xogħol.

Fl-2015, il-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA adotta deċiżjoni li tapprova l-impjieg ta' mhux aktar minn 8 Aġenti Kuntrattwali addizzjonali fl-2016 fi ħdan il-baġit annwali adottat għall-kompiti mhux relatati mal-Fruntieri Intelliġenti. L-eu-LISA użat din l-awtorizzazzjoni sabiex timpjega Uffiċjal għall-Kontinwità tan-Negozju Korporattiv fis-Settur tas-Sigurtà kif mitlub mill-Aġenzija u 6 amministraturi tan-netwerk fl-Unità tal-Infrastruttura u l-Operazzjonijiet (kollha AK FG IV).

Mill-2016, ġew allokati erba' karigi għall-Aġenti Kuntrattwali (FG IV) permezz tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA tat-18 ta' Novembru 2015. Wara din id-deċiżjoni, ġew impjegati żewġ Speċjalisti tal-IT u 2 Amministraturi tal-Applikazzjonijiet fil-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet sabiex iżidu l-kapaċità tal-EURODAC.

Billi l-kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tagħha hija wieħed mill-erba' għanijiet strateġiċi tal-eu-LISA, din tal-aħħar iddeċidiet li żżid, mill-2016 'il quddiem, in-numru ta' Esperti Nazzjonali Ssekondati sabiex jirrispondu għall-ħtieġa espressa mill-Istati Membri, jiġifieri minn sitt persuni għal tmienja.

Għad hemm sfidi li jikkonċernaw ir-reklutaġġ ta' impjegati ġodda bl-esperjenza u l-kwalifiki meħtieġa sabiex iwettqu l-kompiti u l-attivitajiet ippjanati fil-perspettiva tal-2017-2019 u sabiex jibbilanċjaw dawn il-pjanijiet kontra l-limitazzjonijiet baġitarji u tar-riżorsi li għaddejjin. L-objettivi u l-attivitajiet tad-Dokument Uniku ta' Programmar għall-2017 jirrikjedu l-iżvilupp tal-ħiliet jew tal-kompetenzi, li jistgħu ma jkunux disponibbli fil-mument. Billi l-pjanijiet li jitnaqqsu l-livelli tal-persunal li jikkonċernaw l-aġenti temporanji għadhom validi, sejra titfittex soluzzjoni fl-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-qafas ta' kompetenza, kif ukoll fl-opportunitajiet ta' tagħlim ipprovduti u t-taħriġ offrut lill-persunal.

*Il-prospettiva tar-riżorsi matul is-snin 2017-2019*

L-enfasi ewlenija fir-rigward tar-riżorsi umani tal-eu-LISA sejra tkompli tkun fuq il-kombinazzjoni ta' żvilupp regolari u flessibbli ta' riżorsi umani interni mal-approċċ ta' esternalizzazzjoni, kull fejn din tkun ta' valur miżjud fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Dokumenti Uniċi ta' Programmar tal-Aġenzija fis-snin 2017-2019.

a) Kompiti ġodda

L-Aġenzija għadha lesta li tieħu r-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi oħrajn, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti.

L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tal-EES sejrin isiru kompitu ġdid għall-eu-LISA ladarba tiġi adottata l-bażi legali għall-implimentazzjoni tagħha mill-koleġiżlaturi. Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess, ġiet skedata ħidma ta' tħejjija għal din is-sistema ġdida. Ir-Regolament dwar id-Dħul u l-Ħruġ mistenni jiġi adottat mill-koleġiżlaturi fl-2017.

Fl-2015, il-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA adotta deċiżjoni[25] li tapprova l-impjieg ta' aġent kuntrattwali wieħed (AK FG IV), li jibda diġà f'Diċembru 2015, sabiex jgħin lill-Unità tat-Taħriġ u r-Riżorsi Umani (HRTU) fit-tħejjija tal-proċess ta' reklutaġġ (id-definizzjoni tal-profili, it-tħejjija tas-sejħiet għal interess, eċċ.) għall-Fruntieri

25 *Notifika tad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, dokument nru 2015-077 tal-11 ta' April 2015.*

Intelliġenti.

Il-profili inizjali li jkunu importanti fil-fażi tal-iżvilupp tal-EES huma ppreżentati fit-tabella 1 ta' hawn taħt. L-allokazzjoni tal-profili għall-Unitajiet jew għas-Setturi rispettivi hija preliminari u tirrifletti. Id-diskussjoni aktar dettaljata tista' ssegwi ladarba tiġi adottata l-proposta tal-EES mill-koleġiżlaturi.

Tabella 1 – Previżjoni tal-karigi addizzjonali meħtieġa għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

| **Aġenti Temporanji (AT)** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Unità** | **Kariga** | **Grad** | **2017** | **2018** | **2019** | **Kumulattivi 2017-2020** |
| **AMMU** | Maniġer tal-Programmi | AD 8 | 1 | | | 1 |
| | Maniġer tal-Proġetti | AD 7 | 1 | | | 1 |
| | Garanzija tal-Kwalità Teknika u tal-Proġetti | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Maniġer tal-Ittestjar | AD 5 | 2 | | | 2 |
| | Amministratur tal-Applikazzjoni | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Arkitett tal-Applikazzjoni | AD 7 | 1 | | | 1 |
| | Inġinier tal-Bażi ta' Data/Speċjalista fil-Midwer tal-SOA | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Analista kummerċjali/Arkitett tas-soluzzjoni | AD 7 | 1 | | | 1 |
| **OIU** | Amministratur tan-Netwerk | AD 5 | 1 | | | 1 |
| **Sigurtà** | Uffiċjal tas-Sigurtà | AD 5 | 1 | | | 1 |
| **FPU** | Uffiċjal tal-Finanzi | AD 7 | 1 | | | 1 |
| | Uffiċjal tal-akkwisti | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Uffiċjal/assistent tal-finanzi/baġit | AST 4 | 1 | | | 1 |
| **AT totali:** **1AD8, 4 AD 7, 8 AD 5 u 1 AST 4** | | | **14** | **0** | **0** | **14** |

Għall-karigi msemmija hawn fuq, il-gradazzjoni proposta hija f'konformità mal-Artikolu 53 tas-CEOS, fil-firxa ta' AD5 sa 8 għall-Amministraturi u fil-firxa ta' AST1 sa 4 għall-Assistenti. Għall-maġġoranza tal-karigi tintuża

gradazzjoni fil-livell tad-dħul. Il-gradi li huma aktar għoljin huma previsti għall-karigi fejn hija strettament meħtieġa esperjenza preċedenti speċjalizzata jew sostanzjali (ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi, disinn u analiżi tal-arkitettura teknika, ġestjoni finanzjarja għolja). Dan huwa l-minimu meħtieġ mill-Aġenzija sabiex tiddisinnja, tiżviluppa, tevolvi u żżomm sistema ġdida ta' disponibbiltà għolja, b'baġit addizzjonali li jirdoppja l-approprjazzjonijiet operattivi. Minħabba l-kompiti speċjalizzati, sejjer ikun diffiċli li jiġi attirat il-professjonaliżmu meħtieġ, sakemm l-anzjanità fil-gradazzjoni ma tkunx tirrifletti l-livell ta' responsabbiltà għall-kompiti relatati mal-EES.

Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Intant, ETIAS sejra tkun sistema oħra li trid tiġi ddisinnjata, mibnija u ttestjata mal-partijiet ikkonċernati kollha u l-eu-LISA hija mitluba tagħmel dan ix-xogħol. Ladarba jiġi adottat ir-Regolament rilevanti, huwa jkollu impatt fuq l-operat tal-Aġenzija u l-pjanijiet tal-persunal fis-snin li ġejjin.

In-numru stmat ta' persunal addizzjonali sejjer ikun bejn wieħed u ieħor 80-90 persuna fis-snin 2018-2020. Madankollu, fil-ħarsa ġenerali lejn il-persunal ippreżentata fl-Anness III, dawn in-numri ma kinux riflessi, minħabba li l-proposta għadha qiegħda tiġi diskussa.

a. It-tkabbir tal-kompiti eżistenti

Fis-sitwazzjoni politika attwali u l-iżviluppi fit-teknoloġija, l-Aġenzija tibqa' ffokata fuq it-titjib jew l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi ġestiti minnha.

Fl-2015, il-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA adotta deċiżjoni[26] li tapprova l-impjieg ta' mhux aktar minn 8 Aġenti Kuntrattwali addizzjonali fl-2016 fi ħdan il-baġit annwali adottat għall-kompiti mhux relatati mal-Fruntieri Intelliġenti. L-eu-LISA użat din l-awtorizzazzjoni sabiex timpljega Uffiċjal għall-Kontinwità tan-Negozju Korporattiv fis-Settur tas-Sigurtà kif mitlub mill-Aġenzija u 6 amministraturi tan-netwerk fl-Unità tal-Infrastruttura u l-Operazzjonijiet (kollha AK FG IV).

Mill-2016, ġew allokati erba' karigi għall-Aġenti Kuntrattwali (FG IV) permezz tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA tat-18 ta' Novembru 2015.[27]. Wara din id-deċiżjoni, ġew impjegati żewġ Speċjalisti tal-IT u 2 Amministraturi tal-Applikazzjonijiet fil-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet sabiex iżidu l-kapaċità tal-EURODAC.
L-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC sejra ssir kompitu addizzjonali għall-eu-LISA ladarba tiġi adottata l-proposta li ġejja mill-koleġiżlaturi: proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għall-idenifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-EURODAC mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (tfassil mill-ġdid).

Mill-2017, hija prevista żieda fil-pjan ta' stabbiliment b'2 karigi għar-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa għat-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC u t-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-gradazzjoni u r-responsabbiltajiet ta' dawn il-karigi.

Tabella 2 – Previżjoni tal-karigi addizzjonali għat-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC (Dublin)

---

26 *Notifika tad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, dokument nru 2015-077 tal-11 ta' April 2015.*

27 *Deċiżjoni 2015-155 tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA tal-11 ta' Novembru 2015 (dokument ta' ref. 2015-180).*

| Aġenti Temporanji (AT) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Unità** | **Kariga** | **Grad** | **2017** | **2018** | **2019** | **Kumulattivi 2017-2020** |
| **AMMU** | Speċjalista tal-IT | AD 5 | 2 | | | 2 |
| **AT totali: 2 AD 5** | | | **2** | **0** | **0** | **2** |

L-inklużjoni tal-proġett AFIS tas-SIS II[28] għall-integrazzjoni tat-teknoloġija ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' f'SIS-II. F'termini tal-ippjanar tal-persunal għal dan il-proġett, huwa jikkostitwixxi 2 karigi addizzjonali ta' Aġenti Kuntrattwali (Speċjalista fl-IT u Amministratur tal-Applikazzjonijiet). Fil-ġejjieni (mill-2018), hija prevista kariga addizzjonali waħda ta' ENS (għal Analista Kummerċjali) b'sostenn għall-AFIS.

b) Il-kisbiet fl-effiċjenza

L-objettivi politiċi għandhom jintlaħqu wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-limitazzjonijiet li jaffettwaw il-baġit u r-riżorsi umani disponibbli tal-eu-LISA, inkluż it-tnaqqis previst ta' persunal għall-kompiti mwettqa bħalissa u l-kompiti addizzjonali li jridu jittieħdu mill-Aġenzija fil-ġejjieni. Għalhekk, huwa inevitabbli li kull membru tal-persunal jerfa' parti mill-piż tax-xogħol addizzjonali. It-tfittxija għat-titjib fl-effiċjenza u l-ottimizzazzjoni tas-soluzzjonijiet ser ikollhom irwol vitali fl-ippjanar tal-attivitajiet u fl-eżekuzzjoni tal-kompiti rispettivi.

Ir-ristrutturar tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u r-Riżorsi li sar fl-2015 u l-ħolqien ta' Setturi fl-istruttura organizzattiva tal-eu-LISA kellhom l-għan li jiksbu effiċjenza fl-immaniġġjar tal-varjabbli tal-proġetti ta' akkwist, kif ukoll itejbu l-fluss tax-xogħol intern fir-rigward tal-kompiti addizzjonali.

Għandu jinkiseb ukoll aktar titjib fl-effiċjenza f'perspettiva aktar fit-tul bl-implimentazzjoni tas-sistemi tal-HR IT rilevanti għall-ġestjoni tal-fajls tal-persunal u l-ħin tax-xogħol tal-persunal tal-Aġenzija u s-Sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti.

L-iffinalizzar ta' appoġġ estern skont il-Kuntratt Qafas iffirmat fl-2015 għandu jgħin lill-Aġenzija tittratta l-kompiti rilevanti fuq bażi ta' terminu qasir.

c) Prijoritajiet negattivi/Tnaqqis tal-kompiti eżistenti

Ma hemmx prijoritajiet negattivi previsti mill-Aġenzija fl-eqreb futur prevedibbli minħabba l-istadju bikri ħafna tal-iżvilupp organizzattiv.

Madankollu, fil-ħin meta qed jiġi abbozzat dan id-dokument, ma jistax jiġi eskluż li tnaqqis potenzjali tal-baġit tal-Aġenzija jista' jirriżulta fil-ħtieġa li jiġu riveduti l-attivitajiet ippjanati fid-Dokument Uniku ta' Programmar 2017.

d) Skjerament mill-ġdid tar-riżorsi fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji

Kif ġie ddikjarat fil-Punt 3.2.2 ta' hawn fuq, l-Aġenzija ħadet f'kunsiderazzjoni għall-ippjanar tar-riżorsi umani tagħha l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea deskritta fil-komunikazzjoni[29] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "Programmar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020" u inkludiet fil-Pjan ta' Stabbiliment tagħha għas-snin li ġejjin l-għadd ta' persunal f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni.

*28 Deċiżjoni 2016-012 tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA tal-15 ta' Marzu 2016 (dokument ta' ref. 2016-024).*
*29 COM(2013) 519 final.*

Huwa previst li d-dawran naturali tal-persunal jew it-tmiem tal-kuntratt ta' impjieg jintużaw għal dan l-iskop skont in-natura tal-kariga li ssir vakanti. F'dan l-istadju huwa diffiċli li jsir ippjanar aktar dettaljat minħabba l-fatt li huwa biss fl-aħħar kwart tal-2017 li sejrin jiġu fi tmiemhom l-ewwel kuntratti ta' impjiegi u dan jippermetti li s-sitwazzjoni tintuża għall-fini ta' skjerament mill-ġdid. Fl-ippjanar, ittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aktar gradi baxxi fiż-żewġ gruppi ta' funzjonijiet sabiex jiġu kkalkolati l-livelli tal-persunal.

Tnaqqis fl-għadd ta' persunal (Aġenti Temporanji) minn 120 fl-2015 għal 118 fl-2016, għal 115 fl-2017 u għal 113 fis-snin 2018-2020 kien rifless fit-tabelli 1 u 2 fl-Anness III.

*Konklużjoni dwar l-evoluzzjoni tar-riżorsi meta mqabbla mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2014-2020*

Ir-riżorsi umani tal-eu-LISA u l-evoluzzjoni tagħhom matul is-snin, inklużi l-pjanijiet għall-perspettiva 2017-2019, kienu riflessi fit-tabelli 1 u 2 fl-Anness III.

# Taqsima III Programm ta' Ħidma għas-Sena 2017

## 1. Sommarju eżekuttiv

Fl-2017, l-eu-LISA sejra tkompli twettaq il-kompiti tagħha kif imnisslin mill-mandat tagħha u tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha kif stabbiliti fl-Istrateġija tagħha għall-perjodu 2014-2020. L-isforzi u r-riżorsi ewlenin sejrin jiġu ddedikati lill-ġestjoni operattiva, il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi fdati lill-Aġenzija. Għall-fini tal-evoluzzjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin eżistenti, sejrin jiġu introdotti kapaċitajiet ġodda u kapaċitajiet miżjuda, bħaż-żieda ta' soluzzjoni tal-AFIS mas-SIS II, sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kummerċjali. Dan sejjer ikun appoġġjat permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjoni flessibbli għall-ittestjar tal-VIS/BMS abbażi tal-istandards tal-industrija, kif ukoll permezz tal-iffinalizzar tal-proġetti dwar is-servizzi kondiviżi u s-servizzi ta' riżerva. Fl-2017, l-Aġenzija sejra timmira li twettaq valutazzjonijiet tal-impatt għal inizjattivi li huma meqjusa bħala neċessarji mill-Aġenzija u li jistgħu jirrikjedu emenda tar-regolament ta' twaqqif tal-Aġenzija, jiġifieri: il-modalità attiva/attiva tal-operazzjonijiet, in-netwerk unifikat u l-proġett ta' Maħżen Virtwali tad-Data.

Sejra tingħata attenzjoni speċifika lill-introduzzjoni tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ li tifforma l-inizjattiva tal-Fruntieri Intelliġenti. L-implimentazzjoni ta' sistema tal-ġestjoni tal-kwalità totali (il-Qafas tal-Valutazzjoni Komuni, imsemmi hawn fuq, li jintroduċi l-kunċett tal-kwalità totali fl-eu-LISA bl-użu ta' approċċ olistiku) sabiex jiġi żgurat li l-aspettattivi u r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati jiġu ssodisfati u li din issir attività għall-Aġenzija kollha.

L-elementi tal-kontinwità tan-negozju u s-sigurtà tas-sistema operattiva sejrin jissaħħu permezz ta' għadd ta' attivitajiet, pereżempju l-introduzzjoni ta' SIEM, filwaqt li l-kapaċitajiet għat-trattament ta' informazzjoni ristretta sejrin jiġu estiżi. Il-garanzija tas-sigurtà fiżika sejra tkun ukoll prijorità

Fir-rigward tar-rekwiżit statutorju li jiġi pprovdut taħriġ lill-iSM dwar l-użu tas-sistemi, l-eu-LISA sejra tkompli telabora t-taħriġ imfassal apposta għall-esperti tal-iSM. L-aġenzija sejra ssaħħaħ aktar is-sħubiji tagħha ma' aġenziji oħrajn billi tiffirma Ftehimiet ta' Ħidma. L-Aġenzija sejra ssaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-attivitajiet tagħha billi twettaq għadd ta' azzjonijiet iddedikati, pereżempju kampanja ta' komunikazzjoni integrata.

Fl-istess ħin, sejrin jitwettqu għadd ta' attivitajiet oħrajn (kemm interni kif ukoll esterni) bil-għan li jappoġġjaw it-twettiq tal-kompiti ewlenin u jiżviluppaw il-prestazzjoni ulterjuri tal-Aġenzija u l-kontribut tagħha lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha.

### *Ġestjoni operattiva tas-sistemi*

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi servizzi lill-Istati Membri fir-rigward tal-VIS/BMS, SIS II u s-sistema EURODAC billi tiżgura l-ġestjoni f'waqtha, effiċjenti u effettiva tagħhom. Hija sejra tiżgura l-ġestjoni operattiva 24/7, inklużi servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet, manutenzjoni korrettiva u adattiva, superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-utenti tal-iSM, software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil, u sejra tikkontribwixxi wkoll permezz ta' testijiet tal-konformità, kif ukoll sejra tiġi pprovduta ġestjoni fil-livell 2 (individwazzjoni tas-soluzzjonijiet interna tal-eu-LISA, konfigurazzjoni, amministrazzjoni tal-bażi ta' data u tiswija ta' servers, netwerks, infrastruttura, posta elettronika, kondiviżjonijiet ta' fajls u kwistjonijiet infrastrutturali oħrajn li ma jeħtiġux l-involviment tal-kuntratturi relatati) tal-infrastruttura tal-IT. Il-bqija tas-

servizzi kondiviżi u ta' riżerva sejrin jiġu implimentati permezz tal-iskjerament ta' infrastruttura ta' riżerva kumplimentari u permezz tal-użu tal-ambjent virtwalizzat.

## *Evoluzzjoni tas-sistemi*

L-evoluzzjoni tas-sistemi sejra tkompli: L-Aġenzija sejra tiffinalizza l-proġett għaż-żieda fil-kapaċità tas-SIS II u l-evoluzzjonijiet funzjonali u legali, filwaqt li ser isiru sforzi sabiex is-SIS II tkun tista' tuża l-AFIS. Sejrin jitkomplew kemm l-adattament tranżazzjonali tal-VIS u tal-BMS, kif ukoll l-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar. Il-kapaċità tal-bażi ta' data tal-BMS sejra tiżdied aktar sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet kummerċjali. L-attivitajiet ta' evoluzzjonijiet tal-EURODAC sejrin jappoġġjaw lill-fornitur tan-netwerk fil-migrazzjoni lejn l-infrastruttura ddedikata għan-netwerk (skont l-Art. 3 tar-Reg. 603/2013 IMFASSAL MILL-ĠDID). Din tinkludi wkoll adattament żgħir u aġġustamenti wara l-implimentazzjoni tar-Regolament IMFASSAL MILL-ĠDID. Fl-aħħar nett, il-kapaċità tar-reġistri tal-EURODAC sejra tittejjeb. Għal dan il-għan, l-AG tal-EURODAC diġà pprovda opinjoni pożittiva għaż-żidiet tal-kapaċitajiet meħtieġa matul l-2015/2016. Bħalissa qiegħed jitwettaq eżerċizzju ta' rfinar minħabba li l-informazzjoni disponibbli tindika li fl-2017 sejra tkun meħtieġa żieda addizzjonali.

Sejjer jiġi implimentat Maħżen Virtwali tad-Data sabiex itejjeb ir-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika. Hawnhekk sejrin jitwettqu valutazzjoni legali u analiżi relatata mal-impatt kummerċjali qabel l-implimentazzjoni.

## *Infrastruttura tan-netwerk u tal-komunikazzjoni*

Sejjer jitwettaq studju tan-netwerk unifikat sabiex janalizza d-disinn tan-netwerk attwali u jipproponi titjib fid-disinn bil-għan li jinkisbu effiċjenza, flessibbiltà u robustezza akbar sabiex ikun jista' jipprovdi servizz aħjar u aktar affidabbli lill-komunitajiet relatati. Barra minn hekk, sejra tiġi żviluppata pjattaforma għall-ittestjar tas-sistemi kummerċjali ewlenin.

## *L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda*

Abbażi tal-adozzjoni pendenti tal-bażi legali neċessarja, l-Aġenzija hija lesta li timplimenta l-attivitajiet ta' żvilupp neċessarji li huma meħtieġa għall-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, li għaliha l-proposta tipprevedi r-riżorsi umani u finanzjarji neċessarji.

## *Sigurtà*

Is-sigurtà tal-organizzazzjoni sejra tkompli tkun prijorità ewlenija għall-Aġenzija. Għal dan l-iskop, l-eu-LISA sejra tħaddem u ttejjeb il-Qafas tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju u tas-Sigurtà tagħha. Ser jiġu żviluppati u implimentati l-għodod neċessarji li jippermettu lill-Aġenzija tiskambja informazzjoni mal-livell Ristrett għall-UE, kif ukoll il-pjattaforma ċentralizzata għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju u l-infrastrutturi ta' SIEM. Il-protezzjoni tal-faċilitajiet tal-eu-LISA sejra tiġi żgurata permezz tal-forniment ta' forza tal-gwardja 24/7. Il-kontrolli tas-sigurtà teknika sejrin jitwettqu f'konformità mal-Pjan Direzzjonali tal-Arkitettura għall-Kontroll tas-Sigurtà Teknika.

## *Protezzjoni tad-data*

Il-protezzjoni tad-data sejra tibqa' qasam importanti. L-UPD sejjer jipprovdi diversi sessjonijiet ta' tagħlim dwar il-protezzjoni tad-data sabiex jintroduċi l-kunċett ta' protezzjoni tad-data mal-membri tal-persunal ġodda u sabiex jiffriska l-għarfien tal-membri tal-persunal attwali. Bħala parti mill-attivitajiet ta' kuljum, l-operazzjonijiet li fihom data personali sejrin jiġu mmonitorjati mill-qrib.

## *Rapportar statutorju*

Ir-rapportar statutorju, kif mitlub mill-mandat legali tal-Aġenzija, sejjer jitkompla skont ir-rekwiżiti eżistenti u l-aħjar prattiki.

## *Il-forniment ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri*

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi taħriġ ta' kwalità għolja mfassal apposta għall-Istati Membri dwar l-użu tas-sistemi ġestiti minnha.

## *Tevolvi bħala Ċentru ta' Eċċellenza*

L-isforzi tal-Aġenzija fl-impetu tagħha lejn stat ta' CoE sejrin ikunu ffokati kemm internament kif ukoll esternament. L-Aġenzija sejra tfittex li tissimplifika aktar il-proċessi interni tagħha u li tiżviluppa aktar il-kwalità tar-riżultati prodotti permezz tal-implimentazzjoni ta' għodod u soluzzjonijiet speċifiċi għall-awtomazzjoni. Dawn sejrin jindirizzaw oqsma bħar-rapportar statutorju u l-ġestjoni operattiva tas-sistemi u n-netwerks (b'mod partikolari l-ġbir ta' informazzjoni statistika avvanzata). Sejjer jitwettaq studju u aktar tard jiġi vvalidat sabiex jiġu abbozzati r-rekwiżiti għal għodda ta' rapportar avvanzata dwar il-KPIs u l-FLS. Sejjer jiġi ddisinjat u implimentat ukoll mudell ta' valutazzjoni tal-maturità.

Fuq id-dimensjoni esterna, l-Aġenzija sejra tkompli bl-eżekuzzjoni u l-konklużjoni ta' Arranġamenti ta' Ħidma ġodda u Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali ma' għadd ta' aġenziji tal-ĠAI (fosthom il-FRONTEX, is-CEPOL, l-EASO, l-Europol, l-FRA u l-Eurojust) sabiex tistabbilixxi sinerġiji u ekonomiji ta' skala. L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa wkoll in-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà diġà stabbilit u sejra torganizza laqgħa ma' UPD ta' aġenziji oħrajn sabiex jiġu skambjati l-esperjenzi u l-aħjar prattiki. L-involviment u l-iskambju mal-industrija sejrin ikomplu permezz tal-monitoraġġ tar-riċerka, laqgħat ta' diskussjoni u konferenzi annwali.

## *L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-aġenzija*

Il-qafas tal-governanza korporattiva tal-Aġenzija sejjer jiġi rivedut u jevolvi bil-għan li jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tiegħu. Barra minn hekk, sejrin jiġu introdotti l-pedamenti ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità. Fl-2017, l-Aġenzija sejra tkompli bl-iżvilupp tal-proċess tal-ippjanar baġitarju tagħha lejn Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività (ABB).

## *Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema*

L-Aġenzija sejra timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi teknoloġiċi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-

interess tagħha kif definit mill-Istrateġija ta' Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka 2015-2017 u fi ħdan il-limiti tal-mandat tagħha. L-implimentazzjoni tagħha sejra titwettaq abbażi tal-Pjan Direzzjonali tal-Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka 2017, li sejjer jinkludi l-attivitajiet relatati mal-iżvilupp possibbli ta' sistemi ġodda (eż. EES) u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti. Il-produzzjoni ta' rapporti biennali sejra tkompli bħas-sena ta' qabel u sejra tiffoka fuq l-oqsma ta' prijorità identifikati fil-Pjan Direzzjonali, possibbilment bl-inklużjoni ta' eżaminazzjoni tal-possibbiltajiet għat-tisħiħ tal-mobbiltà u l-flessibbiltà fil-ġestjoni tas-sistemi, il-ħardwer u l-infrastruttura tal-IT, l-ittestjar bijometriku u strateġiji ta' skjerament tas-sistemi. Sejjer jiġi promoss u jitwettaq skambju attiv mal-imsieħba tal-UE pari sabiex jissaħħu l-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka rilevanti.

## *Sħubiji mal-Istati Membri, mal-Istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn*

Ser ikun hemm żewġ oqsma ta' attività ewlenin li jikkonċernaw is-sħubiji esterni: l-ewwel wieħed huwa li tiġi pprovduta kwalità għolja ta' assistenza fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen permezz ta' kompetenzi fil-funzjonament tekniku ta' SIS II b'enfasi fuq aspetti operattivi u tas-sigurtà. It-tieni wieħed huwa li jiġu implimentati b'mod sħiħ l-attivitajiet previsti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati.

## *Ippjanar strateġiku u operazzjonali*

L-Aġenzija, iffokata kif inhi fuq l-effiċjenza, sejra tottimizza l-proċess tal-ġbir tad-data għall-finijiet tal-ippjanar u r-rapportar. L-organizzazzjoni sejra tkompli tissodisfa r-rekwiżiti legali fl-oqsma tal-ippjanar u r-rapportar. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli ttejjeb u tallinja l-isforzi tal-ippjanar tagħha u l-proċessi l-oħrajn, sabiex b'hekk tnaqqas l-istress fuq ir-riżorsi umani u l-kunflitt possibbli tal-kompiti. Ser issir enfasi fuq il-ħtieġa li l-proċess tal-ippjanar isir sempliċi u aktar effiċjenti permezz tal-introduzzjoni ta' awtomazzjoni, fejn possibbli.

## *Ġestjoni finanzjarja u akkwist*

Fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja, sejjer jiġi eżegwit proġett limitat sabiex il-flussi tax-xogħol ibbażati fuq il-karti jiġu ttrasferiti għal flussi tax-xogħol elettroniċi. L-Aġenzija sejra teżegwixxi l-pjan ta' Akkwist Annwali tagħha u tiffoka fuq it-titjib tal-proċess tal-eżekuzzjoni u l-ippjanar baġitarju. L-Aġenzija għandha l-għan li żżid il-progress fil-qasam tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività. Sa issa, l-istruttura tal-baġit, in-nomenklatura u l-kriterji tal-kollokament baġitarju ġew riveduti kull sena sabiex ikunu jirriflettu aħjar in-natura tan-nefqa u jinġabru fi gruppi skont l-attività.

## *Ġestjoni tal-faċilitajiet*

Fl-2017, l-Aġenzija sejra timxi lejn sede ġodda f'Tallinn u fi Strasburgu Barra minn hekk, l-għodda tal-pjattaforma tal-IT għall-kollaborazzjoni bejn l-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha sejra tiġi ammeljorata, flimkien man-netwerk, is-sistema u l-arkitettura tas-sigurtà. Is-servizzi tal-IT korporattivi sejrin jittejbu u s-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti sejra tissaħħaħ b'karatteristiċi ġodda.

## *Ġestjoni tar-riżorsi umani*

Ir-regolament dwar il-persunal tal-UE u r-regoli tal-persunal intern sejrin jiġu implimentati aktar b'tali mod li l-

persunal jirċievi l-intitolamenti tiegħu fir-rigward tal-pagamenti, il-liv, l-evalwazzjoni u r-riklassifikazzjoni b'mod preċiż u fi żmien xieraq. Il-proċess rilevanti għall-iżgurar tar-reklutaġġ u s-sostituzzjoni f'waqthom tal-persunal minħabba d-dawran naturali sejjer jissaħħaħ aktar u sejjer jitwettaq eżerċizzju ta' evalwazzjoni 360° bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni maniġerjali. Fl-aħħar nett, sejra titfassal politika dwar is-saħħa u s-sikurezza u tinħoloq librerija elettronika.

## *Verifika*

Bil-għan li jiġi żgurat li l-funzjonijiet tal-Aġenzija jiġu eżegwiti kif maħsub, il-kapaċità tal-awditjar intern sejra tipprovdi servizzi ta' konsulenza u awditjar oġġettivi u indipendenti. Sejjer jiġi eżegwit Pjan ta' Awditjar Intern Annwali u jiġi implimentat Programm ta' Titjib u Garanzija tal-Kwalità.

## *Komunikazzjoni esterna u interna*

Sejjer jiġi organizzat avveniment ta' sensibilizzazzjoni annwali fuq skala kbira għall-partijiet ikkonċernati u jiġi implimentat il-Pjan ta' Komunikazzjoni Esterna Annwali kif previst. Bil-għan li ssaħħaħ il-kultura korporattiva tagħha, l-Aġenzija sejra timplimenta Pjan ta' Komunikazzjoni Interna Annwali.

# 2. Attivitajiet

## 2.1. Attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1[30]

### Attivitajiet operattivi

*Ġestjoni operattiva tas-sistemi*

#### *2.1.1. L-iżgurar ta' operazzjonijiet ta' kwalità għolja u mhux interrotti tas-CBS*

**Tip ta' attività**: Operattiva

**Deskrizzjoni:** Il-monitoraġġ 24/7 tas-sistemi kummerċjali ewlenin; il-ġestjoni tal-inċidenti fil-livell 1 u interazzjonijiet mal-iSM u l-faċilitazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-proġetti.

**Valur miżjud:** L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-regolament tat-twaqqif (l-Artikolu 1 (4)) sabiex il-funzjonament tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jinżamm f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għalihom.

**Sfidi ewlenin:** Hawnhekk, l-isfida ewlenija hija li jiġu żgurati servizzi mhux interrotti b'riżorsi limitati disponibbli, meta mqabbla mad-domanda għall-provvista tas-servizzi f'mudell ta' xiftijiet 24/7. Sabiex tindirizza din l-isfida, l-Aġenzija sejra tkompli tiddisinja, timplimenta u ttejjeb is-sistemi xierqa maħsuba biex jimmonitorjaw it-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-prestazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-istatus tan-netwerk u s-sistemi.

---

*30 Din id-distribuzzjoni tal-attivitajiet skont l-Għanijiet Strateġiċi għandha l-għan li turi r-rabta bejn l-attività u l-Għan Strateġiku rilevanti. Hija ma teskludix li attività tista' tappoġġja wkoll il-kisba ta' Għanijiet Strateġiċi oħrajn.*

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet[31] | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett[32] | Baġit 2017[33][34] | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-provvista ta' servizzi u soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-CBS | L-iżgurar ta' operazzjonijiet fil-livell 1/ġestjoni tas-CBS 24/7 ta' kwalità għolja u mingħajr interruzzjonijiet | Operazzjonijiet fil-livell 1/ġestjoni tas-CBS 24/7 ta' kwalità għolja u mingħajr interruzzjonijiet | Konformità mal-FLS | Il-prestazzjoni tal-uffiċċju ta' servizz tissodisfa r-rekwiżiti tal-FLS relatat | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS | 17 | | OIU |

## *2.1.2. Ġestjoni fil-livell 2 tal-infrastruttura tal-IT tas-CBS*

**Tip ta' attività**: Operattiva

**Deskrizzjoni:** L-operazzjonijiet ta' kuljum tal-Infrastruttura tal-IT tas-CBS, li jkopru l-ġestjoni operattiva, il-ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tibdil, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti u l-problemi, attivitajiet ta' manutenzjoni, kontribuzzjoni għat-tħejjija, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-proġetti ġestiti f'unitajiet oħrajn.

**Valur miżjud:** L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-regolament tat-twaqqif (l-Artikolu 1 (4)) sabiex il-funzjonament tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jinżamm f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għalihom.

---

*31 L-eżitu jista' jkun ir-riżultat dirett ta' attività waħda, iżda jista' jkun effett ta' sinerġija ta' żewġ attivitajiet jew aktar.*
*32 Ekwivalenti għall-Full-time (FTE), unità ta' kejl li tindika n-numru ta' sigħat tax-xogħol li tirrappreżenta ħaddiem full-time wieħed matul perjodu ta' żmien fiss. L-FTE jissimplifika l-kejl tax-xogħol billi jikkonverti s-sigħat tal-ammont ta' xogħol fin-numru ta' nies meħtieġa biex jitlesta dak ix-xogħol. L-FTE Dirett jagħti indikazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi umani disponibbli li jaħdmu speċifikament sabiex jiksbu l-objettivi tal-attività. Dan ma jinkludix dawk l-FTEs li jirrigwardaw il-kompiti ta' ġestjoni u lanqas ma jipprova jkopri l-attivitajiet orizzontali/ta' sostenn kollha.*
*33 Fl-Anness 1 tingħata spjegazzjoni dettaljata tal-infiq skont l-attività*
*34 Il-baġit jinkludi l-ispejjeż diretti minbarra kwalunkwe ammont meħtieġ għas-servizzi ta' appoġġ estern taħt it-Titolu 3*

**Sfidi ewlenin:** F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-provvista ta' servizzi u soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-CBS | L-iżgurar ta' tħaddim ta' kwalità għolja u mingħajr interruzzjonijiet tal-infrastruttura tas-CBS | L-Infrastruttura tal-IT tiżgura l-funzjonament xieraq u mhux interrott tas-CBS matul is-sena. Id-disinn u l-implimentazzjoni kontinwa tal-ambjent tal-iżvilupp tan-netwerk | Konformità mal-FLS | L-FLS standard u speċifiċi ssodisfati kompletament | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi | 6[35] | | OIU |

## 2.1.3. *Ġestjoni Operattiva ta' EURODAC*

**Tip ta' attività**: Operattiva

**Deskrizzjoni:** Il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil. Għandu jingħata kuntratt ġdid ta' MWO.

**Valur miżjud:** Is-sistema EURODAC tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjonijiet.

**Sfidi ewlenin:** L-iżgurar li s-sistema titħaddem skont l-aspettattivi kummerċjali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

*35 L-FTEs għal din l-attività huma kondiviżi mal-attività msemmija hawn fuq (2.1.2. L-iżgurar ta' operazzjonijiet ta' kwalità għolja u mhux interrotti tas-CBS)*

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-provvista ta' servizzi u soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-sistema EURODAC | Iż-żamma tal-EURODAC f'ordni ta' tħaddim ottimali | Is-sistema EURODAC titħaddem kif meħtieġ | Konformità mal-FLS tal-EURODAC | L-FLS standard u speċifiċi tal-EURODAC issodisfati kompletament kif deskritt fl-Anness 3 tal-SC: Servizzi Speċifiċi tal-EDAC wara approvazzjoni mill-Istati Membri. | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS | 3.5 | EUR 5,400,000.00 | AMMU |

## 2.1.4. Ġestjoni operattiva tal-VIS

**Tip ta' attività**: Operattiva

**Deskrizzjoni:** Il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil.

**Valur miżjud:** Il-VIS tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjonijiet.

**Sfidi ewlenin:** L-iżgurar li s-sistema titħaddem skont l-aspettattivi kummerċjali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inklużi:

- forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7;

- manutenzjoni korrettiva u adattiva;
- superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil fis-sistema.

L-attività għandha tiżgura li l-VIS tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjonijiet tas-servizz.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-provvista ta' servizzi u soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-iSM jirċievu servizz affidabbli tal-VIS | Iż-żamma tal-VIS f'ordni ta' tħaddim ottimali | Il-VIS titħaddem kif meħtieġ | Konformità mal-FLS tal-VIS | L-FLS standard u speċifiċi tal-VIS issodisfati kompletament | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS | 3.6 | EUR 7,500,000.00 | AMMU |

## 2.1.5. Ġestjoni operattiva tal-BMS

**Tip ta' attività**: Operattiva

**Deskrizzjoni:** Il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil.

**Valur miżjud:** Il-BMS tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjonijiet.

**Sfidi ewlenin:** L-iżgurar li s-sistema titħaddem skont l-aspettattivi kummerċjali u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l- | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

| | objettiv strateġiku | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-provvista ta' servizzi u soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-iSM jirċievu servizz affidabbli tal-BMS | Iż-żamma tal-BMS f'ordni ta' tħaddim ottimali | Il-BMS titħaddem kif meħtieġ | Konformità mal-FLS tal-BMS | L-FLS standard u speċifiċi tal-BMS issodisfati kompletament | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS | 2.1 | EUR 6,000,000.00 | AM MU |

## *2.1.6. Ġestjoni operattiva tas-SIS II*

**Tip ta' attività**: Operattiva

**Deskrizzjoni**: Forniment kontinwu tas-servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, superviżjoni tal-manutenzjoni, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil.

**Valur miżjud:** Is-SIS II tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjonijiet.

**Sfidi ewlenin:** Iż-żieda tad-disponibbiltà tas-SIS II permezz ta':

- tnaqqis tal-interruzzjonijiet mhux ippjanati fis-servizz;
- tnaqqis tan-nuqqas ta' disponibbiltà tal-manutenzjoni operattiva.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-provvista ta' servizzi u soluzzjonijiet affidabbli u | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u | L-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-SIS II | Iż-żamma tas-SIS II f'ordni ta' tħaddim ottimali | Is-SIS II titħaddem kif meħtieġ | Konformità mal-FLS tas-SIS II | L-FLS standard u speċifiċi tas-SIS II | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS | 3.5 | EUR 4,090,000.00 | AM MU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | | effiċjenti tas-sistemi kollha | | | | | issodisfati kompletament kif deskritt fl-Anness 3 tal-SC: Servizzi Speċifiċi tas-SIS II wara approvazzjoni mill-Istati Membri | | | | |

## 2.1.7. Ġestjoni operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-MWO ġdida tas-SIS II)

**Tip ta' attività**: Operattiva

**Deskrizzjoni:** It-tranżizzjonijiet u l-attivitajiet ta' struttura meħtieġa għall-kuntratt ġdid ta' MWO tas-SIS II sabiex ikunu żgurati l-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil.

**Valur miżjud:** Il-forniment tas-servizzi tas-SIS II lill-iSM bil-kwalità xierqa u mingħajr interruzzjonijiet.

**Sfidi ewlenin:** Li jingħelbu l-ostakoli għat-tranżizzjoni bejn iż-żewġ fornituri.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | Jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva | Tittejjeb il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Aġenzija (intranet u extranet) b'pakketti ta' soluzzjonijiet ġodda u t-titjib tal-modularità sabiex jiġu pprovduti servizzi aħjar lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni | Hemm fis-seħħ pakketti ta' soluzzjonijiet ġodda u titjib tal-modularità | Il-perċentwal ta' rappreżentanti tal-AG u tal-BT li jużaw l-għodda tal-anqas darba fix-xahar | 80 % tar-rappreżentanti tal-AG u tal-BT li jużaw l-għodda tal-anqas darba fix-xahar | Rapport dwar l-istħarriġ | 1.4 | EUR 560,000.00 | CSS |

## 2.4.15. Titjib tan-netwerk, tas-sistema u tal-arkitettura tas-sigurtà tal-Aġenzija għal użu korporattiv

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Manutenzjoni u ammeljorament regolari sabiex tiġi appoġġjata l-ħidma tal-Aġenzija.

**Valur miżjud:** Sistema ta' netwerk u arkitettura tas-sigurtà effikaċi sabiex tiġi appoġġjata l-ħidma tal-Aġenzija.

**Sfidi ewlenin:** Jinżamm bilanċ xieraq bejn il-kapaċità disponibbli u l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | Jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva | It-tisħiħ tan-netwerk, tas-sistema u tal-arkitettura tas-sigurtà tal-Aġenzija għal użu korporattiv bil-għan li jiġu pprovduti flessibbiltà, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà | It-titjib tan-netwerk, tas-sistema u tal-arkitettura tas-sigurtà tal-Aġenzija | L-għadd ta' ammeljoramenti/rilaxxi fis-sena | Mill-anqas 2 ammeljoramenti/rilaxxi fis-sena | Rapport dwar l-ammeljoramenti/ir-rilaxxi | 1.4 | EUR 860,000.00 | CSS |

### *2.4.16. Il-provvista u t-titjib tas-servizzi tal-IT korporattivi, kif ukoll il-manutenzjoni meħtieġa għall-iffaċilitar u l-għoti ta' appoġġ lill-persunal tal-eu-LISA*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** It-titjib tas-servizzi tal-IT korporattivi sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tan-negozju.

**Valur miżjud:** Is-servizzi tal-IT korporattivi jappoġġjaw b'mod suffiċjenti lill-persunal tal-eu-LISA.

**Sfidi ewlenin:** Jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' servizz skont il-varjazzjoni fil-ħtiġijiet tan-negozju.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | Jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva | Jiġu żgurati s-servizzi tal-IT xierqa, kif ukoll il-manutenzjoni globali meħtieġa għall-iffaċilitar u l-għoti ta' appoġġ lill-persunal tal-eu-LISA | Is-servizzi tal-IT u l-manutenzjoni globali meħtieġa huma fis-seħħ | Il-konformità tal-ħin tar-rispons għas-servizz mal-FLS (abbażi tal-FLS li jrid jiġi ffirmat fl-2016) | Il-ħin tar-rispons għat-talbiet għas-servizzi kif definit skont l-FLS | Rapporti perjodiċi dwar l-FLS. | 1.5 | EUR 520,000.00 | CSS |

### *2.4.17. L-implimentazzjoni ulterjuri ta' sistema elettronika għall-ġestjoni tad-dokumenti*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet estiżi tas-sistema.

**Valur miżjud:** Id-disponibbiltà ta' għodda suffiċjenti maħsuba biex tappoġġja l-ħtiġijiet kummerċjali tal-eu-LISA.

**Sfidi ewlenin:** L-issodisfar tar-rekwiżiti tekniċi u kummerċjali tal-Aġenzija f'termini ta' kapaċità u volum.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | L-Aġenzija se ttejjeb l-effikaċja tagħha fil-proċessi tan-negozju | Jiżdiedu l-effikaċja u l-effettività tal-proċessi tan-negozju tal-eu-LISA permezz ta' funzjonalitajiet imtejba ta' rkupru u editjar tad-dokumenti | L-amministrazzjoni, l-arkivjar u l-irkupru tad-dokumenti permezz ta' sistema elettronika għall-ġestjoni tad-dokumenti | Perjodu ta' qtugħ tas-sistema għall-ġestjoni tad-dokumenti – | Mhux anqas minn 95 % disponibbiltà tas-sistema | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema | 0.2 | EUR 160,000.00 | CSS |

*Ġestjoni tar-riżorsi umani*

## *2.4.18. L-ipproċessar tal-amministrazzjoni tal-intitolamenti u tal-pagi*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Attivitajiet li jikkostitwixxu kompiti tal-HR ta' kuljum: it-tħejjija u t-trażmissjoni tad-dokumenti riċevuti mill-persunal u rilevanti għall-kalkolu tal-pagi, inklużi intitolament għall-allowances, ir-rimborż tal-ispejjeż, il-bidliet fit-trasportatur, eċċ.

**Valur miżjud:** Jiġu segwiti r-regoli u r-regolamenti li jirrigwardaw il-persunal u jintlaħqu l-aspettattivi tal-persunal fuq materji li jikkonċernaw il-ħlas.

**Sfidi ewlenin:** Dipendenzi esterni. Il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz iffirmat mal-Uffiċċju tal-Paymasters tal-Kummissjoni Ewropea li joffri servizz sħiħ jeħtieġ allokazzjoni ta' żmien regolari u aktar milli mistenni għall-monitoraġġ tal-proċess tal-pagi fir-rigward tal-ħlas tal-intitolamenti individwali, kif ukoll għall-korrezzjonijiet tal-iżbalji umani li jseħħu fil-pagi. L-eu-LISA hija dipendenti fuq il-ħin ta' rispons tal-Uffiċċju tal-Paymasters tal-Kummissjoni Ewropea, li ta' spiss ikun itwal minn ftit jiem jew ġimgħat.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondizzjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet xierqa ta' tagħlim | Il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-Riżorsi Umani, inklużi l-pagi (u l-amministrazzjoni tal-intitolamenti), l-amministrazzjoni tal-liv u l-ħin tax-xogħol, l-iżvilupp tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-eu-LISA, ir-reklutaġġ għas-sostituzzjoni tal- | Il-membri tal-persunal jirċievu l-pagamenti tagħhom fi żmien debitu u fl-ammonti preċiżi | L-amministrazzjoni tal-pagi u tal-intitolamenti titwettaq skont ir-regoli u r-regolamenti tal-persunal | Il-konformità mal-obbligi legali lejn il-persunal fir-rigward tal-ħlas fix-xahar tas-salarji u tal-intitolamenti | Is-salarju preċiż ta' kull xahar jitħallas lill-persunal sal-15-il jum ta' kull xahar. | Rapporti dwar il-pagi | 1.5 | | HRTU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | persunal minħabba d-dawra[47]n naturali tal-persunal (it-tmiem jew it-terminazzjoni ta' kuntratt) | | | | | | | | |

### 2.4.19. *Il-ġestjoni tal-liv u tal-ħin tax-xogħol*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Attivitajiet li jikkostitwixxu kompiti tal-HR ta' kuljum: monitoraġġ tal-intitolamenti għal-liv, verifika tad-dokumenti tal-persunal sottomessi għall-konformità mar-regoli dwar is-suġġett, reġistrazzjoni tal-liv meħud, verifika tad-dokumenti relatati mal-ħin tax-xogħol u kumpens għas-sahra, għax-xogħol bix-xift u għax-xogħol stand-by.

**Valur miżjud:** Konformità mal-obbligi legali lejn il-persunal.

**Sfidi ewlenin:** Amministrazzjoni kumplessa tar-reġistrazzjoni tal-ħin minħabba reġimi tax-xogħol diversi.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill- | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati | Il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-Riżorsi Umani, inklużi l-pagi (u l- | Il-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol b'mod li tiggarantixxi l-prestazzjoni | Il-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-liv titwettaq skont ir-regoli u r- | Il-konformità tal-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-liv mar-regoli u mad-deċiżjonijiet | Il-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-liv titwettaq | Rapporti dwar id-Daxxbord ta' ALLEGRO | 1.5 | | HRU |

47 *Id-dawran naturali tal-persunal huwa l-proporzjon tan-numru ta' impjegati li jħallu organizzazzjoni permezz ta' attrizzjoni, minħabba t-tmiem tal-kuntratt tal-impjieg tagħhom, tkeċċija, jew riżenja matul perjodu għan-numru ta' impjegati fuq paga matul l-istess perjodu.*

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet xierqa ta' tagħlim | amministrazzjoni tal-intitolamenti), l-amministrazzjoni tal-liv u l-ħin tax-xogħol, l-iżvilupp tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-eu-LISA, ir-reklutaġġ għas-sostituzzjoni tal-persunal minħabba d-dawran naturali tal-persunal (it-tmiem jew it-terminazzjoni ta' kuntratt) | ottimali tal-Aġenzija u l-iżgurar li l-persunal jingħata l-liv dovut u neċessarju kollu | regolamenti tal-persunal | tal-eu-LISA dwar is-suġġett | skont ir-Regolamenti tal-Persunal u d-deċiżjonijiet tal-eu-LISA | | | | |

## 2.4.20. *Reklutaġġ u sostituzzjoni tal-persunal*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Ir-reklutaġġ isir f'konformità mar-regoli, il-proċessi u l-proċeduri speċifiċi tal-eu-LISA.

**Valur miżjud:** L-Aġenzija tista' tkompli twettaq il-kompiti tagħha b'mod affidabbli u bla xkiel appoġġjata minn reklutaġġ effikaċi u effettiv mill-HR.

**Sfidi ewlenin:** Ammont limitat ta' applikazzjonijiet minħabba l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-Estonja.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal- | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal- | Il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-Riżorsi Umani, | Iż-żamma ta' livell għoli ta' kompetenzi disponibbli | Ir-reklutaġġ u s-sostituzzjoni tal-persunal minħabba d- | Iż-żmien għas-sostituzzjoni tal-persunal | Is-sostituzzjonijiet tal-persunal | Rapport SMART ta' kull xahar | 0.5 | | HRTU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet xierqa ta' avvanz fil-karriera | inklużi l-pagi (u l-amministrazzjoni tal-intitolamenti), l-amministrazzjoni tal-liv u l-ħin tax-xogħol, l-iżvilupp tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-eu-LISA, ir-reklutaġġ għas-sostituzzjoni tal-persunal minħabba d-dawran naturali tal-persunal (it-tmiem jew it-terminazzjoni ta' kuntratt) | sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-Aġenzija | dawran naturali jitwettqu skont ir-regoli u r-regolamenti tal-persunal | | isiru fi żmien 5 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' avviż ta' post tax-xogħol battal | | | | |

## 2.4.21. *Evalwazzjoni, riklassifikazzjoni u estensjoni tal-kuntratti tax-xogħol tal-persunal*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** L-evalwazzjoni u r-riklassifikazzjoni tal-membri tal-persunal jikkostitwixxu attivitajiet annwali mwettqa f'konformità mar-regoli dwar is-suġġett.

**Valur miżjud:** Konformità mal-obbligi legali lejn il-persunal u l-importanza għall-motivazzjoni tal-persunal, li jikkontribwixxu għaż-żamma tal-persunal.

**Sfidi ewlenin:** Prijoritajiet tax-xogħol kunfliġġenti.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal- | L-allinjament konsistenti tal-Impenn | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż- | Il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal- | Il-membri tal-persunal jirċievu | L-evalwazzjoni u r-riklassifikazzjoni jitwettqu skont ir- | Konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u mar- | Proċess li jrid jitwettaq | Rapporti dwar l-Evalwazzjoni Annwali u l- | 0.5 | | HRTU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet xierqa ta' tagħlim | kompetenzi, il-ħiliet u l-għarfien tal-persunal tal-eu-LISA permezz tal-qafas ta' kompetenza tal-Aġenzija | evalwazzjoni u riklassifikazzjoni ġusti u f'waqthom | regoli u r-regolamenti tal-persunal | regoli ta' implimentazzjoni tal-eu-LISA f'termini tar-regoli u l-iskadenzi vvalutati mill-għadd ta' appelli (reġistru tal-ilmenti skont l-Artikolu 90) | skont ir-regoli ta' implimentazzjoni tal-eu-LISA | Promozzjoni Annwali | | | |

## 2.4.22. *Implimentazzjoni ta' evalwazzjoni 360 grad fl-Aġenzija*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** L-evalwazzjoni 360 grad sejra titwettaq skont il-proċedura adottata u hija maħsuba biex tiżviluppa l-persunal tal-Aġenzija li jaħdmu fil-karigi maniġerjali (Kapijiet tad-Dipartimenti u tal-Unitajiet), karigi li jinvolvu elementi ta' kompiti maniġerjali (Kapijiet ta' Setturi) u persunal esperti fir-rwoli ta' suċċessuri.

**Valur miżjud:** Żvilupp tal-persunal, bil-kundizzjoni li r-rapporti jkunu marbuta mat-taħriġ, skont kif meħtieġ.

**Sfidi ewlenin:** F'każ li l-proċess ma jorbotx ir-rapporti ta' evalwazzjoni mat-taħriġ, fejn meħtieġ, l-objettivi ma jkunux jistgħu jintlaħqu kif mistenni u l-motivazzjoni tal-persunal tista' tonqos.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal- | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar | Il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal-kompetenzi, il-ħiliet u l-għarfien tal-persunal tal-eu-LISA permezz | Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-evolviment tal-kompetenzi tal-persunal | Rapport ta' eżitu komprensiv b'rakkomandazzjonijiet u l-ħtiġijiet tat-taħriġ | L-għadd ta' persunal soġġett għal evoluzzjoni 360 grad | Evalwazzjonijiet 360 grad imwettqa għal mill-inqas 17-il membru | Rapport dwar evalwazzjoni 360 grad (daxxbord ta' ALLEGRO) | 0.5 | EUR 40,000.00 | HRTU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet xierqa ta' tagħlim | tal-qafas ta' kompetenza tal-Aġenzija | | | | tal-persunal tal-eu-LISA (maniġers, persuni b'responsabbiltajiet maniġerjali parzjali u s-suċċessuri potenzjali ta' dawn il-funzjonijiet) u r-rabtiet mat-taħriġ ipprovdut. | | | | |

### *2.4.23. L-iżvilupp ta' dokument ta' politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza u l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali relatat mal-attivitajiet orizzontali*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Din hija attività interdixxiplinarja li tinvolvi lill-persunal tal-eu-LISA responsabbli għall-HR, is-Sigurtà u l-loġistika (l-infrastruttura tal-bini), kif ukoll lill-esperti esterni dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza (inklużi xi aspetti mediċi) sabiex joħolqu dokument ta' politika konsistenti u qafas ta' implimentazzjoni fil-qasam tas-Saħħa u s-Sikurezza fis-servizzi u s-sede kollha tagħha.

**Valur miżjud:** Konformità mal-obbligi legali u l-forniment ta' approċċ komprensiv taħt politika waħda, minflok il-ġbir ta' dokumenti u attivitajiet imxerrdin.

**Sfidi ewlenin:** F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet xierqa ta' tagħlim | Ambjent tax-xogħol san u sikur | It-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-eu-LISA, kif meħtieġ | L-implimentazzjoni ta' Programm ta' Saħħa u Sikurezza Okkupazzjonali tal-eu-LISA | L-adozzjoni tal-Politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza tad-dokument tal-eu-LISA<br><br>Il-perċentwal tal-attivitajiet implimentati mqabbla mal-attivitajiet ippjanati fil-pjan direzzjonali | Mill-anqas 90 % tal-attivitajiet ippjanati fil-pjan direzzjonali għall-2017 huma implimentati mill-Aġenzija. | Dokument dwar il-Politika tas-Saħħa u s-Sikurezza u pjan ta' implimentazzjoni | 0.5 | EUR 50,000.00 | HRTU |

## 2.4.24. *It-tagħlim u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** It-taħriġ isir f'konformità mar-regoli, il-proċessi u l-proċeduri speċifiċi tal-eu-LISA u abbażi tal-ħtiġijiet operattivi.

**Valur miżjud:** L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-kapaċità teknika u l-għarfien tal-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira lill-membri tal-persunal statutorji tagħha sabiex tiggarantixxi l-kontinwità tal-operat u s-sjieda tal-għarfien intern.

**Sfidi ewlenin:** Id-dipendenzi esterni, id-disponibbiltà tal-persunal għall-kors ta' taħriġ estiż u intensiv minħabba skedi tax-xogħol konfliġġenti.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill- | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati | Il-ġestjoni effettiva tas-sistemi | Iż-żamma u l-arrikkiment ulterjuri tal-livell għoli ta' kompetenzi | Jiġu offruti attivitajiet kwalitattivi ta' Tagħlim u Żvilupp | Evalwazzjoni tal-attivitajiet imwettqa; | 80 % sodisfazzjon ġenerali; 90 % tal-ħtiġijiet identifikati | Rapport SMART ta' kull xahar; Rapport trimestrali; L-applikazzjoni | 0.5 | EUR 250,000.00 | HRTU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet xierqa ta' avvanz fil-karriera | | disponibbli sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-Aġenzija | lill-membri tal-persunal | | permezz tal-implimentazzjoni tal-qafas ta' kompetenza fil-qasam tal-ġestjoni tas-sistemi tal-IT koperti | ta' metodoloġiji ta' evalwazzjoni multipli dwar l-għarfien tekniku tal-ġestjoni tas-sistemi | | | |

## 2.4.25. *It-tagħlim u l-iżvilupp għall-ħiliet personali, amministrattivi u maniġerjali*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** It-Tagħlim u l-Iżvilupp isiru f'konformità mar-regoli, il-proċessi u l-proċeduri speċifiċi tal-eu-LISA.

**Valur miżjud**: L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa u żżomm il-persunal tagħha permezz ta' tagħlim kontinwu u opportunitajiet ta' żvilupp professjonali.

**Sfidi ewlenin:** Dipendenzi esterni u d-disponibbiltà tal-persunal għat-taħriġ propost minħabba skedi tax-xogħol konfliġġenti.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz tal-opportunitajiet | L-għoti ta' setgħa lill-persunal tal-eu-LISA għal suċċessjoni u s-sostituzzjoni tal-persunal minħabba d-dawran naturali | Iż-żamma u l-arrikkiment ulterjuri tal-livell għoli ta' kompetenzi disponibbli sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tal-Aġenzija | Jiġu offruti attivitajiet ta' Tagħlim u Żvilupp lill-membri tal-persunal | It-twettiq ta' evalwazzjoni tal-attivitajiet fil-livell tal-persunal li jattendu t-taħriġ u r-rispons mill-Kapijiet tad-Dipartimenti/tal-Unitajiet/tas-Setturi (applikazzjoni tal-analiżi ta' | 80 % sodisfazzjon ġenerali; 90 % tal-membri tal-persunal jattendu mill-inqas attività waħda ta' | Rapport SMART ta' kull xahar; Rapport trimestrali | 0.5 | EUR 400,000.00 | HRTU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | | xierqa ta' avvanz fil-karriera | | | | Kirkpatrick dwar l-użu tal-għarfien miksub (livell 4)); Il-perċentwal ta' membri tal-persunal li jattendu attivitajiet ta' tagħlim | tagħlim u żvilupp. | | | | |

### 2.4.26. Il-ħolqien ta' librerija elettronika tal-eu-LISA

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Il-ħolqien ta' spazju kondiviż fejn jissejvjaw il-membri tal-persunal tal-eu-LISA u li huma jużaw bħala sors ta' informazzjoni dwar l-għarfien miksub matul it-taħriġ tagħhom.

**Valur miżjud:** L-għarfien miksub minn taħriġ estern huwa faċilment aċċessibbli għall-membri tal-persunal kollha.

**Sfidi ewlenin:** Li tiġi garantita l-konsistenza fl-Aġenzija kollha.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdijiet personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati | Sistema ta' ġestjoni tal-għarfien fis-seħħ | Il-ħolqien ta' qafas u strateġija xierqa għall-ġestjoni tal-għarfien għall-Aġenzija | L-implimentazzjoni ta' ġestjoni tal-għarfien tal-eu-LISA permezz ta' librerija elettronika | Il-membri tal-persunal jiġu pprovduti bil-possibbiltà li jsibu faċilment informazzjoni mit-taħriġ estern | Il-librerija elettronika tal-eu-LISA hija disponibbli għall-persunal tal-Aġenzija sabiex tiġi awtorizzata l-kondiviżjoni tal-għarfien fost il-persunal | Il-perċentwal tal-materjal ta' taħriġ riċevut matul it-taħriġ estern iffinanzjat mill-eu-LISA u inkluż fil-librerija għall-użu. | Mill-inqas 75 % tal-materjal ta' taħriġ riċevut matul it-taħriġ estern iffinanzjat mill-eu-LISA huwa inkluż fil-librerija | Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-librerija elettronika | 0.5 | EUR 25,000.00 | HRTU |

*Verifika*

## 2.4.27. *Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Valutazzjoni regolari tar-riskju tal-awditjar b'sostenn għall-ippjanar annwali, awditjar ta' assigurazzjoni fuq il-proċess/is-sistema/l-entità magħżul(a), koordinazzjoni tal-awditjar estern (ECA, IAS), segwitu tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-Maniġment għar-rakkomandazzjonijiet u s-sejbiet tal-awditjar preċedenti.

**Valur miżjud:** It-titjib tal-assigurazzjoni pprovduta lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija dwar l-effettività tal-ġestjoni tar-riskji, il-proċessi u l-proċeduri ta' kontroll u governanza, il-governanza u r-reputazzjoni.

**Sfidi ewlenin:** Nuqqas ta' riżorsi biżżejjed għall-indirizzar tal-appoġġ amministrattiv lill-Awditur Intern u l-assenjazzjonijiet tal-awditjar tal-IT (2 FTE).

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | L-implimentazzjoni sħiħa tal-IA-CM għas-Settur Pubbliku | Il-funzjoni tal-IA tal-Aġenzija sejra tkompli teżamina, tevalwa u tirrapporta b'mod oġġettiv dwar l-adegwatezza tal-kontrolli interni tal-eu-LISA bħala kontribuzzjoni għall-użu xieraq, ekonomiku u effettiv tar-riżorsi tagħha. | Il-korpi ta' tmexxija tal-aġenzija jirċievu assigurazzjoni indipendenti suffiċjenti u f'waqtha | Il-provvista ta' servizzi ta' awditjar u konsulenza oġġettivi u indipendenti maħsuba biex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-Aġenzija | L-implimentazzjoni sħiħa tal-IA-CM għas-Settur Pubbliku | Il-perċentwal tal-ingaġġi għall-awditjar imwettqa kif approvat fil-Pjan ta' Awditjar Intern | Mill-inqas 80 % tal-ingaġġi għall-awditjar isiru kif approvat fil-Pjan ta' Awditjar Intern | Rapport Annwali dwar l-Awditjar Intern (K1-2018) | 0.9 | EUR 13,000.00 | IAC |

### 2.4.28. *Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Attività tal-IAC*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** L-evalwaturi esterni jesprimu opinjoni dwar l-ispettru sħiħ tal-ħidma ta' konsultazzjoni u assigurazzjoni mwettqa bejn Ottubru 2013 u Ġunju 2017 mill-IAC tal-eu-LISA, inkluża l-konformità tagħha mad-definizzjoni ta' Awditjar Intern, mal-Kodiċi tal-Etika u mal-Istandards.

**Valur miżjud:** L-IAC turi lill-partijiet ikkonċernati tagħha li:

- L-IAC hija konformi mad-Definizzjoni tal-Awditjar Intern, mal-Kodiċi tal-Etika u mal-Istandards;
- Ix-xogħol tal-awditjar intern jissodisfa l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati;
- L-IAC iżżid il-valur u ttejjeb l-operazzjonijiet tal-organizzazzjoni;
- Ir-riżorsi għall-IAC jiġu utilizzati b'mod effiċjenti u effettiv.

**Sfidi ewlenin**: In-nuqqas potenzjali ta' identifikazzjoni ta' fornitur xieraq sabiex jappoġġja l-eżerċizzju.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | L-implimentazzjoni sħiħa tal-IA-CM għas-Settur Pubbliku | Il-funzjoni tal-IA tal-Aġenzija sejra tkompli teżamina, tevalwa u tirrapporta b'mod oġġettiv dwar l-adegwatezza tal-kontrolli interni tal-eu-LISA bħala kontribuzzjoni għall-użu xieraq, ekonomiku u effettiv tar-riżorsi tagħha | Il-korpi ta' tmexxija tal-aġenzija jirċievu assigurazzjoni indipendenti suffiċjenti u f'waqtha | Jiġu pprovduti servizzi ta' awditjar u konsulenza oġġettivi u indipendenti maħsuba biex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-Aġenzija. | Hemm fis-seħħ pjan ta' azzjoni li jindirizza s-sejbiet tal-Programm ta' Titjib u Garanzija tal-Kwalità | L-għoti ta' Opinjoni Indipendenti dwar il-Garanzija tal-Kwalità u l-forniment ta' Pjan ta' Azzjoni ddedikat | L-Opinjoni Indipendenti dwar il-Garanzija tal-Kwalità ma tinkludix sejbiet kritiċi, filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jiġi ppreżentat | Rapport Annwali dwar l-Awditjar Intern (K1-2018) | 0.1 | EUR 15,000.00 | IAC |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | fl-aħħar tal-K4 | | | | |

*Komunikazzjoni esterna u interna*

## 2.4.29. It-twassil ta' ġestjoni tal-avvenimenti effiċjenti u effettiva tal-konferenza annwali tal-eu-LISA għall-partijiet ikkonċernati dwar suġġetti ewlenin fl-2017

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** It-tħejjija, l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-avveniment.

**Valur miżjud:** Tinżamm u tittejjeb l-immaġini tal-Aġenzija.

**Sfidi ewlenin:** Il-mira tal-parteċipazzjoni ma ntlaħqitx.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i proġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp u ż-żamma ta' kultura korporattiva b'saħħitha u immaġini pożittiva lill-partijiet ikkonċernati tagħha u lill-istituzzjonijiet tal-UE | L-istabbiliment ta' identità korporattiva koerenti u koeżiva sabiex jinżammu l-perċezzjonijiet pożittivi tal-Aġenzija | Il-promozzjoni u ż-żamma ta' immaġini pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' komunikazzjoni esterna effettiva (inklużi programmi ta' outreach u obbligi | Tissokta l-promozzjoni tal-Aġenzija u tinżamm l-immaġini pożittiva tagħha | L-iżgurar tal-organizzazzjoni tal-avveniment / konferenza ta' sensibilizzazzjoni tal-eu-LISA fuq skala kbira f'konformità mal-ogħla standards possibbli | L-organizzazzjoni b'suċċess tal-avveniment / konferenza ta' sensibilizzazzjoni annwali | Il-kisba tal-parteċipazzjoni fl-avveniment mill-partijiet ikkonċernati rilevanti<br>L-implimentazzjoni ta' stħarriġ dwar is-sodisfazzjon bl-organizzazzjoni tal-konferenza | Il-parteċipazzjoni ta' 70 % tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-avveniment<br>Rata ta' sodisfazzjo | Rapport dwar il-konferenza<br>Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon | 0.4 | EUR 60,000.00 | GCU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | statutorji u legali ta' rapportar) | | | | | n ġenerali ta' aktar minn 70 % bl-organizzazzjoni tal-konferenza | | | | |

## 2.4.30. *Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Komunikazzjoni Esterna*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** Twettiq tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni integrati kif definiti fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Esterna.

**Valur miżjud:** Jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Aġenzija kif mitlub mir-regolament ta' twaqqif (l-Artikolu 27). L-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku kif meħtieġ jew mitlub mill-partijiet esterni f'konformità mal-prinċipji ta' kontabbiltà pubblika u trasparenza, applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Tinżamm u tittejjeb l-immaġini korporattiva pożittiva u koerenti tal-Aġenzija.

**Sfidi ewlenin:** L-okkorrenza ta' avvenimenti imprevedibbli li jheddu l-aspettattivi importanti tal-partijiet ikkonċernati u li jħallu impatt serju fuq il-prestazzjoni tal-Aġenzija, b'mod li jiġġeneraw eżiti negattivi.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l-objettiv strateġiku | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017 | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp u ż-żamma ta' kultura korporattiva b'saħħitha u immaġini pożittiva lill-partijiet ikkonċernati tagħha u lill- | L-istabbiliment ta' identità korporattiva koerenti u koeżiva sabiex jinżammu l-perċezzjonijiet pożittivi tal-Aġenzija | Il-promozzjoni u ż-żamma ta' immaġini pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' komunikazzjoni esterna effettiva (inklużi programmi ta' | Il-komunikazzjonijiet esterni huma ġestiti b'mod raġonevoli u sostenibbli sabiex jappoġġjaw l-immaġini pożittiva tal-eu-LISA | L-iżgurar tat-twettiq kif suppost tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni esterna meħtieġa | L-implimentazzjoni b'mod sodisfaċenti għal kollox ta' Azzjoni ta' Komunikazzjoni Esterna Annwali (inklużi l-iżvilupp u l- | Il-konformità tal-miżuri ta' komunikazzjoni esterna (ir-rata ta' parteċipazzjoni, ir-rata ta' sodisfazzjon, komunikazzjoni) u l-attivitajiet (attivi u reattivi) | Il-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Esterna huwa implimentat skont il- | Rapporti interim u annwali tal-attivitajiet | 1.8 | EUR 1,233,000.00 | GCU |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| istituzzjonijiet tal-UE | | outreach u obbligi statutorji u legali ta' rapportar) | | | modernizzazzjoni tas-sit elettroniku pubbliku, il-pubblikazzjoni tal-pubblikazzjonijiet korporattivi multilingwi obbligatorji, l-implimentazzjoni ta' komunikazzjoni dwar it-tibdil) skont l-iskeda ta' żmien stabbilita | mwettqa u vvalutati f'konformità mal-istadji importanti trimestrali stabbiliti tal-Pjan ta' Azzjoni Annwali dwar il-Komunikazzjoni Esterna 2017 | miżuri u l-azzjonijiet definiti | | | | |

## 2.4.31. *Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna*

**Tip ta' attività**: Orizzontali

**Deskrizzjoni:** It-twettiq tal-attivitajiet u l-avvenimenti annwali kif deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna.

**Valur miżjud:** Kultura organizzazzjonali mtejba. L-effettività miżjuda tal-proċess ta' komunikazzjoni interna li potenzjalment jista' jwassal għal fehim aħjar mill-persunal tad-deċiżjonijiet tal-maniġment.

**Sfidi ewlenin:** Tinżamm u tiġi enfasizzata r-rilevanza tal-komunikazzjoni interna minħabba l-lokazzjonijiet differenti tal-Aġenzija.

| Objettiv strateġiku għall-perjodu 2015-2020 | L-eżitu/i pproġettat(i) li jrid(u) jinkiseb/jinkisbu fi ħdan dan l- | Elementi tal-objettiv strateġiku | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Objettiv tal-attività | Riżultati tal-attività | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | FTE dirett | Baġit 2017[48] | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

48 Il-baġit ta' din l-attività huwa parti mill-baġit għall-komunikazzjoni esterna

| | **objettiv strateġiku** | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp u ż-żamma ta' kultura korporattiva b'saħħitha u immaġini pożittiva lill-partijiet ikkonċernati tagħha u lill-istituzzjonijiet tal-UE | L-istabbiliment ta' kultura korporattiva uniformi fl-Aġenzija kollha. L-Aġenzija għandha fis-seħħ proċess b'saħħtu ta' komunikazzjoni interna | Il-promozzjoni u ż-żamma ta' immaġini pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' komunikazzjoni esterna u interna effettiva (inklużi programmi ta' outreach u obbligi statutorji u legali ta' rapportar) | Il-komunikazzjonijiet interni huma ġestiti b'mod raġonevoli u sostenibbli sabiex jappoġġjaw il-kultura korporattiva tal-eu-LISA | Jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna meħtieġa jitwettqu kif suppost | Il-Pjan ta' Azzjoni Annwali dwar il-Komunikazzjoni Interna huwa implimentat b'mod sħiħ | Konformità tal-attivitajiet imwettqa fl-2017 mal-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna | Il-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna huwa implimentat skont il-miżuri u l-azzjonijiet definiti | Rapport annwali tal-attività | 1.3 | EUR 40,000 | GCU |

# Annessi

## Anness I: L-allokazzjoni tar-riżorsi għal kull Attività [49]

L-isforz totali stmat fir-riżorsi umani (FTEs) marbut mal-objettivi tad-Dokument Uniku ta' Programmar 2017 f'dan l-anness jagħti indikazzjoni raġonevoli tal-allokazzjoni tar-riżorsi umani disponibbli għall-maġġoranza tal-kompiti li jridu jitwettqu mill-Aġenzija fl-2017. Madankollu, il-lista mhijiex eżawrjenti għal kollox, minħabba li ma tipprovax tiġbor l-attivitajiet orizzontali/ta' sostenn kollha. Għalhekk, it-total globali ta' 154.95 FTE kif indikat hawn taħt huwa meħtieġ sabiex jitwettqu l-attivitajiet kollha ppjanati fid-Dokument Uniku ta' Programmar 2017. Ta' min jinnota li ser ikun hemm ukoll numru ta' FTEs esterni disponibbli għall-Aġenzija sabiex jassistu primarjament fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tekniċi li jirrigwardaw il-ġestjoni operattiva tas-sistemi.

Kif meħtieġ mill-Artikolu 68.4 tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija (005-2013), l-SPD iservi bħala deċiżjoni ta' finanzjament għal nefqa operattiva. Madankollu, xi attivitajiet tal-baġit amministrattiv li jikkonsmaw il-baġit huma inklużi fl-SPD għal referenza, minħabba n-natura tal-proġett tagħhom.

*49Billi dan id-dokument qiegħed ikopri l-attivitajiet fl-2017 biss u huwa maħsub għall-ħtiġijiet tal-ippjanar tal-2017, dan l-Anness jinkludi biss l-attivitajiet għas-sena rilevanti.*

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Infiq tal-VIS/BMS** | | | | | | |
| *Attivitajiet tal-proġett* | | | | | | |
| Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS | 3.1 | EUR 8,800,000.00 | Sabiex ikunu żgurati t-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS bil-għan li jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi meħtieġa, jeħtieġ li tiżdied il-kapaċità tal-bażi ta' data tal-BMS. F'każ li l-attività ma tiġix approvata, l-eu-LISA ma tkunx tista' tiggarantixxi l-kapaċità adegwata tal-BMS, li tista' tirriżulta f'nuqqas kritiku ta' riżorsi tekniċi. Skont l-analiżi u l-projezzjoni, Marzu 2018 huwa l-punt fiż-żmien meta tkun meħtieġa l-kapaċità disponibbli għall-ospitar ta' 60 miljun reġistru. Għalhekk, l-attività għandha l-għan li żżid il-kapaċità tal-ħażna tad-data tal-BMS sabiex jiġi evitat kull nuqqas. Hija organizzata f'żewġ passi: fl-ewwel pass, l-ambjent ta' qabel il-produzzjoni tal-BMS jiġi aġġornat sabiex jikkwalifika t-titjib tal-kapaċità qabel jiġu rilaxxati l-bidliet fil-produzzjoni; fit-tieni pass, l-ambjent tal-produzzjoni tal-BMS jittejjeb kif xieraq flimkien mal-validazzjoni tal-bidliet fl-ambjent tal-ittestjar, fejn iż-żieda hija prevista li tkun minn 60 M għal 100 M abbażi tal-istatistika tal-Kunsill.<br>Għal dan il-għan, hija meħtieġa l-akkwiżizzjoni tal-irfinar ta' ħardwer, softwer u l-konsulenza assoċjata għall-implimentazzjoni tas-servizzi. | *2.1.22* | IVA | 2019 |
| L-implimentazzjoni tal-pjattaforma | 2.1 | EUR 5,800,000.00 | Bħalissa, il-VIS u l-BMS la jikkondividu strateġija tal-ittestjar mill-bidu sal-aħħar u lanqas għodod.<br>Din is-sitwazzjoni ma tħallix li jkun hemm kampanja ta' ttestjar trasversali konsistenti. Barra minn hekk, | 2.1.23 | IVA | 2019 |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar | | | l-għodod attwali wrew il-limiti u n-nuqqas ta' adattabbiltà tagħhom minħabba li kienu bbażati fuq soluzzjoni mibnija apposta minn eks kuntrattur tal-iżvilupp ewlieni.<br>In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-iżgurar ta' ttestjar suffiċjenti tal-applikazzjonijiet tal-VIS/BMS.<br>Għalhekk, din l-azzjoni għandha l-għan li tiddefinixxi u timplimenta soluzzjoni ta' ttestjar flessibbli tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar abbażi tal-COTS u l-istandards tal-industrija, li jkopru aspetti funzjonali u mhux funzjonali.<br>Barra minn hekk, hija tinkludi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' bażi ta' data globali u rappreżentattiva tal-ittestjar tal-VIS/BMS, kuntrarju għas-sitwazzjoni attwali fejn jeżistu flimkien żewġ bażijiet ta' data tal-VIS u tal-BMS.<br>Minbarra l-problemi u l-limitazzjonijiet enfasizzati fir-rigward tal-għodod tal-ittestjar attwali mfassla apposta, il-vantaġġi ta' għodda tal-ittestjar flessibbli u standardizzata b'awtomazzjonijiet sejrin iġibu magħhom il-benefiċċji li ġejjin:<br>- ebda dipendenza fuq soluzzjoni proprjetarja u deprezzata (li hija għalja u ineffiċjenti f'termini ta' evoluzzjoni, manutenzjoni u appoġġ);<br>- ammont sinifikanti ta' evoluzzjonijiet previsti jimmiraw għal titjib fil-kapaċità u l-prestazzjoni, li | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETT I | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | jippermetti l-użu mill-ġdid tal-istess sett ta' testijiet awtomatizzati;<br>- l-ittestjar manwali jista' jkun ordinarju, suxxettibbli għall-iżbalji u, għalhekk, isir eżasperanti. L-awtomazzjoni tat-testijiet tippermetti l-eżekuzzjoni tat-testijiet b'interazzjoni tal-utenti limitata ħafna, filwaqt li tiggarantixxi r-ripetibbiltà u l-preċiżjoni. L-eu-LISA ser ikollha aktar kapaċità sabiex ittejjeb kontinwament il-proċess ta' kwalifika minflok tikkonċentra ħafna sforzi sabiex terġa' teżegwixxi x-xenarji tat-testijiet eżistenti;<br>- b'każijiet ta' testijiet awtomatizzati, l-eu-LISA sejra tkun tista' tmexxi kampanji ta' testijiet bir-reqqa għal bidliet iżgħar (bħal manutenzjoni korrettiva/adattiva) u b'hekk tiżgura garanzija tal-kwalità kontinwa u aħjar tas-sistema;<br>- id-dokumentazzjoni u r-rapportar sejrin jiġu ġġenerati awtomatikament;<br>- l-appoġġ estern lill-ħaddiema u d-disponibbiltà jiżdiedu meta jintużaw għodod tal-ittestjar standardizzati.<br>L-implimentazzjoni tal-attività sejra tkun pass sinifikanti lejn l-ittestjar tal-industrijalizzazzjoni u l-awtomazzjoni, kif ukoll lejn il-flessibbiltà u r-rapportar imtejjeb tal-ittestjar. Hija sejra tnaqqas drastikament il-ħin, iżżid l-effiċjenza, tnaqqas l-ispejjeż u tirrappreżenta inqas involviment tal-Kuntrattur għall-kwalifika ta' evoluzzjonijiet ulterjuri. | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-BMS | 1.6 | EUR 2,250,000.00 | Għall-finijiet tat-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali, għandu jsir irfinar tad-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-BMS għall-ammont ta' EUR 3,000,000.00.<br>Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni minn quddiem tal-BMS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistema ċentrali tal-VIS u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi. Din l-attività hija inter-relatata mal-aġġustament tal-Kapaċità Tranżazzjonali tal-VIS u tinkludi:<br>- valutazzjoni tal-utilizzazzjoni tas-sistema wara t-tlestija tat-tnedija globali tal-VIS u rakkomandazzjonijiet għall-aġġustament tranżazzjonali meħtieġ (il-parti tal-BMS);<br>- HW addizzjonali, manutenzjoni u l-ispejjeż tal-liċenzji tal-COTS (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni);<br>- spejjeż addizzjonali tal-liċenzji għall-Morpho (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni);<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-implimentazzjoni (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni) u l-aġġornament tad-dokumentazzjoni kollha;<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-kwalifika tal-bidliet fuq l-ambjenti kollha (inklużi testijiet tal-prestazzjoni tal-VIS-BMS mill-bidu sal-aħħar). | 2.1.19 | IVA | 2019 |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Il-konsolidazzjoni tal-evoluzzjoni kif imwettqa ma' din l-attività sejra tagħti valur miżjud tas-sistema lill-iSM billi tallinja u tottimizza l-kapaċità tal-VIS u tal-BMS mill-bidu sal-aħħar.<br>Minħabba li l-kapaċità attwali tal-BMS kienet ikkalkolata l-aktar abbażi tal-previżjonijiet, wara t-tmiem tat-Tnedija Globali tal-VIS, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk ir-riżorsi komputazzjonali tal-BMS humiex allinjati b'mod sħiħ mal-VIS u mirquma sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Mingħajr evoluzzjoni bħal din, ir-riżorsi komputazzjonali jibqgħu fi skala akbar jew iżgħar meta mqabbla mal-ħtiġijiet reali.<br>Fl-2014 u fl-2015, l-eu-LISA kellha twettaq evoluzzjonijiet kbar tal-BMS, tirtira kompletament l-arkitettura tagħha u tbiddel komponenti ewlenin, sabiex tintroduċi l-iskalabbiltà u tkun tista' żżid il-kapaċità tagħha b'mod effiċjenti sabiex tappoġġja t-tnedija tal-VIS madwar id-dinja. Bħala segwitu, sejra tkun meħtieġa l-evoluzzjoni ulterjuri tal-BMS. Fl-2017, wieħed mill-aspetti pendenti ewlenin li jridu jiġu indirizzati huwa d-distribuzzjoni tranżazzjonali tas-sistema li mhijiex allinjata mal-VIS (u l-iSM), li tipprevjeni lill-iSM milli jużaw is-sistema ċentrali kif suppost. Uħud mir-riżorsi tal-BMS disponibbli għal ċertu tip ta' tranżazzjonijiet mhumiex disponibbli għall-iSM (jiġifieri l-VIS hija ostakolu b'inqas kapaċità tranżazzjonali, li b'hekk tipprevjeni lill-iSM milli jużaw il-kapaċità tal-BMS disponibbli), filwaqt li għal operazzjonijiet oħrajn, il-BMS hija ostakolu (jiġifieri l-VIS kapaċi tipproċessa aktar mill-BMS). | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Din l-attività għandha l-għan li tirfina u tallinja l-BMS mad-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS, li preċedentement kienet allinjata mal-użu tas-sistema ċentrali mill-iSM. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll xi ottimizzazzjonijiet tal-prestazzjoni limitati (pereżempju għall-proċessi kummerċjali kritiċi li għadhom kif ġew identifikati, bħall-ipproċessar u l-ħruġ tat-talbiet għal viża fil-fruntieri) skont ir-rekwiżiti speċifiċi li jridu jiġu ċċarati mal-iSM ladarba s-sistema tintuża fil-fruntieri għal dan il-għan. | | | |
| Aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS | 1.6 | EUR 3,250,000.00 | L-użu proprju tal-VIS mill-iSM, flimkien mal-iffinalizzar tat-tnedija madwar id-dinja, sejrin jeħtieġu adattament u rfinar tal-VIS, hekk kif il-konfigurazzjoni tal-ipproċessar tranżazzjonali tiddependi fuq is-suppożizzjonijiet u l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni (abbażi tal-kontribuzzjonijiet tal-iSM qabel il-bidu tal-operat fl-2011).<br>Għall-finijiet tat-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi, għandu jsir irfinar tad-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS.<br>Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni minn quddiem tal-VIS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistema ċentrali tal-VIS u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi.<br>Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni minn quddiem tal-VIS sabiex id- | 2.1.21 | IVA | 2019 |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistemi Nazzjonali tal-Istati Membri u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi. Din l-attività hija inter-relatata mal-aġġustament tal-Kapaċità Tranżazzjonali tal-BMS u tinkludi:<br>- valutazzjoni tal-utilizzazzjoni tas-sistema wara t-tlestija tat-tnedija globali tal-VIS u rakkomandazzjonijiet għall-aġġustament tranżazzjonali meħtieġ (il-parti tal-VIS);<br>- HW addizzjonali, manutenzjoni u l-ispejjeż tal-liċenzji tal-COTS (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni);<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-implimentazzjoni (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-Produzzjoni u mhux relatati mal-Produzzjoni) u l-aġġornament tad-dokumentazzjoni kollha;<br>- l-ispejjeż tas-servizzi għall-kwalifika tal-bidliet fuq l-ambjenti kollha (inklużi testijiet tal-prestazzjoni tal-VIS-BMS mill-bidu sal-aħħar).<br>Il-konsolidazzjoni tal-evoluzzjoni kif imwettqa ma' din l-attività sejra tagħti valur miżjud tas-sistema lill-iSM billi tallinja u tottimizza l-kapaċità tal-VIS u tal-BMS mill-bidu sal-aħħar. Minħabba li l-kapaċità attwali tal-VIS kienet ikkalkolata l-aktar abbażi tal-previżjonijiet, wara t-tmiem tat-Tnedija Globali tal-VIS, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk ir-riżorsi komputazzjonali tal-VIS humiex mirquma sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Mingħajr evoluzzjoni bħal din, ir- | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | riżorsi komputazzjonali jibqgħu fi skala akbar jew iżgħar meta mqabbla mal-ħtiġijiet reali. | | | |
| Implimentazzjoni tal-Maħżen Virtwali tad-Data sabiex jittejbu r-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika | 1.5 | EUR 905,000.00 | L-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data fil-bidu sejra jkollha l-għan li tistabbilixxi l-pjattaforma teknika u l-awtomazzjoni ta' rapporti tekniċi ta' kuljum, kull ġimgħa u kull xahar għall-funzjonament ta' SIS II, VIS u EURODAC. Skont ir-riżultat tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti f'Livell Għoli dwar l-interoperabbiltà u l-evoluzzjoni tal-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi ġestiti mill-eu-LISA, il-kapaċitajiet tal-pjattaforma jistgħu jintużaw aktar għall-monitoraġġ tal-kwalità tad-data u għall-implimentazzjoni ta' diversi rapporti analitiċi u ta' statistika. In-nefqa hija meħtieġa sabiex jitwettaq l-iżvilupp tas-Softwer tad-DWH, b'mod aktar speċifiku għat-twassil ta':<br>— Rapport standard iddokumentat; Rekwiżiti funzjonali speċifiċi għall-Maħżen Virtwali tad-Data;<br>— mudell ta' data loġika/fiżika;<br>— Dokument dwar id-disinn tal-ETL;<br>- Implimentazzjoni tal-Maħżen Virtwali tad-Data tal-VIS-BMS;<br>- Ittestjar tal-Maħżen Virtwali tad-Data tal-VIS-BMS;<br>- Skjerament tal-Maħżen Virtwali tad-Data tal-VIS-BMS;<br>In-nefqa tinkludi l-appoġġ kollu meħtieġ u relatat mal-konsulenza u l-ħardwer | 2.1.33 | IVA | 2018 |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETT I** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Nefqa totali tal-proġett tal-VIS/BMS* | *9.9* | *EUR 21,005,000.0 0* | | | | |
| | | | | | | |
| *Attivitajiet ta' kuljum* | | | | | | |
| It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tal-VIS/BMS | 2 | | N/A | 2.1.10 | N/A | |
| Ġestjoni operattiva tal-BMS | 2.1 | EUR 6,000,000.0 0 | Sabiex il-BMS tinżamm f'ordni ta' tħaddim ottimali u jiġu assenjati l-attivitajiet ta' manutenzjoni meħtieġa, l-attività hija mitluba li twettaq attivitajiet ikkombinati ta' ġestjoni operattiva u manutenzjoni, inkluż il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil fis-sistema.<br>L-attività għandha tiżgura li l-BMS tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjonijiet. Fl-2015 u fl-2016, il-BMS kienet għaddejja minn titjib kbir fil-kapaċità, li jħalli impatt fuq l-ispejjeż tal-ġestjoni operattiva, pereżempju:<br>- BMS 2.1, li żżid il-kapaċità tranżazzjonali sa 250 % fuq mezzi sinkroniċi u sa 650 % fuq mezzi mhux sinkroniċi. Barra minn hekk, l-eu-LISA tejbet l-ambjenti kollha mhux relatati mal-Produzzjoni. | 2.1.5 | N/A | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETT I | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | - BMS 2.2, li żżid il-kapaċità tal-bażi ta' data minn 24 M reġistru għal 60 M reġistru. Barra minn hekk, fl-2016, l-eu-LISA saħħet il-kapaċità tal-ambjent qabel il-Produzzjoni u l-kapaċità tal-bażi ta' data għal 40 % tal-kapaċità tal-Produzzjoni.<br>- Bidliet kbar oħrajn fil-BMS, bħall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda ta' Riżerva u Arkivju, servers tat-terminal.<br>Dawn l-evoluzzjonijiet ħallew impatt fuq l-ispiża tal-manutenzjoni, l-appoġġ, il-liċenzji u riżorsi addizzjonali. | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġestjoni operattiva tal-VIS | 3.6 | EUR 7,500,000.00 | Sabiex il-VIS tinżamm f'ordni ta' tħaddim ottimali u jiġu assenjati l-attivitajiet ta' manutenzjoni meħtieġa, l-attività hija mitluba li twettaq attivitajiet ikkombinati ta' ġestjoni operattiva u manutenzjoni, inkluż il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, superviżjoni tal-manutenzjoni u assistenza lill-utenti tal-iSM, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil fis-sistema. L-attività għandha tiżgura li l-VIS tipprovdi s-servizz meħtieġ lill-iSM fil-kwalità meħtieġa mingħajr interruzzjoni<br>Mill-2013, il-VIS għaddiet minn ħafna evoluzzjonijiet strutturali u fil-kapaċità kbar li kellhom impatt sinifikanti fuq l-ispejjeż tal-ġestjoni operattiva, pereżempju:<br>- l-Evoluzzjoni tal-VIS, fejn il-kapaċità tranżazzjonali tiżdied minn 60.000 tranżazzjoni fis-siegħa għal 450.000 tranżazzjoni fis-siegħa. Barra minn hekk, l-eu-LISA żammet il-kapaċità tal-ambjent ta' Qabel il-Produzzjoni tal-VIS allinjata mal-kapaċità tal-ambjent tal-Produzzjoni.<br>- iż-Żieda tal-Bażi ta' Data tal-VIS, fejn il-kapaċità tal-Bażi ta' Data tal-Produzzjoni u ta' Qabel il-Produzzjoni tiżdied minn 40 M reġistru għal 100 M reġistru.<br>- Bidliet kbar oħrajn, bħall-implimentazzjoni ta' magna tat-tfittxija ġdida, servers tat-terminal.<br>Dawn l-evoluzzjonijiet affettwaw l-ispiża tal-manutenzjoni, l-appoġġ, il-liċenzji u riżorsi addizzjonali. | 2.1.4 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETT I** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Nefqa totali ta' kuljum* | *7.7* | *EUR 13,500,000.00* | | | | |
| **Total għall-VIS/BMS** | **17.6** | **EUR 34,505,000.00** | | | | |
| | | | | | | |
| **Nefqa tal-EURODAC** | | | | | | |
| *Attivitajiet tal-proġett* | | | | | | |
| Implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tal-EURODAC (migrazzjoni tan-netwerk) | 1 | EUR 190,000.00 | Sabiex l-EURODAC tinżamm f'ordni ta' tħaddim ottimali u jittejjeb aktar it-tħaddim tas-sistema, l-attività hija meħtieġa sabiex il-fornitur tan-netwerk ikun jista' jemigra għall-infrastruttura tan-netwerk iddedikat (skont l-Art. 3 tar-Reg. 603/2013 IMFASSAL MILL-ĠDID). Din tinkludi wkoll adattament żgħir u aġġustamenti wara l-implimentazzjoni tar-Regolament IMFASSAL MILL-ĠDID. | 2.1.24 | LE | |
| Implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tal-EURODAC (titjib tal-kapaċità) | 1.5 | EUR 900,000.00 | L-attività hija meħtieġa għal żieda ddedikata u tallinja l-kapaċità tas-sistema mal-ħtiġijiet tan-negozju. Speċifikament, din tinkludi titjib tal-kapaċità tal-għadd ta' rekords maħżuna fis-sistema ċentrali. L-evoluzzjonijiet tal-kapaċità ppjanati għall-implimentazzjoni matul l-2016 sejrin jippermettu li tintlaħaq kapaċità ta' 7,000,000 reġistru fil-bażi ta' data. Bħalissa għaddejjin attivitajiet ta' kapaċità regolari, bl-Istati Membri jindikaw li sejjer ikun meħtieġ titjib addizzjonali tal-kapaċità fl-2017. Potenzjalment, dan l-ammeljorament sejjer jimmira għal memorja, | 2.1.25 | LE | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | ħażna u bordijiet. L-istima kienet ibbażata fuq l-ammeljoramenti preċedenti riċenti. | | | |
| Riforma tal-EURODAC - bidliet funzjonali u ammeljorament tal-kapaċità (li jridu jitwettqu taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-leġiżlazzjoni rilevanti) | 1.1 | EUR 10,830,000.00 | Mal-approvazzjoni tal-proposta legali li qiegħda tiġi diskussa bħalissa (it-Tfassil mill-Ġdid tal-EURODAC), din l-attività tinkludi l-aġġornamenti funzjonali meħtieġa u l-evoluzzjonijiet tal-EURODAC previsti fil-proposta, kif ukoll id-daqs adegwat tas-sistema sabiex tittratta n-numru akbar ta' tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-funzjonalitajiet ġodda (żieda fil-kapaċità u ammeljoramenti tal-kapaċità). | 2.1.26 | IVA | 2020 |
| L-iżvilupp ta' sistema ġdida għall-mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin (li jrid jitwettaq taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-proposta ta' Dublin IV) | 1.1 | EUR 1,750,000.00 | Fil-proposta legali ġdida ta' Dublin IV li qiegħda tiġi diskussa bħalissa, huwa previst il-ħolqien ta' sistema ġdida għas-segwitu tal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni awtomatika. Din is-sistema sejra tintuża sabiex tikkontrolla r-ridistribuzzjoni tal-applikanti għall-ażil madwar l-UE, abbażi tal-fattur ta' Referenza stabbilit mill-proposta legali. L-eu-LISA sejra tiżviluppa u tħaddem is-sistema ġdida, mal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni mill-koleġiżlaturi. | 2.1.27 | IVA | 2020 |
| *Nefqa totali* | 4.7 | *EUR 13,670,000.00* | | | | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETT I** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| *Attivitajiet ta' kuljum* | | | | | | |
| It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tal-EURODAC għall-Istati Membri | 1 | | N/A | | | |
| Ġestjoni Operattiva tal-EURODAC | 3.5 | EUR 5,400,000.00 | Sabiex ikun żgurat li s-sistema EURODAC titħaddem kif meħtieġ, li l-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-sistema EURODAC u li tinkiseb konformità mal-FLS tal-EURODAC, l-attività hija meħtieġa għall-ġestjoni operattiva tal-EURODAC: in-nefqa tinkludi, pereżempju, il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-iSM, kif ukoll is-software korrettiv, il-ġestjoni tar-rilaxxi u l-ġestjoni tat-tibdil. L-arranġamenti tas-servizzi sejrin isiru bl-għoti ta' kuntratt ġdid għal MWO. | 2.1.3 | N/A | |
| Integrazzjoni ta' DubliNet - ġestjoni operattiva (li trid titwettaq taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata | 0.5 | EUR 500,000.00 | Fil-proposta għal Tfassil mill-ġdid tal-EURODAC, li qiegħda tiġi diskussa bħalissa, huwa previst li l-eu-LISA tassumi l-operat sħiħ ta' DubliNet. L-għan ta' din l-attività huwa li tallinja l-mudell operattiv ta' DubliNet ma' dak tas-sistemi l-oħrajn u li tiżgura l-mudell ta' appoġġ meħtieġ għall-iSM (servizzi ta' PKI, appoġġ operazzjonali u kuntrattwali, l-evoluzzjonijiet meħtieġa, eċċ.). | 2.1.28 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| l-proposta dwar it-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC) | | | | | | |
| *Nefqa totali* | *5* | *EUR 5,900,000.00* | | | | |
| **Total għall-EURODAC** | **9.7** | **EUR 19,570,000.00** | | | | |
| | | | | | | |
| **Nefqa tas-SIS II** | | | | | | |
| *Attivitajiet tal-proġett* | | | | | | |
| It-twassil tas-soluzzjoni tal-AFIS għas-SIS II | 4 | | L-implimentazzjoni tal-AFIS fis-SIS II se tintroduċi funzjonalitajiet ta' "tfittxija ta' marki tas-swaba'" wara li jiġu kkunsidrati kif xieraq il-kapaċitajiet eżistenti b'soluzzjoni avvanzata. Il-proġett ta' implimentazzjoni tal-AFIS huwa previst mill-bażi ġuridika (ART 22. Ċ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI). | **Error! Reference source not found.** | IVA | 2018 |
| L-iffinalizzar tal-proġett sabiex jiżdiedu l-funzjonalitajiet ta' kapaċità/sistema tal-prestazzjoni/irfinar tas-SIS II | 2.25 | EUR 1,705,000.00 | Wara ż-żieda tal-mistoqsijiet u tal-kapaċità matul l-2016, dan il-proġett pluriennali għandu jiġi ffinalizzat billi jiġi pprovdut l-irfinar meħtieġ tas-sistema. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-sistema fis-snin li ġejjin (stmati sal-bidu tal-2020), iż-żieda tal-kapaċità minn 70 miljun reġistru għal minimu ta' 100 miljun reġistru sejra tiġi rfinuta b'implimentazzjonijiet żgħar, kif meħtieġ Il-baġit jikkorrespondi għal 3 implimentazzjonijiet żgħar ta' ottimizzazzjoni | 2.1.16 | IVA | 2017 |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-sistema ċentrali tas-SIS II allinjata mad-domanda ġdida/mibdula tal-utenti | 1.0 | | N/A | 2.1.17 | LE | |
| Ġestjoni operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-MWO ġdida tas-SIS II) | 1 | EUR 500,000.00 | B'kunsiderazzjoni tal-fatt li sejjer jiġi ffirmat kuntratt ġdid ta' MWO, jeħtieġ li jiġi żgurat it-trasferiment bla xkiel minn kuntratt wieħed għall-ieħor minħabba l-kumplessità tal-ġestjoni tas-SIS II. Dan sejjer ikopri t-tranżizzjonijiet u l-attivitajiet ta' struttura meħtieġa għall-kuntratt ġdid ta' MWO tas-SIS II sabiex ikunu żgurati l-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil. Filwaqt li l-estimi attwali jikkunsidraw li l-offerent sejjer iħallas parzjalment l-ispejjeż, iżda jkollu spejjeż ta' natura differenti (trasferiment tal-għarfien, struttura, eċċ.), huwa stmat li parti żgħira mill-ispejjeż trid tkun koperta mill-eu-LISA. Dan huwa relatat ukoll mal-fatt li l-aċċettazzjoni tat-tranżizzjoni hija rekwiżit għall-attivazzjoni tal-pakketti ta' ħidma operazzjonali u fit-tul sabiex ikun hemm il-possibbiltà li, wara t-tranżizzjoni, l-offerent magħżul jista' jġarrab impatt finanzjarju serju jekk iħallas 100 % tal-ispejjeż. Il-kompetizzjoni tista' tiġi | 2.1.7 | IVA | 2018 |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | affettwata jekk aħna nisforzaw lill-offerenti jħallsu 100 % tal-ispejjeż tat-tranżizzjoni. | | | |
| Studju dwar l-interoperabbiltà tas-SIS II ma' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira (l-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi fuq ir-riżultati tal-ħidma tal-HLEG) | 0.50 | EUR 300,000.00 | Studju standard għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira | 2.1.19 | LE | |
| *Nefqa totali* | *8.75* | *EUR 2,505,000.00* | | | | |
| | | | | | | |
| *Attivitajiet ta' kuljum* | | | | | | |
| It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tas-SIS II għall-Istati Membri | 0.4 | EUR 230,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa sabiex ikun żgurat li jiġu pprovduti s-servizzi tal-ittestjar lill-iSM (l-istruttura tal-ambjenti, id-disinn tax-xenarju tat-testijiet, l-eżekuzzjoni tat-testijiet jew il-konsulenza) abbażi tad-domanda. | 2.1.8 | N/A | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-ġestjoni operattiva tas-SIS II | 3.5 | EUR 4,090,000.00 | Sabiex ikun żgurat li s-SIS II titħaddem kif meħtieġ, li l-iSM jirċievu servizz affidabbli tas-SIS II u li tinkiseb konformità mal-FLS tas-SIS II, l-attività hija meħtieġa għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II: in-nefqa tinkludi, pereżempju, il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, manutenzjoni korrettiva u adattiva, is-superviżjoni tal-manutenzjoni u l-assistenza lill-utenti tal-iSM, kif ukoll is-software korrettiv, il-ġestjoni tar-rilaxxi u l-ġestjoni tat-tibdil. | 2.1.6 | N/A | |
| *Nefqa totali* | *3.9* | *EUR 4,320,000.00* | | | | |
| **Total għas-SIS II** | **12.65** | **EUR 6,825,000.00** | | | | |
| | | | | | | |
| **Sistema ta' Dħul/Ħruġ** | | | | | | |
| *Attivitajiet tal-Proġett* | | | | | | |
| L-iżvilupp tal-EES | 14 | EUR 54,520,000.00 | Il-baġit huwa previst għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-proġetti, il-provvista ta' softwer u ħardwer, l-amministrazzjoni, l-iżvilupp tan-netwerk, il-laqgħat u t-taħriġ. | 2.1.32 | **YES** | **2020** |
| **Total għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ** | **14** | **EUR 54,520,000.00** | | | | |
| | | | | | | |
| **Nefqiet tan-netwerk** | | | | | | |
| *Attivitajiet tal-proġett* | | | | | | |
| It-tmexxija ta' studju ta' | 1.5 | EUR 510,400.00 | L-infrastruttura tal-komunikazzjoni eżistenti għas-sistemi kummerċjali ewlenin hija implimentata b'tali | 2.1.30 | LE | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| netwerk unifikat | | | mod li kull sistema kummerċjali għandha l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha. F'ħafna każijiet, dan l-approċċ jirriżulta f'duplikazzjoni tas-servizzi lill-Istati Membri u s-siti ċentrali, li twassal għal ammont ogħla ta' punti ta' aċċess tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, kumplessità akbar tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u flessibbiltà aktar baxxa. Jeħtieġ li jsir studju sabiex jiġu indirizzati dawn id-dgħufijiet tad-disinn attwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u sabiex jiġi identifikat it-titjib possibbli. L-implimentazzjoni tinkludi studju u appoġġ għall-proġett. | | | |
| L-implimentazzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ta' TESTA-ng | 5.4 | | N/A | 2.1.29 | IVA | 2018 |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Introduzzjoni tal-Istatistika tan-Netwerk Avvanzat (l-istadju tal-istudju u tal-ittestjar) | 2.2 | EUR 100,000.00 | Il-mezzi eżistenti tal-eu-LISA għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni u d-disponibbiltà tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni huma limitati ħafna u ma jippermettux il-valutazzjoni u l-validazzjoni tal-prestazzjoni reali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni. Għal din ir-raġuni, għandha tiġi implimentata sistema ta' statistika tan-netwerk avvanzat (l-ewwel parti) li tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni użata mis-sistemi kummerċjali ewlenin kollha (li finalment għandhom jinkisbu fl-2019 wara t-tlestija tagħhom). In-nefqa hija meħtieġa għar-riċeviment ta' konsulenza għall-istudju, għax-xiri aktar tard ta' tagħmir ta' netwerk, liċenzji ta' softwer u servizzi ta' integrazzjoni/implimentazzjoni. | **Error! Reference source not found.** | IVA | 2019 |
| *Nefqa totali* | *9.1* | *EUR 610,400.00* | | | | |
| | | | | | | |
| *Attivitajiet ta' kuljum* | | | | | | |
| L-iżgurar ta' operazzjonijiet ta' kwalità għolja u mhux interrotti tas-CBS | 17 | | N/A | 2.1.1 | N/A | |
| Ġestjoni fil-livell 2 tal- | 6 | | N/A | 2.1.2 | N/A | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETT I | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| infrastruttura tal-IT tas-CBS | | | | | | |
| It-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operattiv ta' riżerva f'St. Johann / Pongau, l-Awstrija | 0.5 | EUR 825,000.00 | Sabiex tiżgura operazzjonijiet fil-livell 1/ġestjoni tas-CBS 24 siegħa kuljum, ta' kwalità għolja u mingħajr interruzzjonijiet, flimkien mal-infrastruttura sottostanti f'każ li tkun meħtieġa, din l-attività hija mitluba li tippermetti liċ-ċentru tad-data ta' riżerva jipprovdi l-possibbiltà li jkopri l-operazzjonijiet 24 siegħa kuljum tal-Infrastruttura tal-IT tas-CBS, inklużi l-ġestjoni operattiva, il-ġestjoni tar-rilaxx u tat-tibdil, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti u tal-problemi, attivitajiet ta' manutenzjoni u l-iffaċilitar tal-eżekuzzjoni tal-proġetti. | 2.1.14 | N/A | |
| Nefqa totali | 23.5 | EUR 825,000.00 | | | | |
| Total għan-Netwerks | 32.6 | EUR 1,435,400.00 | | | | |
| | | | | | | |
| Attivitajiet oħrajn relatati mas-CBS, l-Infrastruttura u l-Operazzjonijiet | | | | | | |
| L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi ta' riżerva kondiviżi (wara t-tlestija tal-ewwel fażi fl-2016) | 1.3 | EUR 2,120,000.00 | Indipendentement mill-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi komuni (CSS), hija meħtieġa attività ta' implimentazzjoni ta' riżerva relatata għar-razzjonalizzazzjoni, minn perspettiva tar-riżorsi tekniċi u finanzjarji, tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru ta' data tal-eu-LISA: infrastruttura ta' riżerva ċentralizzata takkomoda l-ħtiġijiet kollha tal-kapaċità tas-CBS b'mod aktar effiċjenti u effettiv u tottimizza wkoll il-proċeduri ta' ġestjoni ta' riżerva tal-eu-LISA. L-għan huwa li l-karatteristika ta' riżerva, li bħalissa qiegħda tiġi | 2.1.12 | IVA | 2017 |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | skjerata f'approċċ iżolat ("sajlo") fis-CBS kollha, tiġi implimentata orizzontalment f'żewġ fażijiet minħabba limitazzjonijiet baġitarji.<br>L-ewwel fażi (Mhux koperta mill-Kuntratt Qafas għall-Infrastruttura Kondiviża Komuni previst li jiddaħħal fis-seħħ mhux qabel l-aħħar tal-2016) sejra tiġi implimentata fl-2016. Hija sejra tinkludi l-implimentazzjoni ta' infrastruttura skalabbli bażika ġdida ta' riżerva tad-data kondiviża b'kapaċità limitata.<br>Din it-tieni fażi tindirizza l-parti li ma tiġix implimentata fl-ewwel fażi, minħabba limitazzjonijiet baġitarji. Hija sejra tinkludi l-implimentazzjoni tal-kalibrazzjoni tal-kapaċità u l-integrazzjoni tas-softwer. Madankollu, din l-implimentazzjoni mhijiex sejra tinkludi l-interkonnessjoni tas-CBS mal-pjattaforma tas-servizzi kondiviżi. Din l-interkonnessjoni sejra tiġi indirizzata f'kull kuntratt ta' Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO) tas-CBS, bħala evoluzzjoni.<br>Sabiex tiġi ffinalizzata t-tieni fażi ta' dan il-proġett, jeħtieġ li jiġi żgurat finanzjament għal:<br>- ix-xiri ta' infrastruttura ta' riżerva (it-tieni fażi);<br>- il-liċenzji ta' SW;<br>- is-servizzi ta' integrazzjoni / implimentazzjoni. | | | |
| L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas- | 2 | EUR 2,915,900.00 | Għandha tiddaħħal fis-servizz pjattaforma tas-CSS għar-razzjonalizzazzjoni, minn perspettiva tar-riżorsi tekniċi u finanzjarji, tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-data tal-eu-LISA. Hija | 2.1.13 | IVA | 2019 |

| Attivitajiet | FTEs DIRETT I | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| servizzi kondiviżi (wara t-tlestija tal-ewwel fażi fl-2016) | | | għandha twassal sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-ammont ta' tipi differenti ta' implimentazzjonijiet tekniċi, kif ukoll l-approċċ iżolat ("sajlo") fis-Sistemi Kummerċjali Ewlenin (CBS) kollha. Din l-implimentazzjoni mhijiex sejra tinkludi l-interkonnessjoni tas-CBS mal-pjattaforma tas-servizzi kondiviżi. Din l-interkonnessjoni sejra tiġi indirizzata f'kull kuntratt ta' Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO) tas-CBS, bħala evoluzzjoni.<br>In-nefqa tkopri:<br>- Ix-xiri ta' infrastruttura terrestri għas-servizzi kondiviżi;<br>- Liċenzji ta' SW - integrazzjoni/implimentazzjoni tal-ewwel pakkett ta' servizzi kondiviżi;<br>- Manutenzjoni 24 siegħa kuljum;<br>Għal finijiet ta' informazzjoni, is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-Infrastruttura tas-Servizzi Kondiviżi Komuni hija din li ġejja:<br>• F'Settembru 2015 tlesta b'suċċess studju dwar is-Servizzi Kondiviżi Komuni<br>• Barra minn hekk, fl-2015 diġà kienet bdiet l-implimentazzjoni bi gwadann rapidu (l-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tas-CSS) u din mistennija titlesta sa nofs l-2016, li tkopri Servizz Kondiviż Ewlieni wieħed u s-sottoservizzi dipendenti tiegħu, jiġifieri l-aċċess estern għall-għodda tas-Service Manager 9 ITSM għall-kuntratturi.<br>Abbażi tar-riżultati tas-CSSS, huwa previst li jiddaħħal fis-seħħ kuntratt qafas għall-implimentazzjoni ta' Infrastruttura Kondiviża | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Komuni sal-aħħar tal-2016. Fil-kuntest ta' dan l-FwC, l-eu-LISA qiegħda tipprevedi l-implimentazzjoni tal-attivitajiet deskritti. | | | |
| Definizzjoni u implimentazzjoni ta' mudell ta' valutazzjoni tal-maturità għall-Aġenzija | 2.2 | EUR 270,000.00 | Ir-riżorsi huma meħtieġa sabiex ikun jista' jitmexxa studju u jiġi żgurat l-appoġġ għall-proġett relatat bil-għan li jiġi definit u implimentat mudell ta' valutazzjoni tal-maturità għall-Aġenzija (simili għal dawk ibbażati fuq is-CMMI) | 2.2.5 | IVA | 2018 |
| Għodda avvanzata ta' rapportar (studju u validazzjoni) | 2.2 | EUR 300,000.00 | Sabiex tinkiseb konformità sħiħa mal-istandards tal-industrija għall-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM/ITIL) huma meħtieġa t-titjib u l-evoluzzjoni tal-mudell operattiv tal-Aġenzija. B'hekk, wara li jiġu definiti l-FLS (li jispeċifikaw il-mekkaniżmi għar-rapportar u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-livelli tas-servizzi u li dawn jinżammu matul it-termini tal-kuntratt) u l-KPIs (li jkejlu u jikkontrollaw il-prestazzjoni tal-proċessi partikolari), jeħtieġ li tibda l-implimentazzjoni ta' għodda avvanzata ta' rapportar li tippermetti l-kejl u l-evalwazzjoni xierqa tal-proċessi u tas-sistemi tal-Aġenzija. Il-proġett sejjer ikollu 2 fażijiet: studju (analiżi) u validazzjoni/implimentazzjoni. In-nefqa hija meħtieġa għar-riċeviment ta' konsulenza għall-istudju, għax-xiri aktar tard ta' tagħmir ta' netwerk u servizzi ta' integrazzjoni/implimentazzjoni. | **Error! Reference source not found.** | LE | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-istabbiliment tad-disinn tekniku u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma għall-ittestjar tan-netwerk tas-sistemi kummerċjali ewlenin | 2 | EUR 150,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għar-riċeviment ta' konsulenza għall-istudju, għax-xiri aktar tard ta' tagħmir ta' ħardwer, liċenzji ta' softwer u servizzi ta' integrazzjoni/implimentazzjoni. | 2.1.31 | IVA | 2020 |
| It-tisħiħ tal-konsum, tal-konsenji u tal-kapaċitajiet tal-operazzjonijiet permezz ta' allinjament tal-bidliet fis-servizzi | 2.5 | | N/A | 2.1.11 | N/A | |
| It-titjib kontinwu tal-mudell tas-servizz u l-proċess tal-eu-LISA abbażi tal-Aħjar Prattika tal-ITIL u l- | 1.5 | EUR 150,000.00 | Din l-attività sejra tiffoka primarjament fuq it-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-proċess tal-eu-LISA fil-qafas tal-ITSM sabiex il-partijiet ikkonċernati jiġu moqdija aħjar u jintlaħqu livelli ogħla ta' maturità tal-proċess. | 2.2.7 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETT I** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| għodda tal-ITSM integrata | | | | | | |
| Il-proċessi ta' Ġestjoni tal-Portafoll tal-Proġett issimplifikati għal kunsinna effiċjenti. L-evoluzzjoni ulterjuri tal-pjattaforma tal-MSP b'ippjanar integrat, allokazzjoni tar-riżorsi u dipendenzi bejn il-proġetti | 1 | EUR 90,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-iżvilupp ulterjuri tal-proċessi ta' ġestjoni tal-proġetti u għall-evoluzzjoni tal-għodod li jappoġġjaw l-ippjanar tal-proġetti u t-traċċar tal-eżekuzzjoni | 2.2.8 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETT I** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġestjoni ta' bidliet mhux ippjanati fis-CBS | 2 | EUR 200,000.00 | Id-data storika turi li l-ispiża medja ta' bidla mhux ippjanata hija ta' madwar EUR 50,000 u li huma meħtieġa minimu ta' 4 bidliet mhux ippjanati fis-sistemi kull sena. | 2.1.15 | N/A | |
| *Nefqa totali* | *16.7* | *EUR 6,195,900.00* | | | | |
| | | | | | | |
| *Nefqa fuq it-taħriġ dwar is-sistemi* | | | | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali tat-Taħriġ għall-Istati Membri | 2 | EUR 500,000.00 | Skont l-obbligi legali tagħha mir-regolament tat-twaqqif, l-eu-LISA torganizza u tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira lill-esperti mill-Istati Membri (operaturi tal-IT nazzjonali, SIRENE, evalwaturi ta' Schengen).<br>Bl-ammont meħtieġ, l-Aġenzija tkopri l-ispejjeż kollha relatati mat-tħejjija ta' materjal ta' taħriġ ġenerali u l-għoti tat-taħriġ (eż. il-miżati ta' min iħarreġ), kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-apprendisti sabiex jattendu l-korsijiet (eż. akkomodazzjoni, titjiriet).<br>L-ispejjeż għall-ħolqien ta' materjal ta' tagħlim elettroniku u l-ġestjoni tas-sistema amministrattiva tat-tagħlim tal-eu-LISA huma koperti minn dan l-ammont. Hija tkopri wkoll l-ispejjeż kollha relatati mat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' materjal ta' taħriġ tekniku speċifiku (eż. ħidma ta' tħejjija ta' min iħarreġ fuq il-materjal tat-taħriġ, il-miżati ta' min iħarreġ).<br>Fl-aħħar nett, l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni mal-iSM, l-Aġenziji tal-ĠAI u n-Netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali (NCP) tal-eu-LISA għall-kwistjonijiet relatati mat-taħriġ huma koperti minn dan l-ammont ukoll | 2.1.36 | N/A | |
| *Nefqa totali* | *2* | *EUR 500,000.00* | | | | |
| | | | | | | |
| *Nefqa fuq il-monitoraġġ tat-teknoloġija* | | | | | | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Direzzjonali Annwali dwar ir-Riċerka u l-Monitoraġġ tat-Teknoloġija | 1 | EUR 40,000.00 | L-ispejjeż huma neċessarji sabiex jinkiseb l-appoġġ meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Annwali dwar ir-Riċerka u l-Monitoraġġ tat-Teknoloġija | 2.2.9 | N/A | |
| *Nefqa totali* | *1* | *EUR 40,000.00* | | | | |
| | | | | | | |
| *Spejjeż tas-sigurtà* | | | | | | |
| Implimentazzjoni tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni Ristretta għall-UE | 0.2 | EUR 100,000.00 | Din hija meħtieġa sabiex l-informazzjoni ristretta għall-UE tiġi ttrattata b'mod sigur u akkreditat u tiġi skambjata mal-aġenziji tal-ĠAI u mal-Kummissjoni. | 2.1.38 | IVA | 2018 |
| L-implimentazzjoni ta' softwer ta' pjattaforma ċentralizzata għall-ġestjoni tal- | 0.2 | EUR 10,000.00 | Bil-għan li tiġi żgurata r-reżiljenza tas-sistemi u l-proċessi kummerċjali ewlenin għal diżastri, sejjer ikun meħtieġ softwer ta' pjattaforma għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju. Dan jipprevedi l-installazzjoni u l-bidu tat-tħaddim ta' pjattaforma ta' softwer abbażi ta' server. | 2.1.40 | LE | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| kontinwità tan-negozju | | | | | | |
| Implimentazzjoni tas-SIEM fuq is-CBS | 0.4 | EUR 400,000.00 | Sabiex l-informazzjoni u l-avvenimenti ta' sigurtà jiġu ġestiti b'suċċess, l-attività sejra tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-SIEM fuq is-CBS. Din sejra tkopri l-iżvilupp tal-proċessi ta' monitoraġġ tas-sigurtà u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura ta' SIEM (bil-ħardwer u s-softwer inklużi). | 2.1.34 | IVA | 2019 |
| L-implimentazzjoni ta' Pjan Direzzjonali tal-Arkitettura għall-Kontroll tas-Sigurtà Teknika | 0.2 | EUR 400,000.00 | Bil-għan li s-sistemi tal-Aġenzija jiġu protetti mit-theddidiet emerġenti permezz ta' arkitettura adattiva tas-sigurtà teknika u tiġi pprovduta garanzija li s-sistemi kummerċjali ewlenin tal-Aġenzija jipproteġu b'mod effettiv l-informazzjoni li jittrattaw u jiffunzjonaw kif meħtieġ, għandhom jiġu implimentati sett ta' kontrolli tekniċi kif previsti fil-Pjan Direzzjonali tal-Arkitettura għall-Kontroll tas-Sigurtà Teknika. | 2.1.41 | IVA | 2019 |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETT I** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tħaddim u t-titjib tal-Qafas tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà | 8 | EUR 350,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għat-tħaddim u t-titjib tal-Qafas tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà (eż. verifika tal-SMS; valutazzjoni annwali tas-sigurtà esterna; l-ittestjar u l-eżerċitar tal-kontinwità tan-negozju; it-tiġdid tal-liċenzji; u ż-żamma ta' miżuri tas-sigurtà fiżika). | 2.1.37 | N/A | |
| Il-provvista ta' sigurtà fiżika għall-eu-LISA | 0.4 | EUR 1,200,000.0 0 | Sabiex tiġi żgurata l-provvista ta' sigurtà fiżika għall-eu-LISA, in-nefqa hija neċessarja sabiex jiġu organizzati s-servizzi tas-sigurtà meħtieġa. L-ammont huwa neċessarju sabiex jiġi ffinalizzat il-kuntratt attwali (li huwa ppjanat li jiskadi f'nofs l-2017, soġġett għal sejħa għall-offerti ġdida) u sabiex jiġi żgurat li tiġi pprovduta sigurtà fiżika 24/7 għaż-żewġ siti ġodda f'Tallinn (li tibda mill-K4 tal-2017) u fi Strasburgu (matul is-sena 2017 kollha għall-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid). | 2.1.39 | N/A | |
| Eżerċizzju sħiħ ta' rkupru minn diżastru u kontinwità tan-negozju | 1 | | N/A | 2.1.42 | LE | |
| *Nefqa totali* | *10.4* | *EUR 2,460,000.0 0* | | | | |
| | | | | | | |
| *Amministrazzjoni u appoġġ* | | | | | | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-bini l-ġdid f'Tallinn | 0.5 | EUR 120,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u oħrajn (eż. rinnovament, forniment tal-ikel, laqgħat, tindif, rimi tal-iskart, provvisti, posta, loġistika) fil-bini ġdid f'Tallinn. | 2.4.11 | IVA | 2018 |
| L-implimentazzjoni ulterjuri ta' sistema elettronika għall-ġestjoni tad-dokumenti | 0.2 | EUR 160,000.00 | Fir-rigward tas-sistema elettronika għall-ġestjoni tad-dokumenti, l-ammont previst jipprevedi li jkopri l-ispejjeż tal-liċenzjar għal sena waħda (għall-membri tal-persunal u għall-kollaboraturi esterni) u l-provvediment għal pakketti ta' soluzzjonijiet ġodda maħsuba għat-titjib u l-adattament tas-sistema. | 2.4.17 | LE | |
| Titjib tan-netwerk, tas-sistema u tal-arkitettura tas-sigurtà tal-Aġenzija għal użu korporattiv | 1.4 | EUR 860,000.00 | Sabiex jittejbu n-netwerk, is-sistema u l-arkitettura tas-sigurtà tal-Aġenzija għal użu korporattiv, l-ispejjeż ta' din l-attività sejrin ikopru l-ħardwer previst għas-soluzzjonijiet, il-forniment tas-servizzi ta' installazzjoni u implimentazzjoni min-naħa tal-fornitur u l-ispejjeż għall-garanziji u l-manutenzjoni meħtieġa. | 2.4.15 | IVA | 2018 |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp ulterjuri ta' pjattaformi ta' intranet u extranet | 1.4 | EUR 560,000.00 | Għall-iżvilupp ulterjuri tal-pjattaforma intranet u extranet, l-ispejjeż ta' din l-attività sejrin ikopru l-ħardwer previst għal skalabbiltà estiża, il-forniment tas-servizzi ta' installazzjoni u implimentazzjoni min-naħa tal-fornitur u l-ispejjeż għall-garanziji u l-manutenzjoni meħtieġa.<br>Il-parti ewlenija tal-ammont sejra tiġi investita f'soluzzjonijiet imfassla apposta li jfittxu li jtejbu l-kapaċitajiet tal-pjattaforma. | 2.4.14 | IVA | 2018 |
| Il-provvista u t-titjib tas-servizzi tal-IT korporattivi, kif ukoll il-manutenzjoni meħtieġa għall-iffaċilitar u l-għoti ta' appoġġ lill-persunal tal-eu-LISA | 1.5 | EUR 520,000.00 | Il-forniment ta' provvisti tal-IT b'rabta mal-ħtiġijiet kummerċjali ta' kuljum (stazzjonijiet tax-xogħol, telefons, periferali) u l-garanziji u l-manutenzjoni rispettivi. Soluzzjonijiet għat-titjib tal-għoti tas-servizzi tal-uffiċċju ta' servizz tal-IT korporattiva fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-riżoluzzjoni tal-inċidenti u tal-problemi u l-kontinwità tan-negozju. | 2.4.16 | N/A | |
| Rilokazzjoni mill-bini l-antik għal dak ġdid fi Strasburgu | 0.1 | EUR 20,000.00 | L-ispiża ta' din l-attività tkopri s-servizzi meħtieġa għar-rilokazzjoni mill-bini tal-uffiċċju attwali fi Strasburgu għall-bini l-ġdid. | 2.4.13 | LE | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rilokazzjoni mill-bini l-antik għal dak ġdid f'Tallinn | 0.7 | EUR 250,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għar-rilokazzjoni mill-bini l-antik għal dak ġdid f'Tallinn | 2.4.12 | IVA | 2018 |
| It-twettiq ta' diversi sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data | 0.5 | | N/A | 2.2.3 | N/A | |
| L-ospitar tal-laqgħa tan-Netwerk tal-UPD | 0.1 | EUR 14,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-ospitar tal-laqgħa tan-Netwerk tal-UPD. | 2.2.6 | LE | |
| Il-monitoraġġ mill-qrib tan-notifika tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar | 0.4 | | N/A | 2.2.4 | N/A | |
| L-eżekuzzjoni tal-Pjan tal-Akkwist u l-Akkwiżizzjoni | 4 | | N/A | 2.4.1 | N/A | |
| It-titjib tal-ippjanar | 1 | | N/A | 2.4.9 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| baġitarju u l-preċiżjoni tal-implimentazzjoni fil-baġit għall-2017 | | | | | | |
| It-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-akkwisti u finanzjarja | 7.7 | | N/A | 2.4.10 | N/A | |
| It-trasferiment ta' flussi tax-xogħol ibbażati fuq karti għal flussi tax-xogħol elettroniċi bbażati fuq infrastruttura tal-IT korporattiva | 0.3 | EUR 50,000.00 | Fir-rigward tat-trasferiment previst tal-flussi tax-xogħol ibbażati fuq karti għal flussi tax-xogħol elettroniċi bbażati fuq infrastruttura tal-IT korporattiva, l-attività tkopri l-akkwist ta' konsulenza dwar id-disinn tekniku u funzjonali u l-istruttura teknika fil-ġestjoni tal-fluss tax-xogħol tal-IT korporattiva | 2.4.8 | LE | |
| Ippjanar u rapportar annwali | 0.8 | EUR 40,000.00 | Sejjer ikun meħtieġ appoġġ estern li jgħin lill-eu-LISA fil-manutenzjoni tas-sistema tal-KPIs | 2.4.6 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rieżami u aġġornament tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA | 0.2 | EUR 20,000.00 | Sejjer ikun meħtieġ appoġġ estern li jgħin lill-eu-LISA timmodera l-proċess u tipprovdi gwida | 2.4.7 | LE | |
| Il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' Arranġamenti ta' Ħidma u Pjanijiet ta' Kooperazzjoni Annwali fl-oqsma tas-suġġetti rilevanti ma' Aġenziji tal-UE | 1 | | N/A | 2.3.3 | N/A | |
| It-twassil ta' ġestjoni tal-avvenimenti effiċjenti u effettiva tal-avveniment/konferenza ta' sensibilizzazzjoni annwali tal-eu-LISA | 0.4 | EUR 60,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-avveniment/konferenza ta' sensibilizzazzjoni annwali tal-eu-LISA fuq skala kbira għall-partijiet ikkonċernati dwar suġġetti ewlenin fl-2017. | 2.4.29 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETT I** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| fuq skala kbira għall-partijiet ikkonċernati dwar suġġetti ewlenin fl-2017 | | | | | | |
| Appoġġ amministratti v f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi | 1.2 | EUR 420,000.00 | Ir-riżorsi huma meħtieġa għal: l-organizzazzjoni ta' 4 laqgħat statutorji għal kull AG (l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ikliet); spejjeż oħrajn relatati mal-attività tal-membri tal-AG koperti skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-eu-LISA. | 2.4.5 | N/A | |
| Appoġġ amministratti v f'waqtu għall-Bord tat-Tmexxija | 0.8 | EUR 360,000.00 | Ir-riżorsi huma meħtieġa għal: l-organizzazzjoni ta' 2 laqgħat statutorji (l-akkomodazzjoni, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ikliet); spejjeż oħrajn relatati mal-attività tal-membri tal-BT koperti skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-eu-LISA | 2.4.4 | N/A | |
| L-implimentazz joni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità mfassla apposta skont il- | 0.6 | EUR 60,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa sabiex tkopri l-ispejjeż meħtieġa għall-konsulenza fil-qafas tal-istabbiliment ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità. | 2.4.3 | N/A | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ħtiġijiet tal-eu-LISA | | | | | | |
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali għall-Komunikazzjoni Interna | 1.3 | EUR 40,000.00 | Din hija maħsuba biex iżżid l-effettività tal-proċess ta' komunikazzjoni interna li potenzjalment jista' jwassal għal fehim aħjar mill-persunal tad-deċiżjonijiet tal-maniġment | 2.4.31 | N/A | |
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Komunikazzjoni Esterna | 1.8 | EUR 1,233,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għal: il-pubblikazzjoni u t-traduzzjoni tad-dokumenti (estensjoni tal-lingwi uffiċjali li twassal sabiex it-traduzzjonijiet isiru aktar għaljin - huwa previst li jiżdied il-Gaelic (l-Irlandiż); l-implimentazzjoni tal-kampanja ta' komunikazzjoni integrata dwar is-sistemi (speċjalment il-kampanja ta' SISI II) u kompiti ġodda tal-eu-LISA, il-ġestjoni tal-avvenimenti; l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-midja soċjali; avvenimenti ta' viżibbiltà; azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tal-midja, kampanja ġdida ta' promozzjoni tal-bini, possibbli; u aġġornament tas-sit elettroniku | 2.4.30 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati | 0.8 | | N/A | 2.3.1 | N/A | |
| L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Aġenzija bħala osservatur fil-missjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Schengen | 0.8 | | N/A | 2.3.2 | N/A | |
| Il-produzzjoni ta' rapporti tekniċi, operattivi u ta' statistika | 1 | | N/A | 2.1.35 | N/A | |
| Rieżami tal-Mudell ta' Governanza Korporattiva | 0.3 | | N/A | 2.4.2 | N/A | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Implimentazzjoni ta' evalwazzjoni 360 grad fl-Aġenzija | 0.5 | EUR 40,000.00 | Għall-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni ta' 360 grad, huma meħtieġa r-riżorsi sabiex jiġu ingaġġati konsulenti-kowċis professjonali u sabiex dawn jingħaqdu mal-membri tal-persunal li huma lesti li jimlew il-lakuni identifikati permezz tal-eżerċizzju ta' 360 grad. Dan l-eżerċizzju sejjer iservi bħala prototip għall-programm ta' taħriġ tal-eu-LISA li jrid jiġi żviluppat fl-2018. | 2.4.22 | N/A | |
| Evalwazzjoni, riklassifikazzjoni u estensjoni tal-kuntratti tax-xogħol tal-persunal | 0.5 | | N/A | 2.4.21 | N/A | |
| Il-ħolqien ta' librerija elettronika tal-eu-LISA | 0.5 | EUR 25,000.00 | Ir-riżorsi huma meħtieġa għas-servizzi esternalizzati ta' tqassim/disinjatur għall-produzzjoni tal-viżwali u tutorjal b'vidjo edukattiv tal-librerija. | 2.4.26 | LE | |
| L-iżvilupp ta' dokument ta' politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza u l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali relatat mal- | 0.5 | EUR 50,000.00 | Ir-riżorsi huma meħtieġa għall-konsulenti esternalizzati sabiex jgħinu lill-HRTU fl-iżvilupp ta' politika komprensiva tal-eu-LISA dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, inklużi l-KPIs li huma ċertifikabbli u rikonoxxuti mill-istandards tax-xogħol Ewropej u mill-Aġenzija OSHA, li jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-ambjent tax-xogħol. | 2.4.23 | LE | |

| Attivitajiet | FTEs DIRETTI | Riżorsi baġitarji għas-sena n | Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa | Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| attivitajiet orizzontali | | | | | | |
| It-tagħlim u l-iżvilupp għall-ħiliet personali, amministrattivi u maniġerjali | 0.5 | EUR 400,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa sabiex tkopri l-attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp dwar il-ħiliet personali, amministrattivi u maniġerjali relatati mal-iżvilupp tal-persunal statutorju tal-eu-LISA mwettqa abbażi tar-rapporti annwali dwar l-analiżi, l-evalwazzjoni u r-riklassifikazzjoni tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ, kif ukoll ir-rispons riċevut mingħand il-Kapijiet tad-Dipartimenti/l-Unitajiet/is-Setturi tal-Aġenzija fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' żvilupp korporattiv u l-evalwazzjoni tar-rapporti dwar is-sodisfazzjon bit-taħriġ. | 2.4.25 | N/A | |
| It-tagħlim u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT | 0.5 | EUR 250,000.00 | Attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal statutorju tal-eu-LISA dwar il-ħiliet tekniċi mwettqa għall-funzjonament tas-sistemi ewlenin tal-Aġenzija abbażi tar-rapporti annwali dwar l-analiżi, l-evalwazzjoni u r-riklassifikazzjoni tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ, kif ukoll ir-rispons riċevut mingħand il-Kapijiet tad-Dipartimenti/l-Unitajiet/is-Setturi tal-Aġenzija fir-rigward tal-ġestjoni tas-sistemi tal-IT. | 2.4.24 | N/A | |

| **Attivitajiet** | **FTEs DIRETTI** | **Riżorsi baġitarji għas-sena n** | **Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni għan-nefqa** | **Referenza għat-taqsima tal-attivitajiet** | Proġett pluriennali (IVA/LE) | Sena tat-tlestija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-ġestjoni tal-liv u tal-ħin tax-xogħol | 1.5 | | N/A | 2.4.19 | N/A | |
| L-ipproċessar tal-amministrazzjoni tal-intitolamenti u tal-pagi | 1.5 | | N/A | 2.4.18 | N/A | |
| Reklutaġġ u sostituzzjoni tal-persunal | 0.5 | | N/A | 2.4.20 | N/A | |
| Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Attività tal-IAC | 0.1 | EUR 15,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Titjib u Garanzija tal-Kwalità | 2.4.28 | N/A | |
| Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern | 0.9 | EUR 13,000.00 | In-nefqa hija meħtieġa għall-provvista u/jew l-ikkuntrattar tas-servizzi u l-oġġetti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern | 2.4.27 | N/A | |
| *Nefqa totali* | *38.3* | *€5,580,000.00* | | | | |
| | | | | | | |
| **Figuri globali** | **154.95** | **€131,631,300.00** | - | - | | |

# Anness II: Riżorsi Umani u Finanzjarji 2017-2019

## Tabella 1 – Infiq

| Infiq | 2016 | | 2017 | |
|---|---|---|---|---|
| | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
| Titolu 1 | 15,241.,848.00 | 15,241,848.00 | 16,133,700.00 | 16,133,700.00 |
| Titolu 2 | 11,372,000.00 | 11,372,000.00 | 8,382,400.00 | 8,382,400.00 |
| Titolu 3 | 55,654,101.00 | 55,654,10.00 | 128,818,100.00 | 128,818,100.00 |
| **Nefqa totali** | **82,267,949.00** | **82,267,949.00** | **153,334,200.00** | **153,334,200.00** |

*) approprjazzjonijiet ivvotati kif adottati mill-Bord tat-Tmexxija

| INFIQ | Approprjazzjonijiet ta' impenn | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit Eżegwit fl-2015 | Baġit 2016 | Abbozz tal-Baġit 2017 | | VAR 2017 / 2016 | Previst fl-2018 | Previst fl-2019 |
| | | | Talba mill-aġenzija | Previżjoni tal-Baġit | | | |
| **Titolu 1<br>Nefqa fuq il-Persunal** | **12,974,376.17** | **15,241,848.00** | **16,133,700.00** | | **1.06** | **17,365,000.00** | **18,153,000.00** |
| **11 Salarji u allowances** | 11,799,586.46 | 13,860,848.00 | 14,633,210.00 | | **1.06** | 16,101,000.00 | 16,833,000.00 |
| *- li minnhom pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment* | *10,822,279.81* | *12,497,000.00* | *12,512,809.54* | | **1.00** | 13,616,000.00 | 14,092,000.00 |
| *- li minnhom persunal estern* | *977,306.65* | *1,363,848.00* | *2,120,400.46* | | **1.55** | 2,485,000.00 | 2,741,000.00 |
| **12 Nefqa relatata mar-reklutaġġ tal-Persunal** | 25,249.00 | 35 000.00 | 122,250.00 | | **3.49** | 103,000.00 | 108,000.00 |
| **13 Spejjeż ta' Missjoni** | 300 000.00 | 300 000.00 | 330,000.00 | | **1.10** | 278,000.00 | 290,000.00 |
| **14 Infrastruttura soċjo-medika** | 427,264.34 | 646,000.00 | 602,740.00 | | **0.93** | 508,000.00 | 530,000.00 |
| **15 Taħriġ** | 422,276.37 | 400,000.00 | 445,500.00 | | **1.11** | 375,000.00 | 392,000.00 |
| **Titolu 2<br>Nefqa operattiv u infrastrutturali** | **18,254,187.52** | **11,372,000.00** | **8,382,400.00** | | **0.74** | **11,008,000.00** | **10,877,000.00** |
| **20 Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati** | 13,761,369.41 | 4,985,000.00 | 1,412,500.00 | | **0.28** | 1,896,000.00 | 1,929,000.00 |
| **21 Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni** | 1,725,200.87 | 1,550,000.00 | 1,500,000.00 | | **0.97** | 1,961,000.00 | 1,847,000.00 |
| **22 Proprjetà mobbli u spejjeż assoċjati** | 46,560.92 | 200 000.00 | 420,000.00 | | **2.10** | 549,000.00 | 497,000.00 |
| **23 Nefqa amministrattiva kurrenti** | 232,761.61 | 385,000.00 | 345,000.00 | | **0.90** | 453,000.00 | 426,000.00 |
| **24 Posta / Telekomunikazzjoni** | 28,500.00 | 35 000.00 | 30 000.00 | | **0.86** | 39,000.00 | 37,000.00 |
| **25 Spejjeż tal-laqgħat** | 226,219.20 | 280,000.00 | 491,900.00 | | **1.76** | 642,000.00 | 611,000.00 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **26 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet** | 460,120.50 | 400,000.00 | 1,233,000.00 | | **3.08** | 1,612,000.00 | 1,542,000.00 |
| **27 Servizzi Esterni ta' Appoġġ** | 1,016,234.86 | 2,567,000.00 | 1,650,000.00 | | **0.64** | 2,157,000.00 | 2,213,000.00 |
| **28 Sigurtà** | 757,220.15 | 970,000.00 | 1,300,000.00 | | **1.34** | 1,699,000.00 | 1,775,000.00 |
| **Titolu 3 Nefqa operattiva** | **39,095,805.45** | **55,654,101.00** | **128,818,100.00** | | **2.31** | **169,010,660.00** | **226,107,710.00** |
| **Infrastruttura ta' Sistemi Kondiviżi** | 962,913.37 | 7,032,000.00 | 8,701,300.00 | | **1.24** | 12,475,950.00 | 9,646,000.00 |
| **SIS II** | 2,164,747.20 | 10,708,931.00 | 6,825,000.00 | | **0.64** | 30,772,710.00 | 9,157,710.00 |
| **VIS** | 24,156,158.69 | 30,882,134.00 | 34,505,000.00 | | **1.12** | 24,554,000.00 | 38,978,000.00 |
| **EDAC** | 5,630,822.44 | 3,204,884.00 | 19,570,000.00 | | **6.11** | 15,678,000.00 | 8,560,000.00 |
| **Sistema ta' Dħul / Ħruġ** | | | 54,520,000.00 | | | 57,463,000.00 | 144,143,000.00 |
| **Servizzi ta' Appoġġ Estern relatati mas-Sistemi Ewlenin** | 1,921,954.43 | 2,546,152.00 | 3,518,800.00 | | **1.38** | 4,600,000.00 | 4,600,000.00 |
| **Laqgħat u Missjonijiet relatati ma' Servizzi Ewlenin** | 510,110.00 | 540,000.00 | 428,000.00 | | **0.79** | | |
| **Taħriġ relatat mal-operazzjonijiet** | 781,605.88 | 740,000.00 | 750,000.00 | | **1.01** | | |
| **Sistemi Ġodda** | 2,967,493.44 | 0.00 | | | | 23,467,000.00[50] | 11,023,000.00 |
| **NEFQA TOTALI** | **70,324,369.14** | **82,267,949.00** | **153,334,200.00** | **0.00** | **1.86** | **197,383,660.00**[51] | **255,137,710.00** |

*50 Il-baġit taħt din il-linja baġitarja jirrifletti l-baġit għas-sistema ETIAS*

*51 Il-baġit totali jirrifletti l-baġit stmat mill-eu-LISA għas-snin sal-2020, flimkien mal-kompiti addizzjonali soġġetti għall-adozzjoni tal-bażi legali rispettiva*

# Tabella 2 – Dħul

| Dħul | 2016 | 2017 |
| --- | --- | --- |
| | Dħul stmat mill-aġenzija | Previżjoni tal-Baġit |
| Kontribuzzjoni mill-UE | 80,022,000.00 | 153,334,200.00 |
| Dħul ieħor | 2,245,949 | p.m. |
| **Dħul totali** | **82,267,949.00** | **153,334,200.00** |

| DĦUL | 2015 | 2016 | 2017 | | VAR 2018 /2017 | Previst fl-2018 | Previst fl-2019 |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| | Baġit Eżegwit | Dħul stmat mill-aġenzija | Kif mitlub mill-aġenzija | Previżjoni tal-Baġit | | | |
| 1 DĦUL MINN MIŻATI U IMPOSTI | | | | | | | |
| 2. KONTRIBUZZJONI MILL-UE | 67,262,000.00 | 80,022,000.00 | 153,334,200.00 | | 1.29 | 197,383,660.00 | 255,137,710.00 |
| li minnhom, Amministrattivi (Titolu 1 u Titolu 2) | | | | | | | |
| li minnhom, Operattivi (Titolu 3) | | | | | | | |
| li minnhom, dħul assenjat li jirriżulta mill-bilanċi favorevoli tas-snin preċedenti | | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **3 KONTRIBUZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI (inkl. pajjiżi tal-EFTA u pajjiżi kandidati)** | 643,800.00 | 2,245,949.00 | | | | | |
| **li minnhom, EFTA** | *643,800.00* | *2,245,949.00* | | | | | |
| **li minnhom, Pajjiżi Kandidati** | | | | | | | |
| **4 KONTRIBUZZJONIJIET OĦRAJN** | 3,350,423.00 | | | | | | |
| **li minnhom, ftehim ta' delega u għotjiet ad hoc** | | | | | | | |
| **li minnhom, finanzjament tal-UE addizzjonali li joriġina mill-Art. 6 (2) tal-ftehimiet ta' delega tal-AFR** | *3,350,423.00* | | | | | | |
| **5 OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI** | | | | | | | |
| **6 DĦUL MINN SERVIZZI PPROVDUTI BI ĦLAS** | | | | | | | |
| **7 KORREZZJONI TAL-IŻBILANĊI BAĠITARJI** | | | | | | | |
| **DĦUL TOTALI** | **71,256,223.00** | **82,267,949.00** | **153,334,200.00** | **0.00** | **1.29** | **197,383,660.00** | **255,137,710.00** |

# Tabella 3 – Eżitu tal-baġit u kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet

| Eżitu tal-baġit | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|
| Dħul effettivament riċevut (+) | 19,000,000.00 | 57,192,205.94 | 71,256,222.97 |
| Pagamenti magħmula (-) | - 17,754,616.76 | - 48,890,014.44 | - 59,374,948.00 |
| Riport ta' approprjazzjonijiet (-) | - 6,622,021.30 | - 15,462,804.56 | - 22,002,810.00 |
| Kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet riportati (+) | 2,627,863.24 | 1,690,194.29 | 10,690,034.00 |
| Aġġustament għar-riport tal-approprjazzjonijiet tad-dħul assenjat mis-sena ta' qabel (+) | | 874.84 | |
| Differenzi fir-rati tal-kambju (+/-) | 19.74 | - 1,561.15 | - 820.00 |
| Aġġustament għall-bilanċ negattiv mis-sena ta' qabel (-) | | - 2,748,755.00 | - 8,219,860.00 |
| Total | - 2,748,755.08 | - 8,219,860.08 | - 7,652,181.03 |

# Anness III:

L-ippjanar tar-riżorsi umani matul it-terminu ta' dan il-pjan pluriennali: 2017-2019 jieħu f'kunsiderazzjoni l-karigi approvati mill-Bord ta' Tmexxija għall-kompiti ġodda jew addizzjonali fir-rigward tal-Programm ta' Ħidma 2016 u d-Dokument Uniku ta' Programmar 2017 u t-tnaqqis mistenni tal-persunal.

It-tabella 1 ta' hawn taħt tippreżenta l-għadd ta' persunal maqsuma skont il-kategorija u l-grupp ta' funzjonijiet billi tagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fis-snin 2014-2016 u l-pjanijiet għas-snin 2017-2019. Minn fost il-138 kariga totali awtorizzati fl-2015 (120 kariga ta' AT, 12-il kariga ta' AK u 6 karigi ta' ENS) fl-aħħar tas-sena, 3 karigi ta' AT saru vakanti, li jħallu total ta' 135 kariga okkupati fil-31.12.2015. Ir-reklutaġġ rilevanti għas-sostituzzjoni ta' dawn il-postijiet tax-xogħol vakanti beda u sejjer jitlesta fl-2016.

B'mod ġenerali, it-tabella turi żieda fl-għadd ta' persunal għall-proġetti ġodda, l-EES u t-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC, kif ukoll, fl-istess ħin, tnaqqis fl-għadd ta' karigi minħabba t-tnaqqis ta' karigi b'5 %. Fit-tabella hija riflessa wkoll żieda fl-għadd totali ta' karigi fl-2016 minħabba l-karigi addizzjonali għall-Aġenti Kuntrattwali (AK), kif ukoll il-karigi ġodda għal AK ippjanati għall-2017.

In-numri ppreżentati fil-parentesi juru l-karigi ta' aġenti kuntrattwali għal perjodu ta' żmien qasir, li nħolqu grazzi għall-iffrankar baġitarju fl-2014 u li kienu qegħdin jissodisfaw l-iskop li jindirizzaw il-ħtiġijiet urġenti tal-persunal b'rabta mal-kompiti mwettqa jew li jissostitwixxu membru tal-persunal li jkun fuq liv fit-tul.

# Tabella 1 – Il-popolazzjoni tal-persunal u l-evoluzzjoni tagħha; Ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal

| Popolazzjoni tal-persunal | | Effettivament impjegati fil-31.12.2014 | Awtorizzati taħt il-baġit tal-UE għas-sena 2015 | Effettivament impjegati fil-31.12.2015 | Awtorizzati taħt il-baġit tal-UE għas-sena 2016 | Fl-abbozz ta' baġit għas-sena 2017 | Previst fl-2018 | Previst fl-2019 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali | AD | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | AST | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | AST/SC | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AT | AD | 74 | 75 | 73 | 74[52] | 88[53] | 87[54] | 87 |
| | AST | 45 | 45 | 44 | 44[55] | 43[56] | 42[57] | 42 |
| | AST/SC | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total | | 119 | 120 | 117 | 118 | 131 | 129 | 129 |

*52 Din il-figura tinkludi tnaqqis ta' kariga waħda fil-kuntest tat-tnaqqis tal-persunal b'5 % matul il-perjodu 2013-2017*

*53 Din il-figura tinkludi tnaqqis ta' kariga waħda fil-kuntest tat-tnaqqis tal-persunal b'5 % matul il-perjodu 2013-2017 u żieda bi 13-il kariga għall-EES u 2 karigi għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac.*

*54 Din il-figura tinkludi tnaqqis ta' kariga waħda fil-kuntest tat-tnaqqis tal-persunal b'5 % matul il-perjodu 2013-2017.*

*55 Din il-figura tinkludi tnaqqis ta' kariga waħda fil-kuntest tat-tnaqqis tal-persunal b'5 % matul il-perjodu 2013-2017.*

*56 Din il-figura tinkludi tnaqqis ta' kariga waħda fil-kuntest tat-tnaqqis tal-persunal b'5 % matul il-perjodu 2013-2017 u tnaqqis ta' kariga waħda għall-grupp tal-iskjerament, kif ukoll żieda b'kariga waħda għall-EES.*

*57 Din il-figura tinkludi tnaqqis ta' kariga waħda fil-kuntest tat-tnaqqis tal-persunal b'5 % matul il-perjodu 2013-2017.*

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AK GFIV | 5[58] | 6 (+2)[59][60] | 8[61] (+3)[62] | 19[63] (+3)[64] | 26[65] | 26+14[66] | 40 |
| AK GF III | 1[67] | 2 | 1[68] | 1 (+1)[69] | 3[70] | 6[71] | 6 |
| AK GF II | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| AK GFI | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

*58 Din il-figura tinkludi kariga waħda għal Uffiċjal ta' Kollegament, li kienet aġġornata minn FG III għal FG IV permezz tad-Deċiżjoni tal-ED 03-2014 tas-17.01.2014.*

*59 Din il-figura tinkludi, fil-parentesi, 2 karigi għal perjodu ta' żmien qasir (tul ta' sentejn + sentejn) għall-Uffiċjali tal-Akkwist skont id-Deċiżjoni tal-ED Nru 32-2014 tas-17.06.2014.*

*60 In-numri jirriflettu s-sitwazzjoni reali. L-aġent kien ingaġġat biss f'Diċembru 2015 minħabba li f'dak iż-żmien kien mistenni li l-leġiżlazzjoni dwar l-EES (Fruntieri Intelliġenti) tkun disponibbli fil-bidu tal-2016. It-tnaqqis fl-FTE kien dovut għall-fatt li t-tluq fl-HRTU fl-ewwel nofs tal-2016 għamilha neċessarja li jiġu riallokati temporanjament il-kompiti fl-Unità.*

*61 Din il-figura tinkludi kariga waħda għal Uffiċjal ta' Kollegament, li ġiet aġġornata minn FG III għal FG IV permezz tad-Deċiżjoni tal-ED 03-2014 tas-17.01.2014 u kariga waħda għal Assistent tal-HR/Assistent tar-Reklutaġġ għat-tħejjija tal-Fruntieri Intelliġenti (approvata mid-deċiżjoni tal-BT tal-eu-LISA tal-11.04.2015).*

*62 Din il-figura tinkludi, fil-parentesi, 2 karigi għal perjodu ta' żmien qasir għal Uffiċjali tal-Akkwist u kariga waħda għal perjodu ta' żmien qasir għall-Uffiċjal Amministrattiv (tul ta' sentejn + sentejn). Bħal fin-nota f'qiegħ il-paġna Nru 28.*

*63 Din il-figura tirrappreżenta 11-il kariga addizzjonali (8+7+4=19) meta mqabbla mal-2015: 6 karigi għall-amministraturi tan-Netwerk, kariga waħda għall-Ispeċjalista tal-Kontinwità tan-Negozju Korporattiv (approvata permezz tad-deċiżjoni tal-BT tal-eu-LISA tal-11.04.2015), kif ukoll 4 karigi għall-EURODAC li kienu allokati mill-2016 permezz tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA tat-18.11.2015 abbażi tad-dokument 2015-180.*

*64 Id-deċiżjonijiet tal-BT dwar dawn il-karigi ta' AK ittieħdu wara li saru l-estimi tal-baġit għall-2016 u l-MSPP 2016-2018 bil-pjanijiet tal-persunal għall-2016. Għalhekk, dan id-dokument jirrifletti l-bidliet li seħħew matul l-2015 u l-2016 u li jaffettwaw l-ippjanar u s-sitwazzjoni fl-2016.*

*65 Dan in-numru jinkludi 2 karigi addizzjonali għall-proġett AFIS tal-SIS II wara d-deċiżjoni tal-BT Nru 2016-024 u 2 karigi li nħolqu fl-2016 permezz tad-deċiżjoni tal-ED Nru 45-2016 (Inġinier tas-Sistema fis-CSS u Uffiċjal tal-Politika fl-Uffiċċju ta' Kollegament). Il-karigi li fis-snin li għaddew ġew iffinanzjati mill-iffrankar fil-baġit (irrappreżentat fil-parentesi) għandhom jiġu kkunsidrati għall-allokazzjoni tal-baġit.*

*66 Din il-figura tinkludi 14-il kariga addizzjonali li huma ppjanati fid-Dokument Uniku ta' Programmar 2018.*

*67 Din il-figura tinkludi aġġornament ta' kariga waħda minn FG III għal FG IV permezz tad-Deċiżjoni tal-ED 03-2014 tas-17.01.2014 bħal fin-nota Nru 27 f'qiegħ il-paġna.*

*68 Jekk jogħġbok ara n-nota Nru 47 f'qiegħ il-paġna għall-kariga aġġornata.*

*69 Din il-figura tinkludi, fil-parentesi, kariga waħda għal perjodu ta' żmien qasir (għal bejn wieħed u ieħor 11-il xahar) sabiex tiġi sostitwita persuna fuq liv fit-tul.*

*70 Din il-figura tinkludi kariga addizzjonali waħda maħluqa fl-2016 permezz tad-deċiżjoni tal-ED Nru 45-2016 għall-Assistent għall-Kap tal-GCU.*

*71 Din il-figura tinkludi 3 karigi addizzjonali li huma ppjanati fid-Dokument Uniku ta' Programmar 2018*

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AK totali | 6 | 8 (+2) | 9 (+3) | 20 (+4) | 29 | 29+17 = 46 | 46 |
| ENS | 5 | 6 | 6 | 8 | 8 | 11[72] | 11 |
| Fornituri ta' servizzi strutturali | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTAL | 130 | 134 (+2) | 132 (+3) | 146 (+4) | 168 | 186 | 186 |
| Persunal estern għal sostituzzjoni okkażjonali | 0 | | | 1 | | | |

*72 Din il-figura tinkludi kariga addizzjonali waħda għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac (Dublin), l-AFIS tas-SIS II u l-EES.*

# Tabella 2 – Pjan pluriennali tal-politika dwar il-persunal għas-snin 2017 – 2019

Il-pjan ta' stabbiliment jiddeskrivi ppjanar indikattiv għas-snin 2017-2019, li jieħu f'kunsiderazzjoni l-figuri tal-pjan ta' stabbiliment approvati għall-2015 u l-2016, kif ukoll il-bidliet fid-Dokument Uniku ta' Programmar 2017 wara u skont l-adozzjoni tal-bażi legali għall-EES u t-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC (Dublin) (żieda b'16-il kariga, filwaqt li fl-istess ħin jiġi rrispettat it-tnaqqis tal-persunal b'5%).

Fl-2015, ma ntalbux bidliet fil-pjan ta' stabbiliment bl-użu tar-regola ta' flessibbiltà ta' 10 %.

Il-bidliet fin-numri fil-gradi mogħtija huma dovuti għall-kalkolu tal-karigi għall-fini tar-riklassifikazzjoni tal-membri tal-persunal. Il-figuri għas-snin 2018 u 2019 huma indikattivi u soġġetti għal bidla żgħira ladarba tkun magħrufa d-data għall-31 ta' Diċembru 2016.

| Kategorija u grad | Pjan ta' stabbiliment fil-Baġit tal-UE għall-2015 | | Mimlijin sal-31/12/2015 | | Modifiki fis-sena 2015 fl-applikazzjoni tar-regola tal-flessibbiltà | | Pjan ta' stabbiliment fil-Baġit tal-UE vvotat fl-2016 | | Modifiki fis-sena 2016 fl-applikazzjoni tar-regola tal-flessibbiltà | | Pjan ta' stabbiliment fl-Abbozz ta' Baġit tal-UE għall-2017 | | Pjan ta' stabbiliment 2018 | | Pjan ta' stabbiliment 2019 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT |
| AD 16 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AD 15 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 1[73] | | 1 | | 1 |
| AD 14 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 01 | | 1 |

*73 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 14 għal AD 15 ippjanata fil-mument tat-tiġdid tal-kuntratt tal-impjieg.*

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD 13 | | 2 | | 2 | | 2 | | 2 | | 2 | | 2 | | 2 | | 3[74] |
| AD 12 | | 3 | | 3 | | 3 | | 3 | | 3 | | 3 | | 4[75] | | 4 |
| AD 11 | | 1 | | 1 | | 1 | | 3[76] | | 3 | | 4[77] | | 4[78] | | 4 |
| AD 10 | | 5 | | 5 | | 5 | | 5 | | 5 | | 6[79] | | 6[80] | | 8[81] |
| AD 9 | | 6 | | 6 | | 6 | | 9[82] | | 9 | | 10[83] | | 13[84] | | 16[85] |
| AD 8 | | 10 | | 10 | | 10 | | 12 | | 12 | | 17[86] | | 16 | | 14 |
| AD 7 | | 16 | | 16 | | 16 | | 13 | | 13 | | 17[87] | | 17 | | 19 |

*74 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 12 għal AD 13*
*75 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 11 għal AD 12*
*76 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 10 għal AD 11*
*77 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 10 għal AD 11*
*78 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 10 għal AD 11*
*79 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 9 għal AD 9*
*80 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 9 għal AD 10*
*81 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 9 għal AD 10*
*82 Prevista għar-riklassifikazzjoni ta' kariga waħda minn grad AD 8 għal AD 9*
*83 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 8 għal AD 9*
*84 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 8 għal AD 9*
*85 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 8 għal AD 9*
*86 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 7 għal AD 8 u kariga addizzjonali waħda għall-EES.*
*87 Tinkludi 4 karigi addizzjonali għall-EES*

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AD 6 | | 11 | | 11 | | 11 | | 14 | | 14 | | 13[88] | | 12 | | 8 |
| AD 5 | | 20 | | 18 | | 20 | | 12[89] | | 12 | | 14[90] | | 11[91] | | 9 |
| **AD Totali** | | **75** | | **73** | | **75** | | **74** | | **74** | | **88** | | **87** | | **87** |
| AST 11 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 10 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 9 | | 0 | | 0 | | 0 | | 1[92] | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 |
| AST 8 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 2[93] | | 2[94] | | 2 |
| AST 7 | | 1 | | 1 | | 1 | | 2[95] | | 2 | | 3[96] | | 4[97] | | 5[98] |

*88 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 6 għal AD 7*
*89 Prevista għat-tnaqqis ta' kariga waħda u għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 5 għal AD 6*
*90 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 5 għal AD 6 u għat-tnaqqis ta' kariga waħda, u 8 karigi addizzjonali għall-EES u 2 karigi addizzjonali għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac (Dublin).*
*91 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 5 għal AD 6 u għat-tnaqqis ta' kariga waħda*
*92 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 8 għal AST 9*
*93 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 7 għal AST 8*
*94 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 7 għal AST 8*
*95 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 6 għal AST 7*
*96 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 6 għal AST 7*
*97 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 6 għal AST 7*
*98 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 6 għal AST 7*

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AST 6 | | 4 | | 4 | | 4 | | 6[99] | | 6 | | 8[100] | | 10[101] | | 11[102] |
| AST 5 | | 12 | | 12 | | 12 | | 12 | | 12 | | 12[103] | | 13 | | 15[104] |
| AST 4 | | 11 | | 11 | | 11 | | 12[105] | | 12 | | 14[106] | | 12 | | 8[107] |
| AST 3 | | 15 | | 14 | | 15 | | 10[108] | | 10 | | 3[109] | | 0[110] | | 0[111] |
| AST 2 | | 1 | | 1 | | 1 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 1 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| **AST Totali** | | **45** | | **44** | | **45** | | **44** | | **44** | | **43** | | **42** | | **42** |
| AST/SC1 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |

*99 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 5 għal AST 6*
*100 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 5 għal AST 6*
*101 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 5 għal AST 6*
*102 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 5 għal AST 6*
*103 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 4 għal AST 5*
*104 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 4 għal AST 5*
*105 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 3 għal AST 4*
*106 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AD 4 għal AD 5 u kariga addizzjonali waħda għall-EES.*
*107 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 4 għal AST 5*
*108 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 2 għal AST 3 u minn AST 3 għal AST 4*
*109 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 3 għal AST 4 u għat-tnaqqis ta' 2 karigi*
*110 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 3 għal AST 4 u għat-tnaqqis ta' kariga waħda*
*111 Prevista għar-riklassifikazzjoni minn grad AST 3 għal AST 4*

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AST/SC2 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC3 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC4 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC5 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC6 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| **Total AST/SC** | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| **TOTAL** | | **120** | | **117** | | **120** | | **118**[112] | | **118** | | **131**[113] | | **129**[114] | | **129** |

# Anness IV:

*112 Tnaqqis previst ta' 2 karigi*
*113 Tnaqqis previst ta' 3 karigi u żieda b'16-il kariga*
*114 Tnaqqis previst ta' 2 karigi*

# A. Politika dwar ir-reklutaġġ

Il-politika dwar ir-reklutaġġ tal-Aġenzija fir-rigward tal-proċeduri tal-għażla, il-gradi tad-dħul ta' kategoriji differenti ta' persunal, it-tip u t-tul tal-impjieg u l-profili ta' impjiegi differenti hija rregolata mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) dwar l-ingaġġ u l-użu ta' Aġenti Temporanji[115] u r-regoli ta' implimentazzjoni jew id-dispożizzjonijiet għar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-ingaġġ ta' Aġenti Kuntrattwali u Esperti Nazzjonali Ssekondati (ENS).

Fl-2015, saru diversi proċeduri tal-għażla u r-reklutaġġ għas-sostituzzjoni tal-persunal li jitilqu mill-eu-LISA matul is-sena (6 karigi ta' AT u kariga waħda ta' ENS), kif ukoll għall-membri tal-persunal ġodda (kariga waħda ta' AK approvata għall-2015 u 2 karigi minn fost is-6 ippjanati għall-2016)

Il-politika tar-reklutaġġ tiddeskrivi s-sitwazzjoni mill-bidu tat-twaqqif tal-eu-LISA, li tagħmel enfasi fuq is-sitwazzjoni preżenti.

### a. Uffiċjali

L-eu-LISA ma għandhiex karigi permanenti fil-Pjan ta' Stabbiliment tagħha.

### b. Aġenti Temporanji

Il-membri tal-persunal tal-eu-LISA kienu u ser ikomplu jiġu ingaġġati sabiex iwettqu attivitajiet ewlenin, jiġifieri kompiti permanenti li huma essenzjali għall-operat xieraq tal-eu-LISA matul iż-żmien, bħal kompiti operattivi, maniġerjali u amministrattivi, kif ukoll il-kompiti operattivi b'rabta mal-mandat tal-Aġenzija li ma jistgħux jiġu esternalizzati.

*115 Ir-Regola ta' Implimentazzjoni dwar l-ingaġġ u l-użu ta' Aġenti Temporanji għandha tiġi [kienet] adottata mill-eu-LISA qabel il-15 ta' Novembru 2015 [din in-nota f'qiegħ il-paġna sejra tiġi emendata meta tiġi adottata l-IR]*

Fl-2015, l-eu-LISA ingaġġat il-persunal billi nediet il-proċeduri tal-għażla esterni jew billi użat il-listi ta' riżerva għall-proċeduri tal-għażla organizzati għall-Aġenzija fis-snin preċedenti (2012 u 2013). Sejħa għal reklutaġġ interna waħda ppubblikata mill-Aġenzija wasslet biex ma waslet ebda applikazzjoni mingħand il-kandidati, minħabba d-differenza bejn il-gradi offruti permezz tas-sejħa interna mqabbla mas-sejħa esterna.

Il-grad tad-dħul skont kull funzjoni ewlenija:

Ir-reklutaġġ isir fil-grad irreklamat fl-avviż tal-post tax-xogħol battal, li jiġi deċiż skont ir-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS u r-regoli ta' implimentazzjoni rispettivi, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-impjieg korrispondenti. Fl-2015, l-Aġenzija tqieset bħala li kienet għadha fil-fażi tal-bidu tagħha (l-aħħar sena tagħha). Għalhekk, is-sostituzzjonijiet għall-karigi vakanti minħabba t-tluq saru fl-istess grad, ġeneralment minn lista ta' riżerva li kienet għadha valida għal dak il-profil u l-grad.

Fl-2015, il-gradi tad-dħul għall-aġenti temporanji fit-tul kienu kif ġej:

- AST 5 bħala sostituzzjoni għal kariga stabbilita fil-grad AST 5 dwar it-twaqqif tal-Aġenzija;
- AD 5 sa AD 8.

Ir-reklutaġġ fil-gradi AD 9 u AD 10 mhuwiex limitat biss għall-mili tal-pożizzjonijiet tal-maniġment intermedju, iżda kien applikat ukoll f'każijiet partikolari fejn kien meħtieġ grad ogħla sabiex jiġi żgurat ir-reklutaġġ ta' kompetenza speċifika. L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà maħtur mill-Bord ta' Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 kien ingaġġat fil-livell AD 9 fl-1 ta' Ottubru 2015 permezz tal-proċedura ta' għażla esterna.

Wara l-fażi tal-bidu, il-gradi tad-dħul għandhom ikunu:

- AST 1 sa AST 4 għall-kategorija AST;
- AD 5 sa AD 8 għall-kategorija AD u eċċezzjonalment AD 9 sa AD 10.

Tul tal-kuntratti:

L-aġenti temporanji fit-tul jiġu offruti l-ewwel kuntratt b'terminu fiss ta' ħames snin, li jista' jiġġedded għal perjodu ta' żmien ieħor ta' mhux aktar minn ħames snin. It-tiġdid għat-tieni estensjoni sejjer ikun ta' natura indefinita.

L-aġenti temporanji għal perjodu ta' żmien qasir jiġu offruti kuntratt għal perjodu ta' żmien konsistenti mal-proġett speċifiku jew mal-funzjoni speċifika, bil-possibbiltà ta' tiġdid wieħed għal perjodu ta' żmien limitat ieħor.

It-tiġdid tal-kuntratti kollha sejjer ikun soġġett għal eżaminazzjoni bir-reqqa tal-prestazzjoni tal-membru tal-persunal u sejjer jiddependi fuq il-programm ta' ħidma, il-prijoritajiet u d-dispożizzjonijiet baġitarji disponibbli tal-eu-LISA.

Il-proċedura tar-reklutaġġ:

Il-fażijiet ewlenin tal-proċeduri tal-għażla għar-reklutaġġ tal-Aġenti Temporanji u l-Aġenti Kuntrattwali huma simili u jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' post battal (li jiddefinixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla u jindika t-tip u t-tul tal-kuntratt u l-grad tar-reklutaġġ).
- L-għażla minn qabel tal-kandidati potenzjali abbażi tal-fajls tal-applikazzjoni tagħhom, permezz tal-evalwazzjoni tal-eliġibbiltà u l-konformità tagħhom mal-kriterji tal-għażla.
- Il-kandidati eliġibbli bl-aħjar kwalifiki jintalbu jagħmlu test bil-kitba, kif ukoll intervista li tkopri l-kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-kompetenza, il-ħiliet ġenerali u l-ħiliet lingwistiċi.
- Il-Kumitat tal-Għażla jipproponi lista tal-kandidati magħżula lid-Direttur Eżekuttiv[116], li min-naħa tiegħu jiddeċiedi dwar il-ħatra ta' kandidat u dwar l-istabbiliment ta' lista ta' riżerva. L-inklużjoni fuq il-lista ta' riżerva ma tagħti ebda garanzija li l-persuna se tiġi impjegata. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla jiġi kkomunikat lill-kandidati magħżula.

### c. Aġenti Kuntrattwali

L-aġenti kuntrattwali ġew impjegati sabiex jaħdmu fi proġetti speċifiċi u għal żmien limitat, sabiex jimlew il-lakuni matul assenzi fit-tul u sabiex ikopru l-ammont ta' xogħol massimu għal perjodi limitati. Il-membri tal-persunal impjegati bħala Aġenti Kuntrattwali jwettqu kompiti tekniċi u amministrattivi, li huma essenzjali għall-operat xieraq tal-eu-LISA matul iż-żmien, b'mod partikolari l-appoġġ amministrattiv.

Għall-proċedura tal-għażla tal-Aġenti Kuntrattwali, l-eu-LISA tniedi l-proċedura ta' għażla esterna jew tuża l-listi ta' riżerva pprovduti mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) jew stabbiliti mill-Aġenzija.

116 *Għall-karigi fejn il-ħatra għal kariga ssir mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tat-Twaqqif, tittieħed deċiżjoni mill-Bord ta' Tmexxija.*

L-aġenti kuntrattwali ġew offruti kuntratti għal żmien limitat b'tul massimu ta' ħames snin, li jistgħu jiġġeddu darba għal perjodu fiss ieħor ta' massimu ta' ħames snin, f'konformità mal-Artikolu 85 tas-CEOS, jew il-kuntratti b'tul ta' sentejn, li wkoll jistgħu jiġġeddu darba għall-proġetti għal perjodu ta' żmien qasir. Jista' jiġi offrut kuntratt ta' sena mingħajr possibbiltà ta' tiġdid sabiex jiġi sostitwit membru tal-persunal li jkun fuq assenza twila.

Kwalunkwe tiġdid ieħor ta' kuntratt ta' impjieg għandu jkun għal perjodu indefinit. It-tiġdid tal-kuntratti għal aġenti kuntrattwali jiddependi fuq il-programm ta' ħidma, il-prijoritajiet u d-dispożizzjonijiet baġitarji disponibbli tal-eu-LISA u jkun soġġett għal eżaminazzjoni bir-reqqa tal-prestazzjoni tal-membru tal-persunal.

### d. Esperti Nazzjonali Ssekondati[117]

L-ENS jiġu ssekondati għall-eu-LISA mill-Istati Membri tal-UE sabiex ikopru kompiti speċjalizzati bil-għan li jiżguraw li l-operazzjonijiet tal-eu-LISA jibqgħu f'kuntatt tajjeb mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri bħala utenti finali. It-tul tat-tieni sekondar tagħhom jiġi stabbilit f'konformità mal-ftehim maqbul mal-amministrazzjonijiet nazzjonali oriġinali tagħhom.

L-eu-LISA adottat il-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa[118] dwar l-Esperti Nazzjonali Ssekondati, li jiddeskrivu l-proċeduri tal-għażla, it-tul tas-sekondar, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-allowances u l-ispejjeż.

### e. Fornituri ta' servizzi strutturali[119]

Fl-2015, l-eu-LISA kienet qed tuża l-fornituri ta' servizzi esterni għas-servizzi jew il-proġetti li ma setgħux jiġu koperti mill-persunal tal-Aġenzija minħabba l-limitazzjoni fir-riżorsi umani fl-eu-LISA jew in-natura speċjalizzata tal-kwalifiki jew tal-għarfien meħtieġa mhux disponibbli fl-Aġenzija. Huwa previst li fis-snin li ġejjin dawn ikomplu jintużaw ukoll.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta s-servizzi li ntużaw fl-2015.

---

*117 L-ENS mhumiex impjegati mill-Aġenzija.*

*118 Notifika tad-deċiżjoni tal-BT, dokument nru 2012-025 tat-28 ta' Ġunju 2012.*

*119 NB Il-fornituri ta' servizzi strutturali mhumiex impjegati mill-Aġenzija.*

Għandu jiġi nnotat li t-tul ta' kuntratt ifisser it-tul ta' kuntratt qafas. Is-servizzi taħt kuntratt qafas jiġu pprovduti b'firma tal-kuntratti individwali, li t-tul tagħhom ivarja bejn ftit xhur u sena.

**Fornituri ta' servizzi strutturali lill-eu-LISA fl-2015**

| Nru | Kompiti assenjati | Riżorsi f'FTE[120] | Proċedura tal-Offerti | Tul tal-kuntratt | Deskrizzjoni tas-servizz |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Appoġġ estern | 47 FTE[121] | FWC - LISA/2014/OP/03 (lottijiet 1-4) | 4 snin | Dan il-kuntratt ikopri s-servizzi diversi ta' (a) l-ICT u (b) in-natura amministrattiva, li jinvolvu iżda mhumiex limitati għal:<br>• l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-IT interna (is-sistemi ewlenin ta' informazzjoni korporattiva bħas-Sistema għall-Ġestjoni tad-Dokumenti, is-Sistema għall-Ġestjoni tal-Missjonijiet),<br>• l-appoġġ għall-attivitajiet operattivi relatati mal-BMS, mal-VIS mail u mas-SIS II,<br>• il-personalizzazzjoni u l-governanza integrata għall-Ġestjoni Abbażi tal-Attivitajiet, inklużi l-ibbaġitjar, il-ġestjoni tal-proġetti, l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti,<br>• l-appoġġ għall-eżekuzzjoni ta' kompiti bħall-komunikazzjoni esterna u interna, l-assistenza segretarjali, is-segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija, eċċ.<br>• is-simplifikazzjoni tat-taħriġ, tal-liv u tal-attivitajiet ta' ġestjoni tal-ħin fil-mandat tal-HR fit-tħejjija għall-personalizzazzjoni u l-introduzzjoni tal-għodda tal-e-HR. |

120 FTE tfisser ekwivalenti għal full-time

121 Dan in-numru jirrappreżenta 47 kuntratt individwali għas-servizzi ta' appoġġ intra-muros iffirmati bejn l-1 ta' Ġunju 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015 u s-servizzi li jiġu pprovduti. In-numru totali ta' kuntratti ffirmati tela' għal 61, li 14 minnhom huma għall-appoġġ extra-muros.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 2. | Assistenza Esterna | 7 FTE | HOME/2010/SIVI/FW/-A/C2-03/01 | 4 snin | Assistenza esterna għall-ġestjoni tal-proġetti, il-konsulenza u l-assigurazzjoni tal-kwalità għall-proġetti Ewropej tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-Affarijiet Interni. |
| 3 | Uffiċċju ta' Servizz tal-IT | 1 FTE | LISA-14-NP-03 | 14-il xahar | Uffiċċju ta' Servizz tal-IT Korporattiva u Servizzi ta' Manutenzjoni tal-Infrastruttura tal-IT għall-eu-LISA |

## B. Evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet

L-2015 kienet l-ewwel sena meta seħħ eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni fl-eu-LISA fl-ambitu sħiħ tagħha f'konformità mar-regoli rispettivi fis-seħħ.

Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju huma ppreżentati fit-tabella 1 ta' hawn taħt.

Ir-rata ta' promozzjonijiet fl-2015 (bejn wieħed u ieħor 32 %) tista' tidher ogħla mill-medja prevista mill-applikazzjoni stretta tar-Regolamenti dwar il-Persunal (26.63 %). Din tista' tiġi spjegata mill-fatt li kważi 70 % tal-persunal tal-eu-LISA ġew irreklutati fil-gradi fejn ir-Regolamenti dwar il-Persunal jipprevedu l-ogħla rata ta' promozzjoni (33 % u 36 %). Dan kien l-ewwel eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni mwettaq fl-Aġenzija fl-ambitu sħiħ tagħha. Is-senjorità medja fil-grad fiż-żmien tar-riklassifikazzjoni li tieħu l-effett tagħha hija ta' 2.12 snin. Ir-rikonoxximent għall-ħidma iebsa mwettqa fil-kundizzjonijiet tal-fażi tal-bidu tal-iżvilupp organizzattiv tqies bħala importanti fit-twettiq tal-eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni fir-rigward tal-persunal eliġibbli li l-prestazzjoni tagħhom kienet evalwata bħala li hija aktar minn sodisfaċenti u, fil-maġġoranza tal-każijiet, eċċezzjonali. Fil-ġejjieni, wara l-perjodu kurrenti ta' 5 snin, dan sejjer jiżdied għal-livelli stabbiliti fis-CEOS u fir-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar l-Ingaġġ u l-Użu tal-Aġenti Temporanji[122].

*122 Deċiżjoni Nru 2015-166 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ġenerali dwar il-proċedura li tirregola l-ingaġġar u l-użu ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-Unjoni Ewropea adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fit-18 ta' Novembru 2015.*

# Tabella 1 - Riklassifikazzjoni tal-persunal temporanju/promozzjoni tal-uffiċjali

| Kategorija u grad | Il-membri tal-persunal attivi fl-1 ta' Jannar tas-Sena 2014 | | Kemm kien hemm membri tal-persunal li ġew promossi / riklassifikati fis-Sena 2015 | | Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal promossi / riklassifikati |
|---|---|---|---|---|---|
| | uffiċjali | AT | uffiċjali | AT | |
| AD 16 | | 0 | | 0 | n/a |
| AD 15 | | 0 | | 0 | n/a |
| AD 14 | | 1 | | 0 | n/a |
| AD 13 | | 0 | | 0 | n/a |
| AD 12 | | 2 | | 1 | 2 |
| AD 11 | | 0 | | 0 | n/a |
| AD 10 | | 5 | | 2 | 2 |
| AD 9 | | 6 | | 1 | 2.25 |
| AD 8 | | 2 | | 1 | 2 |
| AD 7 | | 24 | | 7 | 2.13 |
| AD 6 | | 0 | | 0 | n/a |
| AD 5 | | 33 | | 12 | 2.11 |
| **AD Totali** | | 73 | | 24 | 2.11 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| AST 11 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST 10 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST 9 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST 8 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST 7 | | 2 | | 0 | n/a |
| AST 6 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST 5 | | 15 | | 4 | 2.1 |
| AST 4 | | 4 | | 2 | 2.06 |
| AST 3 | | 23 | | 8 | 2.04 |
| AST 2 | | 1 | | 0 | n/a |
| AST 1 | | 0 | | 0 | n/a |
| **AST Totali** | | 45 | | 14 | 2.12 |
| AST/SC1 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST/SC2 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST/SC3 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST/SC4 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST/SC5 | | 0 | | 0 | n/a |
| AST/SC6 | | 0 | | 0 | n/a |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Total AST/SC** | | 0 | | 0 | n/a |
| **Total** | | 118 | | 38 | 2.12 |

# Tabella 2 - Riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt

Fl-2015 ma saret ebda riklassifikazzjoni tal-aġenti kuntrattwali, minħabba li l-ewwel aġent kuntrattwali fl-eu-LISA kien impjegat f'Lulju 2013. Ir-riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt se ssir fl-2016

| Grupp ta' Funzjonijiet | Grad | Il-membri tal-persunal attivi fl-1 ta' Jannar tas-Sena 2014 | Kemm kien hemm membri tal-persunal li ġew riklassifikati fis-Sena 2015 | Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati |
|---|---|---|---|---|
| **AK IV** | 18 | | N/A | N/A |
| | 17 | | N/A | N/A |
| | 16 | | N/A | N/A |
| | 15 | | N/A | N/A |
| | 14 | 3 | N/A | N/A |
| | 13 | | N/A | N/A |
| **AK III** | 12 | | N/A | N/A |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 11 | | N/A | N/A |
| | 10 | | N/A | N/A |
| | 9 | 2 | N/A | N/A |
| | 8 | | N/A | N/A |
| **AK II** | 7 | | N/A | N/A |
| | 6 | | N/A | N/A |
| | 5 | | N/A | N/A |
| | 4 | | N/A | N/A |
| **AK I** | 3 | | N/A | N/A |
| | 2 | | N/A | N/A |
| | 1 | | N/A | N/A |
| **Total** | | **5** | N/A | N/A |

## C. Politika dwar il-mobilità

L-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' persunal temporanju (AT 2f) fl-aġenziji fir-Regolamenti ġodda dwar il-Persunal ta' Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, tiffaċilita l-mobilità fi ħdan l-eu-LISA u bejn l-aġenziji.

Fl-2015, l-eu-LISA ħolqot u kkonsultat internament, sal-istadju tal-adozzjoni, proċedura dwar ir-reklutaġġ intern. Madankollu, mudell ta' deċiżjoni dwar l-ingaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji (AT 2 f) ikkomunikat lill-Aġenziji Ewropej mill-Kummissjoni kien jeħtieġ l-ewwel l-adozzjoni ta' dan il-mudell ta' deċiżjoni (li għadu fil-proċess fiż-żmien

tal-abbozzar ta' dan it-test) u mbagħad reviżjoni tal-proċedura dwar ir-reklutaġġ intern għall-allinjament taż-żewġ dokumenti. Minħabba l-istadju hekk bikri tal-iżvilupp organizzattiv tal-eu-LISA, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-mobbiltà interna jiġu vvalutati ma' kull post tax-xogħol battal jew kariga ġdida li jinħolqu.

Fl-2015, seħħew trasferiment wieħed ta' kariga u bidla tad-doveri (Assistent għall-Kap tar-RAD ġie ttrasformat f'Assistent għall-Komunikazzjoni Interna) u ħatra waħda sabiex jitwettqu d-doveri ta' grad ogħla (Uffiċjal tal-Kontabbiltà Subaltern inħatar temporanjament bħala l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-eu-LISA) fid-dawl tal-qafas tal-mobbiltà interna.

Il-mobilità interistituzzjonali hija realtà u se tkompli teżisti. Fl-2015 kien hemm tliet persuni li telqu mill-eu-LISA sabiex jaħdmu għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Parlament Ewropew jew għal Aġenzija Ewropea oħra u 3 persuni minn fost il-membri tal-persunal irreklutati kienu ġejjin minn istituzzjoni, aġenzija jew entità Ewropea oħra.

# D. Bilanċ bejn is-sessi u bilanċ ġeografiku

Id-distribuzzjoni tas-sess skont it-tip u l-livell ta' funzjoni hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt. [

**Il-persunal tal-eu-LISA maqsum skont is-sess**

| Sess | Amministraturi | | | Assistenti | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | AK | ENS | AT | AK | |
| **Raġel** | 51 | 5 | 6 | 29 | 1 | **92** |
| **Mara** | 22 | 6 | 0 | 15 | 0 | **43** |
| **Persunal totali** | **73** | **11** | **6** | **44** | **1** | **135** |

In-nuqqas viżibbli ta' bilanċ bejn is-sessi fl-eu-LISA huwa dovut għas-sistema tax-xogħol (xogħol f'xiftijiet u xogħol stand-by fuq bażi kontinwa) u għall-fatt li l-ambjent tal-IT huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu popolat minn irġiel fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Aġenzija fi Strasburgu. L-interess akbar tal-irġiel fl-impjieg fl-eu-LISA huwa viżibbli wkoll fl-għadd ta' applikazzjoni li jaslu għas-sejħiet għar-reklutaġġ.

Fl-2014, l-eu-LISA introduċiet ħinijiet flessibbli tax-xogħol sabiex tiffaċilita bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali tal-membri tal-persunal tagħha. Fl-2015, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta r-regoli dwar it-telexogħol permezz ta' analoġija, Deċiżjoni Nru 2015-100 REV1 tat-18.11.2015. Fl-istess sena, l-Aġenzija ħolqot linji gwida interni dwar it-telexogħol.

**Bilanċ ġeografiku**

Fost il-membri tal-persunal irreklutati tal-eu-LISA, hemm rappreżentanza tat-22 nazzjonalità tal-UE.

Rappreżentanza ġeografika wiesgħa tal-persunal miksuba bir-reklutaġġ tikkontribwixxi għad-diversità tal-kulturi u l-iskambju reċiproku. L-eu-LISA, li għandha s-siti ewlenin tagħha f'Tallinn u fi Strasburgu, tipperċepixxi bħala tendenza naturali li r-rappreżentanza eċċessiva tal-persunal Estonjani u Franċiżi sa 30 % tal-għadd ta' impjegati fis-siti rispettivi ma tikkostitwixxi ebda tfixkil maġġuri tal-bilanċ ġeografiku. L-akbar grupp tal-persunal Franċiżi huwa dovut għall-fatt li l-parti tal-persunal li jaħdmu għall-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi fuq il-proġetti tal-IT ittrasferiti lill-Aġenzija fil-mument tat-twaqqif tal-Aġenzija ssieħbu mal-eu-LISA wara l-proċedura ta' kompetizzjoni għal dawn il-karigi speċjalizzati ħafna.

In-nazzjonalitajiet tal-persunal tal-eu-LISA (Aġenti Temporanji) skont il-grupp ta' funzjonijiet u mqabbla mad-distribuzzjoni medja fl-Unjoni Ewropea[123] huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

**Il-persunal tal-eu-LISA maqsum skont in-nazzjonalità**

| eu-LISA - l-istat tar-reklutaġġ fil-31.12.2015. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nazzjonalità | AD | AST | Total ta' AD + AST | Perċentwal | Id-distribuzzjoni medja tal-UE fl-2015 |
| L-Awstrija (AT) | 0 | 0 | **0** | 0 | 1,67 % |
| Il-Belġju (BE) | 4 | 4 | **8** | 6,84 | 2,21 % |
| Il-Bulgarija (BG) | 3 | 0 | **3** | 2,56 | 1,42 % |

*123 Sors tad-data: Rapport tal-EUROSTAT tas-26.04.2015.*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Kroazja (HR) | 1 | 0 | **1** | 0,85 | 0,83 % |
| Ċipru (CY) | 0 | 0 | **0** | 0,00 | 0,16 % |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | 1 | 1 | **2** | 1,71 | 2,07 % |
| Id-Danimarka (DK) | 1 | 0 | **1** | 0,85 | 1,10 % |
| L-Estonja (EE) | 4 | 7 | **11** | 9,40 | 0,25 % |
| Il-Finlandja (FI) | 0 | 1 | **1** | 0,85 | 1,07 % |
| Franza (FR) | 17 | 9 | **26** | 22,22 | 12,98% |
| Il-Ġermanja (DE) | 4 | 2 | **6** | 5,13 | 15,93% |
| Il-Greċja (EL) | 5 | 1 | **6** | 5,13 | 2,15% |
| L-Ungerija (HU) | 3 | 2 | **5** | 4,27 | 1,94% |
| L-Irlanda (IE) | 1 | 0 | **1** | 0,85 | 0,90% |
| L-Italja (IT) | 10 | 1 | **11** | 9,40 | 11,99% |
| Il-Latvja (LV) | 0 | 2 | **2** | 1,71 | 0,39% |
| Il-Litwanja (LT) | 2 | 3 | **5** | 4,27 | 0,58% |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0 | **0** | 0,00 | 0,10% |
| Malta (MT) | 0 | 0 | **0** | 0,00 | 0,08% |
| In-Netherlands (NL) | 0 | 1 | **1** | 0,85 | 3,31% |
| Il-Polonja (PL) | 4 | 1 | **5** | 4,27 | 7,49% |
| Il-Portugall (PT) | 1 | 3 | **4** | 3,42 | 2,05% |
| Ir-Rumanija (RO) | 8 | 4 | **12** | 10,26 | 3,93% |
| Is-Slovakkja (SK) | 1 | 0 | **1** | 0,85 | 1,06% |
| Is-Slovenja (SI) | 0 | 0 | **0** | 0,00 | 0,40% |
| Spanja (ES) | 3 | 1 | **4** | 3,42 | 9,17% |
| L-Isvezja (SE) | 0 | 0 | **0** | 0,00 | 1,90% |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 1 | **1** | 0,85 | 12,69% |
| **Persunal totali** | **73** | **44** | **117** | 100 | 99,82% |

Sabiex tinkiseb rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet li jilħqu l-perċentwali simili għar-rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet fil-popolazzjoni tal-UE ġenerali, minn Ottubru 2014 l-Aġenzija bdiet iżżid messaġġi speċifiċi mal-avviżi tal-postijiet tax-xogħol battala kollha tagħha, fejn tħeġġeġ lill-kandidati mill-pajjiżi sottorappreżentati fl-eu-LISA sabiex japplikaw. Barra minn hekk, hija qiegħda tespandi l-bażi ta' komunikazzjoni tagħha billi tpoġġi l-avviżi fil-European Voice, Euro-Brussels u t-Taħriġ tal-UE Online, minbarra fuq is-siti elettroniċi tal-EPSO, tad-DĠ Affarijiet Interni u s-siti elettroniċi tagħna stess.

In-nazzjonalitajiet tal-gruppi l-oħrajn tal-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA (l-Aġenti Kuntrattwali u l-Esperti Nazzjonali Ssekondati) huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

**L-Aġenti Kuntrattwali u l-ENS tal-eu-LISA maqsuma skont in-nazzjonalità**

| Nazzjonalità | eu-LISA - l-istat tar-reklutaġġ fil-31.12.2015 | | |
|---|---|---|---|
| | AK FG IV | AK FG III | ENS |
| L-Awstrija (AT) | | | |
| Il-Belġju (BE) | 1 | | |
| Il-Bulgarija (BG) | | | |
| Il-Kroazja (HR) | | | |
| Ċipru (CY) | | | |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | | | |
| Id-Danimarka (DK) | | | |
| L-Estonja (EE) | 1 | | 1 |
| Il-Finlandja (FI) | 1 | | |
| Franza (FR) | 2 | 1 | |
| Il-Ġermanja (DE) | | | 2 |
| Il-Greċja (EL) | | | 2 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| L-Ungerija (HU) | | | |
| L-Irlanda (IE) | | | |
| L-Italja (IT) | 2 | | |
| Il-Latvja (LV) | | | |
| Il-Litwanja (LT) | | | |
| Il-Lussemburgu (LU) | | | |
| Malta (MT) | | | |
| In-Netherlands (NL) | | | |
| Il-Polonja (PL) | | | |
| Il-Portugall (PT) | 1 | | |
| Ir-Rumanija (RO) | 3 | | 1 |
| Is-Slovakkja (SK) | | | |
| Is-Slovenja (SI) | | | |
| Spanja (ES) | | | |
| L-Isvezja (SE) | | | |
| Ir-Renju Unit (UK) | | | |
| **Persunal totali** | **11** | **1** | **6** |

Ir-rappreżentanza tal-kollegi Ġermaniżi f'dan il-grupp tgħin sabiex tiżdied ir-rappreżentanza taċ-ċittadini Ġermaniżi fil-popolazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija.

Hemm diffikultà inerenti sabiex jiġu attirati applikanti minn xi pajjiżi minħabba taħlita ta' diversi fatturi li jħallu impatt negattiv fuq ir-reklutaġġ tal-kandidati mill-pajjiżi, fejn tali kundizzjonijiet ma jseħħux, pereżempju l-Isvezja, ir-Renju Unit jew il-Ġermanja (l-ispejjeż relattivament għolja tal-akkomodazzjoni għall-persuni barranin, id-distanza twila minn ħafna postijiet ta' oriġini tal-membri tal-persunal tal-Aġenzija u l-ispiża għolja tat-trasportazzjoni sabiex jintlaħqu, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġenerali li jagħmluha diffiċli għall-membri familjari tal-persunal tal-eu-LISA sabiex isibu impjieg fil-postijiet tal-assenjazzjoni u koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx f'Tallinn).

Il-kwistjoni tal-bilanċ ġeografiku sejra tkompli tiġi indirizzata billi tingħata attenzjoni lil dan l-aspett matul il-proċessi tar-reklutaġġ fil-ġejjieni. L-attenzjoni prinċipali tal-proċess tal-għażla sejra tinżamm fuq il-mertu tal-kandidati. Madankollu, fil-każijiet fejn żewġ kandidati jiksbu l-istess numru ta' punti matul l-evalwazzjoni, iċ-ċittadini tal-pajjiżi li ma laħqux il-livell ta' reklutaġġ f'termini ta' rappreżentanza ġeografika sejrin jiġu rrakkomandati għar-reklutaġġ sabiex iġibu aktar bilanċ u jżommu d-diversità diġà miksuba.

# E. L-edukazzjoni skolastika

F'konformità mar-Regolament tat-twaqqif, l-Istati Membri tal-UE li jospitaw l-eu-LISA jipprovdu l-aqwa kundizzjonijiet possibbli sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Aġenzija, inkluża l-edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea.

Tallinn ilha minn Settembru 2013 toffri possibbiltà li l-edukazzjoni tinkiseb abbażi tal-kurrikulu tal-Iskola Ewropea Akkreditata (tip II). Tnax-il tifel u tifla tal-persunal tal-eu-LISA jattendu l-Iskola Ewropea f'Tallinn. It-tfal l-oħrajn jitqiegħdu fil-Kulleġġ Internazzjonali (3) jew fi skejjel preprimarji privati (3) f'każijiet fejn l-Iskola Ewropea ma tkunx f'pożizzjoni li toffri s-servizzi tagħha.

L-Iskola Ewropea (tip II) fi Strasburgu twaqqfet f'Settembru 2008. Fl-2015, kien hemm tlieta u għoxrin tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA li kienu qegħdin jattendu l-Iskola Ewropea fi Strasburgu. Disat itfal kienu qegħdin jużaw is-servizzi tal-iskejjel preprimarji privati jew muniċipali.

Ftehim iffirmat fl-2014 mal-Kummissjoni Ewropea għall-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Iskejjel Ewropej f'Tallinn u fi Strasburgu jiddeskrivi l-kontribuzzjoni annwali li għandha tħallas l-Aġenzija fuq l-għadd ta' studenti li ġejjin mill-persunal tal-eu-LISA. Għas-sena skolastika 2015/2016, il-kopertura kkalkolata tilħaq kważi EUR 275,000.00, filwaqt li, għas-sena skolastika 2016/2017, huwa stmat li din tilħaq madwar EUR 325,000.00.

Fiż-żewġ postijiet, hemm ukoll possibbiltajiet oħrajn li l-edukazzjoni tinkiseb abbażi ta' kurrikulu internazzjonali jew kurrikulu nazzjonali rikonoxxut sewwa fit-taqsimiet internazzjonali tal-iskejjel sekondarji u l-kulleġġi internazzjonali tal-belt.

Sabiex tgħin lill-membri tal-persunal li wliedhom għandhom 4 snin jew inqas u li ma jistgħux jiġu indukrati fl-Iskejjel Ewropej, fl-2014, l-eu-LISA introduċiet allowance ta' Skola Preprimarja għar-rimborż tal-ispejjeż relatati mal-forniment tal-indukrar għat-tfal żgħar mill-kindergartens jew mill-iskejjel preprimarji, li ffirmaw il-kuntratti tas-servizzi mal-eu-LISA. Din l-inizjattiva ħalliet impatt pożittiv fuq l-aċċettazzjoni tal-offerti tal-impjiegi, speċjalment f'Tallinn, fejn is-sitwazzjoni tal-għoti ta' dan it-tip ta' għajnuna lill-ommijiet li jaħdmu hija relattivament diffiċli.

B'kunsiderazzjoni tal-esperjenza ta' Aġenziji Ewropej oħrajn, l-eżistenza ta' edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea għandha implikazzjonijiet diretti għall-attrazzjoni tal-Aġenzija bħala entità li tħaddem. Għalhekk, l-eu-LISA se tappoġġja l-objettivi tal-Aġenziji Ewropej f'dan il-qasam.

# Anness V: Bini

| | | |
|---|---|---|
| *Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini:* | Il-Kwartieri Ġenerali tal-eu-LISA<br><br>EU House<br>Rävala pst 4<br>10143 Tallinn<br>l-Estonja | **Kumment Ieħor** |
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>- Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>- Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 1443,5 (is-sitt sular); 378 (o u l-ewwel sular)<br><br>601,8 (is-sitt sular); 200,6 (o u l-ewwel sular)<br><br>841,7 (is-sitt sular); 177,4 (o u l-ewwel sular) | |
| Kera annwali (f'EUR) | eur 0 (is-sitt sular); eur 95 256 (0 u l-ewwel sular) | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | *Memorandum ta' qbil (is-sitt sular) sakemm jitlestew il-Kwartieri Ġenerali l-ġodda.*<br><br>*kuntratt ta' kera għal 30 xahar (0 u l-ewwel sular)* | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | *EE tħallas għal kera fis-sitt sular b'valur stmat ta' servizz in natura: EUR 290,000* | |
| Il-valur preżenti tal-bini | *N/A* | |

Ittieħdet deċiżjoni li jinbena bini ġdid għal kwartieri ġenerali permanenti tal-eu-LISA f'Tallinn, l-Estonja. Il-bini huwa mistenni li jitlesta sal-aħħar tal-2017. L-ispejjeż tal-proġett huma koperti mill-Gvern Estonjan kif ikkonfermat minn deċiżjoni tal-Gvern. Il-plott tas-sit tal-kostruzzjoni għandu daqs ta' 5,628 m². Is-superfiċje netta koperta tal-bini hija ta' madwar 3,000 m², b'possibbiltà li l-erja tiġi estiża b'2,000 m² fil-ġejjieni.

| | | |
|---|---|---|
| *Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini:* | Iċ-Ċentru Operattiv tal-eu-LISA fi Strasburgu | **Kumment Ieħor** |

| | | |
|---|---|---|
| | 18 Rue de la Faisanderie<br>67100 Strasburgu<br>Franza | |
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>- Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>- Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 2.380<br>806<br>1.574 | |
| Kera annwali (f'EUR) | *HOME-2012-LISA/CT/EUROMODULES/2013/SC1 : EUR 10,790*<br>*(LISA-2014-NP-15: EUR 21,000)* | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | HOME-2012-LISA/CT/EUROMODULES/2013/SC1: 4 kontejners - 36 xahar<br>LISA-2014-NP-15: 5 kontejners - 10 xhur | *HOME-2012-LISA/CT/EURO MODULES/201 3/SC1: sat-30 ta' April 201 6*<br>*LISA-2014-NP-15: sad-29 ta' Frar 2016* |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | FR tat binjiet sħaħ għal 1 EUR fid-29 ta' Mejju 2013 | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Bini: valur kontabilistiku nett fil-31/12/2014: EUR 731,000<br>Art: valur kontabilistiku fil-31/12/2014: EUR 1.490,000 | |

Sabiex ikunu jistgħu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti operattivi kollha neċessarji u l-akkomodazzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni bla xkiel tad-dispożizzjonijiet stipulati fir-regolament ta' twaqqif, f'Diċembru 2011 inħatret kumpanija ta' konsulenza esterna mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tevalwa l-faċilitajiet eżistenti tal-eu-LISA fi Strasburgu, bil-kompitu li tinvestiga l-għażliet għall-ammeljorament tal-faċilità skont ir-rekwiżiti tal-Aġenzija. Il-proġett ta' kostruzzjoni u ammeljorament li mbagħad jinbeda jipprevedi:

1. il-bini ta' uffiċini bi tliet sulari (spazju pproġettat ta' 3,728m$^2$);

2. ir-rinnovament tal-bini prinċipali eżistenti (mibni fl-1992), fejn huma ospitati sistemi tal-IT fuq skala kbira u li jammonta għal spazju ta' 1,497m$^2$;

3. il-kostruzzjoni ta' bini li jagħmel użu minn enerġija ġdida b'żewġ sulari sabiex jospita sistemi ta' riżerva tal-enerġija vitali (spazju pproġettat ta' 488m²);

4. il-kostruzzjoni ta' gatehouse tas-sigurtà ġdida skont standards aġġornati (spazju pproġettat ta' 99m²);

B'dan il-proġett, l-erja tas-superfiċje globali attwali ta' 1,365m² sejra tipprogressa għal 5,812m², inklużi bosta żoni operattivi jew tekniċi speċifiċi ħafna

Ingħatat offerta ta' disinn u bini lil kuntrattur ġenerali li kien għadu kif beda l-fażi tal-iżvilupp tad-disinn fl-2015. Skont l-iskeda tal-implimentazzjoni, il-proġett għandu jiġi ffinalizzat sal-2017.

Il-valur ta' dan il-kuntratt għandu jiġi ffinanzjat kompletament mill-baġit tal-Aġenzija.

| *Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini:* | **Sit ta' Riżerva tal-eu-LISA**<br>**Sankt Johann im Pongau,**<br>**l-Awstrija** | **Kumment Ieħor** |
|---|---|---|
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>- Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>- Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 223<br><br>403 | |
| Kera annwali (f'EUR) | 591,328 | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Ftehim Operattiv Indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | N/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Ma hemmx data disponibbli | |

| | | |
|---|---|---|
| *Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini:* | **Uffiċċju ta' kollegament tal-eu-LISA,**<br>**20 avenue d'Auderghem, 1040 Brussell.** | **Kumment Ieħor** |
| Erja tas-superfiċje (f'metri kwadri)<br>- Li minnha, spazju ta' uffiċċji | 62 m2 (żewġ uffiċċji fit-tieni sular) | |

| | | |
|---|---|---|
| - Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | | |
| Kera annwali (f'EUR) | 12385 | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | *Il-ftehim tal-kera*<br>*Kuntratt ta' kera għal 12+12+12-il xahar (sal-31/12/2016)* | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | *N/A* | |
| Il-valur preżenti tal-bini | *N/A* | |

# Anness VI: Privileġġi u immunitajiet

| Privileġġi tal-aġenzija | Privileġġi mogħtija lill-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet / status diplomatiku | Edukazzjoni / kura ta' matul il-jum |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn, bil-kundizzjoni li ma jkunux residenti permanenti tal-Estonja qabel jibdew jassumu l-ħatra tagħhom fl-Aġenzija, għandhom jingħataw rimborż mill-Gvern Estonjan ta' somma ugwali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul perjodu ta' sena minn meta jibdew jassumu d-doveri tagħhom fl-Aġenzija f'Tallinn bil-għan li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tagħhom fl-Estonja. Għas-siti l-oħrajn tal-eu-LISA, ma ngħatawx privileġġi simili fiż-żmien li nħoloq dan id-dokument. | Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12 | Fil-Ħarifa tal-2013 ġiet stabbilita Skola Ewropea Akkreditata f'Tallinn.<br>L-Iskola Ewropea tipprovdi l-kurrikulu tat-tip II kemm fil-livell tal-edukazzjoni pre-primarja u primarja, kif ukoll fil-livell tal-edukazzjoni sekondarja.<br>Fl-Iskola Ewropea jistgħu jiddaħħlu tfal minn 4 snin 'il fuq. |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-membri familjari li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti | Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta' Franza, l-Artikolu 13. | Il-Gvern Franċiż impenja ruħu mal-aġenzija li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-aġenzija u lill-membri familjari li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom u li joffrilhom edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdilhom l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Barra minn |

| | | |
|---|---|---|
| oħrajn tal-Unjoni. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-istat tal-oriġini tagħhom, l-esperti ssekondati għandhom ikunu eżentati wkoll mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża. | | hekk, il-Gvern impenja ruħu li jiżgura li l-aċċess għall-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li toffri bakkalawrjat rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, ikun garantit għat-tfal kollha tal-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-familji tagħhom li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom, f'konformità mal-artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li kien iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011. |

# Anness VII: Evalwazzjonijiet

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 29 (5) tar-Regolament Finanzjarju Qafas, l-Aġenzija għandha tinnota li, bħala organizzazzjoni żgħażugħa, hija ma għandha ebda kapaċità interna biex twettaq dawn l-evalwazzjonijiet. Minħabba f'hekk, l-Aġenzija qiegħda tippjana li tibda tiżviluppa l-kapaċitajiet interni meħtieġa fl-2017, abbażi tal-metodoloġija li ġiet żviluppata riċentament fin-Netwerk ta' aġenziji tal-UE. L-Aġenzija sejra timmira li jsir ukoll test tal-metodoloġija fl-2017 u li jkun hemm skjerament sħiħ matul il-kors tal-2018. Sabiex tibda tibni l-kapaċità tal-evalwazzjoni fl-2017, l-Aġenzija sejra twettaq evalwazzjoni ex-ante ta' proġett wieħed: *"Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS"2.1.22.*

Sabiex jevalwa u jimmonitorja l-prestazzjoni tas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA u sabiex jappoġġja l-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 12 (t) tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011, il-Bord ta' Tmexxija approva l-Ftehim Standard fil-Livell tas-Servizzi bid-dokument 2013-084.

Sabiex jevalwa l-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija, kif ukoll jappoġġja t-titjib tal-prestazzjoni, il-Bord ta' Tmexxija approva sett ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni bid-dokument 2015-030.

Il-qafas tas-16-il Standard ta' Kontroll Intern, kif adottat mill-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA bid-deċiżjoni 057-2014 mill-15.06.2014, huwa l-qafas applikat tal-kriterji tal-kontroll intern għall-eu-LISA. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija kkonfermat il-validità tal-qafas għall-organizzazzjoni u fdat lid-Direttur Eżekuttiv bl-implimentazzjoni tal-istandards. Madankollu, l-Istandards tal-Kontroll Intern (ICSs) jirrigwardaw diversi oqsma kummerċjali tal-organizzazzjoni, li lkoll huma ugwalment importanti: l-eu-LISA, filwaqt li tagħmel ħilitha sabiex tissodisfa l-objettivi tagħha li jirriżultaw miċ-ċiklu tal-ippjanar tal-Aġenzija, tfittex li tikseb u żżomm konformità mal-ICSs sabiex turi governanza tajba fl-azzjonijiet u l-attivitajiet tagħha u lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha. Skont il-proċedura annwali, fil-bidu tal-2017, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija sejjer jiltaqa' mal-Maniġers tal-eu-LISA u mal-persunal b'funzjonijiet relatati mal-ICS (eż. Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data) sabiex jevalwa l-eżiti tal-attivitajiet tal-ICS fl-2016 u jistabbilixxi l-listi individwali ta' miżuri bil-għan li jikseb ulterjorament jew iżomm il-konformità mal-Istandards tal-Kontroll Intern tal-eu-LISA fl-2017.

It-tabella li ġejja turi s-16-il standard ta' kontroll intern bir-raġuni tagħhom:

| Nru | Titolu | Tifsira |
|---|---|---|
| ICS 1 | Missjoni | Ir-raġuni tal-eu-LISA hija definita b'mod ċar fi stqarrijiet tal-missjoni aġġornati u konċiżi li ġew żviluppati mill-perspettiva tal-klijenti tal-eu-LISA. |
| ICS 2 | Valuri Etiċi u Organizzattivi | Il-maniġment u l-persunal huma konxji ta' u jikkondividu valuri etiċi u organizzattivi xierqa u jħaddnuhom permezz tal-imġiba tagħhom u d-deċiżjonijiet meħuda minnhom. |
| ICS 3 | Allokazzjoni u Mobilità tal-Persunal | L-allokazzjoni u r-reklutaġġ tal-persunal huma bbażati fuq l-objettivi u l-prijoritajiet tal-eu-LISA. Il-maniġment jippromwovi u jippjana l-mobilità tal-persunal sabiex isib il-bilanċ ġust bejn il-kontinwità u t-tiġdid. |
| ICS 4 | Evalwazzjoni u Żvilupp | Il-prestazzjoni tal-persunal tipi evalwata kull sena. Jittieħdu miżuri |

| | | |
|---|---|---|
| | tal-Persunal | adegwati biex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti. |
| ICS 5 | Objettivi u Indikaturi ta' Prestazzjoni | L-objettivi tal-eu-LISA huma definiti u aġġornati b'mod ċar, meta meħtieġ. Dawn huma fformulati b'mod li jagħmilha possibbli li tiġi mmonitorjata l-kisba tagħhom.<br>Huma stabbiliti indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin sabiex jgħinu lill-maniġment jevalwa u jirrapporta dwar il-progress li sar fir-rigward tal-objettivi tagħhom. |
| ICS 6 | Proċess għall-Ġestjoni tar-Riskju | Proċess għall-ġestjoni tar-riskju li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet u l-linji gwida applikabbli huwa integrat fl-ippjanar tal-attivitajiet annwali. |
| ICS 7 | Struttura Operattiva | L-istruttura operattiva tal-eu-LISA tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet effettivi permezz ta' delega ta' setgħat xierqa. Ir-riskji assoċjati mal-funzjonijiet sensittivi tal-eu-LISA jiġu ġestiti permezz ta' kontrolli mitiganti u, fl-aħħar mill-aħħar, il-mobilità tal-persunal. Hemm fis-seħħ strutturi ta' governanza tal-IT adegwati |
| ICS 8 | Proċessi u Proċeduri | Il-proċessi u l-proċeduri tal-eu-LISA użati għall-implimentazzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tagħha huma effettivi u effikaċi, iddokumentati b'mod adegwat u konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli. Huma jinkludu arranġamenti sabiex jiżguraw is-segregazzjoni tad-dmirijiet u jsegwu u jagħtu approvazzjoni minn qabel għall-kontroll ta' preċedenzi jew devjazzjonijiet minn politiki u proċeduri. |
| ICS 9 | Superviżjoni tal-Maniġment | Is-superviżjoni tal-maniġment titwettaq biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-attivitajiet qed titħaddem b'mod effiċjenti u effettiv waqt li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli. |
| ICS 10 | Kontinwità tan-Negozju | Huma stabbiliti miżuri adegwati biex tkun żgurata kontinwità tas-servizz f'każ ta' interruzzjoni ta' "operat bħas-soltu". Hemm fis-seħħ Pjanijiet tal-Kontinwità tan-Negozju sabiex ikun żgurat li l-eu-LISA tkun tista' tkompli topera, safejn ikun possibbli, tkun xi tkun in-natura ta' tfixkil maġġuri. |
| ICS 11 | Ġestjoni tad-Dokumenti | Bħalissa hemm fis-seħħ proċessi u proċeduri xierqa sabiex jiġi żgurat li l-ġestjoni tad-dokumenti tal-eu-LISA tkun sigura, effikaċi (b'mod partikolari fir-rigward tal-irkupru tal-informazzjoni xierqa) u konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli. |
| ICS 12 | Informazzjoni u Komunikazzjoni | Il-komunikazzjoni interna tippermetti lill-maniġment u lill-persunal jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv u effikaċi, inkluż fil-qasam tal-kontroll intern. Fejn xieraq, l-eu-LISA għandha strateġija ta' komunikazzjoni esterna sabiex tiżgura li l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | komunikazzjoni esterna tagħha tkun effettiva, koerenti u konformi mal-messaġġi politiċi ewlenin tal-Kummissjoni. Is-sistemi tal-IT użati u/jew ġestiti mill-eu-LISA (meta l-eu-LISA tkun is-sid tas-sistema) huma protetti b'mod adegwat minn theddid għall-kunfidenzjalità u l-integrità tagħhom. |
| ICS 13 | Kontabilità u Rapportar Finanzjarju | Hemm fis-seħħ proċeduri u kontrolli adegwati sabiex jiġi żgurat li d-data tal-kontabilità u l-informazzjoni relatata li jintużaw għat-tħejjija tal-kontijiet annwali u r-rapporti finanzjarji tal-organizzazzjoni jkunu preċiżi, kompleti u f'waqthom. |
| ICS 14 | Evalwazzjoni tal-Attivitajiet | Jitwettqu evalwazzjonijiet tal-programmi ta' nfiq, tal-leġiżlazzjoni u ta' attivitajiet oħrajn li ma jinvolvux infiq sabiex jiġu evalwati r-riżultati, l-impatti u l-ħtiġijiet li dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jiksbu u jissodisfaw. |
| ICS 15 | Valutazzjoni tas-Sistemi ta' Kontroll Intern | Il-maniġment jivvaluta l-effettività tas-sistemi ewlenin ta' kontroll intern tal-eu-LISA, inklużi l-proċessi li twettqu minn korpi ta' implimentazzjoni, tal-anqas darba fis-sena. |
| ICS 16 | Kapaċità tal-Awditjar Intern | L-eu-LISA għandha Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC), li tipprovdi servizzi ta' konsulenza u assigurazzjoni indipendenti u oġġettivi maħsuba sabiex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-eu-LISA. |

# Anness VIII: Ir-Riskji fis-Sena 2017[124]

| Klassifikazzjoni | Titolu | Deskrizzjoni | Suppożizzjoni | Tip ta' Rispons għar-Riskju | Kontromiżura/i |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | In-nuqqas ta' Strateġija Korporattiva tal-IT | Mingħajr Strateġija tal-IT Korporattiva, l-Aġenzija titlef id-direzzjoni u l-immappjar għall-istabbiliment tal-għodod tal-IT u r-relazzjoni/l-interazzjoni tagħhom, biex b'hekk l-eu-LISA tpoġġi l-istabbiliment ta' għodod tal-IT korporattivi suffiċjenti, effiċjenti u effettivi f'riskju. | In-nuqqas ta' strateġija tal-IT korporattiva jista' jirriżulta fl-istabbiliment ta' għodod tal-IT li ma jkollhomx il-prestazzjoni mistennija, jew inkella jista' jirriżulta f'żieda ta' kumplessità u ineffiċjenza tal-metodi ta' ħidma. Barra minn hekk, huma meħtieġa riżorsi finanzjarji addizzjonali sabiex aktar tard jitranġaw id-difetti u l-kwistjonijiet. | Mitigazzjoni | Il-mitigazzjoni tar-riskju għall-organizzazzjoni permezz tal-iffinalizzar u l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-IT Korporattiva |
| 2 | Nuqqas ta' riżorsi u għodod għall-ġestjoni effiċjenti u effettiva taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema mill-bidu sal-aħħar | Fil-preżent, il-prijorità għall-għodod għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' evoluzzjoni (ta' kwalunkwe għamla) hija aktar baxxa minn dik għall-għodod relatati ma' proġetti kummerċjali oħrajn. B'hekk, huma neqsin għodod effettivi u effiċjenti maħsuba biex jappoġġjaw iċ-ċikli tal-ħajja tal-evoluzzjoni minn talba għal bidla sal-iskjerament fl-operazzjonijiet u mbagħad il-manutenzjoni, li potenzjalment tħalli impatt fuq il-kwalità tax-xogħol u fuq ir-riżultati u l-puntwalità tal-proċessi. | Il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema mill-bidu sal-aħħar potenzjalment ma titwettaqx bil-livelli meħtieġa fid-dettalji, fil-kwalità u fil-ħin - li jikkawżaw dewmien u difetti potenzjali. | Mitigazzjoni | L-identifikazzjoni tal-oqsma fejn huma meħtieġa l-għodod li jappoġġjaw iċ-ċiklu tal-ħajja operattiv u tal-proġett, l-istabbiliment ta' strateġija għal approċċ mill-bidu sal-aħħar u l-implimentazzjoni ta' għodod konsistenti addattati sabiex jappoġġjaw il-ħtiġijiet identifikati. |

124 Kif stmati fl-2015. Is-suġġett tar-reviżjoni fl-2016

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Il-limitazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien qasir u medju jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tat-Teknoloġija tal-eu-LISA b'mod negattiv | Id-deċiżjonijiet relatati mal-infrastruttura, imposti mil-limitazzjonijiet tas-Sistemi Kummerċjali Ewlenin fuq perjodu ta' żmien qasir u medju, jaffettwaw l-Istrateġija tat-Teknoloġija fit-tul tal-eu-LISA, issostanzjati minn proġetti strateġiċi li għaddejjin, bħal servizzi kondiviżi komuni jew studji ta' virtwalizzazzjoni/cloud | F'każ li dan ir-riskju jimmaterjalizza, hemm potenzjal għoli, minn perspettiva ta' infrastruttura, li l-eu-LISA ma tkunx tista' tiċċaqlaq minn approċċ iżolat/sajlo għal approċċ virtwalizzat/komuni fit-tul. | Mitigazzjoni | Il-mitigazzjoni tar-riskju għall-organizzazzjoni billi jintalab li kull inizjattiva ta' bidla jew proġett tiġi vverifikata għall-konformità mal-Istrateġija tat-Teknoloġija tal-eu-LISA. Huma biss il-proġetti/bidliet konformi għal kollox mal-Istrateġija tat-Teknoloġija tal-eu-LISA li għandhom jiġu aċċettati għall-implimentazzjoni mill-Aġenzija. Fil-K3 tal-2016 għandha titwettaq evalwazzjoni ddedikata tal-proposti għal proġetti aċċettati fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-Istrateġija tat-Teknoloġija tal-eu-LISA. |
| 4 | L-awmentazzjoni tal-persunal estern hija nieqsa minn integrazzjoni u kontroll effiċjenti, kif ukoll tevolvi f'soluzzjoni fit-tul. | Hemm riskju potenzjali li l-integrazzjoni tal-persunal estern hija nieqsa mill-effiċjenza u l-kontroll minħabba l-għadd sinifikanti u li l-applikazzjoni ta' dawk ir-riżorsi esterni tinbidel f'soluzzjoni fit-tul, b'tali mod li potenzjalment jistgħu jinħolqu għadd ta' effetti sekondarji negattivi. | Ir-riżorsi esterni mhumiex integrati u kkontrollati b'mod effiċjenti - kif ukoll jistgħu jkunu allokati mill-qrib mal-kompiti ewlenin tal-organizzazzjoni - li waqt li jintużaw fit-tul jistgħu joħolqu għadd ta' effetti sekondarji negattivi: a) l-organizzazzjoni jista' jkollha kuntratturi indispensabbli mingħajr kontroll xieraq tal-kundizzjonijiet tal-impjiegi, b) il-proġetti / l-attivitajiet għal perjodu ta' żmien qasir jitlestew, madankollu, il-kuntratt tar-riżorsi esterni ma jkunx itterminat, ċ) ir-riżorsi esterni potenzjalment jiksbu għarfien kbir | Mitigazzjoni | Il-mitigazzjoni tar-riskju għall-organizzazzjoni permezz tal-finalizzazzjoni tal-istrateġija tal-akkwisti abbażi ta' attivitajiet interni simili oħrajn (eż. strateġija ta' servizzi jew katalogu ta' servizzi u l-FLS korrispondenti) u permezz tat-twettiq ta' analiżi strateġika tal-lakuni fl-appoġġ. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | tas-sistemi interni, tal-proċessi u tan-nies, u b'dan il-mod isiru siewja, jekk mhux indispensabbli, d) l-istrument ta' riżorsi esterni fit-tul jista' jikkontradixxi d-definizzjonijiet u l-għanijiet definiti fl-istrateġija u l-għanijiet tal-HR fit-tul tal-Aġenzija. | | Barra minn hekk, permezz ta' definizzjoni tal-bidliet fil-governanza tal-akkwisti, fl-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-akkwisti u fil-ġestjoni tal-bejjiegħa. |
| 5 | In-nuqqas ta' abbiltà tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija b'mod suffiċjenti | Il-kuntratti relatati mal-attivitajiet tal-IT ewlenin tal-Aġenzija huma min-natura tagħhom kumplessi u ta' ammont kbir (aktar minn 60 % tal-baġit annwali totali tal-Aġenzija). Hemm riskju li kuntratt insuffiċjenti (eż. permezz ta' definizzjoni ħażina u mdewma tat-ToRs) u l-ġestjoni tal-bejjiegħa jwasslu għal tfixkil potenzjali tal-operazzjonijiet u/jew għal kwalità baxxa tar-riżultati tanġibbli. | Tnaqqis potenzjali tal-kwalità tas-servizz u tal-kontinwità tal-operazzjonijiet. | Mitigazzjoni | Il-mitigazzjoni tar-riskju għall-organizzazzjoni permezz tat-titjib tal-kapaċità tal-Aġenzija li tanalizza l-offerti li tirċievi mingħand il-kuntratturi minn perspettiva finanzjarja, eż. valutazzjoni indipendenti tal-ispejjeż kif riċevuti fi ħdan l-MWOs permezz ta' konsulenza esterna (benchmarking) u permezz tal-applikazzjoni ta' mudell tal-ipprezzar ġdid fl-MWOs li jmiss. |
| 6 | Ambjent dinamiku u kumpless joffri sfida lill-Aġenzija fit-twettiq tal-missjoni tagħha | Hemm riskju potenzjali li, minħabba l-ambjent dinamiku u kumpless li qiegħda taġixxi fih l-Aġenzija (eż. fuq livell politiku), kif ukoll b'kunsiderazzjoni wkoll tal-kriżi tal-immigranti riċenti li qiegħda tiffaċċja l-Ewropa, jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-eu-LISA jew jiġu ppreżentati talbiet lill-Aġenzija, li l-eu-LISA ma tistax tissodisfa fir-rigward tal-mandat legali jew ir-riżorsi limitati tagħha. | F'każ li r-riskju jimmaterjalizza, hemm potenzjal għoli li l-eu-LISA ma tissodisfax għadd ta' azzjonijiet/kompiti/doveri mistennija mill-Aġenzija, li potenzjalment jaffettwaw is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati bl-organizzazzjoni. | Mitigazzjoni | Il-mitigazzjoni tar-riskju għall-organizzazzjoni billi jinħoloq għarfien fost il-membri tal-persunal responsabbli jew involuti fl-iskambju mal-partijiet ikkonċernati esterni sabiex jiżguraw l-għarfien tagħhom għall-kapaċitajiet tal-eu-LISA abbażi tal- |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mandat/tar-riżorsi tal-Aġenzija. |

# Anness IX: Il-pjan ta' akkwist għas-Sena 2017

| Attivitajiet operattivi skont l-SPD 2017 | Referenza tat-Taqsima tal-Baġit | Deskrizzjoni tal-Proġett | Spjegazzjoni/Raġunijiet | Il-Baġit Stmat (€) | Azzjoni ta' akkwist | Il-perjodu ta' żmien indikattiv għat-tnedija tal-akkwist |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2.1.3 Ġestjoni operattiva tal-Eurodac** | B033 EURODAC | Iż-Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO) tal-EURODAC - attivitajiet bħas-soltu | Servizzi ta' manutenzjoni regolari lill-EURODAC | 5.400.000 | Is-servizzi sejrin jiġu pprovduti skont il-kuntratt qafas imfassal mill-ġdid, li huwa validu sa Diċembru 2017 (LISA/2013/RP/01). Il-Kuntratti Speċifiċi għas-servizzi ta' manutenzjoni regolari mistennija jiġu ffirmati wara skont il-kuntratt ġdid ta' MWO (NB: is-sejħa għall-kuntratt ġdid ta' MWO ġiet imnedija fil-K1 tal-2016 u l-kuntratt mistenni jingħata fil-K1 tal-2017). | Diġà mnedija fl-2016 |
| **2.1.25 Implimentazzjoni tal-evoluzzjoni tal-EURODAC (Migrazzjoni tan-netwerk)**<br><br>**2.1.26 Implimentazzjoni tal-evoluzzjoni tal-EURODAC (Titjib tal-kapaċità)** | B033 MWO tal-EURODAC | MWO tal-EURODAC – evoluzzjonijiet | Migrazzjoni tan-netwerk; titjib tal-kapaċità | 1.090.000 | L-Ordnijiet jew il-Kuntratti Speċifiċi għall-evoluzzjonijiet identifikati mistennija jiġu ffirmati skont il-kuntratt qafas imfassal mill-ġdid (LISA/2013/RP/01) jew | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | il-kuntratt il-ġdid tal-MWO tal-EURODAC. | |
| **2.1.27 Riforma tal-EURODAC - bidliet funzjonali u titjib tal-kapaċità**<br><br>**2.1.29 L-Integrazzjoni ta' Dublinet - Ġestjoni Operattiva** | B033 MWO tal-EURODAC | Riforma tal-EURODAC | Mal-approvazzjoni tal-proposta legali li qiegħda tiġi diskussa bħalissa (Riforma tal-EURODAC, parti mill-proposta ta' Dublin IV)<br><br>Fil-proposta legali ta' Dublin IV li qiegħda tiġi diskussa bħalissa, huwa previst li l-eu-LISA tassumi l-operat sħiħ ta' DubliNet. | 11.330.000 | L-Ordnijiet jew il-Kuntratti Speċifiċi għall-evoluzzjonijiet mistennija jiġu ffirmati skont il-kuntratt qafas imfassal mill-ġdid (LISA/2013/RP/01) jew il-kuntratt il-ġdid tal-MWO tal-EURODAC. | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **Appoġġ estern għall-attivitajiet tal-EURODAC** | B036 Servizzi ta' Appoġġ Estern relatati direttament mas-Sistemi Ewlenin | Servizzi ta' appoġġ estern | Appoġġ tekniku għall-funzjonijiet operazzjonali b'rabta mal-EURODAC | 415.000 | Sejrin jinħarġu kuntratti speċifiċi skont il-kuntratt qafas eżistenti għal diversi lottijiet LISA/2014/OP/03 (lott 1) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2.1.28 L-iżvilupp ta' sistema ġdida għall-mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin** | B033 EURODAC | L-Allokazzjoni ta' Dublin | Fil-proposta legali ġdida ta' Dublin IV li qiegħda tiġi diskussa bħalissa, huwa previst il-ħolqien ta' sistema ġdida għas-segwitu tal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni awtomatika. | 1.750.000 | Soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi legali u għall-evalwazzjoni tal-għażliet, tista' tiġi mnedija proċedura ġdida jew jintużaw l-FWCs eżistenti. Fil-preżent, il-valur stmat mhuwiex magħruf; l-ammont ippjanat għall-impenn fl-2017 huwa ta' EUR 1,75 miljun. | Mhux magħruf - soġġett għall-adozzjoni tal-bażi legali |
| **2.1.6 Ġestjoni operattiva tas-SIS II**<br><br>**2.1.7 Ġestjoni operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-MWO ġdida tas-SIS II)**<br><br>**2.1.8 It-twettiq tas-Servizzi u l-Manutenzjoni tas-SIS II għall-iSM**<br><br>**2.1.16 L-iffinalizzar tal-proġett sabiex tiżdied il-prestazzjoni tas-SIS II** | B031 SIS II | MWO tas-SIS II - attivitajiet bħas-soltu | Servizzi ta' manutenzjoni regolari lis-SIS II (inkluż trasferiment ta' darba lil Kuntrattur ġdid ta' MWO) | 6.525.000 | Sejjer jintuża kuntratt speċifiku għal manutenzjoni regolari li ġie ffirmat skont il-kuntratt qafas tal-MWO eżistenti (LISA/2014/RP/02). NB: Din l-MWO tiskadi fit-12/03/2018. | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.1.19 Studju dwar l-interoperabbiltà tas-SIS II ma' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira (l-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi fuq ir-riżultati tal-ħidma tal-HLEG)** | B031 SIS II | Studji | Studju standard għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira | 300.000 | Sejrin jinħarġu kuntratti speċifiċi skont il-kuntratt qafas eżistenti għal diversi lottijiet LISA/2014/OP/03 (lott 1) jew skont l-FWC tal-MWO ta' SIS II. | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Appoġġ estern għall-attivitajiet ta' SIS II** | B036 Servizzi ta' Appoġġ Estern relatati direttament mas-Sistemi Ewlenin | Servizzi ta' appoġġ estern | Appoġġ tekniku għall-funzjonijiet operazzjonali b'rabta ma' SIS II | 200.000 | Sejrin jinħarġu kuntratti speċifiċi skont il-kuntratt qafas eżistenti għal diversi lottijiet LISA/2014/OP/03 (lott 1) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.1.4 Ġestjoni operattiva tal-VIS**<br><br>**2.1.5 Ġestjoni operattiva tal-BMS** | B03200 VIS/BMS | MWO tal-VIS u tal-BMS - attivitajiet bħas-soltu | Servizzi ta' manutenzjoni regolari għal VIS u BMS | 13.500.000 | Il-Kuntratti Speċifiċi għas-servizzi ta' manutenzjoni regolari mistennija jiġu ffirmati skont il-kuntratt ġdid ta' MWO (il-kuntratt ġdid ta' MWO ġie ffirmat fil-25/06/2016 ulterjorament għall-proċedura LISA/2015/RP/02 MWO tal-VIS/BMS). | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.1.21 L-aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-BMS**<br><br>**2.1.22 Aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS**<br><br>**2.1.23 Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS 2**<br><br>**2.1.24 L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar**<br><br>**2.1.33 Implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data sabiex jittejbu r-rapportar** | B032 VIS/BMS | MWO tal-VIS u tal-BMS - evoluzzjonijiet | Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS 2; Implimentazzjoni tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar; aġġustament tal-funzjonijiet tranżazzjonali tal-BMS; aġġustament tal-funzjonijiet tranżazzjonali tal-VIS; analiżi u disinn tal-Maħżen Virtwali tad-Data sabiex jittejbu r-rapportar awtomatizzat | 21.005.000 | Il-Kuntratti Speċifiċi għas-servizzi ta' manutenzjoni regolari mistennija jiġu ffirmati skont il-kuntratt ġdid ta' MWO (il-kuntratt ġdid ta' MWO ġie ffirmat fil-25/06/2016 ulterjorament għall-proċedura LISA/2015/RP/02 MWO tal-VIS/BMS). | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika** | | | u l-ġenerazzjoni tal-istatistika | | | |
| **Appoġġ estern għall-attivitajiet tal-VIS/BMS** | B036 Servizzi ta' Appoġġ Estern relatati direttament mas-Sistemi Ewlenin | Servizzi ta' appoġġ estern | Appoġġ tekniku għall-funzjonijiet operazzjonali li jirrigwardaw il-VIS u l-BMS | 1.985.000 | Sejrin jinħarġu kuntratti speċifiċi skont il-kuntratt qafas eżistenti għal diversi lottijiet LISA/2014/OP/03 (lott 1) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.1.33 Introduzzjoni tal-Fruntieri Intelliġenti** | B034 Sistema ta' Dħul / Ħruġ | MWO ta' Sistema ta' Dħul / Ħruġ | kompitu ġdid - id-disinn u l-iżvilupp tas-sistema | 54.520.000 | Fl-2017 mistennija tiġi mnedija proċedura ta' sejħa għall-offerti għal FWC, soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi legali. Fil-preżent, il-valur stmat tal-kuntratt mhuwiex magħruf; l-ammont ippjanat għall-impenn fl-2017 huwa ta' EUR 54.52 miljun. | Mhux magħruf - soġġett għall-adozzjoni tal-bażi legali |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2.1.12 L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi ta' riżerva kondiviżi**<br><br>**2.1.13 L-implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi kondiviżi**<br><br>**2.1.32 Id-disinn tekniku u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma għall-ittestjar tan-netwerk tas-sistemi kummerċjali ewlenin**<br><br>**2.1.35 L-implimentazzjoni ta' SIEM tas-Sistemi Kummerċjali Ewlenin**<br><br>**2.1.38 It-tħaddim u t-titjib tal-Qafas tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà**<br><br>**2.1.41 L-implimentazzjoni ta' softwer ta' pjattaforma ċentralizzata għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju**<br><br>**2.1.42 L-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali tal-arkitettura għall-kontroll tas-sigurtà teknika** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | Servizzi ta' riżerva kondiviżi; Servizzi kondiviżi; Proġetti ta' infrastruttura tas-sigurtà kondiviżi | 1. L-implimentazzjoni ta' infrastruttura ta' riżerva orizzontali ċentralizzata sabiex takkomoda l-ħtiġijiet tal-kapaċità tas-Sistemi Kummerċjali Ewlenin (CBS) b'mod aktar effettiv u effiċjenti.<br>2. L-implimentazzjoni orizzontali tas-servizzi tekniċi (awtentikazzjoni, anti-vajrus, sinkronizzazzjoni tal-ħin, eċċ.) li bħalissa huma skjerati f'approċċ iżolat ("sajlo") fis-CBS kollha.<br>3. Id-disinn tekniku u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma għall-ittestjar | 6.345.900 | Il-proġetti kollha sejrin jiġu implimentati skont il-kuntratt qafas għall-Infrastruttura Kondiviża Komuni, li sejjer jinbeda fl-2016 u jingħata sal-K1 tal-2017. | Diġà mnedija fl-2016 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | tan-netwerk tas-sistemi kummerċjali ewlenin.<br>4. Proġetti ta' infrastruttura tas-sigurtà kondiviża: l-implimentazzjoni tal-Arkitettura tas-Sigurtà; Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti (SIEM); L-implimentazzjoni ta' softwer ta' pjattaforma ċentralizzata għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju; L-operat u t-titjib tal-Qafas tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità u tas-Sigurtà. | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2.2.5 Definizzjoni u implimentazzjoni ta' mudell ta' valutazzjoni tal-maturità għall-Aġenzija** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | Definizzjoni u implimentazzjoni ta' mudell ta' valutazzjoni tal-maturità għall-Aġenzija | Mudell ta' sostenn u operattiv aktar stabbli | 270.000 | Permezz tal-FWCs eżistenti (l-eu-LISA jew il-Kummissjoni) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.2.2 Għodda avvanzata ta' rapportar (studju u validazzjoni)** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | Studju dwar għodda avvanzata ta' rapportar | Issodisfar aħjar tal-ftehimiet tal-eu-LISA mal-Istati Membri | 300.000 | Permezz tal-FWCs eżistenti (l-eu-LISA jew il-Kummissjoni) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.2.7 It-titjib kontinwu tal-mudell tas-servizz u l-proċess tal-eu-LISA abbażi tal-aħjar prattika tal-ITIL u l-għodda tal-ITSM integrata** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | Simplifikazzjoni tal-proċessi tal-eu-LISA għal twassil effiċjenti | Jingħelbu l-effetti sekondarji potenzjali li jġibu magħhom il-bidliet fil-proċessi u fl-għodod | 150.000 | Permezz tal-FWCs eżistenti (l-eu-LISA jew il-Kummissjoni) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.1.15 Ġestjoni ta' bidliet mhux ippjanati fis-CBS** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | Ġestjoni ta' bidliet mhux ippjanati fis-CBS | Reżiljenza għal bidliet mhux previsti li jirriżultaw minn emerġenzi u theddidiet (simili għall-"proġett ta' ġellieda barranin") | 200.000 | Permezz tal-FWCs eżistenti (l-eu-LISA jew il-Kummissjoni) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.1.31 It-tmexxija ta' studju ta' netwerk unifikat** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | It-tmexxija ta' studju ta' netwerk unifikat | Issodisfar aħjar tal-obbligu legali tal-eu-LISA | 510.400 | Permezz tal-FWCs eżistenti (l-eu-LISA jew il-Kummissjoni) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2.2.1 Introduzzjoni tal-Istatistika tan-Netwerk Avvanzat (l-istadju tal-istudju u tal-ittestjar)** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | Introduzzjoni tal-Istatistika tan-Netwerk Avvanzat (l-istadju tal-istudju u tal-ittestjar) | Issodisfar aħjar tal-obbligu legali tal-eu-LISA | 100.000 | Permezz tal-FWCs eżistenti (l-eu-LISA jew il-Kummissjoni) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **Appoġġ estern għall-attivitajiet tal-Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi** | B036 Servizzi ta' Appoġġ Estern relatati direttament mas-Sistemi Ewlenin | Servizzi ta' appoġġ estern | Appoġġ tekniku orizzontali għat-3 Sistemi tal-IT kollha fuq skala kbira (studji u appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura tas-sistema kondiviża; l-akkwist ta' kompetenzi esterni sabiex jingħata taħriġ speċjalizzat lill-Istati Membri). | 918.800 | Sejrin jinħarġu kuntratti speċifiċi skont il-kuntratt qafas eżistenti għal diversi lottijiet LISA/2014/OP/03 (lott 1) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| | | | | | | |
| **2.3.5 Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-gruppi konsultattivi**<br><br>**2.3.27 Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern** | B037 Laqgħa u Missjoni direttament relatati mas-sistemi ewlenin | Organizzazzjoni ta' laqgħat tal-grupp konsultattiv; pjan ta' awditjar intern | Tlaqqigħ perjodiku tat-tliet gruppi konsultattivi (wieħed għal kull sistema); laqgħat u missjonijiet oħrajn relatati mas-sistema; Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan Annwali ta' Awditjar Intern | 428.000 | Sejrin jinħarġu kuntratti speċifiċi, kif rilevanti, skont il-kuntratt qafas eżistenti tal-eu-LISA, għall-organizzazzjoni tal-avvenimenti (LISA/2014/OP/01 - lott 2) | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2.1.37 Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali tat-Taħriġ għall-Istati Membri**<br><br>**2.3.24 It-tagħlim u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT** | B038 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | Implimentazzjoni tal-attivitajiet kif elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali tat-Taħriġ għall-Istati Membri It-tagħlim u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT | Attivitajiet ta' taħriġ li jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Annwali tat-Taħriġ għall-Istati Membri; It-tagħlim u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT | 750.000 | Sejrin jinħarġu kuntratti speċifiċi, kif rilevanti, skont il-kuntratti qafas eżistenti tal-eu-LISA, għall-organizzazzjoni tal-avvenimenti u l-komunikazzjoni (LISA/2014/OP/01 - lott 1 u lott 2) u għat-taħriġ (LISA/2015/OP/01). | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **2.1.14 It-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operattiv ta' riżerva f'St. Johann / Pongau, l-Awstrija** | B030 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | Is-sede tas-sit ta' riżerva u l-appoġġ għalih | L-iżgurar ta' funzjonament mingħajr interruzzjonijiet tas-CBS u l-limitazzjoni tat-telf potenzjali tad-data f'każ ta' inċident fuq l-unità ċentrali | 825.000 | Il-kiri ta' bini mħallas lill-Awtoritajiet Federali tal-Awstrija fuq il-bażi ta' Ftehim dwar is-Sede bilaterali; il-provvista tax-xogħlijiet u l-appoġġ lill-eu-LISA fil-BCU minn kumpaniji investigati għas-sigurtà identifikati minn qabel mill-Awtoritajiet Awstrijaċi fil-Ftehim dwar is-Sit (l-ordnijiet jinħarġu kif meħtieġ skont FWC ad-hoc). | Ma hemmx sejħiet għall-offerti ppjanati |
| **TOTAL** | | | | **128.818.100** | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Deċiżjoni ta' finanzjament li tippermetti t-tnedija tal-proċedura tal-akkwist (mhijiex sejra twassal għal impenji baġitarji fis-sena 2017)** | B031 SIS II | Kuntratt ġdid ta' MWO tas-SIS II | Il-kuntratt qafas eżistenti ta' MWO (LISA/2014/RP/02) jiskadi fit-12/03/2018. | | Iva. Proċedura ristretta għall-għoti ta' kuntratt qafas ta' servizz għal aktar minn sena waħda (4+1+1). Valur stmat ta' EUR 80 miljun. | K1 2017 |

# Anness X: Ċart tal-organizzazzjoni għas-sena 2017

Fl-2015, saru l-bidliet li ġejjin fl-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA, li affettwaw l-għadd ta' ħaddiema:

- Id-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni (RAD) ġie ristrutturat bil-ħolqien ta' Settur tas-Servizzi Korporattivi u bidla fl-isem tal-Unità tal-Baġit u l-Finanzi għall-Unità tal-Finanzi u l-Akkwisti[125].
- Il-funzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Komunikazzjoni Interna, li ilhom minn Settembru 2014 temporanjament kondiviżi mill-Uffiċjal tat-Taħriġ fl-Unità tat-Taħriġ u r-Riżorsi Umani u mill-Assistent għall-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u r-Riżorsi,[126] ġew allokati lil persuna waħda. Kariga ta' Assistent għall-Kap tal-RAD ġiet ittrasformata f'kariga għal Assistent tal-Komunikazzjoni Interna u ttrasferita lill-GCU.
- Fl-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali, ġew stabbiliti Setturi ġodda[127]: Is-Settur tal-Governanza Korporattiva u l-Ippjanar, is-Settur tal-Affarijiet Barranin u l-Bini tal-Kapaċità u s-Settur tal-Komunikazzjoni Esterna u Interna. Għall-ħatra tal-Kapijiet tas-Setturi, ma nħolqot ebda kariga addizzjonali.
- Fl-Unitajiet tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet, ġew stabbiliti Setturi ġodda[128] mingħajr il-ħolqien ta' karigi addizzjonali għall-ħatra tal-Kapijiet tas-Settur. Fl-Unità tal-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet, ġew stabbiliti l-ħames setturi li ġejjin: Sistemi tal-Ġestjoni tal-Fruntieri, Sistemi tas-Sigurtà Interna u l-Ażil, Disinn tas-Servizz u Servizzi Trasversali, Appoġġ għall-Applikazzjonijiet tal-Produzzjoni u Servizzi ta' Prova u Integrazzjoni. Fl-Unità tal-Infrastruttura tal-Operazzjonijiet, ġew stabbiliti t-tliet setturi li ġejjin: Settur tal-Uffiċċju tas-Servizz, Settur tal-Infrastruttura tan-Netwerk u Settur tal-Infrastruttura tas-Sistema.

Għal kull ċellula organizzattiva tal-eu-LISA, hija tippreżenta l-għadd ta' karigi fil-parentesi () u l-għadd ta' karigi vakanti f'parentesi kwadri [ ].

---

*125 Deċiżjoni Nru 75/2014 tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA tas-6 ta' Ottubru 2014 dwar struttura organizzazzjonali aġġornata tal-eu-LISA.*

*126 Nota tas-26 ta' Settembru 2014 (ref. eu-LISA/RAD/O-608-2014) - Ġustifikazzjoni għat-trasferiment ta' kariga AD5 mill-HRTU għall-BFU.*

*127 Deċiżjoni Nru 62/2015 tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA tal-4 ta' Settembru 2015 dwar l-Istabbiliment ta' Setturi fl-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali.*

*128 Deċiżjoni Nru 67/2015 tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA tal-15 ta' Settembru 2015 dwar l-Istabbiliment ta' Setturi fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet.*

**European Agency for operational management of large-scale IT systems in the area of freedom, security and justice (eu-LISA)**
**Organisational structure with headcount - status on 31.12.2016**



Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LiSA)

Struttura organizzazzjonali b'għadd ta' impjegati - l-istatus nhar il-31.12.2006

| | |
|---|---|
| Executive Director TA (1) | Direttur Eżekuttiv AT (1) |
| Security Sector TA (2)<br>SNE (1)<br>CA (1) | AT fis-Settur tas-Sigurtà (2)<br>ENS (1)<br>KA (1) |
| Data Protection Offiecer TA (1) | Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data AT (1) |
| Personal Assistant TA (1) | Assistent Personali AT (1) |
| Internal Auditor TA (1) | Awditur Intern AT (1) |
| Accounting Officer TA (1) [1] | Uffiċjal tal-Kontabbiltà AT (1) [1] |
| Resources and Administration Department TA (1)<br>(total RAD 26 TA)<br>CA (1) | Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni AT (1)<br>(total RAD 26 AT)<br>AK (1) |
| Operations Department TA (3)<br>(total OD 66 TA) | AT fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet (3)<br>(total OD 66 AT) |
| General Coordination Unit TA (1) [1]<br>(total GCU 15 TA)<br>Liaison Office in Brussels CA (1) | AT fl-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali (1) [1]<br>(total GCU 15 AT)<br>AK fl-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell (1) |
| Human Ressources & Training Unit TA (8) | AT fl-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ (8) |
| Finance and Procurement Unit TA (1)<br>(total FPU 10TA) | AT fl-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti (1)<br>(total FPU 10 AT) |
| Corporate Services Sector TA (6) [1]<br>SNE (1) | AT fis-Settur tas-Servizzi Korporattivi (6) [1]<br>ENS (1) |
| Operations & Infrastructure Unit TA (2)<br>(total OIU 35 TA) | AT fl-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Infrastruttura (2)<br>(total OIU 35 AT) |
| Application Management Unit (2)<br>(total AMMU 28 TA) | L-Unità għall-Ġestjoni tal-Applikazzjonijiet (2)<br>(total AMMU 28 AT) |
| External Affairs and Capacity Building Sector TA (5) | AT fis-Settur tal-Affarijiet Barranin u tal-Bini tal-Kapaċità (5) |
| Corporate Governance and Planning Sector TA (5) | AT fis-Settur tal-Governanza Korporattiva u l-Ippjanar (5) |
| Finance and Budget Sector TA (5)<br>CA (1) | AT fis-Settur tal-Finanzi u l-Baġit (5)<br>AK (1) |
| Procurement Sector TA (3)<br>CA (2) | AT fis-Settur tal-Akkwisti (3)<br>AK (2) |
| Service Desk Sector TA (3) | AT fis-Settur tal-Uffiċċju ta' Servizz (3) |
| System Infrastructure Sector TA (3) | AT fis-Settur tal-Infrastruttura tas-Sistema (3) |
| Border Management Systems Sector TA (6) | AT fis-Settur tas-Sistemi ta' Ġestjoni tal-Fruntieri (6) |
| Test and Integration Services Sector TA (5) | AT fis-Settur tas-Servizzi tal-Ittestjar u tal-Integrazzjoni (5) |
| External and Internal Communication Sector TA (3) | AT fis-Settur tal-Komunikazzjoni Interna u Esterna (3) |
| Network Infrastructure Sector TA (3)<br>CA (1)<br>SNE (2) | AT fis-Settur tal-Infrastruttura tan-Netwerk (3)<br>AK (1)<br>ENS (2) |
| Internal Security and Asylum Systems Sector TA (5) | AT fis-Settur tas-Sistemi tal-Ażil u tas-Sigurtà Interna (5) |
| Service Design and Transversal Sector TA (5)<br>SNE (1) | AT fis-Settur tad-Disinn tas-Servizzi u s-Servizzi Trasversali (5)<br>ENS (1) |
| Production Applications Suppport Sector TA (5)<br>CA (1) | AT fis-Settur ta' Appoġġ għall-Applikazzjonijiet tal-Produzzjoni (5)<br>AK (1) |
| Colour scheme :<br>Tallinn<br>Strasbourg | Skema tal-kuluri:<br>Tallinn<br>Strasburgu |
| Headcount :<br>120 TA () occupied posts<br>11 CA [] vacant posts<br>6 SNE | Għadd kull persuna:<br>120 AT () karigi okkupati<br>11-il AK [] karigi vakanti<br>6 ENS |